

# SETTE GIUGNO

## ĊENTINARJU L-Ewwel Pass Lejn Stat Sovran

Editjat minn **Raymond Mangion**

# IS-SETTE GIUGNO – ĊENTINARJU
## L-EWWEL PASS LEJN STAT SOVRAN

Ġabra ta' Artikli

**Editjat**
mill-Professur Raymond Mangion

Drittijiet tal-Awtur © 2019 Fondazzjoni Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali, Aleks Farrugia, Dominic Fenech, Francis Galea, George Cassar, Godfrey Pirotta, Kevin Aquilina, Mark Camilleri, Mark Montebello, Oliver Friggieri, Paul Bartolo, Peter Cassar Torreggiani, Raymond Mangion, Tonio Borg, Ugo Mifsud Bonnici, Charles Coleiro.

Kull dritt riservat. L-ebda parti ta' dan il-ktieb ma tista' tiġi riprodotta fi kwalunkwe forma jew bi kwalunkwe mezz elettroniku jew mekkaniku, inklużi sistemi ta' ħażna ta' informazzjoni u rkupru, mingħajr permess bil-miktub mill-pubblikatur, ħlief minn reviżuri, li jistgħu jikkwotaw siltiet qosra f'reviżjoni.

Editjat minn Raymond Mangion
Id-disinn tal-qoxra huwa rappreżentazzjoni grafika tal-monument ta' Anton Agius
Disinn tal-qoxra u tal-ktieb minn Terrence Cutajar

Stampat f'Malta mill-Istamperija tal-Gvern, Mejju 2019.
Ippubblikat minn Fondazzjoni Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali

ISBN No: 978-99957-1-526-7

# DAĦLA

## ONOR. JOSEPH MUSCAT

Is-siwi ta' pubblikazzjoni bħal din joħroġ mill-fatt li llum ma fadal ħadd fostna li għex u li jiftakar il-ġrajjiet tas-7 ta' Ġunju 1919. Dan iġib miegħu l-periklu li ġrajjiet bħal dawn jintesew. Is-*Sette Giugno* iżda jibqa' wieħed mill-mumenti ewlenin, flimkien ma' oħrajn, li sawru l-istorja ta' pajjiżna matul is-seklu 20. Huwa mument storiku uniku għaliex numru ta' Maltin ħallsu b'ħajjithom biex iwasslu b'qawwa l-vuċi tagħhom għal titjib fil-kwalità tal-ħajja tagħhom u tal-familji tagħhom u għal drittijiet politiċi ġodda.

Kull ġrajja storika sseħħ f'kuntest. L-isfond tas-*Sette Giugno* huwa Malta tal-bidu tas-seklu għoxrin. Malta li kienet ftit li xejn differenti minn Malta ta' 100 sena qabel. Malta fortizza, dipendenti għalkollox fuq il-preżenza tal-bażi militari u navali tal-Imperu Ingliż u fejn is-sehem tal-Maltin fit-tmexxija ta' pajjiżhom kien wieħed limitat ħafna.

Kien żmien fejn id-dħul tal-ħaddiema kien baxx wisq, il-qgħad kien qawwi u ħafna kellhom diffikultajiet kbar biex jgħaddu minn ġurnata għal oħra. Eluf kienu rassenjati għal ħajja maħkuma mill-faqar u mill-għaks. Jgħixu f'gabubi mudlama, mingħajr arja u mingħajr faċilitajiet sanitarji, mingħajr ebda tama għal ħajja aħjar. It-tallaba kienu ħafna. Kien iż-żmien fejn kull sena mijiet kienu għadhom jimirdu bid-deni rqiq wara li kienu jixorbu ħalib mhux pastorizzat, b'uħud minnhom saħansitra jispiċċaw imutu.

Kien żmien meta l-edukazzjoni tal-ulied ma kinitx meqjusa bħala prijorità minn ħafna familji. Iktar minn 3,000 tifel u tifla kienu jħallu l-iskola ta' 10 snin jew inqas biex jittieħdu jaħdmu fl-għelieqi mal-familji tagħhom. Mat-tmenin fil-mija tal-Maltin u l-Għawdxin kienu llitterati.

Is-snin immedjati ta' qabel is-7 ta' Ġunju 1919 kienu wkoll snin fejn ħareġ fil-beraħ iktar minn qatt qabel is-siwi ta' Malta għall-Imperu Ingliż bħala fortizza u bażi militari u navali. Bil-qawwiet il-kbar tal-Ewropa ta' dak iż-żmien maqbuda fi gwerra qalila kontra xulxin, Malta għal darb'oħra sabet lilha nnifisha bħala protagonista. F'nofs l-għawġ u l-inkwiet tal-Ewwel Gwerra Dinjija, Malta ħadet il-fama bħala l-infermiera tal-Mediterran. Eluf ta' suldati Alleati nġiebu Malta biex jingħataw kura medika b'riżultat tal-kampanji militari qliel li kienu għaddejin fil-Mediterran.

F'Malta fortizza l-Ingliżi dejjem emmnu li huma kienu jafu x'kien l-aħjar għall-Maltin u l-Għawdxin. Iktar u iktar fi żmien ta' gwerra. Għalhekk, meta ftit snin biss qabel is-7 ta' Ġunju 1919 l-Ingliżi raw theddida f'mexxejja bħal Nerik Mizzi u Manwel Dimech, li kienu qed jitkellmu dwar dak li huma kienu jemmnu li kellu jkun l-aħjar destin għal Malta u Għawdex, huma ħadu azzjoni biex irażżnuhom. Lil tal-ewwel arrestawh, għaddewh qorti marzjali u wara kien internat. Lil tat-tieni arrestawh u wara eżiljawh lejn l-Eġittu fejn tħalla jmut.

It-tmiem tal-gwerra fl-1918 ġab miegħu futur imċajpar għal ħafna Maltin. Id-destin ta' Malta kien wieħed ta' prosperità fi żmien l-inkwiet u l-għawġ, u tħassib u inċertezzi fi żmien il-paċi. Fl-erba' snin tal-Ewwel Gwerra Dinjija l-Maltin jaħdmu mas-servizzi żdied minn 10% għal 30%. Mal-100,000 persuna kienu jiddependu għall-għajxien tagħhom fuq dawn l-impjiegi. Ma' tmiem il-gwerra bdew jingħataw is-sensji fl-istess ħin li l-għoli tal-ħajja beda jerfa' rasu. Kien iż-żmien fejn l-emigrazzjoni tal-massa kienet identifikata bħala s-soluzzjoni għall-inkwiet ekonomiku li pajjiżna kien qed iħabbat wiċċu miegħu. Mat-12,000 persuna emigraw fix-xhur ta' wara t-tmiem tal-gwerra fl-1918. Nofshom ma ġewx lura lejn Malta.

F'kuntest iktar wiesa' mat-tmiem tal-gwerra, beda jkun imbuttat il-prinċipju li l-popli tad-dinja kellhom id-dritt li jmexxu lilhom infushom. Il-gvern Ingliż sab lilu nnifsu f'pożizzjoni fejn waqt li kien qed jagħti l-appoġġ tiegħu lil dan il-prinċipju, ma setax fl-istess ħin iċaħħad dan l-istess prinċipju lill-popli li kienu jagħmlu parti mill-Imperu tiegħu. Tqanqal inkwiet kbir fl-Irlanda waqt li twieled moviment b'saħħtu fl-Indja favur l-indipendenza ta' dan il-pajjiż.

Huwa f'dan l-isfond lokali u internazzjonali li f'pajjiżna seħħew il-ġrajjiet tas-*Sette Giugno*. Dawn il-ġrajjiet mingħajr dubju ħaffew mhux ftit il-proċess biex fl-1921 twieldet id-demokrazija parlamentari f'pajjiżna, bil-partiti politiċi jikkontestaw l-elezzjonijiet ġenerali u b'pajjiżna jkollu għall-ewwel darba Prim Ministru Malti u Kabinett ta' Ministri Maltin. Minn dakinhar sal-lum f'pajjiżna saru 22 elezzjoni ġenerali.

Waqt illi huwa minnu li l-Kostituzzjoni mogħtija fl-1921 kienet pass kbir 'il quddiem, l-elettorat baqa' wieħed ristrett. Id-dritt tal-vot xorta baqa' marbut ma' numru ta' kundizzjonijiet relatati mal-edukazzjoni u l-ġid tal-individwu, waqt illi individwu seta' jkollu iktar minn vot wieħed, skont l-ammont ta' proprjetà li kien ikollu. U n-nisa ma ngħatawx id-dritt tal-vot. Jista' jkun li dan kien kontributur ewlieni għall-fatt li l-istruttura soċjali f'pajjiżna fis-snin ta' bejn iż-żewġ gwerer dinjija, minkejja d-drittijiet politiċi ġodda miksuba wara s-*Sette Giugno*, ftit li xejn inbidlet minn kif kienet fis-snin ta' qabel.

Għalhekk l-isfida tal-klassi politika f'pajjiżna wara t-Tieni Gwerra Dinjija kienet li d-demokrazija parlamentari tkun waħda ħafna iktar rappreżentattiva. Fil-fatt fl-1947 id-dritt tal-vot ingħata lil kull persuna - nisa u rġiel - li kellha iktar minn 21 sena. Dan kien pass li poġġa d-demokrazija parlamentari f'pajjiżna fuq pedamenti ħafna iktar sodi. Iktar tard mat-twelid ta' Malta Repubblika 45 sena ilu, l-età marbuta mad-dritt tal-vot niżlet għal 18-il sena.

Fl-aħħar snin komplejna nieħdu iktar miżuri biex insaħħu dejjem iktar il-proċess demokratiku. Fl-2014 l-età għad-dritt tal-vot fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali niżlet għal 16-il sena. Erba' snin wara fl-2018, pajjiżna sar it-tieni pajjiż fl-UE fejn l-età għad-dritt tal-vot fl-elezzjonijiet kollha niżlet għal 16-il sena. Bil-fatti qed nuru li ż-żgħażagħ huma l-preżent u mhux il-futur ta' pajjiżna.

Ir-riforma l-kbira li jmiss issa hija dik li jkun hemm iktar nisa fil-Parlament. Għal snin twal intqal ħafna dwar dan iżda sar xejn jew ftit li xejn, tant illi fl-aħħar 72 sena kienu eletti biss 26 mara fil-Parlament. Il-bidliet storiċi li qed ikunu proposti se jiddefinixxu lill-Maltin u lill-Għawdxin bħala poplu ġust li jħaddan l-inklużjoni u huma maħsuba biex tiżdied l-ugwaljanża u d-diversità fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż.

Sa ftit taż-żmien ilu kellna sitwazzjoni simili fil-qasam tax-xogħol fejn ir-rata ta' nisa jaħdmu kienet fost l-iktar baxxa fl-UE. Illum, bil-kontra, għandna numru bla preċedent ta' nisa li qed jieħdu sehem fid-dinja tax-xogħol. Dan seħħ għaliex ittieħdu deċiżjonijiet kuraġġużi. It-tagħlima hija li kien hemm bżonn xokk fis-sistema biex l-affarijiet bdew jiċċaqalqu.

Meta se nkunu qed niċċelebraw il-100 anniversarju tas-*Sette Giugno* rridu niftakru fl-imgħoddi. Iżda mhux biss. Irridu niċċelebraw il-ħila tagħna bħala poplu li nibqgħu mmexxu 'l quddiem aġenda ta' bidla biex inlestu lil pajjiżna għal għada u biex pajjiżna jsir dejjem aħjar milli qatt kien.



# RINGRAZZJAMENTI

Il-bord editorjali jixtieq jesprimi l-gratitudni tiegħu lill-Fondazzjoni Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u lill-entitajiet u l-individwi kollha li kkontribwixxew, finanzjarjament u akkademikament, għal pubblikazzjoni bħal din u jittama li tali tkun utli għall-istudjużi, l-istudenti u l-pubbliku ġenerali.

# WERREJ



Introduzzjoni 2

Is-Sette Giugno: Riflessjoni dwar is-simboloġija tal-ġrajjiet - Aleks Farrugia 4

Is-Sebgħa ta' Ġunju: Tfittxija tat-Tifsira - Dominic Fenech 10

Il-Qawmien tal-Poplu Malti - Francis Galea 24

Lejn il-Ġrajjiet tas-7 ta' Ġunju u l-Istudenti Universitarji - George Cassar 33

Il-Mixja Lejn is-7 ta' Ġunju 1919 - Godfrey Pirotta 44

L-Irvellijiet tas-Sette Giugno 1919: Katalizzatur għad-Dħul tas-Sistema Elettorali ta' Rappreżentanza Proporzjonali f'Malta - Kevin Aquilina 58

l-Importanza storika tal-avvenimenti tas-Sebgħa ta' Ġunju 1919 - Mark Camilleri 74

Is-Sette Giugno u Manwel Dimech - Mark Montebello 82

Is-Sette Giugno fl-Isfond tas-Snin 1919-1922 - Oliver Friggieri 97

Sehem il-Ħaddiema fis-Sette Giugno - Paul Bartolo 124

Inqisu s-Sette Giugno - Peter Cassar Torreggiani 142

Federico Brockdorff – Vittma Oħra tas-Sette Giugno - Raymond Mangion 149

Is-Sette Giugno - Mitt Sena Wara - Tonio Borg 156

Is-Sette Giugno - Mitt Sena Wara - Ugo Mifsud Bonnici 165

Is-7 ta' Ġunju (1919-2019) – Charles Coleiro 170

# INTRODUZZJONI

Il-Fondazzjoni Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali reġgħet ħadet inizjattiva oħra tabilħaqq kommemorattiva u f'waqtha billi ħadet ħsieb tistampa ġabra ta' studji u ħsibijiet f'għeluq il-mitt sena mill-ġrajjiet tas-*Sette Giugno*.

It-tqanqil ta' missirijietna kontra l-ħakkiema fis-7 u t-8 ta' Ġunju ma kienx l-ewwel wieħed fil-medda tas-snin taħt l-Ingliżi iżda kien imdemmi, seħħ minħabba għadd ta' ċirkostanzi li ħabtu flimkien, u wassal lill-mexxejja jiċċaqalqu sabiex ġensna jingħata iktar awtonomija u sehem fit-tmexxija.

Malta tal-1919 kienet waħda fejn il-familji kienu miżgħuda bla rażan bl-ulied skont il-wemen reliġjuz filwaqt li l-pagi kienu loqom, kienu mġewħin u ħafja sa ruħ ommhom, imneżżgħin mit-tagħlim bażiku, mitlufin fis-superstizzjonijiet. Pajjiżna kien magħkus mill-għaks u l-karestija, mifni bil-mard u bit-tbatija.

Il-poplu kien iqis l-iskola, l-edukazzjoni, daqslikieku kienet ħabs għaliex it-tfal kienu meħtieġa biex ibakkru ħalli jinżlu fir-raba' jaħartu jew jiżirgħu l-għelejjel. Malta kienet kolonja-fortizza fil-ħawt tal-Mediterran, fit-tokk ta' tliet kontinenti, li serviet b'lealtà u bla kundizzjonijiet bħala l-aqwa infermiera tal-Gran Brittanja fl-1914-18.

Minkejja s-sensji tal-massa mat-tħabbir tal-Armistizju, l-impożizzjoni ta' miżuri fiskali fosthom l-introduzzjoni tat-taxxa diretta, it-tibdil fil-lawrji tal-Alma Mater kif ukoll it-tkexkix tal-ġurnali kienu biżżejjed biex setturi

tas-soċjetà jitwaħħdu f'karba għalenija għal iktar demokrazija u libertà, titjib fl-ekonomija u żieda fil-ġid.

Nerik Mizzi, li kien mixli, proċessat fil-qorti marzjali u internat, kien xempju tan-nazzjonaliżmu li appoġġja bis-sħiħ l-irvellijiet. Manwel Dimech kien arrestat u eżiljat fl-istess ħin filwaqt li l-moviment Laburista twieled konsegwenza tal-qawmien.

Il-Prim Ministru Dr Joseph Muscat jistqarr li s-siwi ta' din il-pubblikazzjoni joħrog mill-fatt li llum ma fadal ħadd fostna li jiftakar is-*Sette Giugno* li għalih nannietna kellhom iħallsu qares b'ħajjithom. Kull pass, tarġa, ħotba, tlugħ u nżul, il-mixja kollha lejn il-kisba tal-Indipendenza, ir-Repubblika u l-Ħelsien sħiħ, jagħrfu l-ġenesi tagħhom fis-7 u t-8 ta' Ġunju, 1919.

Bla rieb ta' xejn, il-kitbiet li qegħdin jixxandru f'din id-damma se jkunu ta' kontribut oriġinali jew addizzjonali għal dak kollu li huwa diġà mitbugħ dwar it-tematika li tibqa' dejjem miftuħa għad-diskussjoni, għall-analiżi, kif ukoll għall-interpretazzjoni.

Ħajr lill-Fondazzjoni Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u lil kull min ta sehmu biex din il-ġabra tiġi fis-seħħ b'mod partikolari lil Ms Alice Azzopardi.

***RAYMOND MANGION, EDITUR***

> ***“Kull pass, tarġa, ħotba, tlugħ u nżul, il-mixja kollha lejn il-kisba tal-Indipendenza, ir-Repubblika u l-Ħelsien sħiħ, jagħrfu l-ġenesi tagħhom fis-7 u t-8 ta' Ġunju, 1919***

# *IS-SETTE GIUGNO:*
## *RIFLESSJONI DWAR IS-SIMBOLOĠIJA TAL-ĠRAJJIET*

***ALEKS FARRUGIA***

L-istoriku Michael Sant (*Sette Giugno 1919: Tqanqil u Tibdil, 1989; Ir Rivoluzzjoni Maltija, 2009*) jirreferi għall-ġrajjiet tas-*Sette Giugnio* bħala 'rivoluzzjoni'. Sant kellu r-raġunijiet tiegħu meta għamel dan: huwa ħares lejn is-*Sette Giugno* fil-kuntest ta' żviluppi importanti li seħħew wara din il-ġrajja, speċjalment bl-għoti tal-Kostituzzjoni tal-1921 u fl-istess żmien it-twaqqif tal-Moviment Laburista li kien jinkludi element qawwi ta' tradeunionism proletarju. Dan kollu mbagħad jidħol fil-kuntest aktar wiesa' tal-mixja lejn l-Indipendenza. Il-perspettiva ta' Sant hija waħda mill-aktar interessanti li tqajjem dibattitu interessanti dwar it-tifsira ta' dawn il-ġrajjiet (u hawn importanti li wieħed jenfasizza l-plural, u mhux iqis is-*Sette Giugno* bħala ġrajja waħda) fl-istorja ta' Malta.

Ta' min wieħed jibda billi janalizza t-tifsira tal-kunċett ta' 'rivoluzzjoni', ladarba huwa permezz tat-tifsira ta' kunċett li wieħed jista' jifhem sew l-użu tiegħu fil-kuntest. Il-mod kif Sant (u dawk li jaqblu miegħu) jifhmu l-kunċett ta' 'rivoluzzjoni' huwa dejjem fid-dawl ta' dak li seħħ wara, jiġifieri fil-perspettiva tal-mixja antikolonjali, li sal-1919 kienet primarjament preokkupazzjoni ristretta għal grupp ta' nazzjonalisti minn fost il-kleru u l-klassi professjonista. Biex jagħmel dan, Sant dejjem iqis il-ġrajjiet tas-*Sette Giugno* bħala fenomenu waħdieni, fejn l-episodji diversi jiffurmaw parti minn għajta waħdenija u kollettiva, b'interess komuni.

Ġeneralment meta nitkellmu dwar rivoluzzjoni nkunu qegħdin nitkellmu dwar fenomenu li jġib bidliet radikali, il-ħsad ta' għeruq li tħallew jinfirxu għal snin twal favur realtà ġdida – realtà soċjali, ekonomika u fuq kollox intellettwali, fis-sens ta' kuxjenza pubblika u għaldaqstant mifruxa fost sezzjoni wiesgħa tal-poplu. Hekk naraw, pereżempju, tul ir-rivoluzzjoni Franċiża tal-1789, fejn l-ideat tal-Illuminiżmu fost il-klassi intellettwali nfirxu fost il-popolazzjoni borgiża li, mqanqla mill-iżbilanċ tal-poter kif eżerċitat mir-Reġim il-Qadim, issieltet għal bidliet politiċi radikali li eventwalment ħallew l-effett tagħhom mhux biss fuq is-soċjetà Franċiża imma saħansitra fuq dik Ewropea. Anke jekk dakinhar li bdew l-ewwel irvellijiet tar-rivoluzzjoni ħadd ma kien qed jaħseb fil-qtugħ ta' ras ir-re, ir-riżultat inevitabbli bilfors kellu jkun l-eżekuzzjoni ta' dak li kien fl-aħħar mill-aħħar is-simbolu ta' dak kollu li r-rivoluzzjonarji qamu kontrih. Dan diġà kien seħħ tul ir-rivoluzzjoni Ingliża bil-qtugħ ir-ras ta' Karlu l-Ewwel, u b'mod aktar metaforiku bid-dikjarazzjoni ta' indipendenza tal-Istati Uniti tal-Amerika mill-Imperu Ingliż fl-1776. Hekk ukoll il-qtil tal-Kżar tar-Russja fl-1918 tul ir-rivoluzzjoni Bolxevista.

Is-simboliżmu tal-assassinju, reali jew metaforiku, tar-Reġim il-Qadim huwa kruċjali għall-kunċett ta' rivoluzzjoni. Ir-re, il-kżar, jew kwalunkwe istituzzjoni li tirrappreżenta l-inkarnazzjoni ta' dak li kien u m'għandux jibqa', irid ikun eliminat, jitneħħa min-nofs, biex dak li hu ġdid jeħodlu postu. Il-qtugħ ta' ras ir-re tul ir-rivoluzzjoni Franċiża ma kienx ifisser biss it-twelid tar-repubblika, imma wkoll ordni soċjali differenti, ekonomija ġdida, ambizzjonijiet nazzjonalistiċi li jmorru lil hinn minn dawk dinastiċi, u fuq kollox kuxjenza popolari mibnija fuq il-kunċett tal-bniedem-ċittadin. Il-qtil tal-familja Romanov fl-Unjoni Sovjetika simbolikament kellu jfisser it-twelid ta' stat ġdid, immexxi mill-ħaddiema, imsejjes mhux fuq il-privileġġ imma fuq il-ħidma kollettiva fl-interess tal-klassi tax-xogħol. Kemm dawn ir-rivoluzzjonijiet wettqu l-ambizzjoni li xprunathom, dik hija storja oħra.

Jekk nerġgħu lura għall-ġrajjiet tas-*Sette Giugno* dan il-qtugħ ir-ras simboliku tar-re żgur li ma narawhx iseħħ. Anzi, jekk ikollna naqbżu ftit 'il quddiem fl-istorja u naraw is-sentiment popolari tul il-mixja lejn l-indipendenza wara t-Tieni Gwerra Dinjija, insibu jekk xejn element qawwi fost il-poplu ta' xettiċiżmu dwar l-għaqal li Malta tkun pajjiż indipendenti. Dan ix-xettiċiżmu ma kienx biss wieħed materjali, fis-sena li sezzjoni kbira tal-Maltin kienu jaqilgħu l-għajxien b'mod dirett jew indirett mill-preżenza tal-Ingliżi, imma anke fil-kuxjenza popolari u r-rabta emozzjonali li xi Maltin baqgħu iżommu ma' dak kollu li hu Britanniku. Anke jekk is-*Sette Giugno* jista' jkun interpretat bħala sinjal ta' 'dwejjaq kolonjali', żgur li wieħed ikun qed iġebbed kemxejn l-argument storiku jekk jara fih it-tqanqil ta' sentiment antikolonjalista, u dan nistgħu narawh aktar biċ-ċar jekk nagħtu ħarsa lejn id-diversi movimenti li nġabru flimkien tul dawn il-ġrajjiet.

Hawnhekk m'iniex se noqgħod nidħol fid-dettalji ta' dak li seħħ, ġaladarba dawn żgur se jkunu esposti u mistħarrġa sew fi bnadi oħra f'dal-volum. Għalhekk qed nassumi li meta nitkellem dwar studenti universitarji u ħaddiema tat-tarzna, il-qarrej jaf eżatt x'seħħ b'rabta ma' dawn iż-żewġ gruppi involuti, kif ukoll oħrajn.

Il-ħaddiema tat-tarzna f'dawk iż-żminijiet kienu l-ħaddiema li l-aktar kellhom kuxjenza proletarja. Dan għar-raġuni ovvja li huma kienu l-aktar ħaddiema esposti għall-influwenzi barranin li kienu jiġu fuq il-vapuri li jidħlu biex jissewwew. Fil-fatt, fit-tarzna naraw it-twelid tat-tradeunionism Malti. It-talbiet tal-ħaddiema tat-tarzna, sa mill-istrajk tal-1917, kienu essenzjalment talbiet tat-tradeunions ta' żieda fil-ħlas u titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol. Għal bosta mill-ħaddiema 'l barra mit-tarzna dawn it-talbiet ma kellhomx wisq rilevanza, speċjalment meta wieħed iqis li kien għad kellek bosta ħaddiema li ma kellhomx xogħol fiss u kienu jaħdmu skond il-ħtiġijiet tal-partikular (min iħaddimhom).

Il-protesta tal-istudenti universitarji kienet sa ċertu punt materja akkademika, biss wieħed ma jridx jinsa li hawnhekk kellek fazzjonijiet ideoloġiċi maqsumin bejn dawk imperjalisti u ċertu nazzjonaliżmu konservattiv. Żgur li bejn l-istudenti universitarji u l-ħaddiema fit-tarzna ma kellekx wisq fronti komuni, u l-pożizzjonijiet ideoloġiċi tagħhom kienu mbiegħda minn xulxin.

Il-kwistjoni tal-prezz tal-qmuħ lanqas ma kienet kwistjoni ġdida għall-Maltin. Li sal-Ewwel Gwerra Dinjija kellek faqar mifrux, tant li fir-rapport tal-Kummissjoni Rjali tal-1911 jissemma' li nies mietu bil-ġuħ fit-triq, huwa fatt magħruf. Il-gwerra żiedet ix-xogħol, il-Maltin

taw is-sehem tagħhom fil-'war effort', u ma' tmiem il-gwerra t-theddid li jerġa' joktor il-faqar kien biża' mifrux u komuni. Il-protesta minħabba l-għoli fil-prezz tal-qmuħ kienet imsejsa fuq dan il-biża'. Li l-folla daret għall-proprjetajiet tal-importaturi tal-qmuħ malajr jinftiehem f'dan il-kuntest, anke għaliex fil-perċezzjoni pubblika dawn l-importaturi kienu qed jistagħnew minn bżonn komuni tal-poplu. Li binjiet pubbliċi u li l-Union Jack spiċċaw fil-mira ta' wħud fost il-folla jista' jinftiehem ukoll f'dan il-kuntest; mhux bħala sinjal ta' antikolonjaliżmu, jew mibegħda lejn l-Ingliżi, imma sempliċiment rabja lejn l-awtorità li fl-aħħar mill-aħħar kellha d-dmir li tħares il-benesseri tal-popolazzjoni.

Hemm imbagħad il-ġlieda politika tal-Assemblea Nazzjonali, hawnhekk ukoll maqsuma bejn in-nazzjonaliżmu radikali Mizzjan u l-prammatiżmu ta' Filippu Sciberras u l-fazzjoni tiegħu li l-għajta tagħhom kienet waħda ta' rappreżentanza parlamentari aktar milli nazzjonalista. Għalkemm ħafna enfasi jintefa' fuq dan l-episodju u r-rwol li lagħbet l-Assemblea Nazzjonali, jibqa' l-fatt li l-logħba politika kienet logħba ta' klassi selettiva ħafna u wieħed jiddubita kemm fil-verità dak li kien qed iseħħ fl-Assemblea kellu għarfien u tifsira mal-poplu b'mod ġenerali. L-azzjoni popolari tindika ċar li l-ewwel ħsieb tal-poplu kien l-għajxien, fuq il-mejda u fuq il-lant tax-xogħol. Fl-aħħar mill-aħħar, anke meta ġiet il-kostituzzjoni tal-1921, il-vot kien biss privileġġ għal klassi waħda fost il-poplu, dik professjonista-klerikali-proprjetarja tal-art.

> ***"Fl-aħħar mill-aħħar, anke meta ġiet il-kostituzzjoni tal-1921, il-vot kien biss privileġġ għal klassi waħda fost il-poplu, dik professjonista-klerikali-proprjetarja tal-art.***

Fejn iħallina dan kollu? Għaliex, allura, is-*Sette Giugno* huwa daqstant importanti? Ladarba ma nistgħux ngħidu li dawn il-ġrajjiet kienu rivoluzzjoni, mela allura x'kienu?

Nibdew fuq l-insistenza li dawn tas-*Sette Giugno* jissejħu bħala ġrajjiet minsuġin flimkien, u mhux ġrajja waħda. Li żgur insibu jseħħ tul is-*Sette Giugno* huwa nisġa kumplessa ta' narrattivi li sezzjonijiet differenti mill-poplu kienu jħaddnu, liema narrattivi xprunawhom għall-azzjoni. Filwaqt li f'mumenti dawn in-narrattivi, perċezzjonijiet ta' xeħta ideoloġika imma wkoll materjali, jitfgħu uħud minn dawn il-gruppi f'qoffa waħda – li għalkemm qed jiġbdu lejn l-istess naħa mhux neċessarjament qed jiġbdu l-istess ħabel – f'mumenti oħrajn l-istess narrattivi jbegħduhom minn xulxin. Dan narawh ċar mill-mod kif is-*Sette Giugno*, għal sezzjonijiet differenti ħa tifsiriet u interpretazzjonijiet diversi li mhux dejjem huma konċiljabbli. Li nisħqu għalhekk li s-*Sette Giugno* mhuwiex ġrajja waħda, imma nisġa ta' ġrajjiet, huwa apprezzament tal-eżistenza ta' dawn in-narrattivi differenti bil-motivazzjonijiet li qanqlu, l-azzjonijiet li ġabu, u l-interpretazzjonijiet li ħallew warajhom. Dan eventwalment kellu effett fit-tul fuq ir-relazzjonijiet (u t-tensjonijiet) li segwew bejn dawn is-sezzjonijiet tal-poplu Malti, mhux l-anqas ir-relazzjonijiet ta' klassi, poter u dominanza qabel u wara l-indipendenza.

Is-*Sette Giugno* jikxef bl-aktar mod ċar id-dinamika ta' soċjetà Maltija li fiha kienet qiegħda titrawwem kuxjenza ta' klassijiet soċjali diversi bl-interessi partikulari tagħhom. Forsi l-aktar sinifikanti u li eventwalment ħalla impatt fuq it-tiswir tan-nazzjon kien it-trawwim ta' kuxjenza proletarja fost il-klassi tal-ħaddiema, mhux biss eventwalment bit-twaqqif ta' moviment laburista imma b'mod speċjali bil-formazzjoni ta' kurrent radikali, ispirat mis-soċjaliżmu Ewropew, li eventwalment fis-snin tletin u immedjatament wara t-Tieni Gwerra Dinjija ħakem il-mekkaniżmu tal-Partit Laburista u fetaħ battalja fuq żewġ fronti kontra l-kolonjaliżmu u l-pilastri tal-konservattiviżmu tal-istatus quo fis-soċjetà Maltija.

Aktarx li l-akbar sinifikat tas-*Sette Giugno* għall-Maltin, anke jekk dan is-sinifikat mhux neċessarjament kien apparenti immedjatament wara s-*Sette Giugno*, kien li għall-ewwel darba r-rabta mibnija fuq il-fiduċja bejn Malta u l-imperu Britanniku simbolikament ixxaqqet. Li persuni Maltin spiċċaw maqtula mill-forzi Ingliżi, li oriġinarjament – wara l-gwerer Napoleoniċi – kienu mistiedna jżommu lil Malta bħala protettorat (u mhux bħala kolonja fortizza), kienet esperjenza trawmatika fil-psike Maltija li saħansitra lanqas it-Tieni Gwerra Dinjija u l-isforz komuni kontra l-għadu Nażi-Faxxista ma rnexxielhom

iħassru mill-memorja kollettiva. L-immaġni tal-Gran Brittanja bħala omm benevolenti, għalkemm eventwalment baqgħet narrattiva li ċerti sezzjonijiet tal-poplu żammew saħansitra wara l-indipendenza, saret narrattiva li ġġorr magħha mistoqsija; aktarx li għall-ewwel darba daħal id-dubju fil-moħħ Malti kemm ir-relazzjoni bejn Malta u l-omm imperjali, il-Gran Brittanja, kienet tassew relazzjoni ekwa fl-interess komuni taż-żewġ naħat. Mhux ta' b'xejn li l-moviment irredentista, li ħadem qatigħ biex iwaħħad lil Malta mal-Italja Faxxista, kien iqis is-*Sette Giugno* bħala l-mument tat-twelid tiegħu.

Fil-kuntest tal-argument li ftaħna bih, forsi wieħed jista' jargumenta li jekk realistikament din ma kinitx rivoluzzjoni fis-sens simboliku tal-eżekuzzjoni tar-re, is-*Sette Giugno* żgur imbarazza lir-re u simbolikament neżżgħu mill-awra ta' benevolenza li tilleġittimah bħala l-pater familias, li anke jekk awtoritarju jibqa' l-missier – is-sors ta' ħarsien, stabbiltà, tal-ħajja nnifisha. Sa ċertu punt, sakemm eventwalment twieled il-moviment għall-indipendenza wara t-Tieni Gwerra Dinjija, is-*Sette Giugno* jimmarka l-bidu ta' perjodu ta' trawma eżistenzjali għall-poplu Malti, li jekk irridu nżommu mas-simboliżmu adottat aktar 'il fuq, jixbah lil dak tal-wild li mriegħex mit-trawma ta' missieru qed ifittex li jistabbilixxi sew ir-relazzjoni tiegħu mal-missier qabel jagħmel il-pass li jmiss. Mhux ta' b'xejn allura, li matul is-snin għoxrin u aktar u aktar is-snin tletin, il-movimenti ideoloġiċi f'Malta tqawwew bħal nirien u qasmu lill-poplu bejniethom. Mitt sena wara s-*Sette Giugno*, dawn il-qasmiet u trawmi, minkejja aktar minn ħamsin sena ta' indipendenza, għadu jinħass l-effett tagħhom fuq is-soċjetà Maltija.

## NOTA DWAR L-AWTUR

**Aleks Farrugia** (t.1978) studja l-filosofija, l-istorja u l-ġurnaliżmu u llum huwa Direttur tar-Riċerka, Tagħlim tul il-Ħajja u l-Impjegabilità fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol. Huwa wkoll għalliem part-time fl-Università ta' Malta. Minbarra xogħlijiet ta' natura storika u filosofika huwa wkoll awtur ta' kitbiet letterarji u kitbiet tiegħu dehru fl-Istati Uniti, ir-Repubblika Ċeka, l-Italja u l-Olanda.

# IS-SEBGĦA TA' ĠUNJU: TFITTXIJA TAT-TIFSIRA[1]

DOMINIC FENECH

Fis-sena 1988, fi sforz biex il-jum nazzjonali ma jibqax jinbidel kull darba li jinbidel il-gvern, il-Kamra tar-Rappreżentanti qablet li Malta għandha jkollha, mhux jum wieħed, lanqas tnejn, imma ħamsa. Mal-Indipendenza u l-Ħelsien, meqjuma rispettivament min-Nazzjonalisti u l-Laburisti, ingħaqdu r-Repubbika, l-Assedju l-Kbir, u s-*Sette Giugno*. Għarfien akbar bħala episodju li għen fit-tfassil tan-nazzjon Malti, dan tal-aħħar ma setax jingħatalu, għax jagħti x'jifhem li bis-saħħa tad-demm li nxtered Malta għamlet pass siewi fit-triq lejn l-awtodeterminazzjoni u l-kisba maż-żmien ta' ħelsien sħiħ u sovranità nazzjonali. Tajjeb li min jintriga jfittex it-tifsira tas-*Sette Giugno* jagħraf ukoll li t-tifsira nbidlet ħafna matul iż-żmien, skont meta wieħed kien qed iħares lejha, u skont min.

# KIEN MISTENNI

L-irvell ma ġiex għal għarrieda jew bla mistenni. 'Konna mgħarrfa sew b'dak li seta' jiġri f'Malta hekk kif tintemm il-gwerra', kiteb uffiċjal imlaħħaq fl-Uffiċċju Kolonjali f'Whitehall.[2] Malta wara li ntemmet il-Gwerra l-Kbira (1914-1918) kienet f'qagħda mwiegħra—ħaddiema mas-servizzi jingħataw is-sensja, nies jemigraw bl-eluf, familji ma jlaħħqux mal-ħajja, u qtigħ il-qalb kbir. Feġġet l-impressjoni li l-Ingliżi jużawk u jarmuk bla ma jimpurtahom mill-konsegwenzi. Iżda nfirex ukoll il-ħsieb li l-poplu kien mgħakkes mill-istess Maltin li kellhom il-flus, il-proprjetà u n-negozju. Id-dwejjaq u d-disprament ta' ħafna nies kien soċjali daqskemm kien nazzjonali. Iżda altru l-kawża, u altru l-effett. L-irvell ħa xejra deċiżament nazzjonali—ta' azzjoni Maltija kontra l-Ingliżi—wara l-fatt, wara li nqatlu erba' Maltin mis-suldati Ingliżi (sitta, jekk tgħodd tnejn oħra li mietu mill-ġrieħi iżjed tard).

Il-Gwerra l-Kbira (1914-1918) kienet ħolqot eluf ta' impjiegi mas-servizzi Ingliżi. Imma ġabet ukoll skarsezzi kbar u għoli tal-ħajja, speċjalment minħabba l-prezz tal-ħobż.[3] Meta spiċċat il-gwerra u ħafna ngħataw is-sensja, il-prezzijiet baqgħu fejn kienu. Issawret rabja kontra l-Ingliżi u kontra n-nies tal-flus, speċjalment dawk li kienu jikkontrollaw in-negozju tal-qamħ. Sa minn Jannar tal-1918, kważi sena qabel ma spiċċat il-gwerra, il-Gvernatur Walter Methuen kien wissa lis-superjuri tiegħu li 'l-qagħda hija gravi',[4] u reġa', ftit wara: 'affari tagħkom jekk tridu tissugraw li tħallu n-nies ta' din il-bażi daqshekk importanti jmutu bil-ġuħ'.[5] Matul il-kumplament tas-sena 1918, iżjed u iżjed nies bdew jgħixu fuq il-ħobż biss, li mhux biss baqa' jogħla, imma kien sar jintiegħem ħażin minħabba t-taħlit li kienu

jitfgħulu. Bejn l-iskarsezza tal-bastimenti tal-merkanzija, u bejn in-negozjanti li approfittaw ruħhom u l-*black market* bla kontroll li kien hemm, l-affarijiet baqgħu sejrin mill-ħażin għall-agħar. F'Ġunju tal-1918 reġa' wissa l-gvernatur:

> **Hawn sens kbir ta' dwejjaq li ma niskantax jekk ikompli jiħrax. Ma nistax nifhem għax qed nieħdu das-sogru meta huwa ta' importanza nazzjonali li din il-bażi navali u tal-ajru daqshekk importanti ma tkunx soġġetta għal xi rvell. Fuq kollox, jekk jinqalgħu xi rvellijiet jew strikes, ftit għandi truppi biex nikkontrollahom ...[6]**

Intemmet il-gwerra u kollox mar għall-agħar. F'April tal-1919 William Robertson, il-logotenent-gvernatur, reġa' kien qed iwissi lis-superjuri tiegħu li 'l-pubbliku inġenerali la huwa u lanqas jista' jkollu grazzja mal-gvern bħalissa u fil-fehma tiegħi hawn nuqqas kbir ta' simpatija lejn l-Ingilterra li jista' jwassal għal konsegwenzi koroh'.[7]

Sadattant, fi Frar tal-1919 kienet tlaqqgħet l-Assemblea Nazzjonali, ġemgħa kbira ta' delegati li suppost kienu jitkellmu għall-oqsma mħallta tas-soċjetà Maltija. L-għan tagħha kien li tfassal abbozz ta' kostituzzjoni biex imbagħad abbażi tagħha tinsisti mal-Gvern Ingliż li jagħtina dak li kien jissejjaħ *self government*, jiġifieri li mmexxu lilna nfusna f'dawk li huma ħwejjeġ interni. L-Assemblea reġgħet issejħet għas-7 ta' Ġunju, wara li s-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji kiteb jgħid, bla ma ta dettalji, li l-Gvern Ingliż kien bi ħsiebu jagħti lil Malta kostituzzjoni ġdida. Kien is-Sibt waranofsinhar, jum sajfi, u l-Belt Valletta kienet mimlija nies. Uħud setgħu marru biex jieħdu sehem f'dimostrazzjoni ħalli jappoġġjaw lill-Assemblea, uħud ukoll biex jaqilgħu l-inkwiet, u uħud għall-kurżità. Iżda wieħed jistenna wkoll li kien hemm nies oħra li daħlu l-Belt għall-affari tagħhom, għax dak iż-żmien ħafna nies tax-xogħol kienu jaħdmu s-Sibt sa nofsinhar, u jħallu l-qadi għal waranofsinhar. Ma tistax tgħid li l-folla li sabet ruħha l-Belt kollha kienet hemm bl-intenzjoni li tirvella.

Id-delegati li kienu magħluqin jiddiskutu l-passi li jmiss tal-ħidma tagħhom għall-ewwel lanqas biss indunaw li kien hemm it-tqanqil fit-toroq tal-Belt. Sakemm f'daqqa waħda ċorma nies faqgħet il-bieb tas-sala ġġorr żagħżugħ midrub mimli demm. Dix-xena u l-għarfien li hemm barra n-nies kienu rvellaw ixxukkjat u fixlet lil ħafna mid-delegati tant li l-president għaġġel temm il-laqgħa. Wieħed mid-delegati, Augustus Bartolo, il-proprjetarju tal-gazzetta *Daily Malta Chronicle*, ftit qabel kien ħalla l-laqgħa bil-kwiet għax xi ħadd daħal jgħidlu f'widnejh li l-istamperija kienet ingħatat in-nar.[8]

# QAMU KONTRA MIN?

Kif diġà għedna, apparti mix-xejra li ħa l-irvell wara li nxtered id-demm, kien hemm stennija ta' inkwiet min-naħa tal-Ingliżi. Li l-Ingliżi ma kinux issoponew kienet il-mira ta' dawk li marru l-Belt biex jirvellaw. Kienu ssoponew li jekk iqumu n-nies, kienu se jqumu kontra tagħhom. Mhux għax ma kienx hemm animu kontrihom, kif jixhed it-tqattigħ ta' kull bandiera Ingliża li kien hemm tperper. Iżda apparti dan u xi attakki żgħar fuq il-Union Club u xi binjiet pubbliċi, ma seħħet l-ebda azzjoni serja kontra stabbilimenti Ingliżi, neħħi l-Uffiċju Meterjoloġiku. Id-dar tal-Avukat tal-Kuruna, wieħed mill-iżjed uffiċjali għolja fl-amministrazzjoni, ma ntmissitx, fuq insistenza ta' xi nies fil-folla, probabbilment nies mit-Tarzna. Ta' min isemmi li fl-aħħar xhur tal-gwerra, meta l-Ingliżi kienu daħħlu t-taxxa tas-suċċessjoni, l-Avukat tal-Kuruna kien irnexxielu jikseb l-appoġġ tal-ħaddiema tat-Tarzna wara li pperswadihom li t-taxxa l-ġdida kienet mossa favur il-ħaddiem, għax kienet tintaxxa lis-sinjuri.[9] Mill-banda l-oħra l-folla attakkat id-dar ta' Francesco Azzopardi, li n-Nazzjonalisti ta' Nerik Mizzi kienu jqisuh traditur u mixtri. Azzopardi sentejn qabel kien irnexxielu jaħtaf is-siġġu ta' Mizzi fil-Kunsill tal-Gvern, wara li Mizzi għadda qorti marzjali u nstab ħati ta' sedizzjoni. Fost miri oħra spikkaw l-istamperija tad-*Daily Malta Chronicle* u d-dar ta' Cassar Torreggiani. F'inkjesta li saret wara, ħaddiema tat-Tarzna xehdu li Bartolo kien mistmerr mit-tarznari għax kien ħadha kontrihom meta strajkjaw fl-1917. [10] Cassar Torreggiani mill-banda l-oħra kien negozjant ewlieni tal-qamħ u fl-1918 il-gvernatur kien tah imexxi l-Flour Control Office, li kien jikkontrolla t-tqassim kollu tad-dqiq lill-furnara.[11] In-negozjanti tad-dqiq, dawk li kienu jidħnu l-qamħ, li ta' spiss kienu jimpurtaw huma stess, kien hemm min iqishom nies bla kuxjenza, kaġun tal-għoli esaġerat tal-

prezz tal-ħobż. Fit-tieni jum tal-irvelli, it-8 ta' Ġunju, avolja issa kienu mietu n-nies taħt in-nar tas-suldati Ingliżi, reġgħu kienu n-negozjanti tal-qamħ il-mira tal-irvell, iktar mill-Ingliżi. Din id-darba min ħa sehem żgur li kien jaf x'inhu jagħmel. Il-miri ewlenin kienu d-dar tal-Kurunell Francia, quddiem it-Teatru Rjal, u l-imtieħen ta' Farrugia & Sons, Santa Venera, erba' passi 'l bogħod mid-dar tal-logotenent-gvernatur, li tħalliet bi kwietha.[12] Ta' min iżid jgħid li mbilli Bartolo u Francia t-tnejn kienu delegati fl-Assemblea Nazzjonali, xorta waħda sfaw miri tal-vjolenza.

Qatt ma hu faċli tagħraf eżatt l-intenzjonijiet ta' folla fi rvell—speċjalment meta l-folla kienet imħallta u kien hemm nies li kienu l-Belt bla ħsieb—iżjed u iżjed meta tqis li l-mexxejja ewlenin tal-pajjiż kienu msakkra ġo sala jiddiskutu l-kostituzzjoni, mid-dehra bla ħjiel ta' x'kien qed jiġri barra fit-toroq. M'hemmx dubju iżda li kien hemm element ta' nies li marru l-Belt biex jappoġġjaw lid-delegati. M'hemmx dubju lanqas li kien hemm gruppi li kellhom aġenda. X'kienu jirrappreżentaw dawn il-gruppi, wieħed jista' jissoponi biss mill-miri ta' min kien qiegħed imexxi l-folla. L-għażla ta' dawn il-miri turi ċar li dawn kienu għaġnu l-ġlieda soċjali ta' klassi ma' rabja kontra l-gvern Ingliż u l-kollaboraturi tiegħu li fl-aħħar mill-aħħar kienu responsabbli għal dak kollu li kienu qed iħabbtu wiċċhom miegħu n-nies. L-iżjed li jikkwalifikaw, għax nafu li kienu kapaċi jorganizzaw u kienu nies li jaslu, kienu s-soċjalisti tat-Tarzna u n-nazzjonalisti Mizzjani. Jekk kinux qed irewħu għal rashom jew flimkien diffiċli tgħid. It-tarznari, uħud taħt influwenza Dimekkjana, kienu kontra l-istatus quo ingenerali. Il-Mizzjani jidher li kienu organizzati apposta biex jagħtu saħħa lill-element radikali fl-Assemblea Nazzjonali kontra l-element moderat.[13]

Mil-lenti ta' kif żviluppat il-ġrajja politika Maltija fis-snin ta' wara, tidher stramba l-ipoteżi li ħaddiema xellugin mit-Tarzna—sisien tal-moviment Laburista—jaħdmu id f'id man-nazzjonalisti pjuttost estremi ta' Mizzi. Iżda ta' min iqis li fl-1919, dawk li kellhom kuxjenza politika f'Malta ma kinux għadhom organizzati f'partiti b'manifest ċar kif saru iżjed tard. Għalhekk setgħet kienet ħaġa naturali li estremisti mdejqin bil-qagħda fil-pajjiż, anki minn kampijiet differenti, isibu għanijiet komuni. Barra minn hekk, Mizzi tal-1919 kien differenti minn Mizzi ta' għaxar snin wara, meta ċ-ċirkostanzi ġegħluh jieħu qagħdiet konservattivi f'ġieħ l-għaqda fil-Partit Nazzjonalista, li kien influwenzat minn qassisin u elementi oħra konservattivi. Joħroġ mill-minuti tal-Assemblea Nazzjonali, pereżempju, li Mizzi kien kapaċi jkun anki xi ftit antiklerikali, u kien iżjed jiftiehem mad-delegati tat-Tarzna milli, ngħidu aħna, ma' dawk tal-Kamra tal-Avukati, jew ta' Nazzjonalisti moderati klerikali bħalma kien il-Monsinjur Ignazio Panzavecchia. Mizzi

kien jammira t-tarznari għax kienu jaslu; u viċi versa. Fl-1917 kienu ġraw żewġ affarijiet li ressqu ż-żewġ naħat flimkien. Meta strajkjaw it-tarznari, Mizzi ħareġ ifaħħarhom, għax ammirahom li ma beżgħux jaffrontaw lill-Ammirall minkejja s-sogru li kienu qed jieħdu. Billi nzerta li Mizzi fl-istess ħin kien jinstab arrestat fuq sedizzjoni, minħabba li kien issuġġerixxa li Malta għandha ssir Taljana, it-tarznari li daħlu l-Belt jipprotestaw waqt l-istrajk kienu waqfu quddiem il-qorti jipprotestaw ukoll kontra l-arrest ta' Mizzi. Anzi, hemm min saħansitra ħaseb li l-Ingliżi arrestaw lil Mizzi mhux minħabba s-sedizzjoni imma għax beżgħu li jingħaqad mat-tarznari u jkompli jħarrax sitwazzjoni li setgħet thedded is-sigurtà tal-pajjiż.[14] Jekk dan huwa l-każ—li t-tmun tal-irvell kien f'idejn alleanza laxka ta' tarznari u Mizzjani—xorta ma jfissirx b'daqshekk li l-irvell kien primarjament indirizzat lejn l-Ingliżi. Iżda kif għedna, li żgur tah tifsira—retrospettiva—ta' konfront uniku u speċjali bejn il-Maltin u l-Ingliżi kien il-fatt li suldati Ingliżi fetħu n-nar fuq il-Maltin.

Ftit hawn episodji fil-ġrajja moderna ta' Malta li nkiteb fuqhom daqs kemm inkiteb fuq l-irvell tas-*Sette Giugno* – ibda minn żewġ rapporti ta' inkjesta (wieħed pubbliku u l-ieħor sigriet), u kompli bid-diversi narrattivi ppubblikati maż-żmien, u d-diskorsi pubbliċi kommemorattivi li jsiru kull sena minn politiċi ta' kull kulur, jingħaqdu ma' episodju li fi żmienu ħadd ma ħa responsabbiltà tiegħu. Il-ġrajja sfat magħġuna u reġgħet magħġuna iżjed ma għaddha żmien minn fuqha—ta' spiss interpretata mil-lenti taċ-ċirkostanzi taż-żmien—għax tiġbor fiha elementi ta' konflitt soċjali u nazzjonali (li interessaw soċjalisti u nazzjonalisti li ġew wara); għax sentejn wara ngħatajna kostituzzjoni bi gvern responsabbli (li tinteressa lil min irid jistabbilixxi jekk din kinitx xi ħaġa li rbaħna bit-tixrid tad-demm); u għax ebda episodju politiku ieħor daqshekk traġiku ma seħħ fl-istorja riċenti ta' pajjiżna (ta' interess għal min ifittex mumenti storiċi li jiddefinixxu l-identità nazzjonali tagħna.) Filwaqt li għan-nies ta' dakinhar is-*Sette Giugno* kien jikkonsisti f'dimostrazzjoni li spiċċat traġikament ħażin, in-nuqqas ta' qbil fuq jekk l-irvell kienx wieħed soċjali jew nazzjonali feġġ kmieni, hekk kif bdew jitfaċċaw il-partiti politiċi l-ġodda jlestu biex jiġġieldu l-elezzjonijiet. Skont in-nazzjonalisti u l-imperjalisti, l-irvell kien kontra l-Ingliżi, att erojku għal wieħed u tal-mistħija għal ieħor. Għall-klerikali u s-soċjalisti, kien episodju fil-ġlieda tal-klassi, tal-mistħija għal wieħed u erojku għall-ieħor.[15] Iżjed tard, f'nofs is-snin għoxrin, il-Laburisti adottaw is-7 ta' Ġunju bħala jum it-twaqqif tal-Partit tal-Ħaddiema, fuq l-argument li kienu ħaddiema dawk li mietu għal pajjiżhom,[16] filwaqt li l-Gvern Nazzjonalista tella' monument fuq il-qabar tal-vittmi bl-iskrizzjoni, miktuba minn Mizzi, *la patria riconoscente*.[17] Is-Stricklandjani baqgħu indifferenti jekk mhux ostili.[18]

# IL-KALKOLU TAL-INGLIŻI

Diġà semmejna li fl-Uffiċċju Kolonjali kien hemm min xejn ma ħadha bi kbira li seħħ l-irvell. 'Stajna bsarna li se tiġri xi ħaġa bħal din, bħalma ġara band'oħra', ikkummenta wieħed.[19] Malta ma kinitx waħedha li ġarrbet l-inkwiet. Qabelxejn, fi tmiem il-gwerra ngħad ħafna diskors mill-Alleati, fuq kemm ir-rieda għall-ħelsien kienet ittrijunfat fuq il-jasar; diskors li wiegħed ordni dinjija ġdida msejsa fuq il-ħelsien nazzjonali u d-demokrazija. Għal min, bħal f'Malta, kien ilu jisħaq fuq id-dritt sagrosant li f'daru jmexxi hu, kien kliem ta' kuraġġ. Fir-riżoluzzjoni li għaddiet fl-ewwel laqgħa tagħha, dik ta' Frar 1919, l-Assemblea Nazzjonali fakkret lill-Gvern Ingliż

> **fil-wegħda solenni li ta l-Maestà Tiegħu Imperjali fl-indirizz lill-President [Amerikan] Wilson tat-28 ta' Diċembru 1918, jiġifieri, li japplika mad-dinja kollha, lil hinn mill-fruntieri tal-Ingilterra, l-imsemmija prinċipji kostituzzjonali u demokratiċi'.[20]**

Fil-fatt, fl-Ewropa ċentrali u tal-Lvant l-Alleati fittxu welldu pajjiżi ġodda bħall-Polonja, iċ-Ċekoslovakkja, il-Jugoslavja, u oħrajn mit-tifrik tal-imperi telliefa tal-għadu. Iżda barra mill-konfini tal-Ewropa, il-popli fl-imperi tal-istess Alleati baqgħu bir-riħa, u r-riżultat f'ċerti pajjiżi wassal għall-vjolenza. Fost tqanqil ieħor, f'Marzu tal-1919, irvellaw l-Eġizzjani, u l-Ingliżi spiċċaw qatlu mat-800 ruħ. Ix-xahar ta' wara, f'Armitzar, l-Indja, suldati Ingliżi fetħu n-nar intortament fuq folla li kienet qed tagħmel dimostrazzjoni paċifika u qatlu mal-elf ruħ. L-azzjoni Ingliża f'Malta kienet fuq livell ieħor, mhux biss minħabba kemm mietu, imma għax il-qtil ma sarx intortament jew biex jagħti tagħlima, u jidher li kien konsegwenza ta' nuqqas ta' ħila ta' suldati u fizzjali li tilfu rashom. Il-Maltin l-Ingliżi kienu jafuhom bħala poplu ġwejjed, kuntent f'postu fl-imperu, u li kellu bżonnhom daqskemm huma kellhom bżonnu.[21]

B'daqshekk, l-Uffiċċju Kolonjali ma wera ebda għaġla biex ipatti tal-ħsara, pereżempju billi jħaffef l-għotja ta' kostituzzjoni ġdida kif kien diġà wiegħed. Imbilli tħassbu dwar il-ħsara li setgħet ġarrbet ir-relazzjoni bejn il-Maltin u l-Ingliżi, ma wrew ebda simpatija ma' min irvella. Il-konsulent ewlieni fuq ħwejjeġ Maltin, ċertu Walter Ellis, qatagħha li dak li ġara kien kollu tort tal-pulizija Maltin, għax kieku

għarfu jagħmlu xogħolhom sew ma kienx ikun hemm għalfejn jinħarġu s-suldati Ingliżi.[22] Meta iżjed tard saret inkjesta militari interna li tat it-tort lis-suldati Ingliżi għax fetħu n-nar kontra l-ordnijiet,[23] Ellis kien kuntrarju li dawk li nstabu ħatja jgħaddu qorti marzjali. Anzi, li kien għalih, 'jekk il-pulizija ma tagħmilx dmirha u jissejħu s-suldati, is-suldati għandhom jiftħu n-nar, u jibqgħu jisparaw sakemm il-folla tieqaf taħraq u tisraq'.[24] Anki għas-Sottosegretarju tal-Istat għall-Kolonji, Leo Amery, magħruf iżjed għal li kien hu li wara fassal il-kostituzzjoni tal-1921, l-ewwel ħsieb li ġieh kien il-ħtieġa li jingħata kumpens 'malajr u ġeneruż' lil min, bħal Bartolo u Azzopardi, sofra danni minħabba s-simpatiji tiegħu lejn l-Ingliżi, għax ħass li 'hemm bżonn nuru li aħna wara l-ħbieb tagħna'.[25] Lanqas Herbert Plumer, il-gvernatur il-ġdid li kien fi triqtu lejn Malta waqt l-irvell, u li iżjed tard sar l-iżjed gvernatur miġjub mill-Maltin, ma kellu wisq grazzja ma' min jirvella. Filwaqt li tħassar lil poplu li tħalla jasal fix-xifer tad-dispramenti, għadda qorti marzjali lil dawk li nqabdu jattakkaw id-dar ta' Francia fit-tieni jum tal-irvelli.[26] Tressqu 38 persuna u 34 minnhom spiċċaw il-ħabs, uħud għal ħafna snin, speċjalment dawk li ppruvaw iħajru lis-suldati Maltin jirvellaw magħhom.[27]

> ***"Il-ġrajja sfat magħġuna u reġgħet magħġuna iżjed ma għaddha żmien minn fuqha—ta' spiss interpretata mil-lenti taċ-ċirkostanzi taż-żmien—għax tiġbor fiha elementi ta' konflitt soċjali u nazzjonali (li interessaw soċjalisti u nazzjonalisti li ġew wara); għax sentejn wara ngħatajna kostituzzjoni bi gvern responsabbli***

# IL-KOSTITUZZJONI TAS-SELF-GOVERNMENT

Kien x'kien, kwalunkwe deċiżjoni fuq il-qagħda kostituzzjonali kellha tistenna sakemm il-gvernatur il-ġdid jiżżetta u jkun f'qagħda li jagħti parir fuq x'seta' kien l-iżjed adattat għal Malta. Kif għedna, xi għotja kostituzzjonali l-Ingliżi kienu diġà qatgħuha li se jċedu, minn qabel seħħ l-irvell.[28] Anzi, kien hemm min iddispjaċih li l-affarijiet ġew kif ġew, u lmenta li 'ħasra, għax issa se tidher li qisna ċedejna minħabba l-irvell'. Leo Amery sadattant xeħet ħafna mit-tort fuq l-iżdingar li kien hemm fl-amministrazzjoni Ingliża f'Malta u widdeb li 'l-amministrazzjoni kollha għandha bżonn qalgħa sew, jekk ma rridux nispiċċaw b'xi Irlanda oħra f'ħoġorna'.[29] (L-Irlanda kienet għaddejja minn żmien ta' taqlib kbir, speċjalment minn mindu kien hemm l-irvell qalil tal-Għid fl-1916, fejn tilfu ħajjithom 485 ruħ u ndarbu 2,600).

Plumer innifsu ma kienx tal-fehma li s-soluzzjoni għall-problemi ta' Malta kienet l-għotja ta' self government. Bħal Amery fehem li ma jistgħux l-Ingliżi jibqgħu jiċħdu lill-Maltin ir-responsabbiltà tal-gvern filwaqt li huma jibqgħu jmexxu mingħajr responsabbiltà. Il-problema kienet fundamentalment waħda soċjali u ekonomika, u deherlu li l-kostituzzjonijiet ma jimlewx żaqq min hu bil-ġuħ. Ikkonkluda li jekk Malta kienet fortizza daqshekk siewja għall-imperu, mela l-Ingliżi għandhom idaħħlu idhom ġol-but biex iżommu lin-nies leali: 'bħala imperu għandna responsabbiltà diretta għall-ġid tan-nies ta' dil-gżira u missna nkunu lesti għan-nefqa li dik-ir-responsabbiltà ġġib magħha'.[30]

F'Whitehall kemm kemm ma qisux it-teoriji ta' Plumer 'sovversivi'.[31] Biss Plumer bla ma qal xejn lil ħadd fittex għadda mill-kliem għall-fatti u rama jonfoq il-flus fuq sussidji tal-ħobż, żidiet tal-għoli tal-ħajja għall-impjegati tal-gvern, u xogħlijiet pubbliċi biex itaffi l-qgħad. Meta ntebħu fl-Uffiċċju Kolonjali li l-gvernatur 'qed jonfoq il-flus bl-addoċċ' u kien se jtella' defiċit ta' xi £280,000 (dak iż-żmien daqs terz tal-baġit kollu),[32] beżgħu minn xi 'splużjoni rrabjata mit-Tezor'[33] u għaġlu bagħtu lil Amery Malta fuq btala mħallsa ħalli jindaga x'inhu jħawwad il-gvernatur.[34] Il-Maltin xħin raw li ġie Malta s-Sottosegretarju nnifsu ħasbu li ġie biex iħabbar li se jingħataw is-self government. Fil-fatt, għalkemm ma kinitx l-intenzjoni, iż-żjara serviet biex tikkonvinċi lil Amery li dik kienet is-soluzzjoni.

Fl-Uffiċċju Kolonjali kienu mdorrija jaraw l-għotja tal-kostituzzjonijiet bħala bżar fl-għajnejn. Ellis, l-istess konsulent li ma weriex sogħba għall-isparar fuq il-folla, kien jiffavorixxi

> **il-politika li addottajna dawn l-aħħar 40 jew 50 sena li tikkonsisti filli nagħtu lil Malta minn żmien għal żmien kostituzzjonijiet illużorji, biex imbagħad noħduhomlha hekk kif il-Maltin jippruvaw jużaw dawk il-poteri b'mod li ma jogħġobniex.**

Kien tal-fehma li jerġgħu jagħtu lil Malta kostituzzjoni oħra 'illużorja' u jsejħulha *self-government* 'għal għajn in-nies'. Amery però ħass mod ieħor: 'is-sistema ta' *camouflage* setgħet swiet għal żmienha, imma niddubita jekk nistgħux inkomplu mexjin biha'.[36] Fil-jiem li qatta' Malta Amery spiċċa jirraġuna li ladarba l-Ingilterra ma kinitx lesta tħallas biex iżżomm il-poplu kuntent, kien jagħmel iżjed sens li tagħti lill-Maltin il-mezzi kostituzzjonali biex imexxu lilhom infushom; imbagħad jekk l-affarijiet ma jitjiebux ma jkunux jistgħu jwaħħlu iżjed fl-Ingliżi. Lejliet il-Milied ta' dik is-sena, Amery ħabbar li Malta kienet se tingħata kostituzzjoni msejsa bejn wieħed u ieħor fuq dak li kienet qed titlob l-Assemblea.[37] 'Jekk imbagħad il-gvern [Malti] jiżbalja f'dik li hi amministrazzjoni jew leġiżlazzjoni', kiteb iżjed tard meta ġie biex jispjega xi jfisser gvern responsabbli, 'mhu se jkun hemm ebda awtorità barranija f'min ikunu jistgħu jwaħħlu għal dawk l-iżbalji'.[38]

# IS-SELF-GOVERNMENT U N-NAZZJON MALTI

Kien is-*Sette Giugno* li wassal għall-għotja fl-1921 tal-ewwel kostituzzjoni li tatna gvern responsabbli b'demokrazija parlamentari? U jekk kien l-irvell li wassal għaliha, kemm kienet kbira t-tifsira ta' dil-kostituzzjoni: kemm fil-fatt qegħditna fit-triq li maż-żmien wasslet għall-kisba tas-sovranità nazzjonali?

Għall-ewwel mistoqsija m'hemmx tweġiba faċli. Kif rajna, xi għamla jew oħra ta' kostituzzjoni kienet se tasal. Fil-klima internazzjonali kien ikun inammissibbli għall-Ingliżi—għall-inqas fuq il-karta—li jħallu kollox kif kien, taħt il-kostituzzjoni taparsi li kienet ilha fis-seħħ mill-1903. Ta' min iżomm kont ukoll li Amery u s-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji, Viscount Milner, kienu pijunieri tal-idea li biex jibqa' sostenibbli l-imperu ried biż-żmien jiżviluppa f'"imperial federation', jew commonwealth. Diġà l-kolonji 'bojod' kienu qed jingħataw libertajiet ġodda bħala *dominions*. Filwaqt li Malta ma kinitx fost dawn—biċċa minħabba r-rwol sensittiv ta' fortizza u bażi, u biċċa billi l-Maltin ma kinux ta' dixxendenza Brittanika—Amery kien bendispost li jesperimenta b'mudelli kostituzzjonali ġodda. Kif rajna wkoll, la l-Uffiċċju Kolonjali u lanqas il-gvernatur il-ġdid ma skużaw l-irvell jew ħaffu jwiegħdu s-self government. Li serva l-irvell, u iżjed u iżjed il-kundizzjonijiet li kkaġunawh, kien li ġegħelhom jirriflettu fuq l-għażliet li kellhom quddiemhom. Il-preferenza ta' Plumer, li jagħmlu tajjeb għall-għajxien tal-Maltin, kienet fantasija għax it-Teżor Ingliż ma kienx se jroxx il-flus biex iżomm lin-nies kuntenti. L-alternattiva li jgħaddu dik

ir-responsabbiltà lill-Maltin infushom bdiet tagħmel sens doppju, għax tikkuntenta lill-Maltin u teħles lill-Ingliżi minn dak il-piż. Wara kollox id-difiża, relazzjonijiet barranin, portijiet, u dak kollu li jolqot l-interess imperjali kien se jibqa' f'idejn l-Ingliżi, bħalma kienet se tibqa' l-aħħar kelma, inkluża li jreġġgħu l-arloġġ lura, kif fil-fatt għamlu fl-1933. Dan l-aħħar punt iwassal għall-mistoqsija l-oħra—kemm qegħditna fit-triq tas-sovranità nazzjonali l-kostituzzjoni tas-self-government? Iċ-ċaħda tal-kostituzzjoni fl-1933 trendiha pjuttost għotja moħfija. Is-self-government reġa' ngħata fl-1947, u reġa' ċċaħħad fl-1958, qabel ma fl-aħħar reġa' ngħata fl-1962 biex Malta resqet lejn l-indipendenza.

Biss il-Maltin kisbu żewġ affarijiet importanti mis-self government. L-ewwel nett, kisbu taħriġ siewi fit-tħaddim ta' demokrazija parlamentari u draw iqisu d-demokrazija bħala l-uniku gvern leġittimu li jgħodd għalihom, taħriġ u drawwa li ċċaħħdu lil ħafna kolonji oħrajn, biex wara l-indipendenza saru dittatorjati. It-tieni, daqu t-togħma tal-ħelsien. Ħassewhom ġenwinament nazzjon, mhux biss fis-sens etniku ta' nies b'ilsien u drawwiet komuni—ħaġa li kienu għarfu sa minn qabel gew l-Ingliżi—imma fis-sens kważi legali, ta' poplu b'ġurisdizzjoni għalih. Il-kelma 'kolonja', li timplika sottomissjoni, sfat imwarrba.[39] L-istatus il-ġdid ta' Malta—ta' xi ħaġa bejn kolonja u dominion—ma kellux paragon fl-imperu Ingliż. Anki Ellis immolla ftit u stqarr li filwaqt li Malta ma kinitx dominion, 'ma kienx etiquette li ssejħilha kolonja'.[40] Il-konsulent legali fl-Uffiċċju Kolonjali sejjaħ il-kostituzzjoni 'patt solenni bejn il-Kuruna u l-Poplu ta' Malta'.[41] Min-naħa tagħhom, il-partiti politiċi Maltin raw fis-self government l-ewwel pass lejn id-dominion status, tant li sew il-gvern Stricklandjan tal-Compact (1927-1930) kif ukoll dak Nazzjonalista (1932-1933) għamlu talbiet formali—li però ma ntlaqgħux—biex Malta tingħata dak l-istatus.[42] La bdejna dil-kitba b'referenza għall-jiem nazzjonali, nagħlqu l-istess. Hija xhieda tal-burdata taż-żmien, tas-sens li Malta kisbet awtonomija nazzjonali ġdida, li waħda mill-ewwel liġijiet li għadda l-parlament il-ġdid, bi qbil bejn il-partiti, kien l-Att XV tal-1922, li ta lil Malta l-ewwel jum nazzjonali tagħha, dak iż-żmien it-8 ta' Settembru.

1 Din il-kitba hija adattament bil-Malti mill-awtur, bejn wieħed u ieħor, ta' dak li kiteb fuq is-suġġett fil-ktieb *Responsibility and Power in Inter-War Malta. Book One: Endemic Democracy*, PEG, Malta 2005.
2 Minuta ta' Ellis, 21 ta' Lulju 1919. The National Archives, U.K., Colonial Office: Malta, korrispondenza ġenerali, CO158, volum 410, fajl 41637.
3 Ara Dominic Fenech, 'A Social and Economic Review of Malta during the First World War, 1914-1918', BA honours History dissertation, University of Malta, 1973.
4 Telegramma, Methuen lil Long, 4 ta' Jannar 1918. CO158/401/747.
5 Methuen lil Long (privata), 21 ta' Jannar 1918. CO158/401/6235.
6 Methuen lill-War Office, 19 ta' Gunju 1918. CO158/404/31589.

7 Memorandum ta' Robertson, 17 ta' April 1919; u Methuen lil Milner, 21 ta' April 1919. CO158/409/25806.

8 *L'Assemblea Nazzionale di Malta, 25 Febbraio 1919 – 27 Maggio 1921: Processi verbali e altri documenti dell'Assemblea Nazionale e delle relative Commissioni*, Malta Government Printing Press, 1923, p.35.

9 *Reports of the Commission appointed to inquire into the Events of the 7th and 8th June 1919 and into the Circumstances which led to those Events*, Malta Government Printing Office, Malta 1919, pp.5, 14.

10 *Ibid.* p.11.

11 *Malta Government Gazette*, 5 ta' Jannar 1918.

12 *Reports ... June 1919* (1919), pp.7-8.

13 *Ibid.* pp.9-11.

14 Joseph M. Pirotta, *Nerik Mizzi, il- Verdett ta' l-Istorja I*, Pubblikazzjonijiet Indipendenza (PIN), Malta 1995, pp.8-11. Ara wkoll *Endemic Democracy*, Chapter 2.

15 Anthony Zahra, 'The Sette Giugno in History, 1919-1979', BA honours History dissertation, l-Università ta' Malta, 1979, jiddiskuti kif is-Sette Giugno safa kontinwament interpretat mill-ġdid, speċjalment minn partiti politiċi ta' ġenerazzjonijiet differenti, biex iservi l-ambjent u ċ-ċirkostanzi taż-żmien. Għal narrattivi siewja ara Paul Bartolo, *X'kien Ġara Sew fis-Sette Giugno*, Klabb Kotba Maltin, Malta 1979; u Michael Sant, *Sette Giugno 1919, Tqanqil u Tibdil*, Sensiela Kotba Soċjalisti (SKS), Malta 1989.

16 Zahra, pp.3-4.

17 Christian Attard, 'Between Myth and Reality', *Sunday Times of Malta*, 5 ta' Ġunju 2011.

18 Ġużè Bonnici, *Storja tal-Partit tal-Ħaddiema*, Sensiela Kotba Socjalist (SKS), Malta 1990 (stampat mill-ġdid), p.117.

19 Minuta ta' Ellis, 21 ta' Lulju 1919. CO158/410/41637.

20 *L'Assemblea Nazzionale*, pp.26-27.

21 Għal diskussjoni itwal ta' din ir-relazzjoni kważi unika ara Dominic Fenech, 'The Strangeness of Anglo-Maltese Relations', *Journal of Mediterranean Studies: Special Issue on Nationalism and Decolonisation in the Mediterranean, Cyprus and Malta Compared, 1918-1964*, Malta University Press, Malta, 23:1, 2014.

22 Minuta ta' Ellis, 10 ta' Gunju 1919. CO158/409/34552.

23 Minuta tal-Avukat tal-Kuruna lil-logotenent-gvernatur, fuq il-proċess u l-konklużjonijiet tal-inkjesta militari, 14 ta' Lulju 1919. CO158/410/43929.

24 Minuta ta' Ellis, 26 ta' Settembru 1919. CO158/411/55627.

25 Minuta ta' Amery, 24 ta' Gunju 1919. CO158/409/36593.

26 Qorti marzjali, għax Malta kienet għadha taħt il-liġi marzjali li kienet imposta fi żmien il-gwerra.

27 War Office lill-Colonial Office, 15 ta' Ottubru 1919, minuti relatati, u Milner lil Plumer, 30 ta' Ottubru 1919, CO158/414/59260; W.O. lil C.O., 17 ta' Ottubru 1919, u minuti relatati. CO158/414/59675.

28 Minuta ta' Flood, 21 ta' Gunju 1919. CO158/409/36593.

29 Minuta ta' Amery, 24 ta' Gunju 1919. CO158/409/36593.

30 Plumer lil Milner, 9 ta' Lulju 1919, u minuta ta' Ellis, 21 ta' Lulju 1919. CO158/410/41637.

31 Minuta ta' Fiddes, 24 ta' Lulju 1919. *Ibid.*

32 *The Times*, 9 ta' Awwissu 1919.

33 Minuta ta' Fiddes, 9 ta' Awwissu 1919. CO158/410/45816.

34 Privata, Fiddes (C.O.) lil Bradbury (Tezor), 12 ta' Awwissu 1919; u Read (C.O.) lis-segretarju tat-Teżor, 15 ta' Awwissu 1919, The National Archives, U.K., Treasury: Treasury Board Papers and In-Letters, T1/12368/35838. Tal-ewwel intiżi biex tgħarraf lit-Teżor; tat-tieni tispjega l-għan taż-żjara ta' Amery f'Malta, li jinvestiga informalment il-problema finanzjarja li kienet inqalgħet.

35 Minuta ta' Ellis, 21 ta' Lulju 1919. CO158/410/41637.

36 Minuta ta' Amery, 28 ta' Lulju 1919. *Ibid.*

37 Amery lil Plumer, 24 ta' Diċembru 1919. *L'Assemblea Nazionale*, pp.171-73.

38 Amery lil Plumer, 9 ta' April 1921, *Papers relating to the New Constitution of Malta*, HMSO, London 1921.

39 *Ibid.*

40 Minuta ta' Ellis, 2 ta' Novembru 1921. CO158/425/53591.

41 Minuta ta' Risley, 6 ta' Mejju 1926. CO158/439/3887.

42 Ara *Endemic Democracy*, chapter 10; u Dominic Fenech 'How Malta Lost Self-Government, 1930-1933', J. Abela, E. Buttigieg, K. Farrugia (eds.) *Malta Historical Society Proceedings of History Week 2011*, Malta, Midsea Books 2013.

# NOTA DWAR L-AWTUR

**Dominic Fenech** hu professur tal-istorja moderna u kontemporanja, Kap tad-Dipartiment tal-Istorja, u Dekan tal-Fakultà tal-Arti, fl-Università ta' Malta. Għandu D.Phil fl-istorja moderna mill-Università ta' Oxford, fejn studja bħala Rhodes Scholar. L-interessi ewlenin ta' riċerka u tagħlim tiegħu huma l-oqsma tal-politika Mediterranja kontemporanja, l-istorja politika u kostituzzjonali ta' Malta, u l-iżvilupp politiku kurrenti Malti u dak internazzjonali.

# IL-QAWMIEN TAL-POPLU MALTI

**FRANCIS GALEA**

Meta l-Malti tmisslu l-ħobża ta' kuljum tkun ġegħeltu jmiss il-qiegħ nett tal-għajxien tiegħu. Meta mbagħad lil dan il-poplu mifni bit-taxxi indiretti u mħolli f'injoranza u illitteriżmu kbir jiġi mxewwex, kull ilma jibda jaħsbu misħun. F'dak l-ambjent is-saħħa tal-kelma fil-bliet u l-irħula tagħna kienet biss dik li toħroġ minn fomm il-kappillan, il-manifk u l-avukat tar-raħal li aktarx kont issibhom jiddominaw miz-zuntier tal-knisja sal-każin tal-banda tar-raħal. Hemm kienu jinħmew u jinxterdu l-aħbarijiet ta' kuljum fid-dinja tar-raġel. Dinja li fiha l-mara tħalliet imwarrba fil-ħidma tad-dar u t-trobbija tal-ulied. Il-qawmien u l-għadab li wassal għall-ġrajja tas-7 ta' Ġunju 1919 kien kawża ta' diversi ħwejjeġ li marru mill-ħażin għall-agħar. Sa mill-1813, minkejja li l-Ingliżi ġew mistiedna jgħammru f'pajjiżna, bdew jinsġu Kostituzzjoni wara oħra li permezz tagħhom tiġi eletta minoranza żgħira ta' Maltin ta' skola, biex jamministraw il-pajjiż. Il-poplu żgħir tagħna ma kellu l-ebda identità waqt li l-ilsien Malti ma kienx rikonoxxut u l-parti l-kbira tax-xogħol amministrattiv tmexxa bl-ilsien Taljan. Tul is-snin feġġew nies bħal Giorgio Mitrovich, Camillo Sceberras, Manuel Dimech, Fortunato Mizzi, Sigismondo Savona u oħrajn li ħaqquha mal-Gvern Ingliż b'kull mezz bit-tama li niksbu Kostituzzjoni b'rappreżentanza u drittijiet xierqa, waqt li għallmu b'kitbiet u diskors lill-poplu dwar il-ħtieġa għal dan it-titjib. Iżda l-ideali ta' dawk tal-klassi ta' fuq kienu wisq iffukati fuq il-kwistjoni tal-lingwa Taljana u l-kultura, il-proprjetà u l-qligħ, kif ukoll, dejjem kontra s-sistema tat-taxxi diretti. Taxxi li għakksu l-aktar lil dawk li għexu fuq paga, dejjem meta kellhom ix-xorti jkollhom

impjieg. Għalhekk, fit-toroq tal-ibliet u l-irħula kont tara n-nies fqar imċaħħda, żmattati u mkerċħa fil-kesħa jew taħt il-qilla tax-xemx. Waqt li l-ħaddiema dejjem jimxu fid-dlam lejn ix-xogħol u lura d-dar b'xi daqsxejn ta' ċurniena b'xi biċċa ħobż niexfa u basla ħalli jkollhom biex jitrejqu u jżommu fuq saqajhom.

B'hekk naraw li filwaqt li l-klassi ta' fuq kellha l-aġenda tagħha, xi ftit din setgħet tgħin lill-klassi t'isfel għaliex bl-istrumenti tal-Kostituzzjoni kellhom mezz biex forsi titjieb il-qagħda soċjali. Qagħda kerha li twaħħax fejn il-povru bniedem li jidħol fid-dinja tax-xogħol kellu jaħdem 'il fuq minn tnax-il siegħa b'paga miżera li aktarx twasslu jiddejjen biex jixtri l-ikel u xi mediċini għall-familja. Qagħda li kompliet tikrieh mal-miġja tal-Ewwel Gwerra Dinjija ta' bejn l-1914-18, meta tal-inqas ix-xogħol żdied u taffa ftit mill-pjaga. Kien żmien meta f'pajjiżna kellna biss suriet ta' għaqdiet bħala bidu tat-tradeunionism, fejn fosthom niltaqgħu ma' Henry Ear li waqqaf il-*Malta Government Workers' Union* li fi ħdanha ġabret bosta ħaddiema tat-Tarzna u kellha tkun l-ewwel unjin li għamlet strajk f'Mejju 1917.

Wara tmiem il-gwerra l-poplu Malti stħajjel li se jieħu xi premju għas-sagrifiċċji li għamel kemm fit-taqbid u mwiet ta' suldati Maltin fid-Dardanelli u Gallipoli kif ukoll bl-allokazzjoni ta' madwar 20,000 sodda li kellna biex nilqgħu u ndewwu l-feruti li nġabu fi gżiritna. Minflok, filwaqt li l-popolazzjoni laħqet il-212,000 persuna, ix-xogħol naqas u l-imgħallmin setgħu jħallsu l-pagi li jogħġobhom għaliex jekk il-ħaddiem jitniffes jixħtuh 'l barra u jimpjegaw lil ħaddieħor. Din is-sitwazzjoni pinġiha tajjeb il-ġurnal Il-*Ħmar* tad-9 ta' Frar 1918 meta kiteb li "mhux sewwa li għandna ngħixu bħall-mulett biss, bil-ħobż u l-ġobon...min jista' jixtrihom." Il-persuni bla xogħol bdew jaqgħu għall-vizzji tal-karità nkella s-serq biex ħafna spiċċaw ħammġu l-kondotta meta nqabdu jisirqu xi tiġieġa nkella xi prodotti tar-raba' biex ikollhom x'jieklu. Fil-kampanja n-nies kienu xi ftit aħjar għaliex setgħu jgħixu fuq l-uċuħ tar-raba' tagħhom waqt li oħrajn b'ħiliet ta' ċerti snajja', il-ħalġ tat-tajjar, is-saqqijiet tal-ħaxixa, xi xogħol ta' ħjata nkella jseftru kienu jaqilgħu biex tal-inqas ma jorqdux bi stonku vojt. Qalb l-għaks u l-faqar ftit feġġet tama għal dawn in-nies għaliex il-bqija tar-raħal kien fqir daqshom u allura l-kummerċ staġna għalkollox. Mill-banda l-oħra kienu jħossu qalbhom tingħafas jaraw lis-sinjuri paxxuti ma jonqoshom xejn, ġejjin bil-karozza jixxalaw fil-villaġġjatura f'raħalhom. Dan biex ma nsemmux dawk il-persuni b'xi diżabilità, il-morda u r-romol. Flaġell ieħor fl-1918 wasal kawża tal-influwenza Spanjola li nxterdet bħal epidemija u laqtet postijiet bħall-mandraġġi u l-kerrejja.

In-nuqqas ta' flus fl-idejn kawża ta' nies bla xogħol jew pagi baxxi waqt li s-servizzi soċjali ma kinux jeżistu f'pajjiżna, wassal biex dawn il-pjagi jkomplu jikbru u jiġu infettati. Meta toħroġ xi żieda fil-pagi l-ogħla persentaġġ ħaduh dawk li kellhom paga għolja waqt li min kien idaħħal xi 50 ċenteżmu fil-ġimgħa kien kważi ma jieħu xejn, u fl-istess waqt jintqal li l-kaxxa ta' Malta vojta. Sa dak iż-żmien ħadd ma ħaseb biex parti mid-dħul tat-taxxi jmorru għas-servizzi soċjali ħalli jiġu megħjuna l-ħaddiema bla xogħol jew li jweġġgħu fuq il-post tax-xogħol, inkella jormlu. Pajjiżna kellu jistennna sal-1928 biex tiddaħħal il-*Workmen's Compensation Act* u għoxrin sena oħra biex tidħol il-Pensjoni tax-Xjuħ fl-1948 u pensjonijiet u benefiċċji oħra li ddaħħlu fl-1956. Għalhekk, dawn l-imsejkna li lanqas kellhom saħħa jew faċilità li jmorru jittallbu, għexu b'dak li pprovdewlhom il-Bord tal-Karità jew xi għaqda reliġjuża. Il-problema baqgħet li tal-klassi ta' fuq baqgħu jħarsu għad-dritt jew aktar 'il fuq bla ma taw widen għal dak il-martirju li l-poplu ħaddiem Malti kien għaddej minnu, filwaqt li fil-prietki wieħed kien jisma' li r-relazzjoni tiegħu mal-mara kellha twassal dejjem għat-twelid ta' aktar ulied. L-egoiżmu kompla joħroġ fid-deher meta fl-1918 iddaħħlet it-Taxxa fuq il-Wirt bl-għajnuna tal-Av. Mikielang Refalo, għal dawk li jħallu aktar minn £300 wara mewthom, liġi li sabet oppożizzjoni kbira mill-għonja u mill-knisja Maltija. Is-sinjuri xorta sabu tarf ta' din it-taħbila billi għollew il-kera u l-qbiela.

L-abbużi daħlu f'kull bżonn li kellu l-bniedem tant li minkejja d-dqiq ħażin li allura jirriżulta f'ħobż kważi iswed u jaqtagħlek l-aptit, il-prezz żdied u beda jinbiegħ b'ħames soldi u nofs u mbagħad sitt soldi r-ratal. U dan meta ħaddiem komuni kellu paga ta' madwar 1s 6d, jiġifieri 18-il sold. Il-bniedem ma jgħixx bil-ħobż biss, iżda jrid ukoll il-ħalib, l-għaġin u xi naqra xaħam jew butir. L-għafsa kbira fuq il-ħaddiem ġabitu f'qagħda li jekk tidħol xi marda fil-familja beda jżomm lura milli jmur għand tabib għaliex lanqas ikollu flus f'idejh ħa jħallsu u jixtri l-mediċini meħtieġa. Iżda għall-bqija tal-poplu paxxut fil-lussu u b'saħħa finanzjarja biex jimpjega miegħu xi seftura u xebba oħra biex twennes it-tfal u ssajjar, dawn il-ħwejjeġ qishom lanqas biss kienu jeżistu u spiss kienu jixħtu l-ħtija kawża tal-injoranza u nuqqas ta' tagħlim. Uħud spiċċaw iseftru f'kollox tant li ftit wara kont tarahom joħduhom lejn Għawdex fejn inkiss inkiss iġibu xi wild fid-dinja! Ġużè Orlando kiteb: "L-Ingilterra kienet taf b'din il-klikka privileġġata, u aktarx kienet tilqa' t-talba tagħhom u b'hekk tkompli tipprivileġġahom fuq il-magħsura kotra analfabeta."

Għax hawn niltaqgħu ma' pjaga oħra, fejn il-faqar ikompli jġib aktar faqar materjali, fiżiku u mentali. Ulied il-fqir beda jinstabilhom xi

xorta ta' impjieg ta' età żgħira ħafna biex iġibu xi sold lejn id-dar u mhux imorru jaħlu l-ħin l-iskola. Ma sabu lil ħadd jinkoraġġihom u jurihom triq aħjar, anzi approfittaw mis-sitwazzjoni biex jekk jeħtieġu xi lavrant ikunu jistgħu jimpjegaw xi daqsxejn ta' tfajjel ħalib ommu fi snienu, u li jkun kuntent anke jekk jagħtuh xi ħaġa x'jiekol għax-xogħol li jagħmlilhom. F'dan l-hemm kollu kif ukoll bi protesta, fis-sena 1919 il-karnival ma kienx suċċess u t-toroq tal-Belt kienu kważi vojta mill-kostumi u l-maskaruni waqt li *Empire Day* ma saritx u minflok il-Belt Valletta kienet f'luttu. Il-korla nħasset sew għaliex fil-Belt ma kontx tara l-bandiera Ingliża tperper ħlief għal f'xi erba' postijiet fosthom l-uffiċċju tal-ġurnal servili *Daily Malta Chronicle* u Ellis tar-ritratti. L-għadab u r-rabja ma kinux biżżejjed li jwarrbu l-briju għaliex biex tgħix trid tiekol, u għalhekk ħafna Maltin u Għawdxin bdew ifittxu toroq oħrajn ħa jaraw kif jistgħu jgħixu ħajja sura ta' nies.

Waħda mit-toroq u li wkoll inzertat mimlija tbatija kienet l-emigrazzjoni u ċ-ċaħda mill-familja u art twelidek. Aktar nies bdew iħallu xtutna u jmorru lejn pajjiżi fil-Mediterran, fosthom Tuneż, Lixandra, l-Alġerija u Marsilja bit-tama għal ħajja aħjar. Meta ż-żmien għafas aktar u s-sitwazzjoni f'dawn il-pajjiżi ma baqgħetx daqstant tajba, il-Malti kellu jħares lejn pajjiżi aktar imbiegħda fosthom l-Ingilterra, l-Amerka u aktar tard l-Awstralja. Ma' din il-pjaga niltaqgħu m'oħra ta' nuqqas ta' djar l-aktar fl-ibliet. L-immoralità b'familji ta' ħamsa min-nies jgħixu f'kamra waħda u l-prostituzzjoni refgħu rashom biex f'postijiet fil-belt u l-Furjana spiċċaw b'min jew joqħob inkella jqaħħab.

***"Il-poplu żgħir tagħna ma kellu l-ebda identita waqt li l-ilsien Malti ma kienx rikonoxxut u l-parti l-kbira tax-xogħol amministrattiv tmexxa bl-ilsien Taljan.***

Il-ġurnali taw sehem kbir fit-tixrid ta' x'kien qed jiġri u aktar, li wasal il-waqt biex il-poplu jqum fuq tiegħu ħa juri lill-ħakkiema li mhux lest joqgħod għal kollox. Anzi fissru wkoll li kellhom juru l-qilla tagħhom bil-preżenza fiżika u jħarsu f'għajnejn il-ħakkiema mingħajr ma jkollhom għalfejn ibaxxu rashom. Minkejja li ħafna ma kinux jafu jaqraw, il-bosta ġurnali li kienu jiġu stampati kellhom bejgħ tajjeb. U dawk li jaqraw draw jgħaddu dak li jixxandar lil persuni oħrajn fil-ħwienet u l-pjazez fejn imdorrija jiltaqgħu l-irġiel. Fost l-aktar qliel insibu *La Voce del Popolo, L'Unjoni Maltija, Il-Ħmar u Malta Għada Tagħna.* Uħud mill-edituri mhux biss kellhom kliem iebes għan-nuqqas ta' drittijiet f'idejn il-Maltin u l-għoli tal-ħajja, iżda fetħu idejhom sew għal dawk il-kittieba li riedu jagħtu l-opinjonijiet tagħhom, anke dawk b'tendenzi Dimekkjani. B'hekk il-poplu jisma' llum u jerġa' l-għada fehem li s-sejħa ġenwina li bdiet issir kellu jirrispondi għaliha ħa juri li hu Malti u mhux lest jibqa' mkasbar. Il-poplu beda jdaħħalha f'moħħu li ma setax jibqa' jiġġieled il-gwerer għal ħaddieħor li wara malajr jirpilja filwaqt li hu jintesa u jibqa' mgħaffeġ u batut. Is-salvazzjoni minn dan kollu setgħet tasal biss billi l-Maltin ikollhom aktar saħħa politika f'idejhom ħa jtejbu ħajjithom, waqt li b'direzzjoni ekonomika tajba jinħolqu aktar impjiegi garantiti u b'pagi diċenti. Fisser tajjeb it-tabib Ġużè Bonnici meta kiteb: "Is-7 ta' Ġunju kien logħba ta' klikka privileġġata li riedet tipprofitta ruħha mill-iskuntentizza għall-Ingliżi fost il-kotra biex tilħaq l-iskopijiet ta' rasha, kienet logħba ta' klikka privileġġata li ġabet il-kotra biex tisserva biha, kienet logħba li spiċċat fi traġedja."

# WARA LI ĊAQĊQET IL-QASBA

L-appell li ħareġ it-tabib Filippo Sceberras f'Novembru 1918 biex titwaqqaf Assemblea Nazzjonali b'rappreżentanza mis-saffi kollha tal-poplu ntlaqa' b'entużjażmu kbir. L-ewwel laqgħa ta' din l-Assemblea nġabret fil-Każin *La Giovine Malta* fi Triq Santa Luċija l-Belt nhar il-25 ta' Frar 1919 u fiha ħadu sehem politiċi, kunsilliera, kleru, nobbli, professjonisti, negozjanti, xirkiet u assoċjazzjonijiet, ġurnalisti, każini tal-baned u diversi għaqdiet oħrajn. Meta ssejħet din il-laqgħa ġemgħat kbar ta' nies iltaqgħu l-Belt u ż-żewġt iħwienet li ttantaw jibqgħu miftuħin spiċċaw bl-armaturi mkissra. Il-pulizija għamlet li setgħet ħa tikkontrolla s-sitwazzjoni, iżda l-folla nqasmet f'diversi gruppi jiġru mat-toroq ewlenin kollha u jġiegħlu lil tal-ħwienet jagħlqu biex il-Belt Valletta saret qisha ċimiterju.

Wara din is-saħna, in-nies baqgħu jidħlu l-Belt u jagħmlu storbju sħiħ bin-negozji jieqfu għalkollox waqt li jinsulentaw lill-impurtaturi tad-dqiq bi protesta kontra l-għoli fil-prezz tal-ħobż. Fil-bidu ta' Mejju 1919 l-istudenti universitarji strajkjaw kontra xi riformi li l-Gvern ried idaħħal fis-sistema. Hawn huwa interessanti l-fatt jekk dawn l-istudenti pprotestawx minn rajhom inkella għaliex ġew instigati minn oħrajn, fosthom xi għalliema. Iżda d-dimostrazzjonijiet tagħhom issuktaw għal aktar minn għaxart ijiem b'folol ta' nies oħrajn jingħaqdu magħhom biex jiżvogaw f'dimostrazzjonijiet storbjużi mat-toroq tal-Belt. F'dawn il-protesti beda jintefa' ġebel, jitkisser ħġieġ, jinfaqa' xi bieb iżda qatt ma weġġa' ħadd.

It-talba li saret lill-Ministru tal-Kolonji fl-ewwel laqgħa tal-Assemblea, jiġifieri Kostituzzjoni b'awtonomija politika u amministrattiva ma ġietx

imwieġba mill-ewwel, u meta waslet kienet tgħid li l-Gvern Ingliż se jgħaddi dan ix-xogħol lill-Gvernatur il-ġdid li kellu jinħatar. Hawn l-Assemblea kważi nqasmet għaliex min ried jistenna tasal it-tweġiba u min ried jaqta' u ma jħallix il-Gvern Ingliż jitnikker u jidħak bina. Din l-aħbar kompliet qanqlet lill-poplu u mlietu b'aktar rabja, tant li meta sar jaf li l-Assemblea Nazzjonali kellha tiltaqa' mill-ġdid nhar is-Sibt 7 ta' Ġunju 1919, minn kmieni waranofsinhar in-nies ħonqu t-toroq ewlenin tal-Belt. Imbagħad infexxew iċapċpu lid-delegati u lit-tabib Sceberras huma u deħlin fil-*Giovine Malta*. Meta ngħalaq il-bieb u bdiet il-laqgħa n-nies bdew jinxterdu mat-toroq kollha u ħassu li kellhom jagħmlu bħall-ewwel darba u jġiegħlu lil tal-ħwienet jagħlqu. Kull fejn dehret bandiera Ingliża, il-folla rat kif għamlet biex tinqala'. Attakkaw diversi postijiet fi Strada Rjali, fosthom il-Union Club fejn illum hemm il-Mużew tal-Arkeoloġija, il-Bibljoteka u l-Liċeo, u hawn qattgħu u ħarqu wkoll il-Union Jack. Fl-istess waqt spiss bdiet tintefa' xita ta' ġebel, viti u biċċiet tal-injam lejn it-twieqi tal-bini fosthom il-Palazz.

Ċerti li dan ma kienx biżżejjed, il-folol ta' nies irrabjati u fis-saħna li telgħet għal rashom attakkaw il-bini tal-istamperija tal-*Chronicle* minn fejn kien joħroġ l-aktar ġurnal imperjalista. Hemm faqgħu l-bieb u bdew ikissru kulma jsibu quddiemhom tant li l-ħaddiema tal-istamperija kellhom jaħarbu. Meta għamlu sfreġju sħiħ mill-magni u l-għodod tal-istampar, li wħud minnhom inxteħtu għat-triq, taw in-nar lil-lok li dam jaqbad sa tard filgħaxija. Minn hemm irħewlha lejn id-dar tal-Av. Ċikku Azzopardi, wieħed min-nies li l-aktar kien mibgħud mill-poplu kollu. Hemm żgassaw il-bieb u ħarbtu d-dar b'tali mod li rmew l-għamara mit-twieqi 'l barra, iżda b'xorti tajba l-avukat ma kienx hemm għaliex min jaf kif kienet tispiċċa. Id-dar l-oħra li ġiet attakkata kienet tan-negozjant tad-dqiq u l-qamħ Cassar Torreggiani. Hawn għamlu ħerba oħra bi tpattija għall-ħobż ismar u ħażin bi prezz għoli li kien ilu jitma lill-poplu.

Kien hawn li nħass li kellha tittieħed deċiżjoni oħra, meta l-pulizija Maltin ma setgħux isibu tarf il-folol imxerrda mat-toroq kollha tal-Belt Valletta u ġew ordnati li jidħlu fizzjali u suldati biex iferrxu n-nies. Filwaqt li kellhom forzi lesti f'Kastilja, iddaħħlu mas-70 mill-Furjana u stkennew fil-bini tal-Qorti. Minn hemm intbagħtu f'żewġ gruppi lejn il-bini tal-*Chronicle* u Strada Forni fost il-garar ta' oġġetti u insulti tal-Maltin. Biex jifirqu n-nies bdew jużaw iċ-ċippijiet tal-azzarini u wara ħadu pozizzjoni ta' żewġ fillieri waħda fuq kull naħa tat-triq. F'ħin minnhom is-suldati niżlu għarkopptejhom u sparaw darbtejn. Mill-inkjesta li saret wara sar magħruf li b'dawn it-tiri fi Strada Forni nqatlu Manuel Attard ta' 27 sena minn tas-Sliema u Ġużeppi Bajada ta' 34

sena mix-Xagħra Għawdex, filwaqt li sfaw feruti xi seba' min-nies oħra. Is-suldati li marru u daħlu ġewwa l-binja tal-*Chronicle*, xħin ġew biex joħorġu, raw ħuġġieġa nar quddiem il-bieb u sparaw lejn il-ħuġġieġa u darbu żewġt irġiel. Wieħed mill-midruba kien Wenzu Dyer mill-Birgu li mexa ftit passi fil-pjazza tal-Palazz u waqa' mejjet. F'dan il-ġenn kollu grupp ta' persuni dehru bil-katavru ta' Bajada mgeżwer f'bandiera Maltija waqt li oħrajn bdew jgħinu lill-midruba biex jikkurawhom f'Berġa li kien hemm fi Strada Stretta. Wara, in-nies mgħaddba sew bdew jinxterdu u minkejja l-korla ta' ġo fihom telqu lejn id-dar.

L-għada, b'xorti ħażina kellu jkompli jinxtered aktar demm ta' Maltin, meta l-Ħadd filgħodu aktar folol inġabru l-Belt Valletta u b'vendikazzjoni kif lemħu suldat hebbew għalih u tawh xebgħa kbira tant li miet xi xahar u nofs wara. Wara marru jkomplu jagħmlu ħerba minn dak li kien fadal mill-istamperija tad-*Daily Malta Chronicle* fejn taw in-nar li baqa' miexi lejn il-Każin Malti. Waranofsinhar in-nies reġgħu nġabru l-Belt u marru lejn il-Main Guard u għamlu storbju sħiħ iżda ma nqalgħux inċidenti. Minn hemm marru quddiem il-Union Club u beda l-garar ta' xi muniti. Mix-xhieda mhux ċert jekk it-tfigħ bediex mill-Maltin inkella mill-Ingliżi. Il-Maltin bdew jitfgħu l-ġebel u tkisser ħafna ħġieġ, u billi l-pulizija ma setgħu jagħmlu xejn issejjaħ l-ewwel stakkament tal-R.M.A. u aktar tard ġabu l-morini. Iżda f'xi ħin wara s-6.00 ta' filgħaxija l-Maltin attakkaw il-binja ta' Francia quddiem it-Teatru Rjal, billi l-Kurunell Francia kien wieħed mill-impurtaturi tal-qamħ. Fis-saħna tal-mument in-nies bdew jixħtu l-ġebel lejn it-twieqi u l-galleriji bil-ħġieġ jinkiser waqt li oħrajn ippruvaw jiżgassaw il-bieb ta' barra. Bis-sewwa jew bid-dnewwa n-nies irnexxilhom jiftħu bieb tal-ġenb u daħlu ġewwa u għamlu ħerba sħiħa minn kulma sabu quddiemhom. Il-familja Francia rnexxilhom jinħbew fil-kantina.

Sadanittant tela' stakkament ieħor ta' morini mid-dwana li daħlu għal għarrieda u bdew jisparaw u jgerrxu n-nies. F'dan il-ħin intlaqtu xi Maltin fosthom Karmenu Abela ta' 46 sena mill-Mandraġġ il-Belt li miet l-isptar fis-16 ta' Lulju u wara n-nies tferrxu mat-toroq kollha. Iżda minn hemm grupp ta' nies marru lejn il-Ħamrun fejn attakkaw id-dar ta' Farrugia li wkoll kellu l-magni tad-dqiq. Hemmhekk, folla kbira ta' madwar 700 persuna attakkaw id-dar minn fejn il-familja laħqet ħarbet u l-mitħna li kienet biswitha. Kienu rapurtati wkoll inċidenti oħrajn f'diversi nħawi ta' Malta fosthom iż-Żejtun, Ħal Qormi, il-Ħamrun u r-Rabat fejn il-mira ewlenija kienet fuq negozjanti u sidien ta' ħwienet. Orlando jkompli: "Ġara s-Sebgħa ta' Ġunju, il-bidu tal-qerda għal dik il-klikka misħuta għal Malta, għal dik il-klikka illi għal ħsibijiet egoistiċi u baxxi tagħha ħalliet lill-poplu Malti l-aktar injorant illi fiha l-Ewropa."

Il-konklużjoni ta' dawn ix-xeni ta' rabja, qilla, disprament u fuq kollox dmija kienu xhieda li l-Maltin xebgħu mjassra fis-sistema qadima u riedu jkunu huma, Maltin ulied ta' Nazzjon li ħaqqu l-istima bħal kull poplu ieħor. Għall-ewwel darba l-poplu deher magħqud u determinat li jikseb dak li l-bniedem jixraqlu biex jgħix sura ta' nies. Iġġieled biex jingħata Kostituzzjoni xierqa li tagħtih aktar drittijiet u kontrolli fuq dak li jiġri f'din il-gżira, u fuq kollox urew l-għadab lejn dawk li għamluh fqir fost l-aktar foqra meta għollew il-prezz tad-dqiq u l-ħobż. Xhieda ta' dan, il-poplu battal ir-rabja tiegħu fuq tlieta mill-importaturi u taħħana tal-qamħ li biex ikomplu jħaxxnu bwiethom għakksu lill-poplu ħuhom bi prezzijiet iebsa biex jixtri ħobża. U bla ma ntebħu taw bidu għall-ħolqien ta' Moviment qawwi tal-ħaddiema.

## BIBLIJOGRAFIJA


Azzopardi Ġeraldu Meta *l-Malti Għadab* (1979)

Bonnici, Ġużè *Storja tal-Partit tal-Ħaddiema* (1931)

Frendo, Henry *Ir-Rivoluzzjoni Maltija tal-1919* (1970)

Galea, Francis *Ma' Sebħ is-Seklu* (1990)

Orlando, Ġużè Il-Ġrajja *tas-Sette Ġunju* (1928)

Sant, Michael A., *Sette Giugno 1919 Tqanqil u Tibdil* (1989)


## NOTA DWAR L-AWTUR

**Francis Galea** twieled il-Mosta u llum jgħix iż-Żejtun. Huwa ppubblika għadd ġmielu ta' kotba, fosthom numru sabiħ imsejsa fuq temi soċjopolitiċi, fejn laqat l-aspetti soċjali, kulturali u politiċi kemm nazzjonali kif ukoll fid-diversi bliet u rħula ta' pajjiżna. Għalkemm ħafna kontribuzzjonijiet tiegħu huma ffukati fuq il-bidu tas-seklu għoxrin sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, f'xogħlijiet aktar riċenti, li wħud għadu jaħdem fuqhom, Galea daħal ukoll fis-sitwazzjonijiet tas-snin ta' wara l-1945.

# LEJN IL-ĠRAJJIET TAS-7 TA' ĠUNJU U L-ISTUDENTI UNIVERSITARJI

**GEORGE CASSAR**

Il-ġrajjiet li wasslu għall-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju tista' tgħid missew is-setturi kollha tas-soċjetà Maltija. Dan ma setax jonqos minħabba l-fatt li kien hemm wisq entitajiet u setturi li kienu qed jogħtru taħt il-piż tar-realtajiet attwali – politiċi, soċjali, ekonomiċi – u jaspiraw għal futur aħjar. Protagonisti tal-ħajja Maltija kienu qed iħossu li kien hemm bżonn ta' bidla għall-aħjar u biex din isseħħ kellhom isibu l-mezzi biex jaħsbu, jaħdmu u jaġixxu. Fost dawk il-gruppi u setturi f'Malta li kienu ta' din il-fehma kien hemm l-istudenti universitarji li filwaqt li kienu qed jieħdu formazzjoni biex 'il quddiem ikunu s-sinsla intellettwali u professjonali tal-pajjiż, kienu qed iħossu fuqhom il-pressjoni tal-Gvern Kolonjali li kien qed jara kif se jdaħħal bidla fil-gradi akkademiċi li huma kienu qegħdin jistudjaw għalihom fl-Università ta' Malta. Dan kien fatt gravi li kompla żdied mal-preokkupazzjonijiet l-oħra li l-klassi studenteska kienet qed tħoss fl-istess żmien.

# JITWAQQAF IL-COMITATO PERMANENTE UNIVERSITARIO

Mal-qalba għas-seklu għoxrin l-istudenti tal-Università ta' Malta kienu bdew iħossu li fl-għaqda hemm aktar saħħa, u għalhekk dehrilhom li kellhom iwaqqfu organizzazzjoni li tgħaqqadhom flimkien, u li permezz tagħha setgħu jmexxu 'l quddiem l-interessi tagħhom bħala korp studentesk. Emmnu wkoll li permezz ta' din l-organizzazzjoni setgħu b'mod aktar effikaċi jitħejjew għall-ħajja ta' tmexxija fl-oqsma varji tal-ħajja Maltija. B'dawn il-konsiderazzjonijiet f'moħħhom fl-1901, matul ir-rettorat tal-Professur Napuljun Tagliaferro, l-istudenti universitarji qatgħuha li kien wasal dak il-mument li jifformaw l-assoċjazzjoni tagħhom u hekk ikunu jistgħu jsostnu aħjar il-moviment favur id-difiża tas-sentiment nazzjonali li f'dak iż-żmien raw u ħassew li kien qed ikun mhedded mill-ħakkiema Britanniċi. L-istudenti raw li kien hemm assalt fuq l-ilsien u l-kultura ta' Malta (jiġifieri t-Taljan) kif ukoll fuq il-libertajiet politiċi li l-klassi politika Maltija kien irnexxiela, tajjeb jew ħażin, tikseb bi tbatija kbira sa dak iż-żmien. Il-korp studentesk ma setax jibqa' inattiv jew insensittiv f'dawn iċ-ċirkustanzi, imma s'issa kien għadu ma daħalx b'mod konkret fit-taqbida tal-imħuħ li kienet għaddejja fil-pajjiż. L-istudent tal-liġi Arturo Mercieca ntefa' b'ruħu u b'ġismu biex ibiddel dan kollu u għalhekk għamel ħiltu kollha biex jifforma l-ewwel kunsill minn fost il-ftit studenti universitarji li kienu jiffrekwentaw l-Università f'dak iż-żmien. Ried li din l-organizzazzjoni li xtaq iwelled tkun waħda awtonoma u indipendenti ħalli b'hekk, kif sostna Mercieca stess, ikollha ħelsien sħiħ fl-azzjonijiet tagħha. Hekk twieled il-*Comitato*

*Permanente Universitario* (CPU) b'delegati mill-Fakultajiet preżenti fl-Università ta' Malta fl-1901, filwaqt li l-presidenza ġiet offruta lil Arturo Mercieca li kellu jibqa' jokkupaha sakemm iħalli l-Università.[1] Il-CPU ntefa' għax-xogħol li kien twaqqaf għalih u hekk ħa sehem fil-kampanja politika li kienet qed titħeġġeġ f'Malta u li kompliet sakemm inkisbu r-riformi politiċi li segwew l-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju 1919, u aktar lil hinn. Hekk bdiet l-għaqda studenteska li għadha attiva sal-lum taħt it-titlu ta' Kunsill Studenti Universitarji (KSU).[2] L-isem oriġinali kien mibni fuq dak ta' kumitati studenteski attivi fl-Italja,[3] u dan ma setax ikun mod ieħor minħabba li l-fundaturi tal-CPU kienu ferm viċin il-lingwa u l-kultura Taljana.

L-għanijiet imsemmija rigward sehem akbar fil-ħajja u l-ġrajjiet tal-pajjiż mill-ewwel daħħlu lill-istudenti universitarji f'attiviżmu ħaj u sinifikanti. Tant hu hekk li l-preżenza tal-istudenti spikkat f'manifestazzjonijiet nazzjonali bħalma kien il-meeting tal-5 ta' Mejju tal-1901 kontra l-impożizzjoni ta' taxxi ġodda u biex juru appoġġ għal-lingwa Taljana li kien qed jidher dejjem aktar ċar kemm kienet qed tiġi mhedda mil-lingwa Ingliża. Il-poplu ltaqa' barra Bieb il-Bombi fil-Floriana f'manifestazzjoni tant kbira li Arturo Mercieca ħass li seta' jiddeskriviha bħala '*stragrande*' u li ġabet flimkien nies minn Malta u minn Għawdex. F'din l-okkażjoni l-president tal-CPU ngħata spazju biex jagħmel indirizz qasir lill-folla, u kif spiċċa, għan-nom tal-istudenti universitarji, Mercieca ppreżenta bandiera Maltija lill-Dott. Fortunato Mizzi li kien għadu kif ħa f'idejh it-tmexxija tal-Partit Nazzjonalista. Din il-bandiera kellha fuqha l-iskrizzjoni: '*Gli studenti del 1901 a Fortunato Mizzi, gloria del presente, esempio alle future generazioni*' (L-istudenti tal-1901 lil Fortunato Mizzi, ġieħ tal-preżent, eżempju għall-ġenerazzjonijiet ta' għada). Waqt li ħa l-bandiera, Mizzi biesha u għannaq lil Mercieca. Il-preżenza tal-istudenti kienet ġiet rikonoxxuta tant li barra li kienu milqugħa kordjalment, ġew mistiedna għal numru ta' ljieli organizzati ad unurhom fit-Teatru Rjal tal-Belt Valletta u f'teatru ġewwa Bormla. Mid-dħul li ġie ġġenerat minn dawn l-okkażjonijiet, l-istudenti ngħataw fondi biex iħallsu l-multi li kienu ġew imposti fuqhom mir-Rettur tal-Università talli ħadu sehem fil-manifestazzjoni ta' Bieb il-Bombi u f'dimostrazzjonijiet oħrajn. U billi l-istudenti komplew jattendu laqgħat oħra, ħarġet ukoll ordni biex jiġu mkeċċija u l-Università tiġi magħluqa.[4]

Madankollu dawn l-ordnijiet u theddid ma kissrux lill-korp studentesk. Għall-kuntrarju, l-istudenti aktar issaħħu fid-determinazzjoni tagħhom u raw kemm kien bżonnjuż li jkunu magħqudin u li jlaqqgħu l-ideat u l-ħsibijiet tagħhom. Fi kliem Arturo Mercieca, "*Mancava loro un ambiente adatto dove scambiare le proprie idée, stimulare i sensi*

*patriottici, e insieme procurarsi svaghi convenienti alla lore età"* (kellhom bżonn l-ambjent adatt fejn setgħu jaqsmu l-ħsibijiet tagħhom, jitħeġġu fis-sentimenti patrijottiċi, u jsibu modi kif setgħu jqattgħu l-ħin skont l-età tagħhom). Minn dan il-bżonn ħareġ iċ-Circolo La Giovine Malta li twaqqaf minn grupp ta' voluntieri wara laqgħa li kienet saret fil-Każin tal-Banda La Valette. L-ewwel sede taċ-*Circolo* kien ġewwa Triq Britannia fil-Belt Valletta, u Arturo Mercieca inħatar president.[5]

Probabbli ħadd f'dak il-mument tat-twaqqif ma seta' verament jobsor x'sehem importanti kien se jkollha fil-futur *La Giovine Malta* fil-ġrajjiet nazzjonali u kif imbagħad irriżulta matul il-ġrajjiet tas-*Sette Giugno*, il-Kostituzzjoni Amery-Milner tal-1921, u magħha l-kisba ta' Gvern Responsabbli u l-ewwel Parlament Malti.

> ***"...ħadd f'dak il-mument tat-twaqqif ma seta' verament jobsor x'sehem importanti kien se jkollha fil-futur La Giovine Malta fil-ġrajjiet nazzjonali u kif imbagħad irriżulta matul il-ġrajjiet tas-Sette Giugno, il-Kostituzzjoni Amery-Milner tal-1921, u magħha l-kisba ta' Gvern Responsabbli u l-ewwel Parlament Malti.***

# L-ISTUDENTI JILAGĦBU L-PARTI TAGĦHOM

Mat-twaqqif tal-CPU, il-korp studentesk adotta stil ta' ħajja ta' universitajiet Ewropej bħall-introduzzjoni ta' beritta partikulari li kienet tiddistingwi student universitarju minn persuni oħra f'manifestazzjonijiet pubbliċi. Żdiedet il-preżenza tal-istudenti f'dimostrazzjonijiet patrijottiċi b'sostenn għall-patrimonju nazzjonali. Aktar 'il quddiem ħadu sehem f'wirjiet ta' solidarjetà favur is-sehem tal-Italja matul l-Ewwel Gwerra Dinjija. Żdiedu wkoll il-vjaġġi u l-mawriet lejn l-Italja li komplew isaħħu s-sentiment pro-Taljan. Din il-qrubija bejn Malta u l-Italja kienet magħduda mill-istudenti bħala waħda bżonnjuża għax kienu jaraw dak kollu Taljan bħala l-wirt naturali ta' Malta u l-poplu tagħha.[6] Dan l-istess wirt kien ukoll mezz ta' għaqda għalihom u kien jagħżilhom minn dawk li kienu jxaqilbu favur l-Gvern Kolonjali u t-tradizzjoni Ingliża.

Il-Gwerra l-Kbira (1914-1918) ġiet u għaddiet. Malta ma kinitx ġiet affettwata estensivament minħabba li l-kolonja serviet bħala stazzjon għat-trasferiment tat-truppi u bħala port għall-vapuri tal-Alleati u qatt ma kienet involuta direttament fil-ġlied. Malta kienet ukoll sptar wieħed fejn il-feruti tal-front tal-battalja kienu jsibu refuġju u jagħmlu l-perjodu ta' konvalexxenza f'post sigur qalb il-ħbieb. Kien hemm mill-banda l-oħra numru ta' Maltin li ngħaqdu u ġġieldu fl-imkien mal-forzi armati tal-Imperu jew ħadmu mal-flotta merkantili, u wħud minnhom tilfu ħajjithom jew ġew feruti fil-ġlied fl-Ewropa, fil-Mediterran jew f'territorji oħra. Madankollu, kien hemm realtà partikulari li żgur affettwat lill-Maltin bħala riżultat tal-Gwerra l-Kbira. Din kienet marbuta mas-sentiment ta' libertà u ħelsien mill-ħakma mhux mixtieqa.

Fuq kollox din kienet waħda mir-raġunijiet għaliex ġiet miġġielda dik li ġiet idealizzata bħala 'l-gwerra li se ttemm il-gwerer kollha'. Nibtu għalhekk diversi movimenti f'pajjiżi differenti bil-għan li jaħdmu għall-emanċipazzjoni nazzjonali. Malta ma kinitx baqgħet sajma minn din iż-żiffa tal-bidla li tant kienet tinħass ħelwa fuq wiċċ dawk li kienu joħolmu f'pajjiż fejn imexxu n-nies tal-post u mhux dawk barranin. Nies bħal Dott. Filippo Sciberras u oħrajn attivi fil-politika Maltija ħassew li dak kien iż-żmien propizju biex jibdew jimbuttaw għal kostituzzjoni ġdida u aħjar għal pajjiżhom. Dik tal-1887 kienet forsi sopportabbli, imma dik tal-1903 żgur kienet l-antiteżi ta' dak kollu li kienu jixtiequ għal Malta. L-aspirazzjonijiet tal-klassi politika Maltija tħeġġu u nies, fosthom Dott. Giuseppe Mizzi, iben Fortunato, talbu lil Dott. Sciberras biex jieħu l-inizjattiva u jibda proċess fejn iressaq madwar mejda waħda gruppi varji mis-soċjetà Maltija u jmexxihom f'diskussjonijiet biex jirsistu għall-kostituzzjoni mixtieqa. Filippo Sciberras ma żammx lura u daħal għal din l-isfida iebsa. L-ewwel għaqda li aċċettat l-appell tiegħu, nhar id-29 ta' Novembru 1918, kienet il-*Giovine Malta*, f'dak iż-żmien immexxija mill-president Dott. Enrico Mizzi u s-segretarju Dott. Salvatore Xuereb. Malajr ingħaqdu mal-grupp dejjem jikber il-Comitato Patriottico taħt Mons. Ignazio Panzavecchia, iċ-*Chamber of Legal Procurators*, il-gazzetta *Voce del Popolo*, u l-korp studentesk permezz tal-*Comitato Permanente Universitario*. Studenti li sostnew lill-Filippo Sciberras kienu jinkludu lil Alessandro Stilon de Piro, Tito Castaldi u Vincenzo Frendo Azopardi.[7] Castaldi kien il-president tal-CPU f'dik l-epoka u hekk permezz tiegħu l-istudenti tal-Università ta' Malta poġġew lilhom infushom fuq quddiem tal-ġlieda għat-titjib kostituzzjonali ta' pajjiżhom.

Dan kien żmien meta l-istudenti ħassew motivazzjoni akbar biex jissieħbu f'dan il-moviment tal-Maltin kontra l-Gvern Ingliż. L-awtoritajiet Britanniċi kienu qed jippjanaw riforma fil-gradi universitarji li kienet se tolqothom fil-laħam il-ħaj. Il-ħsieb tal-Gvern kien li l-gradi LL.D., M.D. u D.D. jinbidlu għal LL.B., M.B. u D.B. u hekk jiżvaluta dawn il-gradi li huma kienu qed jistudjaw għalihom. Biex jilħqu l-gradi tad-dottorat oriġinali kien se jkollhom jistudjaw sentejn aktar u jagħmlu aktar eżamijiet.[8] L-istudenti universitarji tal-Liġi, il-Mediċina u d-Divinità ħarġu fit-toroq jipprotestaw kontra din ir-riforma li kienet qed tinħema. Dawn id-dimostrazzjonijiet studenteski saru fuq medda ta' ġranet bejn l-10 u 26 ta' Mejju tal-1919 u f'mument partikulari waqt li l-istudenti kienu mexjin matul it-toroq tal-Belt, huma lemħu lil Francesco Azzopardi, li kien membru kemm tal-Kunsill Leġislattiv kif ukoll ta' dak Eżekuttiv. Peress li hu kien qabel mal-Gvern Britanniku fuq din ir-riforma l-istudenti dehrilhom li kellhom ibeżbżuhielu u għalhekk isottawh bil-bajd.[9] Il-Pulizija ġabru l-mexxejja tal-istudenti u tellgħuhom il-qorti.

L-istudenti, madankollu, ma qagħdux kwieti, ma ħassewhomx intimidati; anzi. Ingħaqdu u għamlu strajk, u fosthom kien hemm Rosario Frendo Randon, Edoardo Critien, Carmelo Mifsud Bonnici 'il-Gross', u Paolo Borg Olivier.[10] U biex aktar juru l-animu kumbattiv tagħhom, dawk l-istudenti li kienu ttellgħu l-qorti marru għall-ewwel seduta f'karozza li kienet imżejna bil-fjuri. Matul it-triq kienu akkumpanjati minn sħabhom u nies oħra bil-karozza tinsaq bil-mod matul Triq Irjali, il-Belt. L-istudenti mixlija ntlaqgħu bħala eroj mill-folla preżenti u matul it-triq bdew iwaddbulhom il-fjuri, sakemm waslu quddiem il-qorti fejn intlaqgħu b'għajjat ta' approvazzjoni. Meta daħlu quddiem il-maġistrat, jgħidilna Dott. A.V. Laferla, dan ippospona l-kawża għal ġimgħa wara.[11] Dott. Herbert Ganado jżid li skont dak li kien jiftakar hu, meta l-istudenti akkużati dehru quddiem il-maġistrat, dan illiberahom. Ganado kompla li kienet ġriet ix-xniegħa li meta l-maġistrat sab quddiemu l-aqwa avukati tal-kriminal lesti biex jiddefendu lill-istudenti klijenti tagħhom, u awla ppakkjata bl-istudenti sħabhom, dan tħawwad. Għalhekk biex jeħles malajr minn dik is-sitwazzjoni skabruża, qatagħha li jagħtihom il-libertà. U kellu għalxiex jitħawwad għax dawn l-avukati difensuri kienu l-Konti Dott. Alfredo Caruana Gatto, Dott. Serafino Vella, Dott. Ugo Mifsud (president passat tal-CPU) u Dott. Giuseppe Degiorgio.[12]

Ir-reazzjonijiet għar-riformi maħsuba mill-Gvern kienu ilhom li faqqsu sa minn meta dawn dehru fl-Istatut tal-1915. L-Istatut kif emendat kien jaħseb biex ineħħu d-dottorati u dawn jiġu sostitwiti minn baċellerati. L-istudenti ħaduha bi kbira għax raw li barra li l-istatus tagħhom fis-soċjetà kien se jiġi affettwat negattivament kienu se jbatu wkoll il-prospetti futuri ta' xogħol. Fl-istess sena u fl-istess Statut il-*Comitato Permanente Universitario* ġie rikonoxxut mill-awtoritajiet.[13] Imma ma' dan ir-rikonoxximent kien hemm ukoll mossa biex il-CPU jiġi riorganizzat u anki jinbidillu ismu għal dak ta' *Students' Representative Council*. Ma jistax jonqos li l-CPU ħareġ qatta' bla ħabel kontra dawn l-attentati fuqu li hekk kienu żdiedu mal-assalt fuq il-gradi akkademiċi. Ir-reazzjoni tal-istudenti kienet li jidħlu b'ruħhom u b'ġisimhom f'konfront mal-Università. L-Istatut tal-1915 ħaseb ukoll biex l-Università tiftaħ korsijiet għan-nisa fejn, skont Artiklu 8 tal-Ewwel Kapitlu, kien iddikjarat li "*Sex shall not be a ground of disqualification*".[14]

Fl-1919 din il-konfrontazzjoni bejn il-korp studentesk u l-awtoritajiet universitarji kienet ċara u fid-deher. Ir-Rettur tal-Università u Direttur tal-Edukazzjoni, il-Prof. Enrico Magro, waqt l-evidenza li ta quddiem il-Kummissjoni li investigat l-avvenimenti tas-*Sette Giugno*, iddeskriva l-imġiba tal-istudenti fil-ġranet li kienu qed jistrajkjaw bħala waħda

nieqsa mid-dixxiplina. Fost l-azzjonijiet tal-istudenti kien hemm dik li għalqu b'katina u katnazz ir-rixtellu tal-ħadid tal-entratura għall-Università li kien jinsab fi Triq San Pawl. Ir-Rettur irrapporta wkoll li dawk li xtaqu jkomplu bl-istudji tagħhom ma tħallewx jidħlu fl-Università minn xi studenti li kienu qegħdin fuq strajk. Dawn il-protesti baqgħu sejrin sas-26 ta' Mejju u għalhekk l-awtoritajiet iddeċidew li jikkastigaw lil dawn l-istudenti billi ma jħalluhomx joqogħdu għall-ewwel sessjoni tal-eżami annwali. Din il-miżura kienet ukoll ġiet approvata mill-Gvernatur ta' Malta fil-pożizzjoni tiegħu ta' *Visitor tal-Università.* Magro kompla li fit-22 ta' Mejju hu kien għarraf lill-istudenti li kienu fuq strajk li jekk ma jirritornawx lejn il-klassijiet sas-26 ta' Mejju, dawn ma kinux se jitħallew jagħmlu l-ewwel sessjoni tal-eżamijiet. Ta wkoll permess lill-korp studentesk biex jagħmel laqgħa fl-*Aula Magna* tal-Università u wara kulħadd imur għal-rasu. Wara l-laqgħa nstabu żewġ ħġieġ tat-twieqi miksura u r-rixtellu ta' barra tal-Università żgassat, imma hu ma seta' jidentifika lil ħadd għal dawn l-azzjonijiet.[15]

> ***"L-istudenti taw ukoll sehemhom fil-ġranet u l-ġrajjiet marbuta mas-7 ta' Ġunju għax għalkemm kienu għadhom fuq strajk, dawn xorta kienu preżenti meta ssejħet l-Assemblea Nazzjonali. Huma kienu rappreżentati minn grupp ta' studenti determinati (balda pattuglia), u meta nqalgħu l-irvellijiet u bdew iweġġgħu n-nies, l-istudenti ġarrew il-feruti fil-Giovine Malta.***

Il-Prof. Magro żied li fit-23 ta' Mejju l-istudenti nġabru ħdejn l-Università u mbagħad akkumpanjaw lejn il-qorti lill-erba' sħabhom mixlija b'disturbi fi Triq Irjali. Iddeskriva l-korteo li fforma bil-karozzi mżejna bil-fjuri, u kompla li dawn daru mat-toroq tal-belt sa ma reġgħu waslu l-Università b'folla kbira takkumpanjahom. Din il-folla daħlet fil-bini tal-Università u kissret il-ħġieġ u għamlet ħsarat oħra.[16]

Ir-rakkont tar-Rettur isemmi wkoll il-ġurnata tas-27 ta' Ġunju, meta l-ġrajjiet imqanqla ta' ftit jiem qabel kienu għadhom friski fil-memorja tal-istudenti. Xehed li dakinhar l-istudenti nġabru fil-kuritur tal-Università u marru għandu biex jistaqsuh jekk kellux risposta għall-petizzjoni li huma kienu bagħtu lill-Gvernatur. Hu wieġeb li ma setax jagħtihom risposta u dan il-kliem qajjem reazzjoni fost l-istudenti. Huma bdew jgħajtu u jwerżqu, u waqt li telqu minn ħdejh bdew ikantaw il-*Marseillaise*. Xi wħud daħlu wkoll bil-moħbi fi klassi u waddbu bank u purtella ta' tieqa għal ġol-bitħa tal-Liċeo (li kien jagħmel parti mill-bini tal-Università).[17]

Dawn l-azzjonijiet, anki pprovokati mir-riformi li l-Gvern kien jidher li kien qed jaħmi biex inaqqas is-saħħa tal-istudenti universitarji, poġġew il-korp studenteski fl-avangwardja tan-nazzjonaliżmu Malti f'dak il-perjodu. Il-kant tal-*Marseillaise* kien sinjal wieħed. Sinjal ieħor kien l-għażla ta' Carmelo Mifsud Bonnici bħala l-president tal-CPU bejn l-1919 u l-1922; bniedem mwaħħad mas-sentimenti patrijottiċi u xempju tal-ispirtu tal-għerf. Kif ikkummenta l-Prof. Oreste Fernando Tencajoli, Mifsud Bonnici kien ilu jħaddan l-ispirtu tan-nazzjonaliżmu militanti minn meta kellu 16-il sena. Ikompli li sakemm iggradwa bħala avukat kien diġà għamel isem għalih innifsu fis-soċjetà Maltija permezz tal-isforzi sostnuti tiegħu fil-qasam politiku u bil-poeżiji patrijottiċi li kiteb.[18] Kien fil-fatt 'il-Gross' il-moħħ wara l-istrajk tal-istudenti tal-1919.[19] Għalkemm dan l-istrajk kien jidher motivat mill-attentat ta' riforma marbuta mal-gradi akkademiċi, kellu wkoll fil-mira l-ħakkiema kolonjali li r-riformi li kienu qed jintroduċu fil-pajjiż tqisu min-nazzjonalisti Maltin bħala ndħil u intrużjoni mistmerra u li għalhekk kellha tiġi opposta. Carmelo Mifsud Bonnici l-istudent, u wara l-politiku, kien għalhekk dejjem fuq quddiem jikkumbatti l-infiltrazzjoni tal-kultura Anglo-Sassona li riedet tieħu post dik Taljana li għalihom kienet tfisser dik Maltija.

L-istudenti taw ukoll sehemhom fil-ġranet u l-ġrajjiet marbuta mas-7 ta' Ġunju għax għalkemm kienu għadhom fuq strajk, dawn xorta kienu preżenti meta ssejħet l-Assemblea Nazzjonali. Huma kienu rappreżentati minn grupp ta' studenti determinati (*balda pattuglia*), u meta nqalgħu l-irvellijiet u bdew iweġġgħu n-nies, l-istudenti ġarrew

il-feruti fil-*Giovine Malta*. Aktar tard marru jagħmlu ġabra madwar it-toroq tal-Belt għall-familji tal-vittmi.[20]

Il-Libro Bianco li jitkellem fuq l-istorja tal-CPU u tal-SRC jgħid li, "*Even after the glorious event of the 7th June the history of the CPU continues to reflect the history of the political struggle. The victories of the nation are the victories of the students...*"[21]

1 Mercieca, A., *Le Mie Vicende* (Malta, 1947), 25.
2 Għall-istorja tal-KSU ara, Cassar, G., *Student representation at the University of Malta:* A history 1901-1971 (Malta, 2011).
3 Kif indikat fil-*Libro Bianco – White Book – Livre Blanco* miktub f'Diċembru tal-1957 u miżmum fl-arkivju tal-Kunsill Studenti Universitarji, fl-Università ta' Malta.
4 Mercieca, 25-6.
5 *Ibid.*, 28.
6 Mislut mil-*Libro Bianco.*
7 Ganado, H., *Rajt Malta tinbidel*, i (Malta, 1977), 197-8.
8 Laferla, A.V., *British Malta*, ii (Malta, 1947), 221.
9 Bartolo, P., *X'kien ġara sew fis-VII Giugno 1919* (Malta, 1979), 64; Laferla, 222; Sant, M.A., *Ir-Rivoluzzjoni Maltija* (Malta, 2009), 30.
10 Sant, M.A., "*Sette Giugno*" 1919 *Tqanqil u Tibdil* (Malta, 1989), 95.
11 Laferla, 222.
12 Ganado, 216.
13 Galea, M., 'L-Univeristà ta' Malta (1771-1964): 4 – L-Università u s-Sette Giugno', inserit f'*il-mument* (5 ta' Sett. 2011), 9; Vella, A.P., *The University of Malta – A Bicentenary Memorial* (Malta, 1969), 88.
14 Camilleri, P., 'The Rise and Rise of the Female Graduate: Some milestones in tertiary education for Malta', *University of Malta Annual Report 2006* (Malta, 2007), 43.
15 Testimonjanza tal-Prof. Edoardo Magro, f'Bartolo, 64-5.
16 *Ibid.*
17 *Ibid.*
18 Tencajoli, O.F., *Poeti Maltesi d'Oggi* (Ruma, 1932) , f'Chetcuti, Ġ., *Carmelo Mifsud Bonnici (Il-Gross)* (Malta, 1996), 121.
19 Schiavone, M.J., *Dictionary of Maltese Biographies*, ii (Malta, 2009), 1172.
20 Students' Representative Council, Exhibition pamphlet, *Exhibition of The Student Life in Malta* (Malta, 1953), 'Schizzo della Storia del Comitato Permanente Universitario', bla paġninazzjoni.
21 Silta mil-*Libro Bianco.*

# NOTA DWAR L-AWTUR

**Il-Prof. George Cassar** jgħallem fl-Istitut tat-Turiżmu, Vjaġġar u Kultura tal-Università ta' Malta, u hu riċerkatur b'interessi li jinkludu l-Istorja, is-Soċjoloġija, l-Istudji Soċjali, il-Pedagoġija u l-Andragoġija, l-Interpretazzjoni u l-Immaniġġjar tal-Patrimonju Kulturali, l-Istorja tal-Edukazzjoni f'Malta, it-Turiżmu Kulturali, il-Kultura, u s-Soċjoloġija u l-Istorja tal-Ikel. Il-Prof. Cassar hu awtur jew editur ta' numru ta' kotba, editur ta' rivisti akkademiċi, u diversi kitbiet u kapitli miktubin minnu kienu pubblikati ġo kotba u rivisti relatati mas-suġġetti li jirriċerka. Cassar irrappreżenta lill-Università ta' Malta fuq il-Kumitat Koordinattiv tar-Riċerka fi ħdan il-Valletta 2018 u mexxa s-Segretarjat tal-Valletta 2018 fl-Università. Serva bħala maniġer tal-proġett, konsulent jew membru fit-tim ta' numru ta' proġetti kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Jifforma parti minn kumitati ta' għadd ta' Organizzazzjonijiet Volontarji jew Mhux Governattivi. Hu wkoll membru tal-Bord tad-Diretturi tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta. Il-Prof. Cassar ingħata l-onorifiċenzi 'Ġieħ il-Mosta' mill-Kunsill Lokali tal-Mosta fl-2007, il-'Grazzi Badge' mill-Assoċjazzjoni tal-Iscouts fl-2009, u l-'Commendatore pro merito melitensi' mill-Ordni ta' San Ġwann fl-2009.

# IL-MIXJA LEJN IS-7 TA' ĠUNJU 1919

**GODFREY PIROTTA**

Għal ħafna, l-irvellijiet tas-*Sette Giugno* kellhom rabta mill-qrib mal-Ewwel Gwerra Dinjija. Kif se naraw, din il-Gwerra kellha sehem f'dak li seħħ, imma l-għan prinċipali ta' dan l-artiklu huwa biex juri kif il-qagħda ekonomika ħażina ta' Malta, minn ħafna snin qabel dan il-mument storiku, ħejjiet it-triq li wasslet għall-irvellijiet. Is-7 ta' Ġunju kien il-qofol ta' din it-triq twila. Dan ma jfissirx li fatturi politiċi ma tawx sehem kbir ukoll, imma dik hija storja li diġà taw kasha ħafna kittieba oħra f'xogħlijiet serji u mhux se noqgħod intenniha hawn.

# L-EWWEL SKOSSI

Kważi għoxrin sena qabel tmiem is-seklu dsatax kienet faqqgħet il-ġlieda dwar il-lingwa. Tliet rapporti, wieħed ta' Frederick Rowsell, ieħor ta' Penrose Julyan u ieħor ta' Patrick Keenan, kienu enfasizzaw l-importanza li l-ilsien Ingliż jikseb iktar dominanza fil-gżejjer Maltin.[1] Din il-politika sabet ħafna reżistenza mill-klassi professjonali u mill-knisja; tal-ewwel għax kienu ċerti li l-użu tal-Ingliż fil-Qrati u postijiet oħra tas-servizz pubbliku kien se jwassal għall-invażjoni ta' Britanniċi f'Malta li jieħdu xogħol il-Maltin,[2] u tat-tieni għax kienet tibża' li din il-politika twassal biex jinfiltra it-tagħlim tar-reliġjon Protestanta f'Malta. Din il-ġlieda ippolarizzat il-politika Maltija, tant li saħansitra lejn l-aħħar tas-seklu dsatax anki l-impjieg maċ-Ċivil safa vittma tagħha. Gerald Strickland, li dak iż-żmien kien Chief Secretary, kien għamilha ċara li min kien kontra l-ilsien Ingliż ma tantx kellu ċans għall-impjieg.[3] L-impjiegi maċ-Ċivil kienu mfittxija ħafna minn żgħażagħ ta' edukazzjoni tajba u din il-politika kienet ta' ostaklu għall-futur tagħhom. Ladarba din il-politika kienet ġiet interpretata bħala waħda li tattakka l-għajxien tan-nies li jintlaqtu minnha, kienet faċli għall-oppożizzjoni li toħloq gwerra qaddisa kontra din il-politika. Kwistjoni oħra kienet in-nefqa tal-Gvern fuq proġetti pubbliċi, li essenzjali kemm kienu essenzjali, kienu sejrin joħolqu piżijiet kbar fuq il-kaxxa ta' Malta u jżidu t-taxxi.

Minħabba dawn il-kwistjonijiet fl-aħħar għaxar snin tas-seklu dsatax, il-qiegħa saħnet mhux ħażin. Waqt meetings pubbliċi fl-irħula, l-għajta ta' 'Malta għall-Maltin' kienet tidwi ta' spiss akkumpanjata minn tgħajjir lejn Chamberlain, li kien Segretarju għall-Kolonji, Strickland u uffiċjali oħrajn tal-Gvern.[4] Il-Knisja wkoll daħlet fil-kwistjoni u l-Isqof ma laqax talba tal-Gvernatur biex irażżan lill-Kleru milli jużaw il-prietki tal-Ħadd kontra l-Gvern.[5] Il-qiegħa issa tant saħnet li rapport tal-pulizija stqarr li kien hemm il-probabbiltà ta' attakki fuq il-persuna ta' Strickland, waqt li l-Avukat tal-Kuruna sostna li kien qed jitħejja pjan biex Strickland jiġi assassinat u ta parir lil dan tal-aħħar, li kien jinsab Londra, biex jibqa' hemm sakemm l-affarijiet jikkwitaw.[6] Min-naħa tiegħu, il-Gverntur, f'nota lil Chamberlain, qallu li l-popolazzjoni tal-Belt Valletta kienet bi ħġarha kontra l-Gvern.[7] Din is-sitwazzjoni ma damitx biex wasslet, fl-1903, l-ewwel għas-sospensjoni tal-kostituzzjoni u ftit wara għar-revoka tagħha.

# SKOSS KBIR IEĦOR

Waqt li kien qed iseħħ dan kollu, l-ekonomija ta' Malta kienet sejra tajjeb. Iżda f'inqas minn tliet snin l-istampa kellha tinqaleb ta' taħt fuq. Fil-fatt kienet il-kriżi gravi ekonomika li ħakmet lil Malta wara l-1906 li ddomminat l-istorja u li, flimkien ma' dak li seħħ fil-Gwerra l-Kbira, ġabet lill-popolazzjoni Maltija f'sitwazzjoni ta' kważi ribelljoni. Jiena, iktar 'il fuq, diġà semmejt x'kien qed jingħad f'meetings pubbliċi u kif, għaxar snin qabel l-irvellijiet tal-1919, diġà kien qiegħed jinħass ferment politiku fil-gżejjer Maltin. Il-kriżi ekonomika kompliet kebbset in-nar.

Matul il-ħakma Ingliża l-ekonomija ta' Malta kienet saret kważi kompletament dipendenti fuq in-nefqa tal-qawwiet Ingliżi. Malta kienet fortizza strateġika u fis-seklu dsatax u kmieni fis-seklu għoxrin l-Ingliżi nvestew ħafna biex isaħħu l-fortizza. Kull meta l-Ingliżi kienu jinvestu f'xogħlijiet, inkella kull meta kienet tiżdied il-preżenza tal-qawwiet tagħhom f'Malta, l-attività ekonomika domestika kienet tieħu qabża 'l quddiem. Madankollu, meta dawn ix-xogħlijiet jieqfu, jew il-preżenza tonqos, l-ekonomija tieħu daqqa sew 'l isfel.[8] Fi żminijiet tajbin, il-pagi jogħlew u l-qgħad jonqos. Imma, magħhom, kienu jogħlew ukoll il-prezzijiet u l-kirjiet. Meta tfaqqa' r-riċessjoni, jiżdied il-qgħad u l-pagi jistaġnaw, għalkemm il-prezzijiet u l-kirjiet idumu ma jinżlu 'l isfel, jekk qatt jinżlu. Dan huwa biżżejjed biex joħloq kriżi fil-ħajja ta' numru ferm kbir ta' nies, u jekk ma jwassalx għal irvellijiet, żgur iwassal għal tgergir kbir kontra l-awtoritajiet li mingħandhom il-poplu jistenna għajnuna.

Bejn l-1890 u l-1906 l-istorja rrepetiet ruħha, b'differenza li dan kien l-ikbar bum li qatt esperjenzat Malta taħt il-ħakma Ingliża. Fis-snin ta' qabel is-seklu għoxrin Malta rat il-bidu tat-twettiq ta' numru kbir ta' xogħlijiet infrastrutturali – sistemi ta' drenaġġ ġodda, il-qalba tas-sistema tat-tqassim tal-ilma minn akwedotti tal-ġebel għal kanen tal-ħadid, l-introduzzjoni tas-servizz tal-ferrovija bejn il-Belt u r-Rabat, u t-tnedija tas-sistema elettrika f'ħafna żoni ta' Malta. Dawn l-inizjattivi lkoll ħolqu opportunitajiet kbar ta' xogħol. Wara l-1901, barra l-estensjoni tas-sistema tad-drenaġġ lejn numru ta' rħula, Malta rat il-bini tal-breakwater u ta' numru ta' skejjel ġodda u faċilitajiet oħra. Barra minn hekk, il-gwerra fl-Afrika t'Isfel ġabet preżenza militari kbira lejn Malta li żiedet id-dħul tal-Maltin f'ħafna oqsma tal-ħajja. Huwa stmat li sal-1904 il-qawwiet militari u navali Ingliżi kienu għamlu investiment f'Malta li kien ilaħħaq iż-żewġ miljuni sterlina fis-sena, somma fenominali għal dawk iż-żminijiet.[9]

Mandankollu, parti sew mill-ispiża għal dawn ix-xogħlijiet kellha titħallas mit-taxxi tan-nies. M'hemmx dubju li dawn ix-xogħlijiet taw kontribut sinifikanti biex titjieb il-kwalità tal-ħajja tal-Maltin, u sakemm dawn ix-xogħlijiet kienu għaddejjin, il-ħaddiem Malti gawda minn prosperità kbira. L-importazzjoni ta' prodotti żdiedet sewwa u l-aspettattiva tal-poplu żdiedet ukoll. Mili sħaħ ta' djar ġodda ġew mibnija, bliet u rħula kibru qatigħ u anki żdied it-traffiku fit-toroq. In-nies bdew jiżżewġu ta' età iżgħar u, bejn l-1901 u l-1911, il-popolazzjoni qabżet b'14.5 fil-mija. Fl-1904-5 id-dħul tal-Gvern laħaq £467,335, l-akbar somma li qatt laħaq, waqt li s-surplus tal-Gvern kien ta' £160,000, li wkoll kien rekord għall-pajjiż.[10] Issa, meta wieħed iqis li dan id-dħul kien ġej prinċipalment mid-dwana u mit-taxxi indiretti, malajr jintebaħ kemm din kienet indikazzjoni ċara tan-nefqa fuq il-konsum.

Iżda l-waqgħa ġiet f'daqqa, daqs kemm kien ġie f'daqqa l-bum. Fl-1906 ix-xogħlijiet kienu spiċċaw, il-qgħad ħa qabża kbira 'l fuq, il-pagi waqgħu b'rata mgħaġġla ħafna u, fi żmien qasir, fil-pajjiż beda jqum il-paniku. In-nies bdew ifittxu biex jemigraw bi ħġarhom. In-nefqa tal-Gvern f'dik li kienet tissejjaħ karità, għax il-frażi "servizzi soċjali" jew "welfare state" ma kinux għadhom saru parti mill-vokabularju politiku ta' kważi ebda pajjiż, laħqet is-somma ta' £68,000 sas-sena 1909; waqt li d-dħul tal-Gvern ħa daqqa kbira 'l isfel. Fl-1906 il-Gvern irrapporta defiċit ta' £14,330, ta' £17,592 fl-1907, ta' £24,842 fl-1909, u ta' £26,246 fl-1910. Dan kien ifisser li sal-1911 il-Gvern prattikament ma kellux fondi biex jaħdem u biex jirrispondi għall-kriżi li kienet qed taħkem lil Malta.[11]

Din il-kriżi, ma setax jonqos, issoktat tagħti n-nar lill-ferment politiku li kien qam lejn it-tmiem tas-seklu dsatax u li fl-1903 kien wassal biex ġiet revokata l-kostituzzjoni rappreżentattiva li kellha Malta. Il-membri eletti tal-Kunsill tal-Gvern, li kienu naqsu li jieħdu posthom fil-Kunsill, issa fetħu l-kanuni fuq il-Gvern. Huma bdew jisħqu mal-poplu li huma kienu wissew ripetutament kontra l-miżuri li kienu ħadu l-awtoritajiet f'Londra u Malta, u kemm kienu saħqu li Malta kienet fqira wisq biex tidħol għal dawn ix-xogħlijiet kbar kollha f'daqqa jew biex tiflaħ għat-taxxi li kienu daħlu. Il-politika tal-Gvern, huma qalu, kienet tidher li se toħloq instabbiltà ekonomika kbira u ġġib lil Malta fi kriżi, imma l-Gvern ma kienx ta' widen u baqa' jonfoq il-flus mingħajr ma jħabbel rasu għall-futur. Huma fakkru li fl-1902 il-poplu kien ġie mwissi kontra s-sens ta' eforija li kien qed jaħkem lill-gżira u li ladarba dawn ix-xogħlijiet jispiċċaw Malta kienet se taqa' fi kriżi. Ftit snin ta' prosperità, huma saħqu, kienu se jderru u darrew lill-ħaddiem Malti għal-livell ta' għajxien li għada pitgħada kien se jkun impossibbli għalih li jmantni.[12]

Iffaċċjat minn din il-kriżi u din il-kritika il-Gvernatur, fl-1906, ħatar sottokumitat "biex jikkunsidra l-kwistjoni ta' kif seta' jinkiseb bilanċ permanenti bejn id-dħul u n-nefqa tal-Gvern."[13] Iżda l-alternattivi li sab quddiemu dan il-kumitat kienu tnejn: tnaqqis fin-numru tal-impjegati tal-Gvern jew żieda fit-taxxi eżistenti, inkella l-impożizzjoni ta' taxxi ġodda. Dawn kienu żewġ alternattivi li kif rajna, żgur ma kinux se jkunu popolari ma' poplu diġà magħfus sew. Il-kumitat ħass li ż-żieda fin-numru ta' nies bla xogħol ma kien ta' vantaġġ għal ħadd. Barra minn hekk wieħed ma setax jistenna li nies bla dħul finanzjarju jħallsu t-taxxi. Kieku kellu jkun hekk, żgur li kienu se jaqgħu fuq il-Gvern għall-għajnuna u jkomplu jżidu mal-piżijiet finanzjarji li diġà kienu jeżistu. Għalhekk il-kumitat wasal għall-konklużjoni li ma kienx hemm triq oħra ħlief li jiżdiedu t-taxxi u b'mhux inqas minn £37,800 fis-sena.

Mandankollu, din il-miżura, li ma kienet popolari xejn mal-poplu, lanqas laħqet l-għanijiet tagħha u fl-1908 il-Gvern waqqaf kumitat ieħor biex jistudja l-operat tad-Dipartimenti tal-Gvern ħalli tkun tista' titnaqqas in-nefqa f'dan is-settur.[14] Dan il-kumitat, waqt li sejjaħ għat-trażżin ta' numru żgħir ta' impjiegi maċ-Ċivil, naqas li jgħid kif verament setgħu jkunu implimentati miżuri sostanzjali biex in-nefqa tal-Gvern tonqos b'mod sinifikanti. Il-kumitat kien tal-fehma li l-kriżi f'Malta ma kellhiex x'taqsam man-numru ta' impjegati fis-Servizz Ċivili jew mal-livell ta' pagi tagħhom, imma mal-fatt li l-iskwadra navali Ingliża u numru ta' riġmenti kienu telqu minn Malta b'telf għall-ekonomija lokali.

F'Londra, is-Segretarju għall-Kolonji, Lord Crewe, ma qabilx ma' din il-konklużjoni u nsista kemm fuq it-tnaqqis tal-impjegati kif ukoll fuq riforma tas-Servizz Ċivili. Għalhekk huwa, fl-1908, bagħat Malta lil Robert MacCarthy biex jagħmel riforma fid-Dwana li wara kollox kienet tipprovdi l-akbar dħul għall-Gvern Malti. Bis-saħħa ta' MacCarthy, id-dwana waslet biex tiffranka mhux inqas minn £14,000 fi żmien sentejn.[15] Crewe ma waqafx hemm u, f'Diċembru 1909, ordna lill-Gvernatur Sir Leslie Rundle biex iwaqqaf Kumitat tal-Finanzi sabiex jeżamina x-xogħol tal-kumitati li ġew qabel u jara kif setgħu jiġu implimentati numru sostanzjali ta' tnaqqis fin-numri tas-Servizz Ċivili u fin-nefqa pubblika.[16]

Iżda anki dan il-kumitat falla f'dan il-għan u, bħal dawk ta' qablu, sejjaħ għal żieda fit-taxxa li tlaħħaq 'il fuq minn £43,000 fis-sena.[17] L-Uffiċjali fil-Colonial Office xejn ma kienu kuntenti b'din il-konklużjoni. Wieħed minnhom, waqt li ammetta l-ħtieġa immedjata li jiżdied id-dħul tal-Gvern f'Malta, wissa li żieda kbira bħal din ma tistax ma żżidx ukoll ir-rabja tan-nies kontra l-Gvern. Wingfield, uffiċjal ieħor fl-istess uffiċju miegħu, ilmenta kontra l-fatt li l-isforzi tagħhom fuq medda ta' erbgħin sena biex jibdlu t-taxxa fuq il-qamħ ma' taxxi oħra, dejjem fallew.[18] Dan kien punt importanti. Il-parti l-kbira tad-dħul tal-Gvern, għal iktar minn seklu, kienet tinkiseb mit-taxxa fuq il-qamħ, li wara kollox ma kinitx ħlief taxxa fuq il-ħobża ta' kuljum tal-ħaddiem u l-familja tiegħu. Kien il-ħaddiem li jerfa' l-akbar piż tat-taxxi f'Malta. Imma l-membri eletti dejjem irreżistew l-idea li jiġu imponuti taxxi fuq prodotti oħra jew tidħol xi taxxa fuq il-wirt.[19] Dan il-punt huwa importanti għax wieħed għandu jiftakar li l-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju 1919 kienu wkoll protesta kontra ż-żieda fil-prezz tal-ħobż. Wieħed irid jiftakar ukoll li waħda mill-miri tal-folla rrabjata li nġabret fil-Belt Valletta dakinhar kienet id-djar ta' dawk li kienu importaturi tal-qamħ. Għalhekk, wieħed għandu hawn jinduna li kien hemm rabta bejn ir-rabja tal-folla u s-sistema ta' taxxa li kienet tagħfas fuq il-poplu għal iktar minn seklu.

Kemm dan kien minnu jidher fil-korrispondenza bejn is-Segretarju għall-Kolonji u l-Gvernatur fejn tal-ewwel esprima d-diżappunt tiegħu bix-xogħol tal-Kumitat tal-Finanzi u fakkar fuq l-impatt ħażin li żieda fit-taxxa sejra jkollha fuq il-ħaddiema f'sitwazzjoni magħmula agħar minn nuqqas kbir ta' xogħol.[20] Għalhekk, fuq parir ta' Wingfield, huwa informa lill-Gvernatur li kien se jibgħat f'Malta Kummissjoni Rjali biex tistħarreġ "in-numri ta' dawk impjegati mas-Servizz Ċivili, kif ukoll l-effiċjenza tiegħu," kif ukoll il-finanzi tal-gżira u l-possibbiltajiet li t-taxxi jiġu imponuti fuq ħwejjeġ oħra minflok kif kienu preżentament u li jinstabu sorsi ġodda ta' dħul għall-Gvern. It-

tliet Kummissarji, Francis Mowatt, Russell Rea u Mackenzie Chalmers, ma' dawn l-istruzzjonijiet kellhom ukoll miżjud eżami tas-sistema ġudizzjarja f'Malta, għax skont Londra, din kienet qed twassal għal ksur ta' drittijiet u telf ta' kummerċ li setgħet tgawdi minnu l-kolonja.[21]

Kif spjegat fir-Rapport tagħha, din il-Kummissjoni kkonfermat li l-ekonomija Maltija kellha sors wieħed ta' dħul barrani: in-nefqa militari u navali kemm f'xogħlijiet u kemm fil-preżenza ta' truppi u bastimenti fil-gżira. Is-soluzzjonijiet prinċipali li rrakkomandat il-Kummissjoni tal-1911 kienu ħamsa. L-ewwel, li għandha tinħoloq strateġija biex kemm jista' jkun numru kbir ta' Maltin jemigraw lejn pajjiżi oħra. It-tieni, li l-Gvern Imperjali kellu jikkontribwixxi għax-xogħlijiet kollha li setgħu jaffettwaw is-saħħa u l-kumdità tal-qawwiet Ingliżi f'Malta. It-tielet, li l-Gvern Imperjali ma jibqax jintaxxa lill-kaxxa ta' Malta £5000 fis-sena bl-iskuża li dan kien biex tkopri l-ispiża għad-difiża ta' Malta. Ir-raba', li t-taxxa tal-qamħ kellha titnaqqas bin-nofs u t-telf jitpatta minn taxxi fuq il-birra, is-sigaretti u z-zokkor u, possibbilment, minn taxxi fuq wirt u djar. Il-ħames, li l-proċeduri fil-qorti kellhom jeħfiefu, in-numru ta' mħallfin u impjegati jonqos, u li fil-qrati inferjuri l-proċeduri orali kellhom ikunu bil-Malti u f'dawk superjuri il-Maltin kellhom ikollhom id-dritt li l-każ tagħhom jinstema' bil-Malti. Mandankollu, il-Kummissjoni falliet li tgħid kif setgħu jiġu ffrankati l-ispejjeż fit-tħaddim taċ-Ċivil. Għalhekk huma rrakkomandaw it-twaqqif ta' kumitat apposta taħt it-tmexxija tal-Maġġur Clauson, li dak iż-żmien kien Logotenent Gvernatur f'Malta. Huma saħqu li sakemm jirraporta dan il-kumitat, ebda post battal ma kellu jimtela jekk ma jkunx assolutament bżonnjuż għat-tmexxija tajba taċ-Ċivil.[22]

Il-Kumitat Clauson ħareġ ir-rapport tiegħu f'Marzu 1913.[23] Huma kkonkludew li x-xogħol tagħhom kien li jaraw liema miżuri setgħu jitwettqu, waqt li jħallu lill-Gvern ilaħħaq l-għanijiet tiegħu, inaqqsu n-nefqa pubblika mingħajr ma jkun hemm żieda fit-taxxi. Ir-rapport jgħid li ekonomija kienet possibbli jekk xogħlijiet pubbliċi jiġu ristretti għal dak li kien verament meħtieġ; billi jkun hemm ekonomija fin-nefqa fuq tiswijiet ta' toroq u dwal; jekk jingħataw b'tender lill-privat il-ġbir tal-iskart u t-tindif tat-toroq; billi s-servizzi tal-isptarijiet u tad-Dar tal-Karità (illum San Vinċenz de Paule) jiġu mogħtija strettament lil dawk li għandhom bżonn il-kura u jiġu utilizzati għaqdiet u organizzazzjonijiet immexxija mill-Knisja u individwi privati. Huma wkoll sejħu għat-tneħħija tal-pensjoni lil dawk kollha li kienu jitħallsu bil-ġurnata u s-sensja lil madwar dsatax-il skrivan u impjegati oħra. Dawn u miżuri oħra ma kinux oriġinali għax ħafna minn dawk li kienu dehru quddiem il-Kummissjoni Rjali kienu għamlu l-istess

suġġerimenti. Li hu żgur hu li s-sitwazzjoni f'Malta, minħabba din il-kriżi, kienet qed issir dejjem iktar diffiċli u s-sens ta' rabja baqa' dejjem jikber. Il-prezzijiet komplew jogħlew u minħabba dawn id-diffikultajiet il-ħaddiema kienu qed isiru, ftit ftit, iktar militanti. Diġà, qabel is-sena 1913, is-sinjali ta' dan il-moviment kienu jidhru ċari. L-ewwel strajk industrijali kien seħħ fi Frar tal-1900 mill-ħaddiema tal-faħam ġewwa l-port li, sa dak iż-żmien, lanqas kienu organizzati f'xi unjin.[24] Kienu mbagħad il-ħaddiema tat-Tarzna li ħadu azzjoni industrijali fi ġlieda għal pagi aħjar f'Novembru 1902.[25] Il-kbir kien għadu ġej.

***"Il-parti l-kbira tad-dħul tal-Gvern, għal iktar minn seklu, kienet tinkiseb mittaxxa fuq il-qamħ, li wara kollox ma kinitx ħlief taxxa fuq il-ħobża ta' kuljum tal-ħaddiem u l-familja tiegħu. Kien il-ħaddiem li jerfa' l-akbar piż tat-taxxi f'Malta. Imma l-membri eletti dejjem irreżistew l-idea li jiġu imponuti taxxi fuq prodotti oħra jew tidħol xi taxxa fuq il-wirt.[19] Dan il-punt huwa importanti għax wieħed għandu jiftakar li l-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju 1919 kienu wkoll protesta kontra ż-żieda fil-prezz tal-ħobż.***

# IL-GWERRA L-KBIRA U L-IMPATT TAGĦHA

F'Lulju 1914 l-imperi Ewropej daħlu fi gwerra kontra xulxin. Bħal kull gwerra qabilha, din il-gwerra pprovdiet opportunitajiet kbar ta' xogħol għall-Maltin, imma minħabba n-natura tagħha ħolqot diffikultajiet kbar ukoll. Malta, iktar minn qatt qabel, kienet fil-bżonn li timporta kwantitajiet kbar ta' ikel, kemm biex issostni popolazzjoni li kienet kibret ħafna, kif ukoll minħabba l-eluf ta' membri tal-qawwiet Alleati. Imma l-gwerra ġabet skarsezza kbira u l-prezzijiet tal-ikel għolew mas-smewwiet. Il-prezz tal-ħobż, l-ikel komuni ta' parti kbira mill-popolazzjoni, ittripla, il-laħam bi tlett darbiet u nofs u taz-zokkor erba' darbiet.[26] Il-Gvern ipprova jtaffi l-ġuħ b'sussidji lill-importaturi tad-dqiq u bil-ħolqien ta' bordijiet biex jikkontrollaw il-prezzijiet. Imma dawk impjegati b'paga fissa batew ħafna, għax il-paga ma kinitx biżżejjed biex titma lilhom u l-familji kbar li normalment kellhom dak iż-żmien. Fost dawn kien hemm il-parti kbira tal-impjegati taċ-Ċivil. Dan huwa wkoll punt importanti għax kienet waħda mill-konsegwenzi li żiedet il-militanza fost il-ħaddiema u ssoktat tindokra atmosfera ta' skuntentizza u rabja li wasslet għall-irvellijiet.

Matul is-snin tal-gwerra membri taċ-Ċivil, speċjalment l-impjegati fl-iskala ta' isfel, bagħtu ħafna ittri lill-Gvernatur biex dan jagħtihom assistenza. Minn żmien għal żmien il-Gvernatur ħabbar l-għoti ta' "War Bonuses" biex jipprova jgħinhom. Ħaddiema oħra, minkejja li l-gwerra kienet fl-aqwa tagħha, fosthom il-ħaddiema tat-tarzna, marru pass iktar u fl-1917 ħadu azzjonijiet industrijali li bis-saħħa

tagħhom ħadu żieda ta' 50% tal-paga. F'Mejju 1918, probabbilment imħeġġa mis-suċċess tal-ħaddiema tat-Tarzna, u ftit xhur biss qabel tmiem il-gwerra, l-iskrivani tal-Gvern għamlu protesta mal-Gvernatur Lord Methuen li fiha talbu riforma fil-kundizzjonijiet tagħhom.[27] Iżda, meta raw li din ma laħqitx l-għan tagħha, huma sejħu għal laqgħa għall-membri klerikali kollha. F'din il-laqgħa, permezz ta' memorandum, spjegaw kif il-membri klerikali kienu qed ibatu minn nuqqas ta' nutriment, kif kellhom joħorġu it-tfal tagħhom mill-iskola u li kellhom saħansitra jċedu l-polzi ta' assigurazzjoni fuq ħajjithom. Madankollu r-risposta minn Londra ma kinitx dik li xtaqu.[28]

F'Ottubru tal-istess sena l-affarijiet ħadu bixra iktar serja meta, issa, kienu l-pulizija li ħarġu fuq azzjoni industrijali. Dan forsi jispjega għaliex waqt l-inkjesta dwar l-irvellijiet ingħad li l-pulizija Maltija, kif ukoll il-Milizzja, mhux talli ma tawx sehem biex jitrażżnu l-irvelijiet, imma dehru nieqsa mill-ħeġġa biex jagħmlu hekk. Il-Gvernatur, iffaċċjat minn din is-sitwazzjoni, żamm lura milli jikkomunika r-risposta negattiva ta' Londra lill-iskrivani b'iktar minn xahar. Meta fl-aħħar il-Gvernatur għadda din ir-risposta, minflok is-soltu deferenza li kienet mistennija lejh minn membri taċ-Ċivil, sab ma' wiċċu memorandum ieħor b'ton ferm iktar militanti. Is-sitwazzjoni kienet tant ħażina li bilfors kienu se jisħnu l-irjus. Fuq dan ma kienx hemm dubju. Ħdax-il xahar qabel, f'Jannar 1918, f'ittra lis-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji, il-Gvernatur kien informah li l-massa l-kbira tal-poplu ftit li xejn kellha x'tiekol. Irrapporta li anki l-pitrolju ma setax jinkiseb għax kien skars u dan kien ifisser li l-Maltin lanqas setgħu jsajru l-ftit ikel li kellhom. Fi kliemu, numri kbar ta' nies kienu f'riskju serju li jmutu bil-ġuħ. Il-Gvern mhux talli ma kellux flus, imma kien qed isofri minn defiċit qawwi u l-faqar tan-nies żgur li ma kienx jippermetti żieda fit-taxxa.[29]

Fl-istess perjodu, żdiedu fin-numru u fl-insistenza tagħhom il-petitizzjonijiet għal riforma politika li tagħti lil Malta gvern rappreżentattiv. F'Novembru 1918 ukoll, it-tabib Filippo Sceberras, persuna meqjusa mill-Gvernatur bħala persuna ta' veduti moderati, sejjaħ biex l-għaqdiet kollha kostitwiti jiltaqgħu f'Assemblea Rappreżentattiva biex tiġi mfassla kostituzzjoni ġdida għal Malta. Din is-sejħa qajmet moviment kbir fil-gżira u l-għaqdiet wieġbu għas-sejħa bi ħgarhom. Bħallikieku l-Gvern ma kellux diffikultajiet biżżejjed, kien huwa stess li żied mal-ferment meta ħarġet l-aħbar li l-Gvernatur kien ta żieda fis-salarju lill-Kapijiet tad-Dipartimenti li kienu jpoġġu fuq il-Kunsill tal-Gvern u lill-Assistent Segretarju tal-Gvern.[30] Ma setax jonqos li r-reazzjoni tal-iskrivani taċ-Ċivil tkun waħda ta' rabja kbira. Diżgustati b'dan l-aġir, kienu lesti jieħdu sehem fl-Assemblea Nazzjonali ta' Sciberras u waqfu biss milli jagħmlu dan

fuq ordni, maħruġa fl-aħħar mumenti, mill-Gvern. Madankollu, skont gazzetta ta' dak iż-żmien, ħadd minn dawn l-iskrivani ma neħħa ismu minn riżoluzzjoni tal-Assemblea li kienet titlob għal kostituzzjoni rappreżentattiva.[31] Għal dawk iż-żminijiet din kienet azzjoni kuraġġuża, għax membru taċ-Ċivil seta' jitlef l-impjieg tiegħu jekk jieħu sehem f'attivitajiet politiċi. Kien f'Mejju 1919 li l-iskrivani tal-Gvern waqqfu l-ewwel għaqda tal-impjegati magħrufa bħala l-Malta Civil Service Association.[32]

Biex tkompli titħawwad il-borma, tmiem il-gwerra ġab miegħu numru kbir ta' sensji fit-Tarzna u mill-qawwiet militari u navali Ingliżi. Il-prezz tal-ikel baqa' jogħla u l-poplu ftit kien għad fadallu fejn jistkenn. Folol ta' nies bdew deħlin il-Belt ifittxu risposta. Ħafna minnhom kienu f'qagħda ta' disprament. Id-dibattitu jaħraq li kien għaddej fost movimenti politiċi, gazzetti u l-istess nies fit-toroq fl-aħħar ħa n-nar u fis-7 ta' Ġunju 1919 seħħu l-irvellijiet li ħallew sitt Maltin mejta. L-Aġent Gvernatur, il-General Hunter-Blair, waqt li rraporta dak kollu li kien seħħ lis-superjuri tiegħu f'Londra, stqarr li issa l-bidla kostituzzjonali għal Malta hija inevitabbli. Stqarr li wara dak li ġara dan l-iżvillup kien sejjer jitqies bħala dgħufija fil-konfront tal-irvellijiet, imma ma kellux dubju li din kienet l-aħjar triq. Londra qablet miegħu u fl-1921 Malta kellha l-ewwel kostituzzjoni bi Gvern Responsabbli minkejja li kien hemm ħafna materji li baqgħu riżervati għall-Gvern Britanniku.

# GĦELUQ

F'dan l-artiklu, iktar minn kollox, tajna ħarsa lejn is-sehem li lagħbet is-sitwazzjoni ekonomika ta' Malta sabiex inħmiet il-qiegħa għall-irvellijiet tas-*Sette Giugno*. L-artiklu juri biċ-ċar li d-diffikultajiet tal-poplu Malti kienu bdew ferm qabel din id-data storika u li ħafna nies kienu ilhom isofru l-ġuħ u l-għaks. Rajna wkoll li kważi kull attentat ta' riforma falla u, fejn ittieħdu passi, dawn kellhom impatt ħażin fuq gruppi oħra, bħal pereżempju l-iskrivani tal-Gvern, u taw lok għal militanza ġdida. Rajna li, saħansitra, lanqas Kummissjoni Rjali ma kellha daqshekk suċċess. Iktar ma ħżienet is-sitwazzjoni ekonomika, iktar żdiedet il-militanza tal-ħaddiema. Din il-militanza kienet mogħtija iktar urġenza mill-gwerra u matul is-sena ta' wara t-tmiem tagħha. Ma' dawn kollha kellek il-ħidma politika tas-soċjetà Maltija. Fl-aħħar il-porvli splodew f'daqqa.

[1] Pirotta, Godfrey A., (1996), The Maltese Public Service 1800-1940: The Administrative Politics of a Micro-State, Mireva Publications, Malta, pp.253-298.
[2] Pirotta, Godfrey A., (2015), "Bread, Language and Civil Service Employment", f'John Chircop, Colonial Experiences: Maltese Experiences of British Rule 1800-1970, Horizons, Malta, pp.255-268.
[3] Pirotta, Godfrey A., (1996), op.cit., pp.340-1.
[4] Frendo, Henry, (1979), Party Politics in a Fortress Colony, Midsea Books, Malta, p.119; Ecl.8 No.13. Med.883/5-52, Arkivju Nazzjonali, Londra.
[5] Grenfell lil Chamberlain, 20 t'Awwissu 1901, CO. 158/336, Arkivju Nazzjonali, Londra.
[6] Rapport tal-Pulizija tal-14 t'Awwissu 1901.
[7] Grenfell lil Chamberlain, 14 t'Ottubru 1901, f'Med.883-51, Arkivju Nazzjonali, Londra.
[8] Pirotta, Godfrey A., (1996), Op.Cit., pp.353-4.
[9] Ibid. p.354.
[10] Rapport tal-Kummissjoni Rjali, 1911-12, pp.10-13; Frendo H., (1979), p.145.
Frendo H., (1979), p.145; Rapport tal-Kummissjoni Rjali, 1911-12, p.12.

[11] Ibid., p.107.
[12] Rapport tal-Kummissjoni Rjali, 1911-12, p.11.
[13] Ibid., p.11-12.
[14] Laferal A.V., (1946), British Malta, Aquilina and Co., Malta, Vol.II., p.175.
[15] Pirotta, Godfrey A., (1996), p.357.
[16] Rundle lil Harcourt, 31 ta' Marzu 1911, CO.158/370, Arkivji Nazzjonali, Londra.
[17] Minuti tal-Colonial Office fuq ir-Rapport tal-Kumitat tal-Finanzi, mehmuż ma' Rundle lil Harcourt
[18] ċitat f'nota 17.
Pirotta, G.A., (1996), Kapitli 7 u 8.
[19] Harcourt lil Rundle, 31 ta' Marzu 1911, CO.158/371, Arkivju Nazzjonali, Londra.
[20] Harcourt lill-Kummissarji Rjali, Istruzzjonijiet, 11 t'Awwissu 1911, CO.883/7, Arkivju Nazzjonali,
[21] Londra.
Rapport tal-Kummissjoni Rjali, 1911-12, Arkivju Nazzjonali, Londra.
[22] Report of the Committee Appointed to Conduct an investigation into the Expenditure of Malta and
[23] the Organisation of Government Departments, 1913.
Grenfell lil Chamberlain, 13 ta' Frar 1900, CO.158/332. Arkivju Nazzjonali, Londra.
[24] Attard J., (1984), Industrial relations in Malta, PEG Publishing, Malta, p.5.
[25] Laferla, A.V., (1946), op.cit., Vol.II, p.209.
[26] Meutheun lil Long, 9 t'Ottubru 1918, CO.158/406, Arkivju Nazzjonali, Londra.
[27] Memorandum mill-Iskrivani tal-Gvern, 17 ta' Settembru 1918, mehmuż f'Meheun lil Long, 9 t'Ottubru
[28] 1918, CO.158/406, Arkivju Nazzjonali, Londra.
Frendo, H., (1979), op. cit., pp.167-8.
[29] Pirotta, Godfrey A., (1996), op.cit., pp.377-8.
[30] Voce del Popolo, 5 ta' Marzu 1919, mehmuż ma' Metheun lil Milner, 10 t'April 1919, CO.158/409,
[31] Arkivji Nazzjonali, Londra.
[32] Hunter-Blair lil Milner, 31 ta' Mejju, 1919, CO.158/409, Arkivju Nazzjonali, Londra.

# NOTA DWAR L-AWTUR

**Godfrey A. Pirotta** studja x-Xjenza Soċjali, ix-Xjenza Politika, l-Amministrazzjoni Pubblika u Relazzjonijiet Internazzjonali fl-Universitajiet ta' Oxford, Reading u Bath fejn minn din tal-aħħar huwa kiseb id-Dottorat fix-Xjenza Soċjali. Huwa wkoll ikkwalifika bħala għalliem mill-Università ta' Malta. Huwa l-awtur ta' tliet kotba dwar l-iżvilupp storiku u politiku ta' tliet istitutuzzjonijiet ewlenin: *The Maltese Public Service: The Administrative Politics of a Micro-State 1800-1940; Malta's Parliament: An Official History 1800-2004; u Guardian of the Public Purse: A History of State Audit in Malta 1800-2014* (ma' Edward Warrington). Huwa ppubblika numru konsiderevoli ta' artikli riċerkati li ġew ippubblikati f'rivisti akkademiċi internazzjonali kif ukoll hu l-espert ewlieni fuq l-istorja, ġrajjiet kurrenti u governanza dwar Malta ma' Europa House Publications u mal-Istitut Bertelsmann-Stiftung ġewwa l-Ġermanja. Huwa għallem f'diversi universitajiet barranin u huwa mistieden regolari biex jindirizza konferenzi akkademiċi. Huwa wieħed mill-fundaturi tal-Commonwealth Association of Public Administration and Management (CAPAM), Senior Advisor mal-International Policy Leadership Institute u membru tal-Advisory Board tal-Anna Lindh Foundation for Intercultural Dialogue. Preżentament huwa jokkupa l-post ta' Professur fl-Istudji Politiċi u Amministrattivi fl-Università ta' Malta, Ambaxxatur Malti għar-Repubblika Ċeka u Chairman tal-Akkademja għall-Istudji Diplomatiċi fl-istess università. Fi Frar tal-2018 huwa ġie maħtur Membru Onorarju tal-Fakultà tax-Xjenza Politika tal-Università ta' Studji Ekonomiċi ġewwa Sofia, il-Bulgarija. F'Diċembru 2016 huwa ġie maħtur Membru tal-Ordni tal-Mertu tar-Repubblika ta' Malta bħala rikonoxximent tal-ħidma tiegħu favur is-soċjetà Maltija matul dawn l-aħħar ħamsin sena.

# L-IRVELLIJIET TAS-SETTE GIUGNO 1919: KATALIZZATUR GĦAD-DĦUL TAS-SISTEMA ELETTORALI TA' RAPPREŻENTANZA PROPORZJONALI F'MALTA

KEVIN AQUILINA

# L-ORIĠINI STORIKA TAR-RAPPREŻENTANZA PROPORZJONALI F'MALTA

Għall-kuntrarju tar-Renju Unit imma bħall-Irlanda, Malta tadotta sistema elettorali bbażata fuq sistema ta' rappreżentanza proporzjonali bil-vot uniku trasferibbli,[7] u mhux maġġoranza sempliċi (first-past-the-post). Dan ifisser li hemm inqas ħela ta' voti meta mqabbla mas-sistema elettorali Britannika, iżda mhux sal-estent tal-proporzjonalità stretta fejn ma jintilfu l-ebda voti. Fil-fatt, artikolu 56(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta indipendenti jiddikjara li: 'Il-membri tal-Kamra tad-Deputati għandhom jiġu eletti fuq il-prinċipju tar-rappreżentanza proporzjonali permezz ta' vot singlu trasferibbli'.[8] Ir-rappreżentanza proporzjonali ġiet introdotta f'Malta fl-1921 u ilha tintuża minn dak iż-żmien. Il-vantaġġi ewlenin tiegħu huma meqjusa li jikkonsistu f'dan li ġej:

**18. As regards the method of election both for the Senate and for the House of Assembly, that of proportional representation by single transferable vote has been introduced as being the best calculated to secure the fairest and most exact representation of all parties and points of view, to give the widest choice, and, therefore, the greatest measure of political power to the voter, and to bring about the return of the best men of all parties ...**

**20. The method of proportional representation by list, recommended by the National Assembly for the Senate, though calculated to secure a fairer representation of parties than the ordinary method of election by single member**

# DAĦLA

Michael A. Sant[1] fil-monografu tiegħu dwar is-*Sette Giugno* 1919 jidentifika erba' raġunijiet li wasslu għall-irvellijiet marbuta ma' dik id-data. Ir-raba' waħda, fil-fehma tiegħu, kienet in-nuqqas ta' kostituzzjoni.[2] Il-ġrajjiet tas-*Sette Giugno* 1919 ċertament żiedu l-preparazzjonijiet li kienu qed isiru f'Whitehall qabel dan l-avveniment għall-introduzzjoni tas-self government f'Malta u l-impożizzjoni tar-rappreżentanza proporzjonali fil-liġi elettorali Maltija mill-qawwa kolonjali. Fil-fatt, l-ewwel Kostituzzjoni ta' Malta self-governing tal-1921[3] li segwiet dan l-avveniment storiku ħasbet – għall-ewwel darba fil-liġi elettorali kostituzzjonali Maltija – sistema innovattiva ta' votazzjoni li adottat ir-rappreżentenza proporzjonali.[4] Din ħadet post is-sistema elettorali *scrutin de liste* fis-seħħ skont il-kostituzzjoni tal-1849[5] u s-sistemi elettorali ta' maġġoranza sempliċi (jew first-past-the-post) li daru għalihom il-kostituzzjonijiet tal-1887 u l-1903.[6] Madanakollu filwaqt li r-rewwixta tas-*Sette Giugno* 1919 ġiet u għaddiet, is-sistema elettorali ta' rappreżentanza proporzjonali stabilixxiet l-għeruq tagħha sew f'Malta. Għalhekk li kieku ma kienx għar-rivolta tas-*Sette Giugno* 1919, il-Britanniċi ma kinux se jieħdu l-opportunità biex jimponu r-rappreżentanza proporzjonali f'Malta. Fil-fatt, Malta ma kienx se jkollha l-ewwel gvern responsabbli tagħha li kieku ma kienx għal din l-għagħa storika u popolari. Malta ma kinitx se tilqa' (u tkompli tħaddan) ir-rappreżentanza proporzjonali fil-liġi elettorali tagħha li kieku ma kienx għall-kombinazzjoni tas-*Sette Giugno* 1919 u d-determinazzjoni tal-Britanniċi li jdaħħlu, akkost ta' kollox, ir-rappreżentanza proporzjonali f'Malta, minkejja x-xewqa tal-Maltin.

constituencies, is still from the point of view of the voters' choice, and the return of independent men of character who may not happen to be on a party list, inferior to the method chosen. This method is one which is being increasingly adopted, more particularly in the British Empire. The State of New South Wales, for instance, following the example of Tasmania, which adopted it some years ago, has recently applied it to the elections for its Legislative Assembly, and it has been included in the new Home Rule Bill[9] for Ireland as the result of the experience gained by its working in Irish municipal elections. Now that the people of Malta are to be entrusted with the control of their own affairs, it is obviously desirable that they should be given the most effective method of expressing their wishes as a free community, which the experience of other self-governing communities has suggested.[10]

> *"li kieku ma kienx għar-rivolta tas-Sette Giugno 1919, il-Britanniċi ma kinux se jieħdu l-opportunita biex jimponu r-rappreżentanza proporzjonali f'Malta. Fil-fatt, Malta ma kienx se jkollha l-ewwel gvern responsabbli tagħha li kieku ma kienx għal din l-għagħa storika u popolari.*

# ID-DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IR-RAPPREŻENTANZA PROPORZJONALI FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA TAL-1921

Il-Gvernatur ta' Malta ta' dak iż-żmien, Field-Marshal Lord Herbert Onslow Plumer stabbilixxa l-benefiċċji għall-adozzjoni tar-rappreżentanza proporzjonali abbażi tal-fatt li f'"komunità żgħira bħal Malta huwa essenzjali li għandha tiġi mnedija Kostituzzjoni li se tirrappreżenta b'mod ġust l-interessi tal-klassijiet u s-sezzjonijiet kollha u li dan jista' jinkiseb biss bil-metodu propost'.[11] Huwa sostna wkoll li kull 'metodu li kien se jwassal biex il-poteri tal-Gvern jingħataw lil oligarkija żgħira kien se jkun diżastruż'.[12] Bħala avukat tar-rappreżentanza proporzjonali, huwa kkunsidra li l-'ftit argumenti li saru f'oppożizzjoni għar-Rappreżentanza Proporzjonali ... kienu batuti ħafna u ma kinux konvinċenti'[13] għax kienu 'ovvjament influwenzati minn kunsiderazzjonijiet tal-"partit" biss'.[14] Fil-fatt il-Prim Imħallef ta' dak iż-żmien – mhux daqstant b'deferenza għall-imparzjalità ġudizzjarja u l-astensjoni mill-ikkummentar dwar kwistjonijiet politiċi kontroversjali – ġabar fil-qosor l-argumenti miġjuba kontra d-dħul tar-rappreżentanza proporzjonali kif ġej:

> **Jidher li xi politiku lokali diġà wera dubju dwar kemm hu rakkomandat li tiddaħħal l-imsemmija sistema elettorali ta' rappreżentazzjoni proporzjonali. Tali oppożizzjoni għal dik is-sistema jista' jkun li kienet motivata minn motivi politiċi personali, meta tqis li meta jiġu kkontemplati jew introdotti miżuri pubbliċi ġodda, wieħed għandu jħejji ruħu għal oġġezzjonijiet li ġeneralment jitqajmu minn persuni li jħarsu lejn l-affarijiet mill-perspettiva tal-interess personali tagħhom, u li japprovaw jew ma japprovawx il-miżura skont kif taqdi jew ma taqdix l-għanijiet politiċi, soċjali jew ekonomiċi tagħhom. Huwa possibbli, madanakollu, li d-dubju li ġie espress dwar il-prattikabbiltà tal-introduzzjoni tas-**

sistema elettorali msemmija aktar 'il fuq hu minħabba l-fatt li l-iskema għadha ma ġietx mifhuma sew, u ninsab ċert li meta l-prinċipji u l-ħidma tagħha jiġu mifhuma sew, din se tintlaqa' u tiġi aċċettata minn kull politiku onest. Fil-fatt, ħafna ċittadini ewlenin li kisbu idea ġusta tas-sistema, permezz tal-uffiċċji ġenerużi u ta' valur ta' Major Morrison Bell, M.P., huma vokali fit-tifħir tagħhom tal-valur u l-ġustizzja inkontestabbli tagħha, u lkoll jaqblu f'li jqisuha bħala l-unika sistema li hi kapaċi ssolvi l-problema tant importanti u li ilha tiġi diskussa dwar kif għandha tiġi aċċertata fil-leġiżlatura rappreżentanza ġusta tal-opinjonijiet pubbliċi differenti f'proporzjoni mas-saħħa tal-votazzjoni tagħhom.

Sa fejn stajt nifhem mill-opinjonijiet li diġà ġew espressi, jidher li l-argument prinċipali ta' dawk li jopponu r-rappreżentazzjoni proporzjonali huwa li numru ta' minoritajiet eteroġeni jistgħu jingħaqdu u jegħlbu maġġoranza omoġena. Il-fallaċja ta' dan l-argument hija evidenti minnha nnifisha: l-ewwel nett, jekk qatt se tiġri tali kontinġenza, il-maġġoranza li tiġi megħluba ipso facto se tieqaf tkun maġġoranza, u m'hemm l-ebda raġuni kostituzzjonali jew raġuni oħra għaliex partit politiku b'saħħtu ma tistax issirlu oppożizzjoni jew saħansitra jiġi megħlub minn partiti oħra iżgħar f'koalizzjoni; it-tieni nett, l-hekk imsejjaħ argument imsemmi juri li l-kritiċi tas-sistema ta' elezzjoni msemmija aktar 'il fuq evidentement iħawdu d-dritt tar-rappreżentazzjoni mad-dritt tad-deċiżjoni, għax, filwaqt li jammettu li minoranzi għandhom dejjem ikun rappreżentati u li l-opinjoni tagħhom trid tinstema', jidher li huma, fl-istess ħin, jinjoraw li d-dritt tad-deċiżjoni għandu jkun mal-maġġoranza, irrispettivament minn kif tali maġġoranza tiġi ffurmata u bi kwalunkwe sistema elettorali li l-membri jintgħażlu.

Argument favorit ieħor ta' dawk li jopponuha hu li l-metodu ta' elezzjoni b'vot uniku trasferibbli huwa kumpless, u, għalhekk, mhux prattiku. Din l-oġġezzjoni hija bla bażi: is-sistema ilha topera, f'diversi pajjiżi u ma ġew esperjenzati l-ebda diffikultajiet prattiċi fl-applikazzjoni tiegħu, u, minbarra dan il-fatt, kwalunkwe teknikalitajiet jaqbdu mas-sistema u ma jaffettwawx l-elettorat, li l-impenn tiegħu hu sempliċi daqskemm hu taħt is-sistema preżenti.

Taħt iċ-ċirkostanzi, nissuġġerixxi li, qabel l-opinjoni pubblika tiġi mqarrqa fir-rigward tal-prinċipji u t-tħaddim tas-sistema

**ta' elezzjoni bil-vot uniku trasferibbli, għandhom jittieħdu passi biex jiġi spjegat u ppopolarizzat kemm jista' jkun il-metodu propost, filwaqt li jiġi enfasizzat fl-istess ħin li s-sistema għandha tiġi introdotta sabiex jiġi pprevenut il-monopolju tar-rappreżentazzjoni u tal-opinjoni pubblika li hija prevalenti taħt is-sistema preżenti mis-silenzjar mhux kostituzzjonali ta' minoritajiet importanti u kultant b'saħħithom ħafna.**[15]

Studju tal-Kostituzzjoni tas-self government tal-1921 jiżvela li r-rappreżentazzjoni proporzjonali kienet inkorporata f'żewġ dispożizzjonijiet simili ħafna għal xulxin, waħda f'relazzjoni mas-Senat u l-oħra f'relazzjoni mal-Assemblea Leġiżlattiva. Iż-żewġ dispożizzjonijiet huma kif ġej:

**8.(3) The first election of General Members of the Senate shall be according to the principle of proportional representation, each voter having one transferable vote. The method of voting and of transferring and counting votes and the duties of returning officers in connection therewith shall be governed by Regulations to be prescribed by the Governor as soon as practicable after the date of commencement of these Our Letters Patent.**

**15.(3) The first election of members of the Legislative Assembly shall be according to the principle of proportional representation, each voter having one transferable vote. The method of voting and of transferring and counting votes and the duties of returning officers in connection therewith shall be governed by Regulations to be prescribed by the Governor as soon as practicable after the date of commencement of these Our Letters Patent.**

Skont Enrico Vassallo,[16] saru regolamenti għaż-żewġ settijiet ta' elezzjonijiet mill-Gvernatur permezz ta' Proklamazzjoni datata 25 ta' Mejju 1921.[17]

# ID-DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IR-RAPPREŻENTANZA PROPORZJONALI FIL-LIĠI ORDINARJA

Il-Kostituzzjoni tal-1921 stabbiliet il-prinċipju fir-rigward tas-sistema li għandha tiġi segwita fl-elezzjoni tal-leġiżlatura bikamerali. L-ewwel elezzjoni li applikat ir-rappreżentanza proporzjonali kienet dik tas-Senat li saret fil-5 u s-6 ta' Ottubru 1921[18] u l-Assemblea Leġiżlattiva li saret fit-18 u d-19 ta' Ottubru 1921[19] fit-termini tar-Regolamenti tal-25 ta' Mejju 1921. Sussegwentement l-elezzjonijiet bdew jiġu rregolati mill-Att Elettorali, 1924[20] li spiċċa ġie mħassar mill-Att Elettorali tal-1929.[21] Dan tal-aħħar ġralu l-istess meta daħlu fis-seħħ żewġ liġijiet elettorali ordinarji:[22] l-Ordinanza Elettorali dwar il-Jedd tal-Vot, il-Metodu tal-Elezzjoni u r-Registrazzjoni tal-Eletturi,[23] u l-Ordinanza Elettorali dwar il-Votazzjoni.[24] Dawn il-liġijiet ġew issupplimentati mir-Regolamenti dwar il-Votazzjoni tal-1939.[25] Artikolu 13 tal-Ordinanza Elettorali dwar il-Jedd tal-Vot, il-Metodu tal-Elezzjoni u r-Registrazzjoni tal-Eletturi ppreveda li: 'L-elezzjoni tal-Membri tal-Kunsill tal-Gvern għandha ssir fuq il-prinċipju tar-rappreżentanza proporzjonali, u kull elettur għandu vot wieħed trasferibbli'. Din id-dispożizzjoni ġiet inkorporata f'artikolu 18 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali[26] bid-differenza waħda li l-kliem 'Kunsill tal-Gvern' issa sar 'Kamra' (li tfisser Kamra tad-Deputati). Ir-regolament proprju tal-karta tal-vot imbagħad kien inkluż fir-Regolamenti dwar il-Votazzjoni tal-1939. L-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali huwa l-aħħar liġi elettorali postkolonjali f'Malta li ħassret leġiżlazzjoni elettorali kolonjali li kienet għadha teżisti fil-ktieb tal-liġijiet fl-1991.

# RAPPREŻENTANZA PROPORZJONALI: KWISTJONI KONTROVERSJALI QABEL U WARA L-ADOZZJONI TAGĦHA

Ir-rappreżentanza proporzjonali kienet kontroversjali bħala kwistjoni fl-1921 daqskemm hi minn dak iż-żmien 'l hawn, b'mod partikolari f'Malta wara l-indipendenza. Meta l-Britanniċi waslu biex idaħħluha f'Malta, din is-sistema ma kinitx ġiet ippruvata u ttestjata. Il-Maltin ma kinux familjari ma' kif taħdem. Għalhekk ma jistax jingħad li sabet appoġġ unanimu fost il-Maltin. Fil-fatt, l-Assemblea Nazzjonali ta' Malta approvat abbozz ta' Kostituzzjoni fit-8 ta' Awwissu 1919 li ma kienx isemmi r-rappreżentanza proporzjonali la għall-elezzjoni tas-Senat u lanqas għall-Kamra tad-Deputati.[27] L-Assemblea Nazzjonali, fil-fatt, kienet tippreferi s-*scrutin de liste* aktar mir-rappreżentanza proporzjonali.

> **Fir-rigward tas-sistema elettorali li għandha tiġi adottata, huwa rakkomandat ritorn għas-*scrutin de liste*, jew kostitwenzi li jeleġġu aktar minn membru wieħed, diġà familjari u fis-seħħ f'dawn il-Gżejjer skont il-Kostituzzjonijiet preċedenti. Ma hemm l-ebda sistema elettorali verament perfetta, iżda dik rakkomandata mill-Assemblea Nazzjonali tippreżenta hawn, milli jidher, l-iżgħar numru ta' oġġezzjonijiet għall-applikazzjoni tagħha. Hija sistema diġà magħrufa u ppruvata fil-Gżira u faċli tiġi eżegwita, u għandha wkoll il-vantaġġ li tagħti opportunitajiet ġusti għar-rappreżentanza tal-minoranzi. Il-kunsiderazzjonijiet li mmotivaw lill-Assemblea Nazzjonali biex ma tadottax is-sistema ta' rappreżentanza proporzjonali pproponuta mill-Ministru huma, fost l-oħrajn, dawn li ġejjin:—**
>
> **(a) Is-sistema ta' rappreżentanza proporzjonali għandha tendenza li mhux biss toħloq wisq diviżjonijiet fil-pajjiż u fil-Parlament, iżda wkoll trendi eċċessivament faċli l-elezzjoni ta' dawk li ma jgawdux b'mod effettiv il-kunfidenza tal-**

**maġġoranza tal-elettorat; (b) bl-ebda mod ma hu faċli li jinstab numru suffiċjenti ta' kandidati f'kull distrett ta' Malta u Għawdex biex is-sistema ta' rappreżentanza proporzjonali titwettaq b'mod ġust; (c) l-illitteriżmu ta' għadd kbir tal-eletturi tagħna tagħmel it-twettiq ta' din is-sistema diġà kkumplikata minnha nnifisha aktar diffiċli u kkumplikat; (d) huwa perikoluż li tinbeda forma ġdida ta' Gvern b'sistema elettorali li bl-ebda mod ma hi familjari man-nies u li, band'oħra, tat riżultati li mhumiex sodisfaċenti; (e) din is-sistema mhix fis-seħħ fl-Ingilterra stess.[28]**

Is-Segretarju tal-Istat ma qabilx, u argumenta li l-kumplessità tas-sistema elettorali tar-rappreżentanza proporzjonali:

**... li dwarha tgerger l-Assemblea, prinċipalment tikkonsisti fid-determinazzjoni tar-riżultat wara li l-voti jkunu ġew irreġistrati, u għalhekk l-illitteriżmu tal-votanti li għalih tirreferi l-Assemblea ma jaffettwax il-merti tas-sistema li tagħti l-aktar rappreżentazjoni preċiża tar-rieda vera tal-elettorat u hija kkalkolata l-aħjar li taċċerta l-elezzjoni ta' rappreżentanti li individwalment igwadu l-kunfidenza taċ-ċittadini sħabhom. Is-sistema tas-*scrutin de liste*, li l-Assemblea Nazzjonali tippreferi, fl-opinjoni tiegħi mhix ikkalkolata li tipproduċi riżultati daqstant mixtieqa iżda għandha t-tendenza li, għall-kuntrarju, tenfasizza u ssaħħaħ il-poter ta' organizzazzjonijiet ta' partiti għad-detriment tal-għażla libera taċ-ċittadini nfushom.[29]**

Il-Kamra tal-Avukati fir-rapport tagħha dwar l-abbozz tal-kostituzzjoni tal-1921 wissiet kontra d-dħul tar-rappreżentanza proporzjonali:

**Ma nemmnux li s-sistema ta' rappreżentanza proporzjonali, kif issuġġerita mill-Ministru, tista' tiġi adottata, għax anki jekk din is-sistema tista' tiġi mfaħħra teoretikament, ma jistax ikun hemm dubju li hija ġdida wisq u ma sabitx, la fil-Kontinent u lanqas fl-Ingilterra stess, daqstant favur ġenerali sabiex tiggarantixxi minn issa it-tjubija tagħha fil-prattika, u, barra minn hekk, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li qed ninawguraw reġim ta' Gvern ġdid f'Malta, ma jidhirx prudenti li fl-istess ħin nittestjaw din is-sistema l-ġdida.[30]**

# IR-RAPPREŻENTANZA PROPORZJONALI LLUM

Kważi mitt sena wara l-irvell tas-*Sette Giugno*, jista' jiġi konkluż li ż-żerriegħa tar-rappreżentanza proporzjonali fil-Kostituzzjoni tal-1921 kibret, żviluppat, immultiplikat u tat il-frott. Elezzjonijiet li japplikaw ir-rappreżentanza proporzjonali llum huma rregolati mil-liġijiet li ġejjin:

**(a) il-Kostituzzjoni sa fejn l-elezzjonijiet tal-Kamra tar-Rappreżentanti huma kkonċernati;[31]**
**(b) l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali;[32]**
**(c) l-Att dwar l-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew; [33]**
**(d) l-Att dwar il-Kunsilli Lokali sa fejn l-elezzjonijiet tal-awtoritajiet tal-gvern lokali huma kkonċernati;[34]**
**(e) l-Att dwar l-Edukazzjoni fir-rigward tal-ħatra tar-Rettur;[35] u**
**(f) ir-Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet tal-Gvern Lokali fir-rigward tal-elezzjoni tad-disa' membri tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.[36]**

Il-vot uniku trasferibbli jintuża fl-elezzjonijiet kollha – ġenerali,[37] self government lokali[38] u tal-Parlament Ewropew[39] – u għall-elezzjoni tar-Rettur tal-Università ta' Malta u tal-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Dan jippermetti lill-kandidati elettorali indipendenti li mhumiex affiljati ma', jew jikkontestaw taħt, l-arma ta' partit politiku jikkontestaw elezzjonijiet fuq bażi ġusta – almenu teoretikament – ma' kandidati elettorali oħra li qed jikkontestaw l-istess elezzjoni f'isem partit politiku. Madanakollu, dan it-tip ta' kandidat indipendenti jrid jiġu kkuntrastat ma' kandidati li inizjalment ikkontestaw elezzjoni f'isem partit, ġew eletti fil-Kamra tad-Deputati (jew fl-istituzzjoni tas-self government lokali jew fil-Parlament Ewropew) f'isem l-istess partit, iżda li, wara, għażlu li jabbandunaw lill-partit politiku u jiddikjaraw ruħhom bħala MP indipendenti matul l-istess leġiżlatura. Dawn il-Membri Parlamemtari indipendenti tal-aħħar iridu jiġi magħżula minn dawk il-Membri Parlamentari li huma b'mod inerenti indipendenti mill-partiti politiċi li jikkontestaw elezzjoni ġenerali mill-bidu nett sa fejn huma qatt ma jkunu kkontestaw f'isem partit politiku mill-bidu nett meta jkun ssottomettew l-kandidatura elettorali tagħhom.

Fir-rigward tas-self government lokali, it-tliet istituzzjonijiet demokratiċi ta' self government lokali kollha huma eletti, kultant b'mod dirett[40] u drabi oħra b'mod indirett.[41] Hija l-liġi li taħseb għall-kondotta tal-elezzjonijiet għas-self government lokali permezz ta' dispożizzjonijiet iddettaljati li jsiru fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Essenzjalment, mingħajr ma ndumu wisq fuq dan il-punt, it-tliet livelli ta' istituzzjonijiet li jikkomponu s-self government lokali huma eletti bl-istess mod kif jiġi elett il-Parlament. L-elezzjonijiet tal-kunsilli normalment isiru kull erba' snin billi tiġi adottata sistema ta' rappreżentanza proporzjonali li tuża l-vot uniku trasferibbli.[42] L-elezzjonijiet jiġu amministrati mill-Kummissjoni Elettorali.[43] Ir-regolamenti li jirregolaw l-elezzjonijiet tas-self government lokali jinsabu fit-Tielet Skeda tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, ir-Regolamenti dwar l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali tal-1993. Dawn id-dispożizzjonijiet huma ssupplimentati minn artikolu 37A(2) u (3) sa fejn huma kkonċernati l-Kumitati Reġjonali u minn artikolu 47A(5) sa fejn huma kkonċernati l-Kumitati Amministrattivi.

Il-vot uniku trasferibbli jintuża fis-sens li hu possibbli li tivvota għall-kandidati tal-għażla tiegħek anki jekk hemm bżonn minn partiti politiċi differenti, jiġifieri, billi ddur għall-votazzjoni għal aktar minn partit wieħed.[44] Għall-kuntrarju tal-lista tal-partiti, fejn jiġu eletti partiti u mhux kandidati, fis-sistema elettorali tal-vot uniku trasferibbli, huma l-kandidati li jivvutaw għalihom u jiġu eletti, jekk jirnexxu, fil-Parlament. Is-sistema tal-vot uniku trasferibbli hija bħas-sistema Irlandiża.[45] B'mod ġenerali wieħed jista' jgħid b'ċertezza li l-mod kif is-sistema elettorali ħadmet ipproduċa gvern stabbli l-iżjed minħabba s-sistema politika bipartiġġjana b'żewġ partiti kbar li jpartu l-poter bejniethom bi ftit li xejn lok fejn jimmanuvraw partiti politiċi iżgħar li aktar iva milli le, ma jiġux eletti fil-Kamra tad-Deputati u, f'dawk il-każijiet eċċezzjonali fejn jirnexxielhom jagħmlu dan, l-influwenza tagħhom hija negliġibbli.

Din is-sistema mhix strettament proporzjonali għax xorta għandha element ta' ħela ta' voti li jammonta għal wieħed minn kull sitt voti skont id-distrett elettorali. Bidliet fil-Kostituzzjoni biex jiġi introdott mekkaniżmu korrettiv saru fl-1987 u fl-1996. Aktar emendi saru wkoll fl-2007 biex tinkiseb rappreżentanza proporzjonali aktar stretta.[46]

# KONKLUŻJONI: EVALWAZZJONI QASIRA TAR-RAPPREŻENTANZA PROPORZJONALI F'MALTA 1921-2019

Matul iż-żmien, is-sistema elettorali ma kinitx nieqsa mill-kontroversji. Mhuwiex, naturalment, l-iskop ta' din il-kitba qasira li tiddiskuti s-sistema elettorali inġenerali jew ir-rappreżentanza proporzjonali b'mod partikolari fir-rigward tat-tħaddim u l-iżvilupp iddettaljati tagħha. Dan diġà sar band'oħra.[47] Ta' min jinnota, però, li s-sistema naqsitna kull darba li kellna nduru għall-mekkaniżmu elettorali korrettiv fl-elezzjonijiet ġenerali tal-1987, 1996, 2008, 2013 u 2017. Saru emendi għall-Kostituzzjoni fl-1987, 1996 u 2007 speċifikament intenzjonati li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet permezz tal-Att sabiex Jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta tal-1987,[48] l-Att sabiex Jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta tal-1996[49] u l-Att sabiex Jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta (Nru. 2) tal-2007.[50] Madanakollu xorta għad hemm aspetti li dawn l-emendi ma indirizzawx fl-intier tagħhom bħal meta jiġi elett it-tielet partit fil-Kamra mingħajr ma tinkiseb maġġoranza ċara minn wieħed mill-partiti l-kbar. Minkejja dan, huma x'inhuma d-defiċjenzi tas-sistema elettorali, huwa ċar li din serviet lill-pajjiż għal kważi seklu. Din is-sena qed nikkommemoraw l-irvelli tas-*Sette Giugno* 1919, li pprovokaw l-awtodeterminazzjoni f'Malta u fi żmien sentejn, niċċelebraw l-għoti tal-Kostituzzjoni tas-self government tal-1921 li taħtha ġiet introdotta r-rappreżentanza proporzjonali li baqgħet sal-lum fil-liġi elettorali Maltija.

[1] Michael A. Sant, "*Sette Giugno*" 1919: *Tqanqil u Tibdil*, Sensiela Kotba Socjalisti, 1989, pp. 45-93. Għal interpretazzjoni mhux konvenzjonali tas-*Sette Giugno*, ara Mark Camilleri, *A Materialist Revision of Maltese History 870-1919*, Mark Camilleri u Sensiela Kotba Socjalisti, Marsa, 2016, b'mod partikolari pp. 161-168.

[2] Michael A. Sant, *supra* nota 1, pp. 77-93.

[3] Dik li kollokjalment nirreferu għaliha bħala 'l-Kostituzzjoni ta' Malta tal-1921' fil-fatt tikkonsisti fi tliet strumenti kostituzzjonali: (a) il-Letters Patent li tagħti l-kostituzzjoni tal-Gvern Responsabbli f'Malta – l-14 ta' April 1921; (b) il-Letters Patent li tikkostitwixxi l-Uffiċċju tal-Gvernatur u l-Kap Kmandant ta' Malta – l-14 ta' April 1921; u (c) l-Istruzzjonijiet lill-Gvernatur u l-Kap Kmandant ta' Malta, l-14 ta' April 1921. Għal studju dwar il-Kostituzzjoni tal-1921, ara John J. Cremona, *The*

*Maltese Constitution and Constitutional History Since 1813*, Publishers Enterprises Group Ltd., San Ġwann, 1994, pp. 23-37; Raymond Mangion, *Legislatures and Legislation in Malta, 1914 to 1964*, Dipartiment tal-Istorja Legali u l-Metodoloġija, Fakultà tal-Liġi, Università ta' Malta, 2017, pp. 63-82, u *Speakers' Rulings in the Parliament of Malta, First Volume, Part One, The Legislative Assembly 1921-1924*, Malta University Press, Msida, 2012, pp. xix-xxviii; Henry Frendo, *Maltese Political Development 1798-1964*, Ministeru għall-Edukazzjoni u r-Riżorsi Umani, Belt is-Sebħ, 1993, pp. 290-340; Joseph M. Pirotta, *L-Istorja Kostituzzjonali u L-Isfond Storiku (1800-1942)*, Independence Publications - PIN, Pietà, 2005, pp. 133-167, b'mod partikolari pp. 147-150; Consuelo Scerri Herrera, *A Historical Development of Constitutional Law in Malta 1921-1988, Teżi tad-Dottorat tal-Liġi, Fakultà tal-Liġi, Università ta' Malta, Msida, 1988*, pp. 3-26; u Austin Bencini (ed.), *Diritto Costituzionale. Lezioni del Professore Enrico Vassallo (1875-1945) Trascritte da Vincenzo Maria Pellegrini (1911-1997)*, Dipartiment tal-Istorja Legali u l-Metodoloġija, Fakultà tal-Liġi, Università ta' Malta, Msida, 2016, pp. 111-117. Għall-antecedenti storiċi immedjati tas-Sette Giugno u għal diskussjoni dwar dan l-avveniment, ara Paul Bartolo, *X'Kien Ġara Sew fis-VII Giugno 1919*, Edizzjoni Klabb Kotba Maltin, 1979; Henry Frendo, *Lejn Gvern Responsabbli 1905-1921*, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Pietà, 1990 u *Party Politics in a Fortress Colony, The Maltese Experience*, it-tielet edizzjoni, Midsea Books, Valletta, 2013, pp. 171-173; u Dominic Fenech, *Responsibility and Power in Inter-War Malta. Book One: Endemic Democracy (1919-1930)*, Publishing Enterprises Group (PEG) Ltd., San Ġwann, 2005, pp. 21-48. Għall-kriżijiet politiċi taħt il-Kostituzzjoni tal-1921, ara Tonio Borg, Disa' Kriżijiet, Kite Group, B'Kara, 2017, pp. 33-51.

4 Fir-rigward tar-rappreżentanza proporzjonali bil-vot uniku trasferibbli: (i) u d-dħul tagħha f'Malta, ara Dominic Fenech, *supra* nota 3, pp. 66-75; u John Anastasi, *Proportional Representation under the 1921 Constitution: Some Aspects of a Novel Electoral Process*, Baċċellerat tal-Arti (bl-Unuri) fl-Istorja, Fakultà tal-Arti, Università ta' Malta, Mejju 2002; u (ii) kif din żviluppat maż-żmien, ara Austin Bencini, *Malta's Hybrid Electoral System: A Constitutional Review*, Kite Group, B'Kara, 2018.

5 Għal studju dwar l-evoluzzjoni storika tas-sistemi elettorali f'Malta matul il-perjodu Brittaniku u sussegwenti għalih, ara Adrian Dingli, *A Comparative Study of Electoral Systems*, Teżi tad-Dottorat tal-Liġi, Fakultà tal-Liġi, Università ta' Malta, 1988; pp. 5-23 u Austin Bencini, *supra* nota 4, pp. 41-221. Fir-rigward tas-*scrutin de liste*, ara John Anastasi, *supra* nota 4, pp. 5-10.

6 John Anastasi, *supra* nota 4, pp. 10-16.

7 Ara J.H. Proctor, 'The Acceptance of Proportional Representation in Malta', *Parliamentary Affairs*, Volum 33, Nru. 1, 1980, pp.308-321.

8 Għal studju dwar ir-rappreżentanza proporzjonali permezz tal-vot uniku trasferibbli f'Malta, ara Adrian Dingli, *supra* nota 5, pp. 70-73 u 129-204; John C. Lane, 'A Survey of Elections in Malta, 1921-1998' f'Catherine C. Vella, *The Maltese Islands on the move: a mosaic of contributions marking Malta's entry into the 21st century*, Valletta, Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika, 2000, pp. 207-222; Tonio Borg, *A Commentary on the Constitution of Malta*, Kite Group, B'Kara, Malta, 2016, pp. 312-315; Charlene Camilleri, *The 'Corrective Mechanism' in the Maltese Electoral Law: A Constitutional Misnomer?*, Teżi tal-LL.D., Fakultà tal-Liġi, Università ta' Malta, Msida, Lulju 2015; u Austin Bencini, *supra* nota 4.

9 The United Kingdom Government of Ireland Act, 1920 (10 & 11 Geo. 5 c. 67) artikolu 14(3) fiha dan li ġej: 'The members shall be elected by the same electors and in the same manner as members returned by constituencies in Ireland to serve in the Parliament of the United Kingdom, except that at any contested election of the full number of members the election shall be according to the principle of proportional representation, each elector having one-transferable vote, as defined by the Representation of the People Act, 1918, and His Majesty in Council shall have the same power of making regulations in respect thereto as he has under subsection (3) of section twenty of that Act, and that subsection shall apply accordingly'. It-test tal-abbozz tar-Regoli fir-rigward tar-Rappreżentanza Proporzjonali jinsab f'*Copy of Draft Rules prescribing the method of voting and transferring and counting Votes at any Election according to the principle of - I. the Single Transferable Vote; and II. the Alternative Vote,* His Majesty's Stationery Office, Londra, 1917, cd. 8768 u f'Sir Hugh Fraser, *The Representation of the People Act*, Sweet & Maxwell, Londra, 1918, pp. 718-736.

10 Ara House of Commons Parliamentary Papers, *Papers Relating to the New Constitution of Malta*, His Majesty's Stationery Office, Londra, 1921, [1921] Cmd. 1321, p 11, paragraphs 18 and 20.

11 Lord Plumer, *The Governor to the Secretary of State, supra* nota 10, p. 39.

12 Ibid.

13 Ibid., p. 41.

14 Ibid.

15 M.A. Refalo, *Observations by His Honour Professor M.A. Refalo, C.B.E., LL.D., Chief Justice*, nota 9, pp. 46-47.

16 Austin Bencini, *supra* nota 3, p. 113.

17 Għat-test tal-Proklamazzjoni, ara l-*Gazzetta tal-Gvern ta' Malta*, L-Erbgħa, 25 ta' Mejju, 1921 Ħarġa Nru. 6395 f'pp. 415-416. Ara wkoll 'Regulations relative to the election of General Members of the Senate and of the Members of the Legislative Assembly and the registration of electors thereof' ppubblikata minn Proklamazzjoni Nru. XI tal-25 ta' Mejju, 1921, u r-'Regulations for the Use of the Single Transferable Vote in the election of General Members of the Senate and Members of the Legislative Assembly by Proportional Representation' ppubblikati minn Proklamazzjoni XI

tal-25 ta' Mejju, 1921, *Gazzetta tal-Gvern ta' Malta*, 25 ta' Mejju, 1921 Ħarġa Nru. 6395 f'pp. 416-
430 u 431-450 rispettivament. Dawn ir-regolamenti saru fit-termini ta' Ordinanza VII tal-1904.
Michael J. Schiavone, *L-Elezzjonijiet F'Pajjiżna Fl-Isfond Storiku 1800-2013*, Independence
18 Publications - PIN, Pietà, 2013, p. 92. Għat-tħaddim tal-vot uniku trasferibbli fl-elezzjoni tal-1921,
ara John Anastasi, *supra* nota 4, pp. 17-38.
Ibid., p. 96.
19 Att Nru. XIV tal-1924. Ara l-*Gazzetta tal-Gvern Suppliment Nru. XXXII*, 22 ta' April 1924, pp. 239-
20 281. Kienet din il-promulgazzjoni li ħassret iż-żewġ settijiet tar-regolamenti tal-1921 permezz ta'
artikolu 2 tagħha.
Att Nru. XXVI tal-1929. Ara *Indiċi, Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta, 1984*, p. II.70.
21 Ibid. Ara wkoll p. II.101 u p. II.102.
22 Kapitlu 157 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta tal-1942, issa Kapitlu 99 tal-Edizzjoni
23 Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta tal-1984.
Kapitlu 163 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta tal-1942, issa Kapitlu 102 tal-Edizzjoni
24 Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta tal-1984.
Dawn ir-regolament saru permezz ta'Notifika tal-Gvern Nru. 299 tal-1939.
25 Kapitlu 354 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta tal-1984.
26 Assemblea Nazzjonali, *General Lines of the Draft Constitution Approved by the National Assembly*
27 *at the Sitting of the 8th August, 1919, supra* nota 10, pp. 6-9.
Assemblea Nazzjonali, *Resolution Approved by the "National Assembly" in the Sitting held on the*
28 *26 August, 1920, at Casal Lia (Villa Gourgon), supra* nota 10, pp. 76-77.
Sir Winston Churchill, *The Secretary of State to the Governor, supra* nota 10, p. 94.
29 Kamra tal-Avukati, *Report of the Chamber of Advocates on the Draft Constitution, supra* nota 10,
30 p. 75.
Kostituzzjoni, artikolu 56(1).
31 Kapitlu 354 tal-Liġijiet ta' Malta, artikolu 18 u t-Tlettax-il Skeda.
32 Kapitlu 467 tal-Liġijiet ta' Malta.
33 Kapitlu 363 tal-Liġijiet ta' Malta, artikolu 8 (1). Isiru elezzjonijiet għall-kunsilli lokali, il-kumitati
34 amministrattivi u ċ-chairmen tal-kumitati reġjonali.
Kapitlu 327 tal-Liġijiet ta' Malta , artikolu 74(10)(c).
35 Leġiżlazzjoni Sussidjarja LS 363.06, regolament 6(1) u t-Tielet Skeda
36 Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, Kapitlu 354 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tlettax-il Skeda.
37 Att dwar il-Kunsilli Lokali, Kapitlu 363 tal-Liġijiet ta' Malta, artikolu 8(1).
38 Att dwar l-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, Kapitlu 467 tal-Liġijiet ta' Malta, artikolu 7.
39 Bħal fil-każ tal-Kunsilli Lokali u l-Kumitati Amministrattivi li huma eletti b'mod dirett mir-residenti
40 tal-lokalità u mill-komunità rispettivament.
Bħal fil-każ tal-Kumitati Reġjonali fejn iċ-chairman jiġi elett minn fost il-kunsilliera kollha tal-
41 lokalitajiet li jiffurmaw ir-reġjun.
Att dwar il-Kunsilli Lokali, artikolu 8(1).
42 *Ibid.*, artikolu 8(2).
43 Għal studju tal-votazzjoni għal aktar minn partit wieħed fil-perjodu 1921-1932, ara John Anastasi,
44 supra nota 4, pp. 39-56.
Għal diskussjoni dwar it-tħaddim tas-sistema tal-vot uniku trasferibbli f'Malta, ara Michael J.
45 Schiavone, supra nota 17, pp. 1251-1252. Il-Kummissjoni Elettorali toħroġ ukoll struzzjonijiet bil-
miktub lis-Superviżuri, l-Assistenti tal-Għadd, l-Assistenti Kummissarji u lill-Pulizija. Pereżempju,
Kummissjoni Elettorali, *Instructions to Supervisors and Counting Assistants, Instructions to
Assistant Commissioners, Instructions to the Police*, il-Kummissjoni Elettorali, Valletta, 1981. Ara
wkoll Adrian Dingli, *supra* nota 5, pp. 145-158.
Ara Charlene Camilleri, *supra* nota 8, b'mod partikolari pp. 75-92.
46 Ara r-referenzi f'supra noti 1 sa 8 u 18; Dominic Fenech, 'The 1998 Maltese election', *West European*
47 *Politics*, Vol. 22, Nru. 2 (April 1999), pp. 193-198; 'The 2003 Maltese EU referendum and general
election', *West European Politics*, Vol. 26, Nru. 3 (Lulju 2003), pp. 163-170; 'The 2008 Maltese
General Election: The Tortoise and the Hare', *West European Politics*, Vol. 31, Nru. 5 (Settembru
2008), pp. 1049-1054; 'The 2013 Maltese General Election: unplugging the Blockage', *West
European Politics*, Vol. 36, Nru. 5, pp. 1088-1094; u 'The 2017 Maltese general election: parallel
monologues', *West European Politics*, ippubblikat onlajn fit-30 ta' Novembru 2017 fuq https://
doi-org.ejournals.um.edu.mt/10.1080/01402382.2017.1404245; id-diversi kitbiet kollha intitolati
'Malta' minn Dominic Fenech ippubblikati fil-*European Journal of Political Research* li jkopri
l-perjodu 1997 sa 2017; u https://www.um.edu.mt/projects/maltaelections.
48 Att Nru. IV tal-1987.
49 Att Nru. XI tal-1996.
50 Att Nru. XXI tal-2007.

# NOTA DWAR L-AWTUR

**Il-Professur Kevin Aquilina** huwa d-Dekan tal-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Malta kif ukoll Kap tad-Dipartiment tal-Liġi dwar il-Midja, il-Komunikazzjoni u t-Teknoloġija. Huwa ppubblika kotba, artikli f'perjodiċi, u kapitli f'kotba dwar il-Liġi Maltija, b'enfasi fuq il-Liġi Kostituzzjonali, tal-Midja, tal-Ippjanar tal-Iżvilupp, u tad-Drittijiet tal-Bniedem, fost oħrajn.

# L-IMPORTANZA STORIKA TAL-AVVENIMENTI TAS-SEBGĦA TA' ĠUNJU 1919

MARK CAMILLERI

Għala niċċelebraw ir-rewwixta li saret fis-sebgħa ta' Ġunju 1919, magħrufa bħala s-*Sette Giugno*, bħala jum u festa nazzjonali? Għala ma niċċelebrawx id-data ta' meta Malta ngħatat il-kostituzzjoni tas-self-governmnet tal-1921 minflok, ladarba niċċelebraw Jum l-Indipendenza u Jum ir-Repubblika li kienu ġranet li jirrimarkaw l-istituzzjoni ta' kostituzzjoni ġdida? X'għandu daqshekk speċjali s-sebgħa ta' Ġunju tal-1919? Din kienet ġurnata ta' protesta, ġurnata ta' rewwixta u vjolenza. Kienet ġurnata li bdiet kapitlu ġdid fl-istorja soċjali u politika tal-pajjiż.

Għal sekli sħaħ il-popolazzjoni Maltija kienet tgħix taħt il-madmad ta' poteri barranin li kienu jiggarantixxu s-sigurtà u l-għajxien ta' dawn il-gżejjer. Malta hija gżira żgħira u mingħajr riżorsi naturali ħlief għall-ġebla tal-franka. Tul il-milja tal-istorja tagħhom, gżejjer żgħar fil-Mediterran ma setgħux jikbru u jkollhom il-privileġġ li jkunu indipendenti u b'hekk iddependew fuq poteri ikbar minnhom. Gżejjer żgħar ġeneralment kienu wkoll dipendenti fuq il-kultivazzjoni ta' tip ta' ħsad wieħed biss, li f'Malta kien il-qoton.

Tul il-perjodu storiku taż-Żmien Nofsani, Malta esperjenzat diversi attakki minn kursara Musulmani, wieħed minnhom, fit-870-71, li ħalla l-gżejjer diżabitati. Attakk ieħor li seħħ fl-1429 kien battal terz tal-popolazzjoni. F'dawn iż-żminijiet il-popolazzjoni Maltija kienet vulnerabbli ħafna għall-attakki esterni mill-kursara u anke minħabba n-nuqqas ta' ikel. Kienet issir ukoll ħafna emigrazzjoni minn Malta għal Sqallija speċjalment fi żmien meta ma kienx ikun hawn ikel. Kien biss meta ġew il-Kavallieri ta' San Ġwann fl-1530 li Malta ħadet ir-ruħ u bdiet tgawdi l-istabbiltà. Meta l-Ottomani attakkaw lil Malta fl-1565 b'forza qawwija ta' 'l fuq minn 35,000 raġel, Malta rnexxielha tirreżisti l-Assedju. Wara l-Assedju l-Kbir, Malta bdiet tgawdi stabbilità eżistenzjali u anke ekonomika, u b'hekk il-popolazzjoni Maltija bdiet tikber b'rata mgħaġġla b'mod progressiv għall-ewwel darba fl-istorja tagħha.

Fl-1800, l-Ingliżi okkupaw lil Malta wara preludju ta' sentejn okkupazzjoni mill-Franċiżi. Taħt l-Ingliżi l-qagħda ekonomika ta' Malta marret għall-agħar. Għall-kuntrarju tal-Kavallieri ta' San Ġwann, l-Ingliżi ma kinux iqisu l-gżejjer Maltin bħala d-dar tagħhom u b'hekk ma tantx kellhom inċentivi biex jinvestu fil-gżejjer u jżommuhom ekonomikament stabbli. L-unika użu ta' Malta għall-Ingliżi kien bħala bażi navali u militari u Malta ma komplietx tiżvilluppa ekonomikament. Malta kienet tara l-ġid biss meta r-Renju Unit kien ikun involut f'xi gwerra fil-Mediterran jew fir reġjun bħalma kienet il-Gwerra tal-Krimea fl-1856. Kien il-ftuh tal-Kanal ta' Suez li fl-aħħar kien awmenta b'mod

konsiderevoli l-attività ekonomika fil-pajjiż speċjalment minħabba l-użu ta' Malta bħala punt għas-servizzi tal-vapuri kummerċjali li kienu jiġu suplixxiti bil-faħam. Il-boom ekonomika tal-Port battiet fl-aħħar tas-seklu 19 iżda l-attività ekonomika fil-pajjiż baqgħet għaddejja b'investiment kapitali ġdid mir-Renju Unit inkluż il-breakwater tal-Port il-Kbir li tlesta fl-1906. Meta spiċċa l-investiment kapitali reġa' ġie l-qgħad u l-għaks li kien jiġi mmitigat biss bl-immigrazzjoni ta' eluf Maltin lejn pajjiżi bħall-Eġittu, il-Libja, it-Tuneżija, u l-Alġerija. Kienet l-Ewwel Gwerra Dinjija li reġgħet ġabet ħafna xogħol fil-pajjiż.

Bażikament, l-ekonomija kienet tiddependi min-nefqa tad-difiża tar-Renju Unit fil-gżejjer, u f'dan iċ-ċiklu ta' għaks u xogħol, l-Ingliżi kienu joħorġu aktar dominanti. Kien hawn ukoll ħafna xogħol u kummerċ grazzi għall-Ingliżi u filwaqt li l-kummerċjanti kbar Maltin kienu jagħmlu profitt siewi fuq ix-xiri li kienu jagħmlu mingħandhom l-Ingliżi, dawk il-Maltin komuni li kienu jiddependu min-nefqa tal-Ingliżi, bħan-nies tad-dgħajjes, in-nisa ħassiela, u l-bejjiegħa tat-triq kienu jaqilgħu biżżejjed biex jitrejqu. Ix-xogħol f'Malta kien iebes, b'ħinijiet twal u ħlas baxx. Bi kważi monopolju fuq ix-xogħol u l-ġid f'pajjiż fqir, l-Ingliżi ma ħadux biss l-irwol ta' kmandanti tal-gżejjer imma anke ta' benestanti, fejn bil-benovelenza tagħhom kienu joffru l-karità lill-Maltin. Li jqabbduk biċċa xogħol kienet biżżejjed biex l-Ingliżi jkunu entitolati għall-gratitudni tiegħek imma li jħaddmuk magħhom u jagħtuk impjieg kien l-ikbar pjaċir li qatt setgħu jagħmlulek. Il-Maltin kienu jiġġieldu bejniethom għax-xogħol fit-Tarzna u fit-Tarzna l-ħaddiema kienu jiġġagbinaw lil xulxin bit-tama li jiġu ppremjati minn sidhom. Barra l-gradi tat-Tarzna kont issib ħafna rġiel jittalbu għax-xogħol, it-tfal kienu joħorġu fit-toroq tal-Belt u tal-Kottonera jbigħu l-ħxejjex u prodotti tal-ikel, u meta kienu jaraw Ingliż, kienu jinżgħulu l-kappell bit-tama li jagħtihom xi ħaġa.

Wara snin twal taħt dipendenza kronika, il-Maltin adottaw taħt l-Ingliżi ideoloġija u kuxjenza ta' dipendenza. Din l-ideoloġija ta' dipendenza kienet riżultat tal-ambjent u l-kundizzjonijiet materjali u f'realtà fejn prattikament, l-għajxien seta' jiġi biss mill-providenza ekonomika tal-Ingliżi. Fil-faqar, tbatija, u n-nuqqas ta' edukazzjoni li kienu fih il-Maltin dak iż-żmien ma setgħux iħarsu 'l bogħod u lil hinn mir-realtà ta' dipendenza kronika taħt il-patrun Ingliż.

Il-Knisja, li kellha kważi kontroll assolut fuq l-aspetti politiċi, soċjali u kulturali tas-soċjeta, kienet pjuttost komda b'soċjetà li tħaddan mentalità ta' dipendenza. L-Ingliżi u l-Knisja f'Malta kienu jikkumplimentaw lil xulxin u filwaqt li l-Ingliżi kienu jagħżlu l-Arċisqof Malti biex jassiguraw li jkun wieħed favurihom, l-Ingliżi ma kinux

jindaħlu fil-kwistjonijiet reliġjużi u l-edukazzjoni pubblika li kienet ikkontrollata mill-kleru. B'hekk, bejn il-Knisja u l-Ingliżi kien hemm bilanċ tal-poter. Min-naħa l-oħra, il-partiti politiċi kienu għadhom borġiżi wisq - kienu kontra li titneħħa t-taxxa fuq il-qamħ, u jekk ma kinux jemmnu li l-Ingliżi għandhom jokkupaw lil Malta, kellhom ikunu minflok it-Taljani. Anke l-borgeżija politika kienet marida bl-ideoloġija ta' dipendenza.

Manwel Dimech biss kien iddistingwixxa ruħu mill-borgeżija politika Maltija u fforma grupp żgħir li beda jisfida, b'ideoloġija radikali u politika soċjalista u anti-imperjalista, l-istatus quo. Dimech ma tantx dam. Fil-bidu tal-Ewwel Gwerra Dinjija, Dimech ġie eżiljat Lixandra, fl-Eġittu fejn għex l-aħħar snin ta' ħajtu. L-ewwel soċjalist Malti, li nissel fil-Knisja Maltija l-ewwel biża' definittiv tal-fatat komunista, tkeċċa mill-pajjiż. Ma kien għad fadal l-ebda mexxej politiku li kien determinat jaqleb l-affarijiet minn fuq s'isfel. Waqt l-Ewwel Gwerra Dinjija, ix-xogħol żdied imma l-prezzijiet tal-ikel żdiedu aktar u bin-nuqqas ta' provvista tal-ikel żdied l-għaks. Malta kienet qisha dieħla f'perjodu iswed ta' tbatija. F'dan il-perjodu ta' tbatija, tinqaleb il-folja għall-ewwel darba u għal għarrieda.

> ***"X'għandu daqshekk speċjali s-sebgħa ta' Ġunju tal-1919? Din kienet ġurnata ta' protesta, ġurnata ta' rewwixta u vjolenza. Kienet ġurnata li bdiet kapitlu ġdid flistorja soċjali u politika tal-pajjiż.***

Jidħlu fit-Tarzna l-ħaddiema Ingliżi. Protestanti, militanti, membri ta' trade unions, soċjalisti, komunisti jew sempliċiment ribelli. Ħadd ma kien ser ibeżżagħhom mill-babaw u jekk jiddejqu setgħu jagħmlu bħalma kienu dejjem għamlu qabel u jitilqu mill-post tax-xogħol bl-għajta tal-istrajk. Sa dak iż-żmien, il-ħaddiema tat-Tarzna qatt ma kienu ħarġu fuq strajk. L-istrajk tal-1899 mill-ħaddiema tal-faħam kien għeb fil-memorja tal-maġġoranza tal-ħaddiema u fit-Tarzna, l-ideoloġija ta' dipendenza kienet għadha dominanti. Għall-ewwel darba fl-istorja tagħhom, il-ħaddiema Maltin fit-Tarzna ltaqgħu ma' ħaddiema li kellhom mentalità differenti minn tagħhom u dawn setgħu jitgħallmu minnhom. Mingħand il-ħaddiema Ingliżi l-Maltin bdew jitgħallmu x'kienet trade union, bdew jitgħallmu xi tfisser tiġġieled għall-ħaddiema sħabek u l-importanza tal-għaqda. Bdew jitgħallmu u jindunaw ukoll li ma kienx ġust li huma bħala Maltin jaqilgħu inqas paga mill-ħaddiema sħabhom Ingliżi li kienu qed jagħmlu l-istess xogħol. Xi wħud ukoll bdew jitgħallmu fuq il-komuniżmu, is-soċjaliżmu u anke Lenin u l-Bolxevisti u xi wħud malajr gradwaw bħala komunisti konvinti.

Fl-1917 iseħħ l-ewwel strajk fit-Tarzna. L-ewwel trade union fit-Tarzna tiġi ffurmata u warajha jiġu ffurmati ħafna trade unions oħra fis-setturi ekonomiċi kollha: servizzi Ingliżi, manifattura, servizzi privati, għalliema u oħrajn. Mit-Tarzna xegħlet fjamma li qabdet fil-klassi tal-ħaddiema kollha u b'xi mod jew ieħor, qisu l-ideoloġija ta' dipendenza li ħakmet il-Maltin għal sekli sħaħ bdiet tisfa fix-xejn. Meta l-Gwerra spiċċat, din il-fjamma kellha suppost tintefa hekk kif l-Ingliżi kienu wegħdu ħafna affarijiet lill-popli u l-pajjiżi kolonji tagħhom li kienu kkontribbwixxew għall-gwerra – flus, kummerċ u aktar indipendenza politika. Iżda, l-Maltin minflok ma gawdew dawn il-privileġġi ġodda, gawdew aktar għaks u ġuħ. Bi tmiem il-gwerra, bdew is-sensji mit-Tarzna u s-sitwazzjoni tal-ikel marret biss għall-agħar.

Filwaqt li r-rabja fost il-Maltin bdiet tikber, il-partiti politiċi, imma speċjalment, dawk tal-partit ta' Nerik Mizzi bdew jikkomplottaw favur aktar awtonomija politika. Fi Frar, il-Mizzjani kienu għamlu sejħa pubblika biex jinġabru n-nies il-Belt Valletta f'appoġġ għall-Assemblea Nazionale li riedet mill-Ingliżi self-government. Preokkupati aktar fuq kwistjonijiet materjali u iktar imminenti minn awtonomija politika, il-Maltin ma tawx kas is-sejħa tal-Assemblea Nazionale ta' Frar. Iżda bil-ġuħ u l-għaks jiżdied, meta l-Assemblea Nazionale sejħet għall-appoġġ pubbliku għal-laqgħa tagħha tas-7 ta' Ġunju, din id-darba eluf ta' ħaddiema Maltin telgħu l-Belt u bdew rewwixta kbira li qasmet l-istorja ta' Malta fi tnejn u qerdet is-silenzju ta' sekli ta' sottomissjoni. Il-membri tal-Assemblea Nazionale kienu sorpriżi immens li barra fit-toroq tal-Belt kien hemm eluf ta' ħaddiema, u vjolenza li l-Belt Valletta

qatt ma rat bħalha. Il-ħaddiema tat-Tarzna daħlu u kissru u ħarqu l-istamperija tad-*Daily Malta Chronicle* talli ma kinitx ippubblikat risposta tagħhom fuq editorjal kontra l-istrajk. Id-dar ta' Antonio Cassar Torreggiani tkissret u tfarrket talli bħala produttur tad-dqiq, baqa' jipprofitta minn sitwazzjoni prekarja fejn il-Maltin qas setgħu jixtru l-ħobż. Il-bnadar tar-Renju Unit tqaċċtu u nħarqu talli fl-aħħar mill-aħħar ir-Renju Unit kien abdika mir-responsabbiltà tiegħu li jipprovdi l-għajxien lill-poplu li kien qed jaħkem. Fl-aħħar, l-ideoloġija ta' dipendenza bdiet titrażżan u l-ħaddiema Maltin ħadu d-dinjità tagħhom b'idejhom.

Lill-ħaddiema Maltin li bdew ikissru fil-Belt ħadd ma seta' jwaqqafhom għax il-pulizija kienu fuq strajk ukoll. Setgħu jwaqqfuhom biss is-suldati l-Ingliżi li spiċċaw qatlu mill-inqas erba' Maltin li kienu fil-folol. Il-Maltin ma kellhomx armi u ma kinux organizzati taħt tmexxija ċentrali – ir-rewwixta tas-sebgħa ta' Ġunju kien mument spontanju, diżorganizzat, improvizzat u saħansitra kreattiv u kienet fl-aħħar mill-aħħar l-ewwel attività sovverviżiva u ribelluża tal-ħaddiema Maltin b'mod kollettiv fuq livell nazzjonali. Manwel Dimech kien joħlom b'avveniment bħal dan filwaqt li għall-Knisja din kienet l-agħar ħaġa li qatt setgħet tiġri.

Kienet fil-fatt il-Knisja u mhux il-borgeżija politika li kienet indunat sew x'kellu bżonn isir biex titrażżan ir-rabja. Il-membri tal-kleru li kienu jafu sew lill-Maltin iktar minn kulħadd għax kienu prattikament jgħixu magħhom, kienu ndunaw li l-Maltin ma kinux l-istess Maltin ta' qabel il-Gwerra. Il-Maltin ta' wara l-Gwerra kienu nies li ma kinux ser jittolleraw il-ġuħ u l-għaks għalxejn b'xejn. Dawn il-Maltin ġodda, b'ideoloġija ta' dipendenza li bdiet tmajna, ippretendew ftit iktar dinjità u l-Knisja, imwerwra b'dak li kien qed jiġri fir-Russja, kienet taf sew ukoll, li jekk ma kinitx ser tissodisfa l-massa, setgħet fl-aħħar mill-aħħar tispiċċa hi stess taħt il-mannara.

Fl-Assemblea Nazionale, waqt li fit-toroq tal-Belt kienet għaddejja r-rewwixta u l-vjolenza, il-Monsinjur Ignazio Panzavecchia jagħmel dik li kienet sa dak iż-żmien, il-proposta politika li kienet ser tiddefinixxi l-ispirtu tal-politika Maltija tas-snin li ġejjin. Panzavecchia jipproponi l-idea li Malta titlob self-government u jsostni li s-self-government huwa importanti għax Malta kellha bżonn gvern li jagħmel liġijiet li kienu ser jgħinu l-ħajja tan-nies komuni. Għal Panzavecchia u l-Knisja kien wasal iż-żmien li l-politika sservi lill-poplu u mhux bil-kontra u din kienet idea pjuttost ġdida għall-borgeżija politika. Il-politika Maltija kellha tibda tieħu x-xejra bħala mezz għall-ġid komuni u mhux bħala mezz għall-ġid tal-borgeżija jew l-ideat tagħhom.

Ir-rabja u l-vjolenza tas-sebgħa ta' Ġunju 1919 battew malajr. Il-kleru għamel minn kollox biex jikkalma lin-nies, l-Ingliżi raw kif għamlu biex jerġa' jkun hemm stabbiltà, u l-partiti politiċi ma offrewx tmexxija rivoluzzjonarja. Fl-1921 ir-Renju Unit jagħti lil Malta kostituzzjoni tas-self-government u fis-snin għoxrin naraw mewġa ta' liġijiet soċjali li ġew miż-żewġ kampijiet politiċi differenti, kemm dawk tax-xellug u dawk tal-lemin. Is-*Sette Giugno* kien biddel il-prinċipji politiċi ta' dak iż-żmien u beda kapitlu ġdid fl-istorja ta' Malta. Għall-ewwel darba, il-bniedem komuni kien jgħodd.

Il-bniedem komuni beda jgħodd biss għax irribella b'mod vjolenti. Il-borgeżija, il-Knisja u l-Ingliżi ma kellhom l-ebda inċentiv li jaraw li titjieb il-qagħda ġenerali tal-poplu Malti. B'dik l-ideoloġija ta' dipendenza tant b'saħħitha fil-kuxjenza tal-Maltin, ħadd qatt ma kien jobsor li l-Maltin kienu ser jirribellaw, wisq inqas li jirribellaw b'dak il-mod vjolenti. Fil-fatt kemm il-borgeżija, il-Knisja u anke l-Ingliżi kienu preokkupati ferm fuq dak li kien ġara fis-sebgħa ta' Ġunju. Bil-Bolxevisti li kienu qed jikkonsolidaw il-poter tagħhom f'dak li qabel kien l-Imperu Russu, il-biżgħa tar-rivoluzzjoni mill-massa kienet ikbar minn qatt qabel. Kien fl-interess tal-poteri kollha li jaraw li f'Malta l-massa ma kinitx ser tkun irrabjata tant li ser terġa' tqum u thedded l-eżistenza tagħhom b'wirja pubblika ta' vjolenza. Dan kollu nistgħu narawh deskritt fid-dettall f'dokumenti tal-Ingliżi li raw li jirrappurtaw b'mod estensiv l-avvenimenti li ġraw.

Huwa mela ovvju għala s-sebgħa ta' Ġunju 1919 hija ġurnata importanti ħafna fl-istorja ta' Malta allavolja huwa diffiċli tispjega għala. Hija xi ftit jew wisq kumplessa l-problema ta' poplu fqir bla riżorsi, imma f'mument kritiku, il-Maltin eventwalment indunaw li l-ideoloġija ta' dipendenza ma kienet qed twassalhom imkien ħlief għal aktar faqar u tbatija. Għal dak iż-żmien, il-vjolenza tas-sebgħa ta' Ġunju kienet qabża rivoluzzjonarja fil-kuxjenza tal-Maltin, li għalkemm ma spiċċatx f'rivoluzzjoni definititva, spiċċat xorta waħda tiftaħ kapitlu politiku ġdid fl-istorja ta' Malta, minn fejn kien ser jinbet il-Partit Laburista u eventwalment jitwettaq dak li kien dejjem ħolom Manwel Dimech.

# NOTA DWAR L-AWTUR

**Mark Camilleri** huwa awtur, storiku, u Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Gradwat fl-istorja u bħalissa qed jikteb teżi tad-dottorat fuq il-filosofija tal-istorja. Ippubblika diversi kotba inkluż serje ta' kotba fuq l-istorja ta' Malta bit-titlu *A Materialist Revision of Maltese History.*

Bħala Kap Eżekuttiv tal-KNK, ħadem ħafna biex jorganizza u jirriforma s-suq tal-kotba bil-għan li jerġa' jibda jiżdied il-bejgħ tal-kotba f'Malta u jsaħħaħ l-industrija lokali tal-pubblikazzjoni. Ir-riformi u t-tibdiliet li wettaq fil-KNK jinkludu l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, l-open-data database tal-ISBN, l-esportazzjoni tal-letteratura Maltija u l-introduzzjoni tal-Public Lending Rights.

Camilleri ħadem mal-gvern Laburista u kiteb diversi liġijiet inkluż il-liġijiet li neħħew iċ-ċensura fuq l-arti, u l-liġi tal-midja u l-libelli li neħħiet il-libell kriminali u naqqset l-ispejjeż tal-libelli ċivili.

# IS-SETTE GIUGNO U MANWEL DIMECH

**MARK MONTEBELLO**

Bix-xieraq, it-tifkira tal-ewwel 100 sena mill-ġrajja tas-*Sette Giugno* m'għandhiex tonqos li tagħti lok għal riflessjonijiet fuq l-istorja reċenti tal-Gżejjer Maltin, kif ukoll mal-immaġinarju soċjali kollettiv marbut magħha. Dan jinkludi r-ridefinizzjonijiet kontinwi li nibqgħu nagħtu lilna nfusna bħala 'Maltin', jiġifieri ta' dik li nħobbu nsejħulha l-'identità nazzjonali'.

Ovvjament, ma hemm ebda identità nazzjonali li tista' teżisti b'xi mod fiss jew immutabbli; teżisti biss—jew aħjar *għadd* minnhom—bħala immaġinarji mġedda minn żmien għal żmien skont iċ-ċirkustanzi ġodda li jinqalgħu.

M'għandniex xi ngħidu, Manwel Dimech (1860–1921) kien parti minn dan il-proċess daqsna, bħalma wkoll kienu dawk li tradizzjonalment bdew jissejħu, u għadhom, id-Dimechjani. Dawn tal-aħħar huma importanti għall-ħsibijiet li se nipprova nfisser hawnhekk minħabba li joħolqu r-rabta diretta ta' Dimech mas-*Sette Giugno*. Ir-raġuni hi li Dimech kien ilu nieqes minn Malta permanentament sa minn Settembru tal-1914, jiġifieri aktar minn sitt snin u nofs qabel mewtu fl-Eġittu, u aktar minn erba' snin qabel is-*Sette Giugno*.

Waqt li ngħidu dan, tajjeb li wieħed jiftakar li, wara l-mewt ta' Dimech f'April tal-1921, dawk li qabel kienu membri tax-Xirka tal-Imdawlin

komplew jitferrxu aktar milli kienu għamlu f'Settembru tal-1914, meta Dimech ġie ddeportat għall-eventwali eżilju tiegħu. Għalkemm żgur li kellhom tifkiriet sbieħ ta' Dimech, u xi wħud kienu jgħożżuh ħafna, il-mod kif kienu lkoll abbandunawh għad-destin tiegħu waqt li kien qiegħed fl-Eġittu ma setax għen għas-sens ta' paċi tagħhom. Ix-Xirka malajr ixxejnet u, sa mill-mument tad-deportazzjoni ta' Dimech, ma baqgħetx teżisti aktar. Huwa wisq probabbli li ħafna mill-membri baqgħu jittamaw sal-aħħar li, b'xi grazzja mis-sema, l-Ingliżi kienu se jreġġgħu lil Dimech lura għandhom. Kien aktarx għal din ir-raġuni, fost oħrajn, li baqgħu passivi kważi għalkollox quddiem il-kaptività u l-qerda tiegħu. Minkejja dan, għall-bidu l-influss ta' Dimech fuq dawn il-membri baqa' jinħass sewwa.

Qabel ma nidħlu biex nistħarrġu mill-qrib is-sehem tad-Dimechjaniżmu u tad-Dimechjani fl-episodji tas-*Sette Giugno*, jidhirli li jkun tajjeb li nagħmlu xi riflessjonijiet li jidhru xierqa fiċ-ċirkustanzi tal-interpretazzjoni tas-*Sette Giugno* u tal-viżjoni Dimechjana tagħha. Għaldaqstant, nipproponi tliet taqsimiet ewlenin li fihom, wara xulxin, nistħarrġu b'mod ġenerali, l-ewwel, xi jkun qed jiġri meta nirrakkontaw ġrajja imgħoddija li nsejħulha 'storika' – tas-Sette Giugno jew xi oħra; it-tieni, x'għamla ta' storja hi r-rakkont tas-*Sette Giugno* li mdorrijin nagħmlu; u t-tielet, x'rabta jista' jkollu Dimech mas-*Sette Giugno.*

# L-ISTORJA TINĦOLOQ (ISSIR MIT) MALLI TIĠI RRAKKUNTATA

Qabelxejn, jeħtieġ li nżommu f'moħħna li l-imgħoddi ma jeżistix jekk mhux f'moħħna. L-istess bħalma ma jeżistix il-ġejjieni. L-imgħoddi jeżisti f'moħħna bħala interpretazzjoni. Aħna mhux biss nagħżlu kif ninterpretaw xi ġrajjiet tal-imgħoddi, imma nagħżlu wkoll liema ġrajjiet huma storiċi u liema mhumiex. Li rridu u li jogħġobna naċċettawh u ninkluduh fir-rakkont tagħna; li ma jogħġobniex u ma rriduhx, inwarrbuh u, bosta drabi, ninsewh.

Dan jurina li l-imgħoddi ma jeżistix sakemm aħna ma naħsbux fih. L-imgħoddi jibda jeżisti meta naħsbu fih. Malli naħsbuh, noħolquh. U noħolquh bħala xi ħaġa li jidhrilna li kien xi ħaġa relevanti għalina fil-preżent. Dak kollu li jidhrilna li mhuwiex relevanti għalina fil-preżent, ma nagħtux kasu, inħalluh barra mill-'istorja' li ninsġu, u nwarrbuh. Aħna nikkunsidraw biss bħala storiku dak li jidhrilna li għandu relevanza issa u hawnhekk, jiġifieri għad-definizzjoni kurrenti tagħna jew, fi kliem ieħor, għall-mod kif naraw lilna nfusna llum. Dan ma nistgħux naħarbuh. Il-kundizzjoni temporali u spazjali tagħna f'post u żmien partikulari ma tħalliniex nagħmlu mod ieħor, ukoll li kieku nixtiequ. Li jgħodd għalina hu l-preżent; l-imgħoddi u l-ġejjieni narawhom fid-dawl interpretattiv tal-preżent.

Għalkemm xi ġrajjiet jistgħu jkunu verifikabbli mil-lat dokumentarju, fihom infushom il-ġrajjiet ma jgħidulna xejn dwar kif aħna għandna llum naħsbu fihom bħala rakkont storiku, jiġifieri bħala parti minn biċċiet oħra u bħala parti mill-istorja tal-lum. Il-ġrajjiet dokumentati

huma indifferenti għad-definizzjonijiet u l-identitajiet tagħna u, għalhekk, huma fihom infushom manipulabbli jew maljabbli għal kull interpretazzjoni li rridu nagħtuhom skont żniedna. L-indifferenza tagħhom u l-inġenju tagħna jiltaqgħu biex joħolqu 'storja' li hi falza daqskemm hi vera, u reali daqskemm fantasija.

Hekk kif aħna noħolqu rakkont storiku mill-ġrajjiet tal-imgħoddi, inkunu ħloqnihom bħala 'storja' għax nagħtuhom interpretazzjoni partikulari li tagħmel sens għalija llum. Li kieku ma naraw ebda sens f'dawk il-ġrajjiet għalina llum, lanqas biss nagħtu kashom – kif fil-fatt nagħmlu ma' ħafna u ħafna episodji li seħħew, imma li lilna ma jgħidulna xejn għal dik li nistħajlu li hi l-identità tagħna llum, jew ukoll għax ma narawhomx relevanti biex jitimgħu l-interpretazzjoni li għandna bżonn. Aħna nsejħu 'storja' dak biss li hu konvenjenti għal dak li naħsbu li aħna llum jew dak li jidhrilna li għandna nkunu.

Is-*Sette Giugno* mhuwiex eċċezzjoni f'dan il-proċess. Illum għandna t-tendenza li naraw is-*Sette Giugno* bħala parti minn moviment li wassal għall-ħelsien ta' pajjiżna u bħala parti mill-hekk imsejħa u rrepetuta 'identità nazzjonali' tagħna. Il-ġrajjiet tas-*Sette Giugno* noħolquhom skont mudell interpretattiv—'paradima' jsejħulu xi wħud—li jista' jkun jew ma jkunx xieraq jew korrett. Huwa hekk, jiġifieri xieraq jew korrett, skont kif irridu li l-mudell jaħdem; skont xi rriduh jagħmel. Hu għalhekk li naraw is-*Sette Giugno*, bħal mumenti oħra ta' dik li nsejħulha l-istorja nazzjonali, bħal speċi ta' ġebla kostituttiva fil-binja tan-'narrazzjoni grandjuża' li m'għandhiex qtugħ jew tidwir lura. Din-narrazzjoni grandjuża hija storja mistħajla bħala narrazzjoni li tagħmel sens; li twassal għal xi mkien; li għandha ftuħ u għeluq; li tagħtina definizzjoni; li tipprovdi karattru jew personalità, mhux biss lill-poplu kollettivament, imma wkoll lill-persuni individwalment, għalkemm lil kulħadd b'modi differenti.

Iżda din-narrazzjoni hija dejjem maħduma b'lura. Għax tibda mill-preżent u tmur lura lejn l-imgħoddi. Id-direzzjoni tagħha hija inversa. Ma tibdiex mill-imgħoddi u tasal għandna qisha kienet xi pakkett jew ittra. Huma aħna li qed noħolqu dan l-imgħoddi li nistħajluh ġej lejna mingħajr ma jmiss ma mkien. Hu għalhekk li nippreżentawh bħala oġġettiv meta ma hu xejn għajr ħlieqa suġġettiva, arbitrarja u artifiċjali *daqs* dak li mpaspru li hi l-identità tagħna.

# IS-SETTE GIUGNO HU MIT STORIKU (B'DISTORZJONIJIET IDEOLOĠIĊI)

Dan kollu jgħodd għas-*Sette Giugno* mil-lat kostituttiv, jiġifieri inkwantu narrazzjoni storika. Niġu issa għall-kontenut tas-*Sette Giugno*. Biex nagħmlu dan, jidhirli li jeħtieġ illi nqisu tliet xejriet ewlenin ta' ħsieb: l-ewwel, li s-*Sette Giugno* la kien rivolta, wisq anqas rivoluzzjoni, imma sempliċiment irvell, disturb, aġitazzjoni; it-tieni, li s-*Sette Giugno* hu diżassoċċjat mill-moviment għall-ħelsien nazzjonali; u t-tielet, li hu storikament distort mill-konservattivi. Ħa naraw dawn ix-xejriet wara xulxin.

## A. IS-SETTE GIUGNO LA KIEN RIVOLTA, U WISQ ANQAS RIVOLUZZJONI

Bħala parti mill-mit storiku tas-*Sette Giugno*, spiss nisimgħu lil min jgħid li s-*Sette Giugno* kien xi speċi ta' rivolta kontra l-Britanniċi jew ukoll rivoluzzjoni kontra l-ħakma Britannika. Qabelxejn, dawn l-interpretazzjonijiet jinjoraw jew jinsew li s-*Sette Giugno* hu *essenzjalment* nieqes mill-elementi kostituttivi li jsawru dak li terminoloġikament u ideoloġikament nifhmu bil-kliem u r-realtajiet ta' 'rivolta' u 'rivoluzzjoni'. It-tieni, jinjoraw li l-arkitettura ideoloġika ta' dak iż-żmien ma kinitx tagħmilha possibbli li dawn ir-realtajiet iseħħu.

Dan narawh partikularment ċar meta nqegħduh fl-isfond tal-ħsieb ta' Dimech, li joffrilna—u tassew ixxurtjati f'dan—l-aqwa ottika ta' x'kienet il-qagħda ideoloġika ta' żmienu. Dimech jurina biċ-ċar li ma kienx jeżisti l-meħtieġ ideoloġiku biex ikun hemm, fl-1919 jew madwar dik is-sena, rivolta jew rivoluzzjoni. 'Ideoloġija' hawnhekk nifhem biha kwalunkwe xejra jew viżjoni politika.

Rivolta timplika qawmien mifrux ta' *diżubbidjenza* għal xi ordinamenti partikulari. Dan ma kienx jeżisti l-kunċett jew il-moviment tiegħu f'Malta la qabel l-1919 u lanqas għal ħafna snin wara. Dak tas-*Sette Giugno* kien diżassoċjat minn xi sura ta' teorija politika, minn xi kuxjentizzazzjoni politika, u wkoll minn xi tħejjija politiċizzata. Min-naħa l-oħra, rivoluzzjoni timplika qawmien mifrux għall-bidla ta' sistema politika. Din aktar mill-oħra ma kinitx teżisti. Dimech kontinwament aġixxa u aġita għad-diżubbidjenza u l-bidla strutturali, imma ftit li xejn sab, mhux biss lil min jappoġġjah, imma wkoll lil min *jifhem* x'kien qed jipprova jgħid. Għalhekk, is-*Sette Giugno* ma kellu xejn minn dan kollu. Kien, proprjament u sempliċiment, irvell, jiġifieri ksur tal-paċi pubblika.

Dan nistgħu narawh jekk inħarsu lejn l-episodji li seħħew bejn Frar u Ġunju tal-1919. Fihom, repettitivament u sistematikament, naraw li r-relattivament ftit Maltin li kienu involuti f'dawn l-episodji *ma riedu jibdlu xejn* f'dan is-sens fundamentali jew strutturali. Kienu qed joħolqu xejn anqas minn ħamba kull darba li jirnexxielhom jinġabru l-Belt. Dawn ir-relattivament ftit Maltin iżolati qatt ma kellhom l-iċken intenzjoni li b'azzjonithom jibdlu t-tmexxija kostituzzjonali ta' Malta (minn kolonja għal stat sovran). Biss biss, sa mill-1913, Nerik Mizzi kien qed jipprietka l-irredentiżmu, jiġifieri li nkunu parti mill-Italja ... u hu kien wieħed mill-paladuni tal-mit tas-*Sette Giugno*! Hu u sħabu lanqas ma riedu jibdlu l-amministraturi politiċi Britanniċi, jew is-sistema ekonomika, jew is-sistema soċjali.

Bil-maqlub tar-rivolta u r-rivoluzzjoni, hu aktar f'loku li nżommu li s-*Sette Giugno* kien ħamba, dik li bl-Ingliż isejħulha 'disturbance', jew, bil-Malti misluf, isejħulha rvell, disturb, jew aġitazzjoni. Kien ħamba li saret vjolenti. Kien, f'termini ideoloġiċi, irvell 'a-Dimechjan', jew a-rivoluzzjonarju. Beda bi protesta tal-istudenti universitarji—ilkoll kemm huma elitisti—kontra l-indħil tal-gvern kolonjali fl-għoti tal-gradi akkademiċi. Dil-protesta ma kellha assolutament ebda rabta ma' xi ideal politiku, ekonomiku, soċjali jew xi ħaġa simili; lanqas biss kellha dell x'taqsam ma' xi ġustizzja soċjali. Kienet protesta favur il-privileġġi tal-ftit!

Għaldaqstant, is-*Sette Giugno* sar biex jappoġġja kukkanja borgiża konservattiva. B'‘konservattivi' hawnhekk nifhem l-assoċjazzjoni maħlula ta' bejn il-biċċa l-kbira tal-kummerċjanti stabbiliti, tal-professjonisti, u tal-kleru. Dil-kukkanja, billi xtaqet li jkollha rappreżentanza akbar fil-Kunsill tal-Gvern, kulma riedet kien li, filwaqt li tibqa' tikkonserva l-privileġġi tal-Knisja (à la Panzavecchia) u tal-klassijiet privileġġjati (à la Filippo Sciberras), ikollha biċċa akbar mit-torta tal-Britanniċi. F'termini reali, dan kien ifisser kundizzjonijiet kummerċjali aħjar għas-sostenn kapitalistiku ta' dawn il-klassijiet, partikularment fuq l-importazzjoni tal-qmuħ u l-prezz tal-ħobż.

Il-qtil tal-Maltin kien aktar att t'*inkompetenza* milli ta' strateġija; xogħol ta' rekluti żgħażagħ Britanniċi bla taħriġ fil-kontroll tal-folol. Ma kien hemm ebda kunflitt fundamentali jew ideoloġiku involut f'dan kollu bejn il-gvern kolonjali u l-‘politiċi' Maltin.

Dan ifisser li r-rabta tas-*Sette Giugno* mal-gvern responsabbli tal-1921 hi biss *aċċidentali*. Infatti, il-Brittaniċi kienu diġà qed jaħsbu li jagħmlu xi ħaġa simili *qabel* l-1921, bħalma kienu diġà għamlu, fil-fatt, f'possessjonijiet territorjali oħra tagħhom. Hekk naraw, ngħidu aħna, li kienu għamlu fl-Ameriki (Kanada, 1841; Nova Scotia, 1848; Prince Edward Island, 1851; u New Brunswick, Newfoundland, 1855), fl-Awstraljasja (New South Wales, New Zealand, Queensland, South Australia, Tażmanija, Victoria, Western Australia, 1852–1901) u fl-Afrika (Cape Colony, 1852; Natal, 1893; Transvaal, 1906; u Orange Free State, 1908).

## B. IS-SETTE GIUGNO KIEN DIŻASSOĊJAT MILL-MOVIMENT GĦALL-ĦELSIEN

Minn dak li għadna kemm għedna nistgħu naslu għall-konklużjoni li s-*Sette Giugno* m'għandu ebda rabta neċessarja ma' dak li ġara wara biex Malta ħadet il-ħelsien tagħha. Ir-rabta hija biss waħda aċċidentali, fejn episodji suċċessivi ħadu d-dehra t'effetti li ġew ikkawżati mis-Sette Giugno. Fil-fatt, aktar jidher li ma kinux hekk. Dal-mit inħoloq mill-ewwel; u ħolquh il-borgeżi konservattivi għall-iskop partiġġjan tagħhom anti-Britanniku pro-Taljan, iżda mbagħad, bħal kull mit ieħor, ħa l-ħajja tiegħu nnifsu u kiber għal rasu. Infatti, kien mit li qabad ukoll mal-progressivi, bħalma kien il-Laburist magħruf Ġużè Orlando. Fil-ktejjeb tiegħu tal-1927, *VII Ġunju 1919*, kiteb: “Is-7 ta' Ġunju 1919 kien il-kaġun illi llum Malta għandha l-Awtonomija.” Mhux biss. Immedjatament wara, jgħid ukoll li: “Is-7 ta' Ġunju 1919 kien il-pedament illi fuqu nbena l-Partit tal-Ħaddiema”! Żewġ miti (jew fantasiji) f'nifs wieħed!

L-element ewlieni biex inħoloq dal-mit mit-taħlita improbabbli kienu l-imwiet li sfortunatament irriżultaw mill-ħamba. Dawn biddlu l-fiżjonomija kollha tal-memorja kollettiva. Ħambiet oħrajn kien hemm qabel u wara s-*Sette Giugno*, xi wħud akbar minnu wkoll. Imma ebda waħda minnhom ma kellha l-imwiet tan-nies, u għalhekk intesew u ma ġewx magħdudin bħala 'storja'. Is-*Sette Giugno* kien differenti minn dan il-lat, u għalhekk intgħażel biex jagħmel parti mir-rakkont uffiċjali, imbagħad ukoll biex ikun parti min-narrattiva grandjuża.

Wieħed irid jiftakar li s-*Sette Giugno* ġie fi żmien meta Malta ma kellhiex gvernatur Britanniku. Dawk kienu l-jiem meta kien tielaq wieħed, Paul Methuen, u ġej ieħor, Herbert Plumer. Minflok, kien qed jagħmilha ta' gvernatur Walter Hunter-Blair, suldat veteran li ftit li xejn kellu esperjenza ta' tmexxija governattiva. F'dawk il-jiem, dan waqa' f'paniku kbir, l-aktar għax ma kellux kuntatt mal-grupp li fforma l-hekk imsejħa 'Assemblea Nazzjonali', ma kienx jaf l-intenzjonijiet tagħha, u basar l-agħar fuq x'kienet qed taħmi kontra l-gvern. Bil-mentalità ta' veteran militari li kellu, dan ħaseb l-agħar minħabba episodji oħrajn li kienu seħħew reċentement fi nħawi oħra ħafna aktar sensittivi minn Malta, u li amplifikaw f'għajnejh il-periklu imminenti. Fost dawn, kien hemm il-bidu tal-gwerra tal-indipendenza Irlandiża minn Jannar tal-1919 'il quddiem, gwerra qalila u mdemma li baqgħet sejra sal-1921. Kien hemm l-irvellijiet fl-Eġittu bejn Marzu u Lulju tal-1919. Kien hemm il-massakru ta' Amritsar fl-Indja fit-13 ta' April tal-1919. Kien hemm l-irvellijiet kontra s-suwed f'diversi portijiet tal-Gran Britannja fil-ħamest ijiem ta' qabel is-7 ta' Ġunju tal-1919. Dawn kollha, u aktarx oħrajn magħhom, ħadmu flimkien biex joħolqu viżjoni apokalittika f'moħħ Hunter-Blair li ħolqulu tensjoni żejda u vjolenti. Wieħed lanqas ma jrid jinsa li, lejn tmiem l-1918 u bidu l-1919, bdew jaslu Malta lura minn Gallipoli u minn Salonika, in-nies li kien fadal mill-korpi ta' Maltin u Għawdxin li fl-1914, fil-bidu tal-Ewwel Gwerra Dinjija, kienu ntbagħtu biex jaħdmu, u li minnhom kienu mietu mas-600 ruħ. Dawn ġew bi qrusa kbira fihom għall-Britanniċi u b'aspettazzjonijiet ta' xogħol f'Malta u Għawdex, u xi ħlas għat-tbatijiet tagħhom.

Fi kliem ieħor, l-istorja tal-kostituzzjoni tal-1921 kellha kawżi oħrajn li, jekk xejn, is-*Sette Giugno* seta' aċċellera, iżda ma kienx il-movent dirett tagħhom. Wisq anqas ma s-*Sette Giugno* kellu xi rabta diretta jew neċessarja mal-istorja l-oħra, li bdiet ħamsin sena wara, li biha nħoloq minn Mintoff moviment għall-ħelsien.

## C. IT-TIFKIRA TAS-SETTE GIUGNO HI STORIKAMENT DISTORTA MILL-KONSERVATTIVI (SFORTUNATMENT BIL-KOOPERAZZJONI TAL-'PROGRESSIVI')

Xi ftit jew wisq, dan il-korollarju—li t-tifkira tas-*Sette Giugno* hi storikament distorta mill-konservattivi—isegwi minn dak li diġà ntqal hawn fuq. Madanakollu, għandna ninnutaw b'mod speċjali li l-mit maħluq beda jiġi promulgat minn *kulħadd*, inkluż dawk li ma kinux parti mill-ħmira tiegħu, u wkoll minn dawk li wara nqdew bih għall-iskopijiet tagħhom. Kienu l-konservattivi li ħolqu l-mit distort tas-*Sette Giugno*. Għall-ewwel għamluh biex isaħħu l-appoġġ pro-Taljan, imbagħad, meta dan, wara t-Tieni Gwerra Dinjija, ma kienx aktar moda, komplew għamluh biex jidhru li huma wkoll kienu parti mill-moviment tal-ħelsien nazzjonali. F'dan it-tieni moviment, il-kamp konservattiv jidher li biddel il-mit tas-*Sette Giugno* biex jiġi jaqbel mal-moviment Mintoffjan. Dan tal-aħħar kien kiseb popolarità kulturali akbar, billi anki sar il-paradima l-ġdida, u għalhekk kull episodju preċedenti kellu jiġi jaqbel miegħu. B'hekk sar sforz speċjali biex tinħoloq kontinwità u konsistenza storika fejn fil-fatt ma kienx hemm. Imma issa s-*Sette Giugno* sar parti min-narrattiva grandjuża, u hekk għadu sal-lum. Ismu stess—'*Sette Giugno*'; bit-Taljan—juri ta' min kien u ta' min għadu.

B'dan il-mod, din id-distorzjoni storika tas-*Sette Giugno* tfat l-isforzi indipendentistiċi tal-konservattivi f'epoka storika *li tippreċedi* l-bidu tal-moviment reali ta' Mintoff u sħabu. Ukoll, b'dan il-mod jiġu fl-istess ħin imnaqqsa l-oriġinalità u l-importanza ta' Mintoff u l-moviment tiegħu. Fid-dawl ta' dan, hu fil-fatt anakroniżmu fl-aqwa tiegħu li s-soċjalisti u l-hekk imsejħa 'progressivi' Maltin u Għawdxin jiċċelebraw is-*Sette Giugno*!

# IR-RABTA TA' DIMECH MAS-SETTE GIUGNO

Hemm diversi affarijiet li jorbtu lil Dimech mas-*Sette Giugno*. Imma qabel ma naraw x'jorbtuh mal-episodji ta' dawk il-jiem, jaqbel li l-ewwel naraw x'jifirduh minnhom.

## A. IL-QTUGĦ IDEOLOĠIKU (I)

Waħda mill-affarijiet li spiss tisma' fuq Dimech f'rabta mas-*Sette Giugno* hija s-suppost koinċidenza tal-mumenti kulminanti tagħhom. Dal-għajdut isostni li t-taparsi effett ewlieni tas-*Sette Giugno*, jiġifieri l-għoti tal-kostituzzjoni tal-1921, fit-30 t'April ta' dik is-sena, hu kważi f'koinċidenza kronoloġika perfetta (b'differenza ta' tużżana jiem biss) mal-mewt ta' Dimech, li seħħet fis-17 tal-istess xahar. Din il-koinċidenza mistħajla qisha trid tgħid li, waqt li Dimech kien qed jilħaq it-tmiem ta' ħajtu, hekk Malta kienet qed tilħaq it-tmiem tal-akbar aspirazzjoni li Dimech kellu għaliha. Dan hu falz. Ibda biex, it-tmiem ta' ħajjet Dimech kien innaturali; hu jmut ta' sittin sena meta seta' għex mill-anqas ħmistax, għoxrin oħra. It-tieni, il-kostituzzjoni tal-1921 ma kienet xejn qrib dak li Dimech kostituzzjonalment ried għal Malta. Li xi ħadd ipinġi li huma f'xi qbil l-ewwel gvern responsabbli Malti ma' dak li ried Dimech huwa falz daqskemm irrealistiku. Dimech ma ried xejn bħal dak li kisbu l-politiċi Maltin fl-1921. Ried ferm u ferm aktar!

Barra minn dan, minn dak li għedna aktar 'il fuq għandu jidher evidenti li l-motivi tas-*Sette Giugno*, kif ukoll l-oriġini tal-mit storiku tiegħu, m'għandhom xejn x'jaqsmu ma' Dimech jew mal-filosofija politika tiegħu. Diġà ssemma li d-diżubbidjenza u l-bidla strutturali li ħambaq fuqhom Dimech ma kinux parti, għall-anqas mhux b'mod mifrux, tal-episodji tas-*Sette Giugno*. Dan ma jfissirx li Dimech ma kienx jifraħ kieku, minflok itturufnat u eżiljat fl-Eġittu, kien personalment preżenti l-Belt f'dawk il-jiem. Lanqas ma jfisser li, fost il-folol fil-Belt f'dawk il-jiem, ma kienx hemm ukoll xi Dimechjani – anzi, nafu biż-żgur li fil-fatt

kien hemm. Imma nistgħu nibqgħu ċerti li l-ħsieb ta' Dimech u ta' xi wħud mid-Dimechjani kien differenti ħafna—f'termini wkoll sostanzjali—minn dak tal-biċċa l-kbira tal-poplu miġbur, u wisq aktar minn dak ta' dawk li nġabru għall-'Assemblea Nazzjonali' (li, wara kollox, ma kienet nazzjonali xejn).

Għalhekk, wieħed ma jistax jenfasizza biżżejjed il-fondoq ideoloġiku bla qies li jeżisti bejn il-ħsieb Dimechjan u l-episodji tas-*Sette Giugno*. L-istess bħalma jeżisti ferq simili bejn is-*Sette Giugno* u l-politika mibdija minn Mintoff ħamsin sena wara għall-ħelsien nazzjonali. Il-konservattivi rnexxielhom joħolqu mit li jġib dawn kollha f'borma waħda, u jpinġi s-*Sette Giugno* bħala punt f'continuum li jwassal sal-Indipendenza u l-Ħelsien. Imma dan hu ħlieqa fantastika li joqogħdu għaliha saħansitra s-soċjalisti u l-progressivi.

## B. IL-QTUGĦ IDEOLOĠIKU (II)

Jekk wieħed jistħarreġ sew il-filosofija ta' Dimech malajr jintebaħ li, bejn il-motivi tiegħu u dawk tan-nies involuti fis-*Sette Giugno*, ma jistax ikun hemm xi għamla ta' identifikazzjoni. Huma għalkollox differenti minn xulxin. L-ewwel nett, Dimech dejjem offra soluzzjonijiet politiċi vijabbli għall-problemi tal-qgħad, l-għoli tal-ħajja u l-miżerja tal-poplu Malti. Hu jagħmel dan bl-aktar mod wiesa' u profond. Min-naħa l-oħra, dawk il-borgiżi kollha li kienu involuti fl-episodji ta' madwar is-*Sette Giugno* ma kellhom xejn minn dawn is-soluzzjonijiet. Tant hu hekk, li meta ħadu tagħhom, xi ftit jew wisq bil-kostituzzjoni tal-1921, kif ukoll bil-gvern responsabbli li kisbu, il-kundizzjonijiet tal-qgħad, l-għoli tal-ħajja u l-miżerja, mhux biss issoktaw, iżda saħansitra żdiedu. Dawn kienu l-kundizzjonijiet li xi ftit jew wisq baqgħu jeżistu sas-sebgħinijiet tas-seklu għoxrin.

It-tieni, Dimech kellu għajnejh iffokati sew fuq il-poplu ż-żgħir, jew, jekk trid, fuq il-klassi tal-ħaddiema. Kulma ħaseb, għamel u tkellem għalih kien biex jerfa' lil dan il-poplu u din il-klassi. Jekk Dimech qatt ħallem xi tibdil kostituzzjonali, kien dejjem f'din id-direzzjoni ċara ta' emanċipazzjoni ġenerali tan-nies li kienu qed ibatu taħt l-istruttura politika qarrieqa ta' żmienu. Min-naħa l-oħra, minn xiex kienet ikkaratterizzata l-viżjoni politika tal-borgiżi kapitalisti involuti fl-episodji tas-*Sette Giugno*? Kienet ikkaratterizzata minn indifferenza totali għall-qagħda mwiegħra tal-poplu ż-żgħir. Dawn kienu l-politiċi Maltin, ilkoll borgiżi kapitalisti, li wara lagħbuha li s-*Sette Giugno* ġie għall-poplu ż-żgħir, biex isalvahom minn idejn il-ħaqqara tagħhom... meta huma stess, il-borgiżi, kienu parti minn dal-ħaqqara.

It-tielet, Dimech dejjem kellu l-istess interess għalih personalment u għall-poplu ż-żgħir. Ma kellu ebda interess ieħor għajr dak li jgħolli ż-żgħir u jagħtih dinjità għalih innifsu; mhux bħala xi mezz għal xi avvanz politiku ta' terzi persuni, jew tiegħu stess, imma bħala skop fih innifsu. Min-naħa l-oħra x'naraw? Naraw l-ipokrezija tal-politiċi involuti fl-episodji tas-*Sette Giugno*. Wara li xxerred id-demm, dawn inqdew bih biex ipinġu l-interessi klassisti tagħhom bħallikieku kienu l-interessi tal-poplu ż-żgħir. In-nuqqas ta' skruplu tagħhom huwa impressjonanti, fejn mhux biss jimmanipulaw l-interessi immedjati li kien hemm f'dawk il-jiem, imma wkoll l-istess demm, it-tbatija u l-mewt ta' ħaddieħor għall-kapriċċi u l-ambizzjonijiet politiċi tagħhom. B'hekk, Manwel Attard, Ġużè Bajada u Wenzu Dyer, imbagħad magħhom Karmenu Abela, ġew ivvittimizzati aktar minn darba, l-ewwel mill-Britanniċi, imbagħad mill-biċċa l-kbira tal-politiċi Maltin.

## Ċ. ID-DIMECHJANI

Dak li b'xi mod jorbot lil Dimech mas-*Sette Giugno* huma d-dixxipli ta' Dimech. L-ewwel ġenerazzjoni ta' dixxipli tiegħu, dawk li tgħallmu mingħandu personalment, kompliet ideoloġikament tgħix mill-messaġġ tiegħu fis-snin ta' wara l-bidu tal-eżilju tiegħu fl-1914. Din l-ewwel ġenerazzjoni għallmet fuq Dimech lil oħrajn li ma kinux jafu lil Dimech personalment. Dawn ifformaw it-tieni ġenerazzjoni ta' Dimechjani, u aktarx kienu aktar ħorox, jew, aħjar, aktar fidili, lejn il-messaġġ fundamentali ta' Dimech. Kienu dawn l-aktar, iżda mhux mingħajr xi wħud minn tal-ewwel, li bdew jinfluwenzaw lill-Partit Laburista, imwieled fl-1920, biex jibda jxaqleb aktar lejn ix-xellug. Dan la kien għoġob lill-awtoritajiet tal-Knisja Kattolika lokali, la lill-Britanniċi u lanqas lil xi wħud fil-Partit Laburista nnifsu li ma kinux qed jifhmu l-laburiżmu f'termini ta' konflitt ta' klassi.

Il-perjodu sħiħ ta' ħidma tal-ewwel u t-tieni ġenerazzjonijiet ta' Dimechjani jista' jitqiegħed għas-snin mill-1914 sal-1933, jiġifieri mit-tluq permanenti ta' Dimech minn Malta sal-proċess infami hekk imsejjaħ 'tal-ħomor'; perjodu ta' madwar għoxrin sena. Fil-qosor nistgħu ngħidu li dal-proċess temporanjament temm l-influss dirett Dimechjan fuq il-politika Maltija sakemm, mal-erbgħin sena wara, reġa' tfaċċa mill-ġdid b'dinamiżmu differenti għalkollox.

Bħalma diġà ssemma aktar 'il fuq, dawn id-Dimechjani tal-ewwel u t-tieni ġenerazzjonijiet kienu responsabbli, fost affarijiet oħra, l-ewwel, għat-twaqqif ta' union fit-Tarzna fl-1916;[1] it-tieni, għall-ewwel azzjoni industrijali permezz tal-istess union is-sena ta' wara (1917)[2] b'mixja

sal-Belt fost l-ansjetà tal-milizja Britannika, li armat ruħha bil-machine guns f'Misraħ il-Palazz; u t-tielet, għal episodji pubbliċi fit-toroq tal-Belt fix-xhur ta' qabel is-*Sette Giugno* u f'dawk ta' wara.[3]

Dwar dawn it-tliet klassijiet ta' avvenimenti diġà nkiteb bosta, u ma naħsibx li għandi għalfejn noqgħod nidħol fihom fid-dettall hawnhekk. Inżid ngħid biss li l-azzjoniżmu tad-Dimechjani ta' dak iż-żmien kien jikkuntrasta ħafna ma' kwalunkwe azzjoni oħra li kienet qed tittieħed mill-imsieħba jew l-emmiena tal-politiċi Maltin l-oħra, inkluż ta' dawk li organizzaw l-imsejħa 'Assemblea Nazzjonali'. Kienu jikkuntrastaw f'sens ideoloġiku. Id-Dimechjani, fidili lejn is-sustanza ta' ħsieb Dimech, imxew aktar fid-direzzjoni li setgħet twassal għal irvell jew, anqas probabbli, rivoluzzjoni, u ċertament—jekk wieħed iqis il-pubblikazzjonijiet tal-Lega Proletarja—hemm riedu jaslu. Dan filwaqt li l-bqija ta' dawk li kienu b'xi mod involuti politikament imxew, l-aktar l-aktar, fid-direzzjoni ta' ħamba li, meta ġiet, stagħġbu biha wkoll, għax ma kinitx toqgħod għal-logħob 'pulit' tagħhom, diplomatiku u bl-etikett kollu, mal-Britanniċi.

# GĦELUQ: REVIŻJONI TAS-SETTE GIUGNO

Biex nagħlaq, nibda biex nosserva li, f'dak iż-żmien ta' madwar is-*Sette Giugno* u wara, għall-anqas sal-bidu tas-snin tletin, id-Dimechjani kienu joffru l-perspettiva radikali għall-politika Maltija. Dan narah bħala pożizzjoni fidila ħafna lejn il-ħsieb u l-ispirtu ta' Dimech; pożizzjoni awtentika li fiha nnifisha hija prezzjuża, speċjalment għalina llum jekk irridu nibqgħu nifhmu lil Dimech fl-ottika ġusta tiegħu mingħajr ma nipprovaw nibdluh għall-konvenjenza tagħna jew għal xi interpretazzjoni li toqgħod għall-identità kurrenti nazzjonali jew ukoll tal-Partit Laburista.

It-tieni, il-qbil apparenti li xi wħud jinsistu li jeżisti bejn l-aspirazzjonijiet mistħajla tas-*Sette Giugno* u l-bqija tal-immaġinarju storiku nazzjonali jindikalna li għad irridu ngħaddu lis-*Sette Giugno*—bħalma wkoll episodji oħrajn tan-narrattiva nazzjonali grandjuża li ħloqna—minn għarbiel kritiku serju ... u, xi ftit jew wisq, aktar intellettwalment u ideoloġikament onest. Xi affarijiet li għedna hawn fuq jistgħu juruna li qed inpinġu s-*Sette Giugno* bi lwien li ma kinux tiegħu, iżda li fir-realtà jirriflettu dak li aħna llum nixtiequ li s-*Sette Giugno*, irid jew ma jridx, ikun ifisser għall-identità nazzjonali li qed nistħajlu li għandna. Is-*Sette Giugno*, flimkien ma' episodji 'storiċi' oħrajn, jeħtieġ reviżjoni qawwija biex infattmuh mill-piżijiet ideoloġiċi li għabbejnih bihom għall-konvenjenza tagħna.

Fl-aħħar, il-kuntrast li jeżisti bejn id-Dimechjaniżmu u s-*Sette Giugno*, u l-fidelità li xi wħud minna jixtiequ li jkollhom lejn il-ħsieb u l-ispirtu Dimechjan, għandhom iħeġġuna—speċjalment fil-kuntest storiku kurrenti tal-governabbiltà maniġerjali nonpolitika—biex nibqgħu niċħdu l-premessi politiċi (konservattivi, neoliberali, psewdoprogressivi) li, mitt sena ilu daqs illum, iridu jsaħħu l-istrutturi inġusti li jivvantaġġjaw lill-qawwi a skapitu tad-dgħajjef. Fl-istess waqt, għandhom ukoll iħeġġuna biex nissaħħu fl-affermazzjoni tal-'prinċipji' li għamluna stat diċenti, bħalma huma l-jeddijiet tal-bniedem, in-newtralità, u n-nonallinjament.

# NOTA DWAR L-AWTUR

**Dr Mark Montebello** studja l-filosofija f'Malta, l-Italja, Spanja u l-Ingilterra. Għalliem tal-filosofija fl-Università ta' Malta u f'ċentri oħra lokali u barranin, huwa kellu sehem f'għadd t'inizjattivi umanitarji. Huwa wieħed mill-esperti ewlenin fuq il-ħajja u l-ħsieb ta' Manwel Dimech, u l-awtur ta' għadd ta' pubblikazzjonijiet filosofiċi, kif ukoll oħrajn marbutin mat-tradizzjoni filosofika Maltija. Huwa kofundatur tal-Fondazzjoni Manwel Dimech. Joqgħod il-Pietà.

[1] Micallef, K. (2003) *Is-Sejħa tal-Fidwa: L-istorja tal-General Workers' Union*, vol. 1, pp. 285–293.
[2] Azzopardi, M. (1993) *Dun Karm: Bejn il-Vatikan, id-Duċe u l-Kuruna, PEG Publications, Malta, p. 6; Fenech, D. (2005) Responsibility and Power in Inter-War Malta, l-ewwel ktieb: Endemic democracy* (1919-1930), PEG Publishers, Malta, pp. 84-85; u l-ittra ta' Ġwann Mamo tal-24 ta' Novembru tal-1920, f'Montebello, M, *Dimech* (2018), vol. 2, Millers Distributors, Malta, p. 354.
[3] Sant, M.A. (1989) *'Sette Giugno' 1919: Tqanqil u Tibdil*, Sensiela Kotba Soċjalisti, Malta, pp. 38–41 u passim.

# *IS-SETTE GIUGNO FL-ISFOND TAS-SNIN 1919-1922*

***OLIVER FRIGGIERI***

Ir-rewwixta Maltija tas-7 ta' Ġunju 1919 tinftiehem aħjar jekk titqiegħed fi ħdan il-kwadru wisq usa' ta' kulma kien qiegħed jiġri f'kolonji Ingliżi oħrajn kif ukoll fl-isfond taċ-ċaqliq li kien qiegħed jinħass f'Malta. Il-qawmien tas-*Sette Giugno*, kif baqa' magħruf tul ġenerazzjonijiet sħaħ, mhuwiex fatt iżolat, spontanju, iżda r-riżultat kumpless ta' ambjent politiku-kulturali sħiħ. Fl-istess ħin huwa pass li kellu jingħaraf bħala parti minn mixja twila waħda. Huwa effett daqskemm huwa wkoll kawża, u sewwasew ħolqa f'katina li tinftiehem bħala tali, waħda u sħiħa; Is-snin mogħtijin hawnhekk, 1919-1922 jistgħu jkunu dawk li jifformaw il-perjodu storiku li fih Malta affermat ruħha bħala nazzjon.

# L-ISFOND STORIKU: IL-FORMAZZJONI TA' KUXJENZA NAZZJONALI

Fl-1878 il-Gvern Ingliż iddeċieda li jibgħat Malta, kolonja Ingliża, lil Sir Penrose Julyan u lil Patrick Keenan, wieħed biex jistħarreġ l-istabbilimenti ċivili u l-ieħor biex jeżamina s-sistema edukattiva. Julyan studja wkoll modi kif l-Ingliż seta' jimxi 'l quddiem bħala l-ilsien uffiċjali tal-pajjiż, l-aktar fis-Servizz Ċivili, fl-iskejjel, fil-Kunsill tal-Gvern u fil-Qrati. Keenan fehem li l-għarfien mogħti lit-Taljan f'Malta kien qiegħed jiswa biex il-Maltin iħossuhom eqreb tal-Italja milli tal-Ingilterra. Huwa insista għalhekk li l-Ingliż kellu jkun l-ilsien ewlieni tal-pajjiż, l-aktar fl-iskejjel.

Il-moviment politiku Malti, imxaqleb tradizzjonalment lejn it-Taljan, ma setax jilqa' malajr it-tibdil li kien qiegħed ikun issuġġerit. F'dan iż-żmien twaqqaf il-partit 'Anti-Riformista', immexxi minn Fortunato Mizzi (1844-1905), bil-ħsieb li jiġġieled kontra l-proposti ta' Julyan u Keenan. F'kuntrast ma' dan kollu, li deher bħala sforz biex Malta titlef l-identità kulturali tagħha, kien hemm il-kunċett tal-Italjanità tradizzjonali ta' Malta. Hekk bdiet tinbena l-Kwistjoni tal-Lingwa, konflitt qawwi bejn żewġ kulturi. Henry Frendo jagħti importanza kbira lill-Kwistjoni tal-Lingwa, tant li jara fiha l-kawża tal-formazzjoni u tal-karattru tal-partiti politiċi stess.

Fl-1887 Fortunato Mizzi u Gerald Strickland (1861-1940) marru Londra biex jiksbu riforma tal-Kostituzzjoni, waqt li l-Gvernatur xolja l-Kunsill tal-Gvern. Il-Kostituzzjoni mogħtija fl-1887 tat libertajiet akbar lir-rappreżentanti tal-poplu fil-Kunsill, iżda din ġiet emendata fl-1891 u fl-1894, u kull darba tnaqqsu l-jeddijiet mogħtija lill-Kunsill. Il-miżuri tal-Gvern Ingliż biex tonqos l-importanza tat-Taljan, l-aktar fil-Qrati u fl-iskejjel, u biex jidħol aktar l-Ingliż qanqlu kontroversji ġodda. Fl-1901 grupp ta' politiċi u kittieba Maltin waqqfu każin ġdid bl-isem 'Giovine Malta', għaqda mimlija sentiment patrijottiku, imnebbħa mill-ispirtu tar-Risorġiment Taljan. L-ambjent politiku u kulturali Malti issa kien imtela b'sens qawwi ta' konfront mal-Gvern Ingliż, li issa deher ukoll li ried iċaħħad lill-pajjiż mid-dinjità qadima tiegħu, frott tar-rabta qadima u profonda mal-kultura Taljana. Konfront politiku, ikkawżat mill-kundizzjonijiet diffiċli tal-għajxien, kien sar ukoll konfront kulturali. Il-Kwistjoni tal-Lingwa - ġlieda dwar liema kellha tkun il-lingwa ewlenija ta' Malta bejn l-Ingliż u t-Taljan, u x'kellu jkun il-post tal-Malti - tesprimi dan kollu f'termini li ma humiex lingwistiċi biss. Id-diskorsi u l-kitbiet tal-epoka huma mimlijin b'dan il-ħsieb: Malta, minkejja li hi kolonja Ingliża, hi nazzjon. F'dan il-kuntest ta' sentiment Malti u sentiment antikolonjali Henry Frendo, l-awtur ta' testi fundamentali dwar dan il-perjodu, jagħti importanza kbira lis-sehem ta' Manwel Dimech (1860-1921), ribell li emmen li kien wasal il-waqt li l-poplu jiġġieled għad-drittijiet tiegħu u li saħansitra Malta ssir indipendenti.

Fl-1905 twaqqfet l-'Associazione Politica Maltese', immexxija minn Ignazio Panzavecchia (1855-1925), li mbagħad fl-1910 bdiet tissejjaħ 'Comitato Patriottico Maltese', bil-ħsieb li tikseb kostituzzjoni b'poteri akbar għall-membri eletti tal-Kunsill. Fi tmiem l-Ewwel Gwerra Dinjija Filippo Sceberras (1850-1928) u politiċi oħrajn ħassu li kien wasal il-waqt li jiġġieldu bis-saħħa għad-drittijiet tagħhom. Kien hemm żewġ gruppi distinti minn xulxin. Sceberras kiteb ittra fil-'Malta' tat-23 ta' Novembru 1918 u għamel appell għall-għaqda tal-forzi Maltin. Gruppi politiċi, għaqdiet kulturali u ġemgħat oħrajn, immexxijin minn 'Giovine Malta', bdew jibagħtu stqarrijiet biex juru l-qbil unanimu tagħhom. L-iskop kollu seta' jinġabar fl-għajta favur kostituzzjoni liberali.

# 1919: IL-MOGĦDIJA MILL-ĦSIEB GĦALL-AZZJONI

F'laqgħa li saret fil-25 ta' Frar 1919 fiċ-ċentru ta' 'Giovine Malta', Valletta, il-folla għażlet unanimament lil Filippo Sceberras bħala l-president, u lil Enrico Mizzi (1885-1950), iben Fortunato, bħala s-segretarju tal-Assemblea. Iż-żewġ gruppi, il-Panzavecchjani u l-Mizzjani, insew id-differenzi ta' bejniethom u fittxu li jaslu għal deċiżjonijiet unanimi.

Ittieħdet id-deċiżjoni li tintalab lir-Re tal-Ingilterra forma ta' gvern skont il-prinċipji tal-kostituzzjoni Britannika biex b'hekk tinfetaħ it-triq għal awtonomija amministrattiva sħiħa. Fl-20 ta' Mejju 1919 Sceberras kien informat mill-Gvern Ingliż li kienu ngħataw struzzjonijiet lill-Gvernatur Plumer biex jistħarreġ il-modi kif il-poplu Malti seta' jingħata libertà governattiva akbar mingħajr ma jinħolqu problemi għall-Imperu. L-Assemblea waqqfet kummissjoni biex tibni kostituzzjoni u tissottomettiha lill-Gvernatur.

Is-sitwazzjoni fil-pajjiż kienet imwiegħra: l-indiċi tal-għajxien kien għoli, u l-Gvern ma ħabrikx biex jissussidja l-ħobż u l-ikel essenzjali. It-tensjoni nazzjonali kibret sal-punt li wasslet għar-rewwixta tas-*Sette Giugno*. L-Assemblea kellha tiltaqa' fis-7 ta' Ġunju 1919. Fil-belt Valletta kien hemm folla kbira ta' nies li bdiet turi r-rabja tagħha,

u żebilħet il-bandiera Ingliża, waqt li xeħtet il-ġebel lejn il-palazz tal-Gvernatur. Kienet attakkata wkoll l-istamperija tal-gazzetta *Daily Malta Chronicle.* F'daqqa waħda tfaċċaw suldati Ingliżi bil-bajjunetti li ġrew qalb il-folla u qatlu tliet persuni.

F'Settembru 1919 is-Sotto-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji, Lewis Amery, żar Malta u ħabbar li kienet se tingħata kostituzzjoni ġdida, waqt li stqarr li kien wasal iż-żmien li l-poplu Malti jingħata l-kontroll sħiħ tat-tmexxija interna. F'dispaċċ tat-28 ta' Mejju 1920 Lord Milner, is-Segretarju tal-Istat, qal li fil-qofol tagħha l-kostituzzjoni kienet tfisser li l-poplu Malti ngħata r-responsabbiltà sħiħa fil-qasam leġiżlattiv u amministrattiv. Fit-30 ta' April 1921 ħarġu l-ittri patenti mill-Gvernatur u fl-1 ta' Novembru 1921 il-Prinċep ta' Wales fetaħ l-ewwel Parlament Malti.

Ftit żmien wara, f'dan il-kuntest, bil-ħidma ta' Dr Robert Samut, il-kompożitur, u Albert V. Laferla, id-Direttur tal-Edukazzjoni, kellu jitwieled innu li kellu jkun l-Innu Nazzjonali ta' Malta, aktar tard b'akkumpanjament ta' Mro Paul Nani. L-Istorja tal-Innu Malti tirrifletti r-riżultat ta' proċess twil ta' qawmien tal-kuxjenza nazzjonali Maltija, proċess li jinkludi l-apprezzament tal-lingwa Maltija, l-iżvilupp ta' letteratura Maltija bil-Malti, it-twaqqif tal-partiti politiċi, il-ġlieda favur drittijiet kostituzzjonali dejjem akbar.

Din is-silta minn artiklu anonimu mxandar f'*The Daily Malta Chronicle* tat-28 ta' Diċembru 1922 (paġna 4) turi kemm kienet sħuna l-atmosfera politika fil-pajjiż, u kif il-blokki politiċi kienu qegħdin jagħmlu mistoqsijiet fundamentali dwar l-identità Maltija. Il-Kwistjoni tal-Lingwa kienet anki kwistjoni razzjali, u l-kitba ta' innu nazzjonali kienet minnha nnifisha att politiku, li jmiss lill-partiti avversarji b'mod dirett: "Why should Maltese Malta serve two masters? What is Italy to us? Only the truth and nothing but the truth can save us, however disagreeable it may be to those in power. Otherwise let Mizzi govern! Strickland or Mizzi, one or the other! England or Italy! With the former Maltese Malta will progress to take its rightful place within the British Empire, with the latter we become merely an appendage of Sicily. We call upon the Howard Government to resign at once..."

# IL-MESSAĠĠ POLITIKU TA' DUN KARM FTIT WARA ĠUNJU 1919

Is-sena 1921, is-sena tal-kisba tal-Kostituzzjoni, qanqlet lil Dun Karm (1871-1961) biex jikteb il-poeżija '1921 - Lil Ħuti l-Maltin nhar l-Għoti tal-Kostituzzjoni'. Hija speċi ta' innu patrijottiku mnebbaħ mill-bżonn tal-għaqda nazzjonali fi żmien ta' firda partiġġjana. F'din il-poeżija huwa jinsab diġà qrib l-innu nazzjonali li kellu jikteb ftit wara: (1) jimplika diġà l-idea ta' Malta 'omm' fil-kelma 'ħuti' li hemm fit-titlu tal-poeżija, u (2) jinkludi diġà żewġ kelmiet li se jirrepetihom fl-aħħar vers tal-'Innu Malti': 'għaqda' u 'sliem' (vv. 10, 14):

> **Issir l-*għaqda*, isir il-patt;**
> **...**
> **Iftaħ qalbek għall-kelma tas-*sliem*.**

Huwa kien jibża' ħafna li, bħala qassis u poeta, jintrabat ma' xi kulur partiġġjan, u għalhekk lil dan l-innu, bla mużika, huwa baqa' ma xandrux qabel Diċembru 1939, u ppubblikah sewwasew f'rivista żgħira (Il-Malti, IV, XV, Diċ, 1939, p.20), jiġifieri f'pubblikazzjoni ta' ftit qarrejja, maqtugħa mill-partiti politiċi. Taħt il-poeżija huwa niżżel din in-nota: "Dan l-innu kellu jiġi mqiegħed fil-mużika għal dik il-ħabta. Il-mużika ma saretx u l-innu baqa' ma deherx. Min jaf jekk ikun jiswa f'li ġej?" Dan ifisser li fil-bidu tas-snin għoxrin tas-seklu għoxrin, ftit snin biss wara l-1912 meta huwa beda jikteb anki bil-Malti, wara li kien ilu jikteb bit-Taljan sa mill-1889, Dun Karm kellu diġà l-ħsieb li jikteb versi li setgħu jiġu mogħtijin il-mużika biex jitkantaw bħala espressjoni nazzjonali. Kulma kiteb madwar is-7 ta' Ġunju 1919 huwa mnebbaħ mill-istess qofol storiku.

F'Malta kolonja Ingliża, ftit snin biss wara l-ġrajja mdemmija tas-*Sette Giugno* 1919, ma kinitx ħaġa ħafifa li jinħareġ innu minn mużiċista Malti u minn poeta Malti li jinterpreta s-sens tal-awtonomija u tas-sovranità ta' poplu, u wisq aktar tan-nazzjonalità. L-innu ta' Malta kolonja kien il-'God Save the King'. L-Imperu Ingliż kien għadu jaħkem parti kbira ħafna tad-dinja. Mill-kobor bla qies tal-Indja saċ-ċokon uniku ta' Malta, l-Ingilterra kienet interessata li żżomm it-territorji tagħha kollha fit-tip ta' stabbiltà li kellhom. Imma, anki jekk ma kienx jaf, fil-modesta tiegħu Dun Karm kien fil-fatt qiegħed jgħum f'baħar imqalleb ta' dan it-tip. Il-kitba tiegħu bil-Malti, mill-1912 'il quddiem, seħħet fl-isfond ta' ħajja letterarja twila (poeżija u saġġistika) mfissra biss bit-Taljan. Il-ħajja tiegħu kollha - mill-pubblikazzjoni tal-versi bikrija 'La dignità episcopale', fl-1889, u l-ħruġ tal-ktieb *Foglie d'alloro* fl-1896, sa meta beda jikteb bil-Malti fl-1912 u wara - kienet minnha nnifisha dikjarazzjoni politika, pożizzjoni fi ħdan il-konfront bejn il-kurrenti politiċi u kulturali, Taljan vs Ingliż, tal-epoka.

L-elezzjoni tal-1921, madwar sena biss qabel ma huwa ħareġ fil-pubbliku bil-versi tal-Innu Malti, kienet konfront bejn dawn il-partiti: l-Unione Politica Maltese (UPM) tal-Monsinjur Ignazio Panzavecchia, il-Partit Laburista (PL) tal-Kurunell Willie Savona, il-Partit Demokratiku Nazzjonalista (PDN) ta' Dr. Nerik Mizzi, u l-Partit Kostituzzjonali (PK) tal-Konti Sir Gerald Strickland. Meta kiteb bit-Taljan Dun Karm seta' deher bħala Mizzjan (Nazzjonalist), bħalma meta kiteb bil-Malti seta' tqies bħala Stricklandjan. Huwa ċaħad kull pożizzjoni partiġġjana biex għażel pożizzjoni Maltija, nazzjonali, 'il fuq mill-partiti. Huwa pprova jiddeskrivi lilu nnifsu fis-sunett 'Lil Malta' (1939), fejn mill-apprezzament tal-Italja tal-kultura, u mill-istima lejn l-Ingilterra tal-politika, huwa jgħaddi biex jippreferi lil Malta, 'għax int biss ommi, inti tajtni l-isem,' (v. 10), ripetizzjoni, bħal drabi oħra, tal-kliem tal-'Innu Malti'.

Wara li huwa ta l-aħħar lezzjoni tas-sena skolastika, u wasal fid-dar, fil-31 ta' Mejju 1921 huwa sab informazzjoni li kien għadu kemm ingħażel bħala Assistent Bibljotekarju fil-Bibljoteka, minn fost erbgħa u tletin applikant. Flimkien mad-Direttur ta' dak iż-żmien, il-Professur E. Magro, huwa beda x-xogħol fil-Bibljoteka, Valletta, dakinhar stess, għall-ħabta tas-2.00pm, wara li kien għadu kemm kiel. Ġużè Bonnici (1907-1940), li kellu rispett kbir lejn il-poeta, jistqarr dan fid-daħla 'Il-poeta u kitbitu' għall-ktieb Il-*Għana ta' Dun Karm*, I, 1939, paġni 16-17.

Dan kien għalih żmien sabiħ, kif fakkar hu stess f'ittra lill-Professur Ġużè Aquilina (1911-1997) tal-25 ta' Settembru 1933, imxandra f'*Ward*

*ta' Qari* Malti, I, volum ikkurat minn Pietru Pawl Saydon (1895-1971) u Ġuże' Aquilina, fl-1936: "Ftakart fl-aħħar meta... bdiet għalija medda ta' snin, ma ngħidx ta' hena u ta' ferħ, iżda għall-inqas ta' faraġ u ta' sliema, fil-ġabra u fix-xogħol tal-Bibljoteka, qalb il-kotba li jien ħabbejt u li għadni nħobb bħalma jinħabbu l-ħbieb li jgħidulek il-kelma kif toħroġ minn qalbhom, u li ma jitfantsux, jekk inti ma taqbilx magħhom."

Issa li kien inħatar Bibljotekarju kien se jkun liberat mill-vjaġġi bejn il-Belt Valletta u l-Imdina, waqt li kien se jkollu aktar ħin għall-istudju u għall-kitba. Dan il-fatt jidher sewwa mil-lista tal-poeżiji li kiteb fis-snin għoxrin u tletin, bit-Taljan u bil-Malti. Fil-Bibljoteka huwa kellu uffiċċju fir-rokna, jekk wieħed jidħol min-naħa tax-xellug tal-Bibljoteka, u kellu tieqa li tagħti għal fuq Triq it-Teżorerija. Dan kien ifisser li hu seta' jara u jisma' direttament kull forma ta' protesta jew konfront mal-Ingliżi.

# IT-TNISSIL TAR-RIBELL MALTI

Waqt li l-moviment favur il-kitba bil-Malti kompla jissaħħaħ, il-Kwistjoni tal-Lingwa kompliet tieħu x-xejra ta' konfront bejn żewġ kulturi kbar, it-Taljana u l-Ingliża, li bejniethom kien hemm il-lingwa Maltija, qadima u għanja imma nieqsa minn kull rikonoxximent, u saħansitra nieqsa anki minn alfabett standardizzat. Il-bżonn li titwaqqaf għaqda ta' kittieba u studjużi biex jinnormalizzaw il-kwistjoni tal-kitba bil-Malti u biex jgħinu aktar fl-iżvilupp tal-letteratura popolari kien ilu jinħass.

Manwel Dimech (1860-1921), ribell qawwi kontra l-ħakma kolonjali Ingliża u kittieb, kien ilu li ħareġ b'din il-proposta. Skomunikat mill-Knisja, u kkundannat saħansitra għall-eżilju mill-awtoritajiet Ingliżi, Dimech rabat flimkien il-kawża lingwistika-edukattiva u l-kawża politika: il-poplu ma setax ikun ħieles jekk ma jkunx imdawwal permezz tal-lingwa tiegħu. Ma hemmx ħelsien politiku mingħajr emanċipazzjoni mentali. Fil-kotbaz fundamentali tiegħu *Lejn Tnissil ta' Nazzjon* (Klabb Kotba Maltin, 1971) u *Birth Pangs of a Nation – Manwel Dimech's Malta* (Mediterranean Publications, 1972), Henry Frendo jibni l-figura kollha ta' Dimech fuq din ir-relazzjoni, u jsarraf il-Kwistjoni tal-Lingwa fi kwistjoni ta' dawl tal-moħħ (lingwa) li jwassal għall-ġlieda għad-dritt tal-libertà nazzjonali (politika).

Fil-kitba 'L-Istampaturi Maltin', imxandra fil-gazzetta tiegħu stess *Il-Bandiera tal-Maltin* tal-25 ta' Frar 1899, p, 3, huwa kien diġà wera l-bżonn li titwaqqaf 'Xirka tal-Kittieba Maltin', u sewwasew fi kliemu stess, "xi ħaġa bħal akkademja, biex tieħu ħsieb il-lingwa." F'*Il-Ħabib* tal-4 ta' Awwissu 1914 Napuljun Tagliaferro qal li xi għoxrin sena qabel

hu nnifsu kien għamel laqgħa għall-hekk imsejħin 'kittieba tal-Malti'. Il-viżjoni tal-epoka romantika Ewropea, li kienet invadiet il-kontinent kollu matul is-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin, kienet fl-aqwa tagħha f'Malta wkoll, u kienet effett naturali tat-tradizzjoni kulturali Taljana fil-gżira. Il-preżenza mimlija ħidma ta' bosta eżiljati Taljani f'Malta matul ir-Risorġiment (1804-1860 u xi ftit wara) hija kawża ewlenija tal-qawmien Malti. Bħala kittieba, ġurnalisti u ribelli, l-eżiljati Taljani spiċċaw biex influwenzaw ħafna lill-Maltin. Matul dan iż-żmien, mill-kisba tal-libertà tal-istampa fl-1839 'il quddiem, bosta gazzetti bdew jesprimu s-sens nazzjonali Malti, u sikwit juru sentiment qawwi kontra l-Gvern Ingliż. Dawn huma wħud mill-gazzetti li kienu qegħdin jirriflettu din il-kuxjenza Maltija ġdida: *Amico della patria, Amico del popolo, Amor patrio, Il-Bandiera tal-Maltin, Il-Kotra, Croce di Malta, Gazzetta del popolo, Gazzetta ta' Malta, La Vallette, Malta, In-Naħla, Unjoni Maltija.*

Qabel l-Innu Malti ta' Dun Karm u Robert Samut hemm diġà sforzi biex ikun hemm innu. Hemm għall-inqas żewġ eżempji: poeżija ta' Ġan Anton Vassallo u oħra ta' Manwel Dimech.

Is-sentiment nazzjonali hu parti mill-qofol tal-versi tal-poeta ewlieni tas-seklu dsatax, Ġan Anton Vassallo (1817-1868). Il-poeżiji tiegħu swew ħafna biex imbagħad il-poplu Malti afferma lilu nnifsu f'termini ta' drittijiet kostituzzjonali. Ġużè Cassar Pullicino (1921-2005) jikteb hekk dwar il-poeżija 'Tifħira lil Malta' ta' Vassallo: "Ħafna minna għadhom jiftakruha kif konna nkantawha l-iskola u li, fi żmien meta kien għad m'għandniex Innu Malti, kienet isservina bħala innu nazzjonali" (*Kitba w Kittieba tal-Malti II*, Università Rjali ta' Malta, Malta, 1964, p. 86). Cassar Pullicino jikkwota lis-Surmast A. Agius u lill-Professur Hans Stumme dwar l-idea li l-poeżija ta' Vassallo kienet titkanta fuq il-melodija ta' 'I Bersaglieri', komposta madwar l-1870.

Vassallo jikkonċentra fuq il-kwalitajiet naturali sbieħ ta' Malta, bla ebda riferiment politiku. Iżda Dimech jissuġġerixxi li bħala innu Malta jkollha appell qawwi għall-konfront mal-ħakkiema barranin.

# *SEJĦA BIKRIJA GĦALL-QAWMIEN NAZZJONALI*

Waqt li fuq naħa hemm il-motivi tar-rikonċiljazzjoni u l-għaqda nazzjonali (l-ispirtu tipiku ta' Dun Karm), fuq in-naħa l-oħra hemm Dimech li jesprimi r-rabja u l-bżonn ta' azzjoni fiżika. Id-differenza tidher, fost l-oħrajn, f'"L-Innu Malti' li Dimech xandar f'*Il-Ħabib Malti* (Matteo German, Malta, 1908, pp. 21-22). Din l-istrofa minnu hi tipika:

**Jasar qatt! Jasar għalina**
**Qatt, le qatt! Il-mewt aħjar;**
**Iva l-mewt! O liema fina**
**Qiegħed jikbes qawwi nar?**
**Triegħdu,**
**Tbiegħdu,**
**Għax ġejjin**
**Ulied Malta l-qalbenin.**

Manwel Dimech jagħti l-aħjar eżempju ta' din il-kuxjenza nazzjonali ġdida fost il-Maltin f'dan l-appell lill-Maltin imxandar fl-ewwel paġna ta' *Il-Bandiera tal-Maltin* tal-10 ta' Ġunju 1899:

> **"X'nagħmlu Maltin? Naħsbu biex nifdu l-art tagħna, jew nissoktaw fil-bruda, fin-ngħas tagħna, u nħallu l-għedewwa tagħna mal-wisq li ħadulna jeħdulna l-ftit li baqgħalna? Jekk nibdew issa, tard inkunu bdejna, imma tard aħjar minn qatt. X'nagħmlu Maltin? Nintelqu għal kollox f'idejn l-Ingliżi,**

inħalluhom jagħmlu bina dak kollu li jridu, jeqirduna għal kollox u fix-xejn iġibuna, kif qerdu u ġiebu fix-xejn ġnus oħra, li rħew irwieħhom f'idejhom, jew neqfulhom, u ngħidulhom ċar b'leħen li jisimgħuh sewwa, li aħna ma rridux inħalluhom jeqirduna? Jew waħda jew l-oħra, triq tan-nofs ma hemmx! Jew nieqfu għal ftit fuq saqajna biex nissaraw bis-sħiħ mal-għedewwa tagħna, jew ninxteħtu fl-art u nħalluhom jirfsuna u jgħaffġuna. Maltin aħwa tagħna, l-Ingliżi qegħdin irossuna fir-rkejjen għal kollox, qegħdin jidħlulna ġmielhom, u aħna għoddna spiċċajna, għax f'idejna ebda saħħa ma fadal. X'nagħmlu? Għandna ħila nreġġgħuhom lura, u nuruhom li aħna rġiel, li ma nibżgħux minnhom? Inkeċċu minn ġo fina l-misħuta rtubija, u ngħinu rwieħna biex Alla jgħinna."

# MOVIMENT FAVUR L-ILSIEN MALTI

F'*Il-Ħabib* tal-21 ta' Settembru 1920 xi ħadd li ffirma X.C. wera x-xewqa tiegħu li titwaqqaf għaqda tal-Malti. X.C. kien Franġisku Saverju Caruana (1899-1971). L-ewwel laqgħa tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti saret fl-14 ta' Novembru 1920. Wieħed mill-kittieba li ħadu sehem ewlieni fil-ħidma tal-Għaqda kien Dun Karm li mbagħad fl-1927, wara l-mewt ta' Ġużè Muscat Azzopardi (1853-1927), ħa l-karigi tiegħu ta' president u ta' direttur tar-rivista *Il-Malti*. Fil-moviment favur l-għarfien tal-identità Maltija, Dun Karm kien sar figura magħrufa.

Fi ftit snin, mill-għoxrinijiet 'il quddiem, saru żviluppi importanti oħrajn. Fl-1927 bdiet issir it-tifkira tal-Assedju l-Kbir. Fl-1931 twaqqfet l-Għaqda tal-Malti (Università), u fl-1934 il-Malti daħal fil-Qrati, u ftit snin wara twaqqaf id-Dipartiment tal-Malti fl-Università.

# IS-SENA 1922: MINN FESTA NAZZJONALI SA INNU NAZZJONALI

Il-kisba tas-Self-Government fl-1921 wasslet biex f'medda ta' ftit snin is-sens nazzjonali Malti kompla jissaħħaħ u jaqbad direzzjonijiet prattiċi, reali.

Il-Parlament Malti, esperjenza nazzjonali ġdida, ried li l-jum tal-'Otto Settembre' jkun dikjarat bħala Festa Nazzjonali. L-*Official Report of the Debates of the Legislative Assembly of Malta*, Vol. 2 għas-snin 1921-1922, fis-seduta tad-29 ta' Mejju 1922, jinkludi l-proposta ta' Nerik Mizzi biex il-jum tat-8 ta' Settembru jingħata din l-importanza ġdida, pass ieħor lejn l-affermazzjoni tal-poplu Malti bħala nazzjon li jinsab miexi lejn l-Indipendenza tiegħu.

# DUN KARM U L-PRIM MINISTRU JOSEPH HOWARD

F'test ittajpjat fit-Taqsima tal-Manuskritti tal-Librerija tal-Università ta' Malta (216a/V/2), Dun Karm jitkellem dwar is-sehem dirett tiegħu fil-festa nazzjonali ġdida. Fl-elezzjonijiet tal-1921 kienet rebħet l-Unione Politica Maltese, u Joseph Howard sar Prim Ministru. Meta l-Gvern beda jħejji għall-festa tat-8 ta' Settembru, Howard bagħat għal Dun Karm fil-Bibljoteka Nazzjonali fejn kien jaħdem bħala Assistent Bibljotekarju biex jiltaqa' miegħu fil-Palazz.

"Mort u, kif dħalt fl-uffiċċju tiegħu, sellimt u għedtlu: 'Onorevoli, inti bgħatt għalija; fiex nista' naqdik'?" staqsa Dun Karm.

Il-Prim Ministru Howard fakkru li l-Gvern iddeċieda li l-festa tat-8 ta' Settembru tkun il-Festa Nazzjonali ta' Malta, u għal dan l-iskop xtaq li għal madwar tlitt ijiem qabel il-festa jinħareġ appell lill-poplu bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan biex ifakkar lil kulħadd fl-istorja u fl-identità tal-pajjiż.

"Issa nixtieq... li inti tiktibli l-ewwel appell bit-Taljan, biex minnu jsiru traduzzjonijiet bl-Ingliż u bil-Malti," qallu Howard.

Dun Karm inħasad, u qal lill-Prim Ministru li hu qatt ma ħa parti attiva fil-politika, u ma kienx jaf jekk kienx kapaċi jikteb ħaġa bħal din.

Howard wieġbu: "Għalhekk xtaqtek tagħmlu inti dan l-appell, għaliex jiena naf li inti żammejt ruħek fil-bogħod mill-politika, u jiena ma rridx ħaġa politika, iżda ħaġa patrijottika li tqanqal sentimenti ta' ġieħ u ta' mħabba lejn Malta."

Dun Karm irringrazzjah għall-fiduċja li wera fih u kiteb dak li hu sejjaħlu "l-ewwel 'Appello al Popolo Maltese'. Huwa kompla hekk: "ikkupjajtu bil-makna, twejtu u, magħluq f'envelop, bgħattu lill-Prim Ministru, biex nara jekk kontx imxejt skont il-fehma tal-Kostituzzjoni u skont ix-xewqat tiegħu." Ftit ġranet wara waslitlu ittra mingħand il-Prim Ministru li qallu li hu kien poġġa l-Appell fuq il-mejda tal-Kunsill, u

l-membri kollha approvawh, waqt li allura issa seta' jibda t-traduzzjoni tal-Appell bil-Malti. Dun Karm jagħlaq hekk: "Fi ftit ġranet qlibt l-Appell mit-Taljan fil-Malti, u fl-ewwel jiem ta' Settembru tal-1922, deher, fi traduzzjoni fl-Ingliż ukoll, imwaħħal mal-ħitan, fil-Belt u fl-irħula. L-Appell tas-sena ta' wara sar hekk ukoll.

F'ittra tad-9 ta' Settembru 1922, mill-Uffiċċju tal-Kap tal-Ministeru, il-Palazz, Valletta (Taqsima tal-Manuskritti, Librerija tal-Università ta' Malta, 216a/ V/3), Joseph Howard kitiblu hekk:

> **"I have the honour to convey to you an expression of the thanks of the Government for the able manner in which you drafted the Appeal to the People of Malta which was issued on the occasion of the Anniversary of the 8th of September.**
>
> **The Government has noted with satisfaction that the Appeal has been very favourably received by the Public."**

Id-dati ta' din l-esperjenza politika ta' Dun Karm huma qrib ħafna taż-żmien, lejn tmiem is-sena 1922, meta huwa kellu jikteb il-versi tal-Innu Malti, ftit żmien biss wara li Robert Samut kiteb il-motiv tal-Innu.

F'ittra tal-25 ta' Awwissu 1923 mill-Uffiċċju tal-Kap tal-Ministeru, il-Palazz, Valletta (Taqsima tal-Manuskritti, Librerija tal-Università ta' Malta, 216a/V/4), Dun Karm hu mitlub jerġa' jagħti l-kontribut tiegħu. L-ittra, miktuba f'isem il-Prim Ministru, tgħid hekk:

> **"Mr Howard is glad to take advantage of your courtesy, and will be much obliged for a translation of the enclosed into Maltese."**

Din l-esperjenza ta' Dun Karm fil-politika kompliet, għalkemm hi dejjem politika nazzjonali li tfittex l-għaqda. F'ittra tat-28 ta' Awwissu 1923, miżmuma fil-Melitensia tal-Università, 216a/V/5, il-Prim Ministru Joseph Howard reġa' kiteb lil Dun Karm biex jirringrazzjah għal Appell ieħor:

> **"On behalf of my Ministerial Colleagues and myself, I desire to offer you an expression of high appreciation of the 'Appello al Popolo Maltese' which, in response to my invitation, you have been good enough to prepare for publication in connection with the Festivity of the 8th of September. It is a masterly document, admirable not only for its literary merits, but also for the patriotic spirit with which it is inspired.**

**I have also to thank you for the excellent translation into the Maltese language with which it is accompanied."**

Minbarra Joseph Howard, Prim Ministru bejn is-26 ta' Ottubru 1921 u t-13 ta' Ottubru 1923, anki Francesco Buhagiar, Prim Ministru bejn l-14 ta' Ottubru 1923 u s-17 ta' Settembru 1924, wera l-fiduċja sħiħa tiegħu f'Dun Karm. F'ittra tas-6 ta' Settembru 1924 mill-Uffiċċju tal-Kap tal-Ministeru, il-Palazz, Valletta (Taqsima tal-Manuskritti, Librerija tal-Università ta' Malta, 216a/V/6), il-Prim Ministru Francesco Buhagiar kiteb lil Dun Karm biex jirringrazzjah għall-Appell tas-sena 1924:

**"I beg to offer to you on behalf of the Ministry an expression of their best thanks for the excellent translation into the vernacular of the 'Appello al Popolo Maltese' which, in prompt response to our invitation, you have been good enough to draw up for publication in connection with this year's celebration of the National Festivity of the 8th of September."**

Fit-tliet appelli lill-poplu, bit-Taljan, imsemmijin hawn, u miżmumin fit- Taqsima tal-Manuskritti tal-Librerija tal-Università ta' Malta (216a/V/7, 216a/V/8, 216a/V/9) f'verżjoni ttajpjata, Dun Karm jisħaq fuq l-importanza storika u kulturali tal-Assedju l-Kbir tal-1565, fuq il-kwalitajiet sbieħ tal-Maltin tal-qedem, fuq ir-rispett lejn l-Imperu Ingliż li Malta kienet parti minnu, u fuq ix-xejriet li jagħmlu lil Malta nazzjon. Din is-silta minn wieħed mill-Appelli tiġbor il-qofol tal-ħsieb kollu ta' Dun Karm fiż-żmien meta hu nnifsu kiteb l-Innu Malti:

**"La Patria nostra è il nostro cielo, il mare nostro, i nostri porti, la nostra terra: nostra patria è la nostra religione, il nostro idioma, i nostri costumi: patria la nostra storia densa di splendidi avvenimenti, la nostra preistoria, unica in tutto il modo per la bellezza e importanza dei monumenti."**

Bħal dejjem, Dun Karm jisħaq fuq l-idea li Malta hi nazzjon. F'din is-silta li tagħlaq wieħed mit-tliet Appelli, huwa juża żewġ kelmiet importanti tal-Innu Malti, 'għaqda' u 'sliem': "Uno sia il pensiero di tutti: l'unione, la pace, la prosperità della nostra Patria."

# KIF SAR L-INNU MALTI

Fil-bidu tal-ħidma bibljotekarja tiegħu Dun Karm kellu jsib ruħu bħala l-bniedem magħżul biex jikteb il-versi tal-innu nazzjonali ta' pajjiżu. Xi darba fil-bidu tas-snin għoxrin tas-seklu għoxrin id-Direttur tal-Iskejjel Elementari tal-Gvern, Dr. Albert V. Laferla - li kien għadu kemm daħal fil-kariga f'Awwissu 1920 - kellu l-okkażjoni li jikseb biċċa kompożizzjoni mużikali mingħand il-Professur Robert Samut (1869-1934), li kien studja u speċjalizza fil-mediċina anki biex jogħġob lil missieru, għalkemm sa minn ċkunitu u tul ħajtu kollha wera ġibda kbira lejn il-mużika u l-aktar lejn il-pjanu, li hu kien idoqq ukoll. (Tagħrif ġdid dwar Robert Samut kien maħruġ fin-*National Ceremony to Commemorate Prof. Lt. Col. Robert Samut*, pubblikazzjoni tal-Kumitat Ċiviku tal-Furjana (1968). Ġara li Samut kien spiċċa biex tħajjar jikteb innu għal Malta wara li fl-Università ta' Edinburgh, minn fejn huwa kiseb il-gradi ta' M.B. u Ch.M., sħabu barranin kienu talbuh ikantalhom l-innu ta' pajjiżu. Huwa f'din l-okkażjoni nduna li Malta ma kellhiex innu nazzjonali, u għalhekk tħajjar jikteb melodija huwa stess meta wasal lura fil-pajjiż. Samut semma' din il-melodija tiegħu lil Laferla, li wiegħdu li jsib lil xi ħadd li seta' jikteb xi kliem bil-Malti għaliha, biex imbagħad il-melodija u l-versi, bħala innu ġdid, jibdew jitkantaw mit-tfal tal-iskejjel tal-Gvern.

Dun Karm innifsu kiteb artiklu qasir, 'Kif Sar l-Innu Malti', imxandar f'*Il-Berqa* tal-Ħamis, 16 ta' Marzu 1944, fejn jirrakkonta kif bdiet l-idea li jinkiteb innu nazzjonali għal Malta: "Għodwa waħda ġie fuqi d-Direttur

tal-Iskejjel Elementari tal-Gvern, Dr. V. Laferla, LL.D; ħareġ mill-but karta bi ftit noti tal-mużika, qegħedhieli quddiemi u qalli: 'Mons., hawn din il-biċċa mużika tal-Prof. Robert Samut (M.D.); tahieli hu ftit tal-ġranet ilu, u talabni biex kieku ma' dan il-motiv, li deherlu ħelu ħafna, nara kif insib lil min isieħeb xi kliem bil-Malti li jkun jista' jitkanta mit-tfal tal-iskejjel tal-Gvern. Jiena,' issokta jgħid, 'ħadt il-karta minn idu u għidtlu li naqdih mill-aħjar li nista'. Fl-istess ħin,' kompla jgħidli, 'ħsiebi ġera fuqek u għidt: F'din il-biċċa ħadd ma jista' jaqdini aħjar minn Dun Karm; u issa, arani hawn biex infissirlek ix-xewqa tiegħi.' Lil Dr. Laferla jiena ma xtaqtx ingħidlu 'Le', u weġibtu: 'Nara daqsxejn ix-xejra tal-mużika u, kif jidhirli l-aħjar, nagħmel."

Il-poeta mhux biss kien igawdi stima kbira minn Albert V. Laferla, iżda kien diġà kiseb fama nazzjonali tant li mill-ħarġa ta' Il-*Ħabib* tad-29 ta' Mejju 1917, fejn xandar il-poeżija 'Il-Għanja ta' Mejju', huwa beda jiffirma sempliċiment b'ismu biss, Dun Karm (mingħajr kunjomu Psaila). F'Settembru 1920 huwa kien għadu kemm ippubblika l-ktieb *Ward leħor*, ġabra ta' poeżiji li ntlaqgħet tajjeb ħafna. Għalhekk l-għażla ta' Laferla waqgħet minnufih fuqu. Skont *Guida Generale di Malta e Gozo*, Laferla kien joqgħod fi 22 Strada Molini al Vento, Valletta, ftit toroq biss 'il bogħod minn Dun Karm. Dun Karm, li kien dilettant tal-pjanu u kellu l-pjanu tiegħu, wiegħdu li kien se jaqdih mill-aħjar li seta', kif tindika t-tifkira miktuba li ħalla hu nnifsu: "Kif dħalt fl-appartament tiegħi fi Triq l-Ifran, il-Belt, mort fuq il-pjanu, daqqejt mill-aħjar li stajt dak il-motiv, li kien għad ma kellux l-akkumpanjament, u fittixt li nlaqqa' mar-ritmu tal-mużika r-ritmu tal-vers Malti. Rajt li ebda vers ma kien qed jaqbel jew għallinqas jersaq ma' dak il-motiv, ħlief il-vers tal-ħdax (endekasillabu), u billi l-motiv kien qasir, ma kinux jidħlu fil-medda tiegħu kollha ħlief tlieta minn dawn il-versi. U jien għidt: bi tliet versi x'nista' nagħmel? Imma ħsibt ftit u għaddiet bħal berqa minn moħħi l-lehma tal-Innu Nazzjonali fis-sura ta' talba 'l Alla għal Malta."

Il-pjanu msemmi ta' Dun Karm għamel snin twal minsi. Skont testment tiegħu (imsemmi minn Ġużè Cardona, *Dun Karm – Ħajtu u Ħidmietu*, Klabb Kotba Maltin, Malta, 1972, p. 239), huwa ħalla l-pjanu lis-Sorijiet Franġiskani ta' Ħaż-Żebbuġ. Meta nfetħet il-Kamra Dun Karm fil-Mużew tal-Katidral, l-Imdina, il-pjanu tqiegħed hemm fost oġġetti oħrajn tal-poeta. Id-dar imsemmija fejn kien jgħix hi n-numru 51 Triq l-Ifran, Valletta. Hemm għex bejn l-1910 u l-1936, u minn hemm seta' jsegwi l-ġrajjiet storiċi ewlenin li kien għaddej minnhom il-pajjiż fil-konfronti bejn il-partiti Maltin infushom, u fil-glieda tal-Maltin mal-Gvern kolonjali Ingliż għal drittijiet kostituzzjonali fundamentali. Fost l-oħrajn, il-ġrajjiet tas-7 ta' Ġunju 1919 seħħu ftit passi biss bogħod minn fejn kien jgħix.

Tagħrif ieħor marbut ma' dan hu mogħti wkoll minn Ninu Cremona fl-artiklu 'Dun Karm u l-Innu Malti', imxandar f'*Il-Malti*, IV, XXXVII, Diċembru 1961, pp.106-108.

Verżjoni ftit differenti ta' kif inkitbet il-mużika tal-Innu Malti hi inkluża f'tagħrif mogħti minn Albert Ganado fl-artiklu 'The True Genesis of L-Innu Malti', imxandar f'*The Sunday Times* , 5/11/2006, p. 51. Huwa jirriproduċi ittra li Blanche Laferla (née Reynaud), l-armla ta' Dr. Albert Laferla, bagħtet lil Ivo Muscat Azzopardi (1899-1982) fit-2 ta' Lulju 1964, biex tirringrazzjah li bagħtilha kopja magħrufa tal-Innu Malti li hu kien stampa, bil-kliem u bil-mużika, f'isem ix-Xirka Tixrid Qari Malti u Propaganda, imwaqqfa minnu. Din hi silta mill-ittra fejn Blanche Laferla tirrakkonta l-episodju dwar kif beda jinħoloq l-Innu Malti:

"It was my husband who had asked Robert Samut, his brother in law, one Sunday on his usual visit to his sister to compose a hymn for the children of the Government Schools, & I remember very well how thrilled he was when Robert sat down at the piano & composed the music there & then, & you may imagine how pleased he was when Dun Karm at his request wrote the beautiful words to the music of L-Innu Malti."

Albert Ganado jgħid li dan l-episodju seħħ tard fl-1922. Dan jaqbel maż-żmien meta l-innu ndaqq fil-pubbliku għall-ewwel darba, fis-27 ta' Diċembru 1922, kif jikkonferma Toni Cortis fl-artiklu 'Encore għall-Innu Malti', imxandar f'*In-Nazzjon Tagħna*, 1/6/1993, p. 4. Maż-żmien Samut ma baqax joqgħod il-Furjana, u skont il-*Guida Generale di Malta e Gozo* mar jgħix f'Tas-Sliema. Il-"usual visit to his sister", imsemmija fl-ittra - jiġifieri, iż-żjara regolari ta' Albert Laferla lil oħtu, Alice, il-mara ta' Robert Samut - hi żjara f'Tas-Sliema. Alice u Robert iżżewġu fil-knisja ta' San Duminku, Valletta, fil-21 ta' Novembru 1899. Robert Mifsud Bonnici jagħti wkoll din il-verżjoni: "Kien sar konkors għall-għażla tal-Innu Nazzjonali fost l-aqwa kompożituri Maltin u baqa' bla riżultat. Il-Professur Tabib Robert Samut, dilettant tal-mużika, membru f'orkestra tad-dilettanti, ħoloq il-melodija ta' Innu għall-orkestra tiegħu, ingħoġbot u l-Banda King's Own daqqitu l-ewwel darba bħala l-Innu Nazzjonali u billi baqgħet iddoqqu, ingħoġob mill-Baned l-oħrajn, bdew idoqquh huma wkoll u hekk, awtomatikament, inħoloq l-Innu Nazzjonali Malti u ġie approvat uffiċjalment" (*Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali*, Dipartiment tal-Informazzjoni, Malta, 1960, p. 443).

# L-EWWEL RAPPREŻENTAZZJONI TAL-INNU MALTI

Dun Karm kiteb li l-innu hu marbut mas-sena 1927, u din ma hix l-unika darba li hu jagħti data żbaljata dwar ġrajjiet f'ħajtu. Id-data ta' meta l-Innu Malti ndaqq għall-ewwel darba ġiet stabbilita bir-reqqa minn Toni Cortis fl-artiklu msemmi 'Encore għall-Innu Malti'. Toni Cortis jiġbor it-tagħrif meħtieġ kollu f'din is-silta: "F'Diċembru tal-1922 deher avviż fir-rivista *The Teacher* li jgħid li fis-27 tax-xahar kellu jsir kunċert fit-Teatru Manoel mill-Elementary School Teachers' Dramatic Club. Il-kunċert kellu jerġa' jsir fis-6 ta' Jannar, nhar l-Epifanija, fl-istess post fit-3.00pm. Fil-ħarġa ta' *The Daily Malta Chronicle* tas-27 ta' Diċembru 1922 fir-rubrika Local News insibu aktar dettalji dwar il-kunċert li kellu jsir dakinhar stess filgħaxija. Insiru nafu li l-Elementary School Teachers' Dramatic Club bdew jissejħu The Dominies, li l-programm kien jinkludi *The Tempest* ta' Shakespeare u li l-atturi kienu kollha Maltin... Kollox kellu jiġi fit-tmiem b'Innu Nazzjonali Malti miktub għal din l-okkażjoni. Il-mużika, jissokta l-avviż, ġiet miktuba minn wieħed mill-mużiċisti l-aktar magħrufa u l-kliem mill-Prof. Carmelo Psaila... Insiru nafu li għar-rappreżentazzjoni tas-27 ta' Diċembru 1922 kienu preżenti fost l-oħrajn il-Gvernatur u Lady Plumer, li tkanta Innu Nazzjonali Malti li kien sar popolari ma' Malta kollha u jidher li dan l-Innu Nazzjonali aktarx isir Nazzjonali (uffiċjalment)... L-isbaħ rapport ta' dak li ġara fil-kunċert tas-27 ta' Diċembru 1922

tagħtihulna *The Daily Malta Chronicle*... li tagħlaq hekk ir-rapport tagħha. Kellhom (id-Dominies) fil-programm tagħhom Innu Nazzjonali li nkiteb għall-okkażjoni u tkanta minn kor kbir u qawwi li f'nofsu kien hemm għalliem żagħżugħ (tip Malti) liebes l-abjad u l-aħmar u jżomm fil-għoli l-bandiera Maltija. Din l-aħħar parti tal-programm tant qajmet entużjażmu li l-udjenza talbet biex terġa' tindaqq, u x'ħin reġgħet indaqqet kulħadd qam bil-wieqfa... Jidher li Dr. Laferla kien ir-ruħ li stinka u mexxa l-kunċert tas-27 ta' Diċembru 1922 fit-Teatru Manoel u fis-6 ta' Jannar 1923 fl-istess Teatru."

L-avviż dwar il-kunċert kif mogħti minn *The Daily Malta Chronicle* fis-27 ta' Diċembru stess (paġna 3) jiġbor kollox bl-aħjar mod: "This afternoon, commencing at 3 o'clock, the Elementary School Teachers' Dramatic Club will give the first of two performances, the second of which is fixed for the 6th January, the feast of the Epiphany... The entertainment will be closed with a Maltese National Anthem specially written for the occasion. The music has been composed by one of our leading musicians and the words are by Prof. Carmelo Psaila."

***"Kellhom (id-Dominies) fil-programm tagħhom Innu Nazzjonali li nkiteb għall-okkażjoni u tkanta minn kor kbir u qawwi li f'nofsu kien hemm għalliem żagħżugħ (tip Malti) liebes l-abjad u l-aħmar u jżomm fil-għoli l-bandiera Maltija. Din l-aħħar parti tal-programm tant qajmet entużjażmu li l-udjenza talbet biex terġa' tindaqq, u x'ħin reġgħet indaqqet kulħadd qam bil-wieqfa...***

# L-INNU MALTI FIL-GAZZETTI

Il-gazzetta *Il-Ħabib*, mibdija fl-1912 minn Ġużè Muscat Azzopardi (1853-1927) u Mons. Pawl Galea (1866-1952), hi l-pubblikazzjoni li kienet l-aktar viċina ta' Dun Karm. Il-bidu tal-ħajja poetika tiegħu bil-Malti fl-1912 hu marbut mill-qrib miegħu. It-tagħrif li ġej ikompli jikkonferma liema hi d-data tal-ewwel rappreżentazzjoni tal-Innu Malti.

F'*Il-Ħabib* tat-30 ta' Jannar 1923, p. 2, deher dan l-avviż, li jinkludi l-eżekuzzjoni tal-Innu Malti bħala l-għeluq tal-programm: "L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti sejra tagħti Kunċert Malti fit-Teatru Manoel nhar is-Sibt 3 ta' Frar 1923, fit-3.30 pm. Sejjer ikun hemm ħafna ħwejjeġ sbieħ, kollox bil-Malti u kollox ta' Awturi Maltin, bħal Mużika, Kant u Innu Malti." F'Il-Ħabib tal-15 ta' Frar 1923, p.2, intqal li dan il-kunċert intlaqa' tajjeb ħafna:

> **"Is-Sibt, 3 minn dan, il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti taw kunċert bl-Malti fit-Teatru Manoel. Ħadmu ħafna għalih is-Sur Nin Cremona u s-Segretarju tal-Għaqda, is-Sur F. S. Caruana. Il-programm kien imżewwaq ħafna u kulma kien fih Malti. Il-kunċert ma satax jirnexxi aħjar. It-teatru kien mimli u sar ċapċip kbir għal ħafna bċejjeċ."**

Din ukoll hi okkażjoni ta' importanza storika minħabba r-rabta tagħha mal-bidu tat-tixrid pubbliku tal-innu nazzjonali. F'*Il-Malti* ta' Ġunju-Settembru 1960, paġni 91-93, jingħad li r-rivista kienet qiegħda tippubblika l-programm li kien sar fit-3 ta' Frar 1923 fit-Teatru Manoel bħala tifkira ta' meta nħadmet l-ewwel darba parti mid-dramm 'Il-Fidwa tal-Bdiewa' ta' Ninu Cremona. Fl-ewwel parti tal-programm is-

Soċjetà Mandolinistika tal-Birgu eżegwiet xogħol ta' Robert Samut, kif ukoll imbagħad anki l-Innu Malti, li fil-programm jingħad li "ndaqq u tkanta l-ewwel darba f'dan il-kunċert." Fil-kunċert ħadu sehem id-Dominies tal-Malta Union of Teachers u s-Soċjetà Mandolinistika Melita tal-Birgu. Fit-tieni parti tal-programm inħadmet silta mid-dramm ta' Cremona. Minħabba l-prominenza li ngħatat lil Robert Samut bħala kompożitur u lil Dun Karm (irrappreżentat mhux biss bl-Innu Malti imma wkoll bil-poeżija 'Għanja ta' Malti fl-Amerka'), jidher li dan il-programm kien maħsub li jagħti prominenza lill-kompożitur u lill-awtur tal-Innu Malti, xogħol li kien għadu ġdid.

Il-gazzetta *Patria!*, numru 41, tal-25 ta' Jannar 1923, p.3, ippubblikat avviż dwar il-kunċert li kellu jsir fit-3 ta' Frar fit-Teatru Manoel, li kellu jinkludi mużika, żfin, poeżija, drama, kollha bil-Malti. L-avviż jinkludi wkoll bi prominenza l-aħbar li 'Barra minn dan sejjer jitkanta L-INNU MALTI'. Dawn l-ittri kapitali huma stampati hekk fil-gazzetta. Il-qligħ kellu jmur għall-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. L-istess prominenza lill-Innu Malti dehret f'avviż dwar dan il-kunċert imxandar fil-*Labour Opinion*, I, numru 23, tal-25 ta' Jannar 1923, p. 4. Xi drabi f'dawn l-avviżi tissemma d-data tal-4 ta' Frar minflok tat-3 ta' Frar.

Fil-ħarġa ta' *Patria!*, numru 42, tal-1 ta' Frar 1923, p. 5, Franġisku Saverju Caruana kiteb ittra lill-editur bl-isem 'Il-Kunċert Malti' li fiha jagħti tagħrif dwar il-programm u jinkludi wkoll id-daqq ta' 'Innu'. Waqt li qal li l-kunċert kellu jkun "taħt idejn l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", kiteb ukoll li kellhom "jieħdu sehem kbir id-'Dominies' u l-Malta Union of Teachers" u spiċċa biex għamel dan l-appell: "Nixtieq li kull min jagħti każ tal-Lsien Malti, u tal-Ġrajja u tal-Arti Maltija, ma jitlefx dan il-Kunċert."

Korrispondent li ffirma bil-psewdonimu 'Foska', u li kien Franġisku Saverju Caruana, kiteb artiklu fil-*Patria!*, numru 43, tat-8 ta' Frar 1923, p. 6, fejn juri li f'din l-okkażjoni wkoll l-Ilsien Malti u l-Kultura Maltija kienu kkritikati u mċaħħda minn kull rispett minn ħafna Maltin. Il-każ tal-Innu Malti kien qiegħed jiżviluppa fi ħdan il-Kwistjoni tal-Lingwa, u dan ifisser li kien każ politiku minnu nnifsu. Madankollu, il-Kunċert Malti rnexxa, u Caruana jikteb hekk:

> **"Nhar is-Sibt, 3 ta' Frar, sar fit-Teatru Manoel l-ewwel Kunċert Malti.**
>
> **Sa minn mindu deher mal-ħajt l-aħbar tiegħu, ħafna nies b'wiċċ imfaqqa' u bid-daħka velenuża f'ħalqhom waqfu jaqrawh u qalu: 'Ħa, ħaj: naraw xi ħmerija ġejja:' u min jgħid**

**għax dik miktuba bil-*k* u min għax l-oħra bil-*q*, bid-daħka f'fommhom iċċaqalqu minn hemm.**

**Iżda 'ride bene chi ride l'ultimo', il-Kunċert irnexxa wisq isbaħ milli ħasbu dawna, u ta tagħlima li l-lsien Malti mhu xejn u xejn inqas mill-ebda lsien ieħor! Għax ta tagħlima li xejn ma jonqsu biex jista' huwa wkoll jgħaxxaq il-qalb bil-ħlewwa ta' versi, li xejn ma jonqsu biex huwa wkoll jista' jitkanta mal-ħlewwa u l-għaxqa li titlob il-mużika, li xejn ma jonqsu kliem qawwi, kliem sbejjaħ biex fuq palk idewwaq it-togħma li tagħti l-arti sabiħa: l-arti drammatika!**

**Il-lsien Malti mhux fil-farsi biss jista' juri ruħu: jista' juriha wkoll f'kull Ġrajja li qatt tlestiet għall-palk.**

**Nitgħallmu l-aħwa mhux billi jgħidu li l-lsien Malti ma fihx xi jgħaxxaq: staqsuhom lil dawn biex jagħtukom il-provi u intom bi provi semmulhom l-ewwel Kunċert Malti li tat l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti."**

*Patria!* xandret il-versi tal-Innu Malti fil-ħarġa numru 45, tat-22 ta' Frar 1923, p. 5, fit-tmiem ta' artiklu li jitkellem dwar is-suċċess tal-Kunċert Malti tat-3 ta Frar 1923.

F'dan l-istess żmien Dun Karm ħass il-ħtieġa li jagħti kontribut fil-qasam tal-innijiet reliġjużi u fl-10 ta' Diċembru 1922 kiteb dawk li hu sejħilhom 'Innu ta' Filgħodu u Innu ta' Filgħaxija li jitkantaw fl-Iskejjel Elementari' (*Il-Ħabib*, 30/3/1923, p.2). Fil-ħarġa tat-30 ta' April 1923 xandar 'Innu lill-Madonna'.

Sadanittant Dun Karm kien diġà ħass il-bżonn li jispjega kif kellu jinkiteb l-Innu Malti f'dawk li huma ortografija u aspetti tal-versifikazzjoni. Huwa kiteb hekk f'*Il-Ħabib* tal-15 ta' Jannar 1923, p.2, u fl-aħħar inkluda l-versi kif kellhom jinkitbu:

**"Sur Direttur, 10.1.23**

**Ġew f'idejja xi kopji tal-Innu Malti li jiena ktibt għal mużika li kienet diġà lesta, biex jitkanta fil-Kunċert li d-Dipartiment tal-Iskejjel Elementari tal-Gvern ta fit-Teatru Manoel fis-27 ta' Diċembru li għadda u fis-6 ta' Jannar li aħna fih, u bqajt niexef kif ħarbtuh fl-ortografija, u xi ftit ukoll fil-versifikazzjoni. Għaldaqstant, biex dawk li jifhmu**

**fil-kitba tal-Isien tagħna u li qraw jew għad jaqraw dawk il-versi ma jagħtux il-ħtija lill-awtur, nitolbok illi ġġib f'*Il-Ħabib* dawn l-erba' kelmiet flimkien mal-Innu kif inhu miktub hawn taħt."**

Dun Karm stess fittex li jispjega x'kien l-iskop tiegħu meta kiteb dawk il-versi, dejjem fl-isfond politiku u soċjali tas-snin għoxrin u tal-ambjent Malti, bejn belti u bejn raħli, li hu trabba fih: "Għarrixt fiż-żmien li fih konna ninsabu, u billi dik il-ħabta kien hawn ftit ta' antagoniżmu politiku, jiena fittixt li nressaq u ngħaqqad lil kulħadd f'rabta ta' mħabba reliġjuża u patrijottika." Il-kelmiet 'mħabba reliġjuża u patrijottika' ma huma xejn inqas minn applikazzjoni tal-motto ta' Giuseppe Mazzini, wieħed mill-bennejja tal-Italja magħquda fit-tieni nofs tas-seklu dsatax: 'Dio e il popolo'. L-'antagoniżmu politiku' msemmi minnu jiftiehem minnufih b'ħarsa lejn il-gazzetti politiċi tal-bidu tas-snin għoxrin tas-seklu għoxrin, bħalma huma *Malta.* (1883-1940), *Il Corriere Popolare* (1921), *L'Eco di Malta e Gozo* (1921-1924, 1933-1936), *Labour Opinion* (1922-1926), *Patria* (1922-1926), *Malta tal-Maltin* (1922), *Popolo di Malta* (1922-1924), *Progress* (1921-1932). Il-personalitajiet ta' Enrico Mizzi, Gerald Strickland u William Savona jiġbru l-kuntrasti ewlenin tal-epoka bejn spirtu Nazzjonalista, Kostituzzjonalista u Laburista.

Ir-riferiment għall-qagħda politika jdaħħal kollox fil-kuntest tiegħu. Kull innu nazzjonali jistrieħ fuq mument storiku ta' poplu. Hekk ukoll l-innu ta' Malta, L-Innu Malti kien ippubblikat f'*The Teacher*, numru 35, Jannar 1923, p. 9. L-aħħar vers kien miktub hekk, bil-frażi 'ġewwa Malta' minflok il-frażi 'fil-Maltin', kif Dun Karm kiteb aktar tard:

**Seddaq il-għaqda *ġewwa* Malta u s-sliem.**

Wara li kien ippubblikat, minn Dun Karm innifsu, f'*Il-Ħabib* tal-15 ta' Jannar 1923, p. 2, fil-verżjoni finali magħrufa, l-innu kien ippubblikat aktar tard f'*Il-Malti*, II, Ġunju 1925, p. 64, u f'*Leħen il-Malti*, III, 32, Ottubru 1933, p.117. Dan ifisser li l-innu kien rikonoxxut kemm mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u kemm mill-Università. Kopji stampati fl-Eġittu wrew li l-komunità Maltija kienet qiegħda tirrikonoxxih hi wkoll. Jeżistu diversi karti volanti bl-innu, sikwit bl-isem tal-awtur biss.

# NOTA DWAR L-AWTUR

**Oliver Friggieri,** Professur tal-Letteratura fl-Università ta' Malta, hu l-awtur ta' numru kbir ta' kotba li madwar sebgħin minnhom ġew tradotti u ppubblikati f'pajjiżi barranin. Rebbieħ ta' diversi premjijiet internazzjonali. Bosta artikli tiegħu ġew ippubblikati f'rivisti akkademiċi barranin. Jikteb bil-Malti, bit-Taljan u bl-Ingliż.

# SEHEM IL-ĦADDIEMA FIS-SETTE GIUGNO

**PAUL BARTOLO**

Dak li jagħmel il-ġrajjiet tas-*Sette Giugno* uniċi u rivoluzzjonariji fl-istorja ta' Malta huwa li dakinnhar kull sezzjoni tal-poplu Malti kienet qed tafferma d-drittijiet tagħha.[1] Diġà fissirt xi mkien ieħor kif anke dawk privileġġjati u s-soltu favur l-Ingliżi kienu maqrusin u qed jitħabtu biex jieħdu t-tmexxija ta' Malta f'idejhom.[2] F'dan il-kapitlu se niffoka fuq sezzjoni tal-poplu li sa dak iż-żmien kienet mwarrba u mhux meqjusa parti mill-politika Maltija – il-klassi tal-ħaddiema.

# IL-GWERRA TOĦLOQ SITWAZZJONI ĠDIDA FIT-TARZNA

Sa qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-1918), il-ħaddiema Maltin ma kellhomx saħħa politika. Pjuttost, fi żmien l-Ingliżi, kienu meqjusa problema għax Malta kien hawn nuqqas ta' xogħol sakemm ma kinitx tinqala' xi gwerra. U l-unika soluzzjoni kienet l-emigrazzjoni: diġà ngħidu aħna bejn l-1842 u l-1991 kienu emigraw 13,000 ruħ.[3] Kienu wkoll miżmuma bla skola: fl-1911, minn total ta' 186,046 persuna minn 5 snin 'il fuq, 39,642 (21.81%) biss kienu jafu jiktbu bil-Malti jew xi lingwa oħra; u għalhekk il-maġġoranza tal-poplu kienet immexxija minn imneħirha min-nies ta' skola speċjalment tal-Knisja u l-klassijiet privileġġjati. Barra dan, kienu għadhom ma żviluppawx it-trade unions bħalma kien seħħ fil-pajjiżi industrijalizzati. Malta ma kellhiex gruppi kbar ta' ħaddiema impjegati f'post wieħed u ma kinitx għadha żviluppat l-identità tal-klassi tal-ħaddiema. L-ikbar numru ta' ħaddiema f'post wieħed kienu fit-Tarzna navali fejn kien hemm mal-4,000 ħaddiem. F'sitwazzjoni bħal din ta' qabel il-Gwerra, Manwel Dimech sabha diffiċli wisq biex ixettel attitudni ta' drittijiet tal-ħaddiema, inklużi dawk tan-nisa,[4] għax l-ideat rivoluzzjonarji tiegħu sabu oppożizzjoni wisq qawwija mill-mexxejja privileġġjati ta' dak iż-żmien li hu kien qiegħed jisfida, speċjalment il-Knisja u l-Gvern Kolonjali. Malli bdiet il-Gwerra, eżiljawh lejn l-Eġittu.[5]

Però, il-Gwerra ġabet bidliet kbar fost il-ħaddiema f'Malta bħal fl-Ewropa kollha. L-ewwel nett, kemm f'Malta kif ukoll barra, il-ħaddiema minflok problema saru riżorsa essenzjali biex jipproduċu kull xorta ta' inġenji u materjal ieħor għall-gwerra. Allura bdew jissaħħu t-trade unions li bdew jinsistu iktar bil-qawwa għal żidiet fil-pagi biex ilaħħqu mal-għoli tal-ħajja li ġabet il-gwerra. Fl-Ingilterra kien hemm 74 strajk f'Marzu 1915, u fl-1917 intilfu 6,000,000 siegħa xogħol bi strajks,

meta kien hemm ukoll strajks fi Franza, l-Italja u l-Istati Uniti.[6] L-istess ġara f'Malta. Fit-Tarzna, fejn in-numru ta' ħaddiema żdied minn 4,000 għal iktar minn 12,000, u numru sostanzjali minnhom kienu tas-sengħa, twaqqfet trade union u sar strajk ta' ġimgħa fl-1917.

Barra dan, fil-gwerra ġew ukoll ħafna ħaddiema Ingliżi jaħdmu fit-Tarzna. Dawn kienu msieħba fit-trade unions Ingliżi u allura kienu intitolati għaż-żidiet li kienu qed jakkwistaw l-unjins tagħhom fl-Ingilterra. Meta ħaddiem jara li sieħbu li jagħmel l-istess xogħol bħalu jaqla' d-doppju, bilfors iħoss li l-paga tiegħu kienet wisq inġusta.[7] U dan iktar u iktar meta l-paga kienet miżera b'mod li l-ħaddiem Malti ma setax litteralment jitma' lill-familja tiegħu. Jidher ukoll li l-membri tal-unjins Ingliżi li kienu fuq l-istess bank tax-xogħol kienu qed ixerrdu ideat tat-trade unions fost il-Maltin: "Il-foreman Ingliż tiegħi rani naħdem illum u wissieni li qed naħdem iżżejjed. Qalli, 'Imissek tagħmel nofs dak ix-xogħol u titħallas l-istess paga.' Il-labourers Maltin baqgħu mistagħġba b'dawn l-ideat." [8]

# TITWAQQAF L-IMPERIAL GOVERNMENT WORKERS' UNION

Jidher li l-ewwel attentati biex titwaqqaf unjin tal-ħaddiema f'Malta saret minn ħaddiem tat-tarzna fl-1884 – il-'Fitters' Union'. Però din kellha tibdel isimha u l-iskop tagħha għal 'Società Operaia Cattolica San Giuseppe' li kienet toffri benefiċċji f'każ ta' korriment jew ta' mard lill-imsieħba.[9] Fl-1919 din kellha madwar 700 membru.[10]

L-ewwel attentat qawwi biex jinħoloq sens ta' drittijiet tal-ħaddiema kien sar minn Manwel Dimech.[11] Waqt li kien ilu jxerred l-ideat tiegħu permezz tal-gazzetta *Il-Bandiera tal-Maltin* mill-1998, kien biss fl-1911 li Dimech waqqaf – ix-"Xirka ta' l-Imdawlin" – bl-iskop politiku wiesa' imma li kien jinkludi aspirazzonijiet għall-ħaddiema li dakinhar kienu radikali, bħall-paga minima u massimu ta' sigħat ta' xogħol kuljum:

> **Kulħadd jaf kemm hi baxxa l-paga tal-ħaddiem Malti, li jaħdem iktar mill-ħaddiema ta' pajjiżi oħra, u ma jaqlax ħlief ftit, wisq ftit; ix-Xirka ġġib (u jirnexxilha żgur) li l-aktar paga baxxa tkun ta' erba' xelini kuljum għall-inqas (dan meta l-paga kienet inqas minn żewġ xelini kuljum);**

> **Meta l-ħaddiem jaħdem iktar minn tmien sigħat kuljum, jgħarraq saħħtu: ix-Xirka x-xogħol tal-ħaddiem iġġibu ta' tmien sigħat kuljum.**
>
> **Fil-pajjiżi tad-dawl fejn il-wisq ma baqgħux ilsiera tal-ftit, jekk ħaddiem ikorri waqt ix-xogħol, tiġi lilu mogħtija somma flus; hawn Malta mhux biss ma jagħtuhx iżjed, imma jkeċċuh malajr; ix-Xirka ssewwi dan l-għawġ; ....[12]**

Biss, kif irrapporta 'l quddiem il-Gvernatur Plumer, malli bdiet il-Gwerra lil Dimech eżiljawh:

> **Shortly after the commencement of hostilities, Dimech made attempts to tamper with the loyalty of exployees of His Majesty's Dockyard, and although there was not sufficient evidence to warrant criminal prosecution, his presence in Malta during the war was considered a danger to the State, and he was eventually expelled from these Islands.[13]**

Xorta, bin-numru kbir ta' ħaddiema fit-Tarzna u l-influwenza ta' kollegi Ingliżi, fl-1916 ġiet iffurmata l-*Malta Government Workers' Union* (M.G.W.U.) minn Henry Ear, li skont Ġeraldu Azzopardi kien Henry Ahar, l-eks kaxxier tax-Xirka tal-Imdawlin. Din diġà kellha 4000 membru sa sena wara, u f'Mejju 1917 organizzat b'suċċess l-ewwel strajk ta' ġimgħa għal żidiet fil-pagi. Kienet taqliba kbira għad li l-gazzetti ftit setgħu jirrappurtaw minħabba ċ-ċensura tal-Gwerra:

> **Xi tliet ġimgħat ilu n-nies kollha li jaħdmu fit-Tarzna żammew flimkien u f'ħin wieħed ix-xogħol (għamlu strike) fid-dipartimenti kollha u qagħdu barra, madwar il-għaxart elef ruħ, għal ġimgħa sħiħa.[14]**

Il-*Ħabib* irrapporta wkoll li kienu arrestati numru ta' ħaddiema waqt l-istrajk u li xi wħud kienu għadhom ma nħelsux.

Dan l-istrajk ħa wkoll bixra nazzjonali. Fit-tielet jum tal-istrajk, fid-9 ta' Mejju, il-ħaddiema għamlu dimostrazzjoni fil-Belt u daħlu fil-bitħa tal-Palazz fejn kellmuhom il-Gvernatur u l-Arċisqof. Din kienet l-ewwel wirja mqanqla tas-saħħa tal-ħaddiema magħquda – u li ntweriet ukoll fil-Belt.[15]

L-istrajk kien ukoll wassal għal kontroversja pubblika bejn il-ħaddiema tat-Tarzna u l-Gazzetta li kienet tappoġġja lill-Gvern Kolonjali – id-

*Daily Malta Chronicle.* Waqt l-istrajk din il-gazzetta ppubblikat artiklu fejn tkellmet favur il-bżonnijiet tal-Imperu Ingliż fil-gwerra u kontra l-politika tal-istrajk; imma mbagħad din ġiet akkużata li ma ppubblikatx it-tweġiba dwar dan mibgħuta mill-ħaddiema tat-Tarzna – għad li l-Avukat A. Bartolo, bin l-editur tal-*Chronicle*, qal li din l-ittra ma kinitx waslitilhom: ħaġa żgħira li nżammet miċ-Ċensura.[16]

L-I.G.W.U.[17] baqgħet tarka għall-ħaddiema fis-sentejn ta' wara. F'Ottubru 1918, wara laqgħa mar-Rear Admiral Ballard tat-Tarzna, dan appoġġja t-talbiet tagħha b'telegramm lill-Ammiraljat Ingliż li wassal għal War Bonus ta' minn nofs lira sa 15-il xelin fil-ġimgħa minflok il-bonus ta' minn tlieta sa ħames xelini li kienu ħadu fl-1917 (li kien tħabbar qabel l-istrajk u li kienu baqgħu bih, barra l-labourers). Il-Gwerra spiċċat f'Novembru 1918 u allura bdiet tonqos is-sahra u kien hemm it-theddida tas-sensji, filwaqt li l-ħobż minflok raħas sar jiswa t-triplu ta' kemm kien qabel il-gwerra (min 2¾ soldi għal 7½ soldi).[18] L-irwol tal-unjin kompla jiżdied.

Ta' min jinnota wkoll li l-attivitajiet fejjieda tal-I.G.W.U. li kienu jidhru f'*Il-Ħaddiem*, ħajru lil ħaddiema oħra magħfusin biex jingħaqdu. M'hemmx dubju li l-ħidma tal-unjin tat-Tarzna influwenzat ukoll lill-iskrivani tal-gvern u lill-għalliema biex jiffurmaw l-unjins tagħhom fl-1919: il-*Malta Civil Service Association* u l-*Malta Union of Teachers.*

# RIKONOXXUT IS-SEHEM TAL-ĦADDIEM ANKE FIL-POLITIKA TAL-PAJJIŻ

Il-ħidma tal-I.G.W.U. mhux biss qabżet għall-ħaddiema fuq ix-xogħol, imma wasslet ukoll biex il-ħaddiema Maltin jidħlu għall-ewwel darba għall-politika. Barra l-azzjoni tal-istrajk, fost il-ħaddiema tat-Tarzna beda jissaħħaħ is-sens ta' drittijiet tal-ħaddiem li tant kien saħaq fuqhom Dimech. Dan is-sens ta' stima ssaħħaħ fost il-ħaddiema tal-Ewropa kollha għax l-Ewwel Gwerra Dinjija, iktar minn qatt qabel, ġiet miġġielda bil-kapaċità tal-pajjiż li jipproduċi materjal għall-gwerra bla dewmien. Għalhekk il-ħaddiema setgħu jsostnu li s-sehem tagħhom fil-gwerra kien jistħoqqlu iktar stima.[20] Dan is-sens ta' stima ġdida jidher fl-artiklu li deher fil-*Ħaddiem* f'Settembru 1918 (li jixbah lil dak li kien jgħid Manwel Dimech qabel il-Gwerra, imma din id-darba s-soċjetà kienet iktar lesta li tifhem dan il-prinċipju):

> **It-taqlib tal-Ewropa ... għallem lill-ħaddiem kemm ix-xogħol tiegħu huwa meħtieġ għall-qawwa ta' pajjiżu u l-opri tiegħu kemm hi stmata f'ħin ta' bżonn. Il-ħaddiem Malti għandu l-għada kerha illi jċekken lilu nnifsu u jikkonsidra ruħu l-inqas klassi tas-soċjetà. Dana juri li l-ħaddiem ta' pajjiżna ma kellu qatt l-okkażjoni li jifhem ċar il-kobor tal-missjoni tiegħu biex ikun jista' jistma lilu nnifsu biżżejjed. X'kien**

**ikun mill-Ewropa kieku l-ħaddiema tat-tarznari tal-Alleati naqsu minn dmirhom xħin kienu jinħtieġu? Forsi l-ħaddiem Malti ma jistax ukoll bir-raġun kollu jgħolli ġbinu u b'wiċċu minn quddiem jiftaħar li f'din il-gwerra issiġilla bil-ħidma tiegħu l-lealtà tiegħu lejn l-Ingilterra? Ma żiedx forsi huwa wkoll bis-sagrifiċċji ta' saħħtu u xogħlu, palma fil-kuruna li żżejjen l-Alleati f'jum il-Vittorja? Għaliex mela jżomm ruħu baxx, għaliex ma jifhimx li hu mhux ilsir imma parti l-iktar importanti tas-soċjetà?[21]**

Il-ħaddiema bdew isiru konxji li jridu jissieltu għad-drittijiet tagħhom, kif osserva wkoll Ċensu Bugeja, li dak iż-żmien kien għalliem tal-Università u wara nħatar President Onorarju tal-Partit tal-Ħaddiema:

**Bdiet taqbad ukoll l-idea fost il-klassijiet il-baxxi li l-Ingliżi kien ħsiebhom biss kif jisfruttaw lin-nies. Naħseb li din nibtet fit-Tarzna, imma n-nies bdew jifhmu li l-pagi li jingħataw il-ħaddiema ma kinux jitfasslu fuq il-ġustizzja, imma sempliċement minn kemm ikun hemm nies lesti għax-xogħol meħtieġ.[22]**

Dawn l-attitudnijiet kienu ġodda wisq ukoll għall-klassijiet privileġġjati Maltin. Imma hawn ukoll saru l-ewwel passi biex jiġi rikonoxxut ir-rwol tal-ħaddiema fil-politika bil-parteċipazzjoni tal-I.G.W.U. fil-laqgħat tal-Assemblea Nazzjonali. Bi preparazzjoni għall-ewwel laqgħa tal-Assemblea Nazzjonali tal-25 ta' Frar 1919, it-tmexxija tal-I.G.W.U. iddeċidiet fid-19 ta' Frar 1919 li tibgħat ħames rappreżentanti tagħha għall-ewwel laqgħa tal-Assemblea. Dawn kellhom iwasslu żewġ proposti tal-Unjin – radikali għal dak iż-żmien – u li ġew ukoll ippubblikati fil-*Ħaddiem*:

**a. Illi l-vot ikun mogħti lil kulħadd, jiġifieri li kull min għandu l-età għandu jkollu l-vot.**
**b. Li titneħħa l-ordinanza attwali li timpedixxi certi klassi tal-popolazzjoni li jsiru kunsillieri.[23]**

Ma jidhirx li l-Assemblea qieset wisq dawn il-proposti. Però t-talba għall-awtonomija li ġiet formulata u ntbagħtet lis-Segretarju tal-Kolonji kienet influwenzata mill-preżenza tagħhom, għax intalbet "forma ta' gvern ... bla distinzjoni ta' klassi."[24] Il-ħaddiema kienu sabu post fiċ-ċirku tal-politici għad li għalissa kien għadu prekarju.

Imbagħad f'Marzu inqalgħet kontroversja fil-gazzetti dwar "l-indħil" tal-ħaddiema fil-politika. Student tal-liġi, taħt in-nom de plume il-Forte,

kiteb artiklu ta' allarm dwar il-qawmien tal-ħaddiema fl-ewwel paġna tal-gazzetta tal-Comitato Patriottico – li kien jiġbor fih il-maġġoranza tal-politiċi ta' dak iż-żmien – *La Voce del Popolo*:

> **F'dawn l-aħħar żmenijiet is-sentiment tal-ġlieda tal-klassi għamel passi tal-biża' fostna, progress li, għal min jiflih sew huwa ta' min jallarma ruħu bis-serjetà. Jaħasra għalina! Dan kien jonqosna biex niġu sewwa kif iriduna. Daħħlu fil-moħħ tan-nies li l-Gvern m'għandu x'jaqsam xejn mat-tbatija li qed issofru. Huma s-sinjuri, huma n-nies ta' klassi għolja, anzi l-professjonisti, anzi dawk in-nies kollha li biex jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum ma jħammġux wiċċhom u jdejhom u lbieshom. Ikkonvinċew in-nies li din il-klassi mibgħuda taħdem id f'id mal-Gvern ...**
>
> **... u l-poplu llum jemmen li din hija verità, verità iktar minn dik tal-Vanġelu. Iżjed mill-Vanġelu, ngħid is-sewwa, għax illum wasalna għal punt, u ifhmuni qed ngħid għalina li ngħixu Malta, għal punt li minħabba l-mibgħeda lejn il-qassis wieħed jagħmilha ta' ateu u ta' bla fidi.**[25]

Dan il-moviment ġdid inħass konkretament meta fit-22 ta' Marzu 1919 saret dimostrazzjoni l-Belt quddiem il-Casino Maltese, li kien klabb ta' kummerċjanti u sinjuri Maltin. Il-*Forte* reġa' kiteb u qal li kienet il-mibgħeda tal-klassi li animat id-dimostranti:

> **Wieħed minn dawk preżenti staqsa lil persuna li kienet fil-folla – Għalfejn ġejtu hawn quddiem il-Casino Maltese? – Għax dan hu l-post tas-sinjuri – wieġbu.**[26]

Jidher ukoll li d-dimostranti staqsew speċifikament għal Cassar Torreggiani li kien l-Uffiċjal tal-Kontroll tad-Dqiq.[27]

Ta' min jgħid li din id-dimostrazzjoni kienet wasslet tassew il-vuċi tal-ħaddiema dwar it-tbatija li kienet ġejja mill-għoli tal-ħajja. Kienet protesta kontra l-prezz tal-ħobż li kien tela' għal 7d u kontra Cassar Torreggiani li kien importatur ewlieni u sid ta' mitħna. Aktarx li din kienet ir-raġuni li l-Wheat Board fis-26 ta' Marzu ssuġġerixxa li jingħata s-sussidju biex il-ħobż jorħos għal 5½d u li l-Gvernatur Methuen iddeċieda li jieħu sogru mhux tas-soltu (28.03.1919):

> **I trust that my action in this matter will meet with your Lordship's approval and that the early arrival of a cargo of wheat at a lower price may prevent the loss to Government**

**entailed from extending beyond the profits which have resulted from the Control Board's operations.**[28]

Dan juri ċar kif il-ħaddiema kienu qed ifittxu huma stess l-interessi tagħhom. Dan il-proċess issaħħaħ meta xahar wara (fit-22 t'April) il-Gvernatur Methuen laqa' delegazzjoni tal-I.G.W.U. l-Palazz il-Belt. Id-delegati talbu biex: jitneħħew ir-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ li dehrilhom kienu qed isostnu l-għoli tal-ħajja; biex jieqfu s-sensji mit-Tarzna sakemm jinstab xogħol alternattiv; li t-tarzna tiġi kummerċjalizzata; u li tiddaħħal l-edukazzjoni obbligatorja. Il-*Forte* reġa' (07.05.1919) issa stagħġeb kif il-ħaddiema kellhom il-wiċċ ('sfrontatezza') jiddiskutu l-"problemi sociali e politici" mal-Gvernatur:

**Xi ħaddiema tat-Tarzna ... kellhom l-arroganza, il-wiċċ tost, u kuraġġ bla sens li jmorru għand il-Gvernatur, biex jiddiskutu affarijiet importanti. Ħalliha kieku ltaqgħu mal-Ammirljat, imma propju mal-Gvernatur, x'għandhom x'jaqsmu, dawn li jibnu l-bnadi tqal tal-vapuri tal-gwerra u ta' viti u skorfini żgħar u kbar, skriepel, bojlers, eċċ. eċċ.? ...**

**... il-kultura li jista' jkollhom, hija dik li toħroġ mill-intejjen taż-żjut, it-trab tal-faħam, il-binarji tal-inġenji kbar, tal-ħsejjes tal-magni, il-movimenti tal-għodod toqol enormi: dawn affarijiet li minnhom jista' joħroġ wieħed ġentlom, raġel onest, patrijott, ċittadin bi drittijiet u obbligi ugwali daqs ta' aristokratiku l-iktar irfinut u pur, imma li ċertament ma jintitolawx l-individwu għall-kwistjonijiet tas-soċjetà u tal-politika.**[29]

Jidher li l-ħaddiema tat-Tarzna pprotestaw bil-qawwa għal dan l-insult għax fil-ħarġa ta' wara tal-*Voce del Popolo* (14.05.1919) ippubblikat ukoll fl-ewwel paġna artiklu dwar "L'Operaio", fejn spjegat li r-riferenza għall-intejjen taż-żjut ma kinitx intenzjonata li tagħmel xi diżunur għall-ħaddiem imma biex juri li x-xogħol tagħhom ma kienx jippermettilhom jifhmu kwistjonijiet politiċi:

**Li inthom (il-ħaddiema) m'intomx kapaċi taffrontaw kwestjonijiet tas-soċjetà u politika, għax l-ambjent tagħkom ma jippreparakomx għal ħidma bħal din.**

Imma din l-ispjega xejn ma kkalmat lill-ħaddiema. Fil-ħarġa ta' wara (21.05.1919), nota editorjali spjegat li l-artiklu kien inkiteb minn attivist b'intenzjonijiet tajba li però ma kienx taħt direzzjoni editorjali, u ddeplorat xi azzjoni li setgħet tippromwovi d-diviżjoni bejn il-klassijiet.

Fl-istess ħarġa Il-Forte stqarr li hu kien instigat minn rapporti foloz dwar x'kien intqal fil-laqgħa mal-Gvernatur. Issa, li sar jaf x'kien intqal verament qal li kien immeraviljat bil-kapaċità li kienu wrew il-ħaddiema biex jirribattu dak li qal il-Gvernatur:

> **Waslilna dak kollu li ntqal kelma b'kelma, pass wara pass fl-intervista li d-delegati tagħkom kellhom mal-Eċċellenza tiegħu, u sinċerament, jekk dan hu minnu, bqajna immeraviljati kif in-nies tagħkom għarfu jwieġbu b'mod tant diplomatiku għal dak li qal l-Eċċellenza tiegħu u kif kellhom il-qawwa li jirreżistu kif għamlu l-attakk, li kieku kien ikun jistħoqqilhom, li s'issa aħna għamilna fuqhom.[31]**

Mhux ta' b'xejn li, fost it-13-il membru li l-Assemblea Nazzjonali tas-7 ta' Ġunju ħatret bħala kumitat li jrid ifassal il-kostituzzjoni, kien hemm Joseph Hamilton, President tal-I.G.W.U. Imbagħad fil-laqgħa tal-Assemblea tat-8 t'Awwissu, Hamilton qara stqarrija li fiha nnota l-minoranza żgħira li biha kienet rappreżentata l-klassi tal-ħaddiema u kkritika l-abbozz kostituzzjonali li kienet ippreżentat il-Kamra tal-Avukati li qal:

> **jew ma tafx bl-eżistenza tal-klassi tal-ħaddiema, jew hija, kif naħseb jien, ... għalkollox opposta li l-ħaddiem jeżerċita d-drittijiet indaqs politiċi tiegħu li għandhom ikunu d-dritt ta' kull ċittadin.[32]**

Dan id-diskors xejn ma niżel tajjeb fl-Assemblea: Il-President tal-Assemblea ma ħalliex lil Hamilton ikompli, u r-rappeżentanti tal-I.G.W.U. ġew insultati. Dawn allura telqu 'l barra bi protesta. Imma hawn qam jitkellem Nerik Mizzi, u ddikjara li l-Assemblea għandha tieħu nota li d-delegati tal-Unjin tal-Ħaddiema tat-Tarzna:

> **ħassewhom insultati biex twarrab immedjatament kull nuqqas ta' ftehim u tassigura lill-ħaddiema kollha li l-Assemblea tħossha wisq onorata li tilqa' fi ħdana r-rappreżentanti tagħhom u toqgħod fuq is-sapport u patrijottiżmu tagħhom biex tinżamm l-għaqda sagra tal-pajjiż u teqred iż-żerriegħa ħażina tal-mibgħeda tal-klassi.**

Lil Mizzi ċapċpulu, u l-Assemblea bagħtet tliet delegati għand l-I.G.W.U. biex ifejqu l-firda. U l-*Ħaddiem*[33] irrapporta kif dawn it-tliet delegati, Pullicino, Muscat Azzopardi u German, kienu impressjonati bl-għerf politiku tal-ħaddiema.

# SEHEM ATTIV TAL-ĦADDIEMA FL-IRVELL

Ma hemmx dubju li l-ħaddiema tat-Tarzna kellhom ukoll sehem attiv fl-irvell tas-*Sette Giugno* mhux biss bil-parteċipazzjoni fl-Assemblea Nazzjonali, imma wkoll fit-triqat tal-Belt. Dan kien mistenni: diġà kienu għamlu dimostrazzjoni fil-Belt f'Marzu, kienu bdew jinħassu s-sensji, l-I.G.W.U. kienet iltaqgħet mal-Gvernatur f'April, u fl-aħħar nett, kif xehed l-Ispettur tal-Pulizija tat-Tarzna, "kitbu bil-ġibs f'diversi nħawi tal-Yard: 'Kulħadd għandu jmur il-Belt is-Sibt'; 'Kulħadd għall-Belt is-Sibt għar-Risposta'. Dawn rajthom fl-4 u l-5 ta' Ġunju."[34]

Evidenza ċara ta' dan huwa wkoll il-fatt li l-ħaddiema tat-Tarzna għamlu strajk mhux uffiċjali nhar it-Tnejn, 9 ta' Ġunju, biex imorru għall-funeral tal-vittmi. Is-Supretendent tal-Pulizija għarraf lill-awtoritajiet li:

> **... fifteen hundred workmen entered the Dockyard this morning for their work but were prevailed upon by some people, so far unknown, to leave the Yard for the ostensible object of attending the funeral of those who were killed during the riot last Saturday.[35]**

Fil-fatt, il-Gvernatur il-ġdid Plumer qies li tassew li l-iskuntentizza tal-ħaddiema tat-Tarzna kienet waħda mill-kawżi prinċipali tal-irvell u għalhekk f'Awwissu 1919 ikkonvinċa wkoll lis-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji biex jinsisti mal-Ammiraljat biex jingħataw bla dewmien żidiet fil-pagi fit-Tarzna:

> **H.L. (Lord Milner) not only cordially approves the proposal to grant an additional war increase of 2s a week to the pay of local employees in H.M.'s Dockyard and Naval Establishments in Malta but would strongly urge that it be granted immediately.**
>
> **H.L. is disposed to attribute the recent disturbances in Malta in no small degree to the unduly low wages paid in the Dockyard, and his only doubt is whether the proposed increase is adequate having regard to the high cost of living in the Island at the present time.[36]**

Fil-fatt Plumer kien qies serjament l-informazzjoni dwar it-Tarzna minn bnadi differenti, fosthom minn żewġ ittri li rċieva l-gvern ftit wara l-irvellijiet. Waħda minnhom bagħatha Joseph Howard fl-14 ta' Lulju lit-Tenent Gvernatur. Howard, li ppreżenta ruħu bħala Uffiċjal Onorarju tas-"Società Operaia Cattolica" tal-Isla, qal li din kellha 700 membru, il-biċċa l-kbira minnhom ħaddiema tat-Tarzna.[37] Juri wkoll attitudni favur il-benefiċċju ta' kollaborazzjoni bejn l-Ingliżi u l-Maltin u kien aktarx għalhekk li Plumer fl-1921 sab mezz bies isir l-ewwel Prim Ministru Malti. Howard qal li l-ittra meqjusa u dettaljata tiegħu kienet ibbażata fuq "interviews with some of the workmen who appeared to have the greatest influence on their colleagues" u li, "As soon as the unprecendented and most unpleasant acts of riot occurred recently, I endeavoured to possibly find out the causes which have dragged this heretofore law abiding and loyal population to resort to such vehement acts of rebellion." Hu investiga partikularment: "how far the rumour that the Dockyard Workmen were the principal agitators in the present crisis was well founded and what was the cause that moved these men to vent so vehemently their dissatisfaction." Howard sab li x-xnieha dwar il-ħaddiema tat-Tarzna kienet sostnuta:

> **Many causes were assigned, but the conviction was prevalent that the hottest bed of the unusual agitation was to be traced out among the H.M. Dockyard workmen.**

Din l-opinjoni, b'dettalji dwar ħidma sovverżiva fit-Tarzna, dehret ukoll f'ittra anonima li rċieva l-Gvern fit-13 t'Awwissu 1919. Wieħed

naturalment irid iqis li min kitibha jidher li kien favur il-Gvern kolonjali – kif fuq kollox kien ukoll Howard – u kkulurita b'din l-attitudni, għad li n-nota fuq il-file tirreferi għal dak li qal bħala "facts":

> **Your attention is called to the state of affairs in the dockyard. There are paid agitators and propagnada is rife. The agitators terrorise and and give their orders not by word of mouth but by chalking orders and menacig words in the latrines and many men are terrorised. They write words against Englishmen and the Government. A certain chargeman, Salvtore Zammit Hammet and others frequently meet Dr. Mizzi, Dr. Salv. Xuereb, Mons. Panzavecchia and other members of the Assembly. They may be seen in Str Reale, Sliema and the Giovine Malta. These people came in touch with the Assembly people only a few weeks before 7th June and did not know each other. The meeting of the Assembly was held on the 7th June to to make it coincide with the Saturday afternoon off duty of the dockyard.**
>
> **The dockyard workmen are being instilled in their minds that the mild action of the government is only weakness because it is afraid of them. There is a counter propaganda being made against the book published by Government and another version is being made of the contents of the book. Mr Hamilton, head of the dockyard union, was badly handled for distributing the books. ...**
>
> **The Dockyard people are terrorising the parish priests of Cottonera and other villages becasue the latter explained to the people the contents of the book published by Goverment.**[38]

Din l-ittra turi wkoll li fost il-ħaddiema tat-Tarzna fis-*Sette Giugno* kien hemm żewġ attitudnijiet li t-tnejn wasslu għal protesta qawwija fil-Belt, waħda uffiċjali u espressa mill-I.G.W.U. u l-oħra informali fost il-ħaddiema. L-Unjin, għad li kienet qed tissielet bil-qawwa mal-Ammiraljat, però fit-Tarzna stess ma qalgħetx inkwiet fl-1919; sa ċertu punt kellha relazzjonijiet tajbin mal-Ammiraljat u kien hemm ammirazzjoni lejn l-Ingliżi u kienet lesta li timxi id f'id mal-Imperu. Fil-fatt, il-ħaddiema kienu jafu li kien il-Gvern Kolonjali f'Malta li kien oppona żieda aħjar għall-ħaddiema tat-Tarzna għax beża' li dan iwassal għal talbiet għaż-żieda mill-impjegati taċ-ċivil li fil-fatt kienu jitħallsu inqas. Kien biss wara s-*Sette Giugno* li l-Gvernatur il-ġdid, Plumer, biex titnaqqas l-iskuntentizza fost il-ħaddiema tat-Tarzna, informa lill-Ammiraljat li xtaq li jingħataw iż-żidiet li

jistħoqqilhom mingħajr ma jagħtu kas tal-impatt li dan jista' jkollu fuq il-ħaddiema taċ-ċivil.[39]

Fl-istess waqt, dawn iż-żewġ ittri juru wkoll li fit-Tarzna kien hemm element rivoluzzjonarju Dimekkjan li kien iqis li l-Maltin kienu jkunu aħjar kieku jieħdu r-riedni f'idejhom. Biss il-maġġoranza tal-ħaddiema dak iż-żmien kienu għadhom marbuta mal-idea li x-xogħol f'Malta jkun iktar assigurat jekk il-pajjiż jibqa' fl-Imperu Ingliż.

# KONKLUŻJONI

L-iżviluppi li semmejna wieħed jista' jarahom minn żewġ perspettivi. L-ewwel nett, kif interpreta s-*Sette Giugno* Ċensu Bugeja ftit snin wara (fl-1925 u fl-1929) li kien osserva l-iżvilupp ta' ideat ġodda fost il-ħaddiema tat-Tarzna dak iż-żmien, kien hemm "rivoluzzjoni żgħira" bil-qawmien ġdid fost il-ħaddiema:

> **It-twelid tal-Partit tal-Ħaddiema, tal-moviment popolari li ġibilna l-Kostituzzjoni ta' Malta Nazzjon, libera ġewwa darna bħan-nazzjonijiet l-oħra, kien is-7 ta' Ġunju 1919. F'dak il-jum, il-poplu Ħaddiem Malti wera lid-dinja kollha li kien imxebba' mill-ħakma ta' klassi żgħira fostna, wera lill-Gvern Imperjali li jeħtieġ tispiċċa dik il-ftehima, dik l-alleanza li għamel mal-klassi dominanti ta' Malta, u li jeħtieġ ikollu l-mezzi biex jesprimi d-drittijiet tiegħu kontra l-ħakma interessata ta' ċerti Maltin li kienu qegħdin igawdu bl-appoġġ tal-Gvern ta' Londra...[40]**
>
> **Fis-7 ta' Ġunju ġrat f'Malta rivoluzzjoni żgħira; kien hemm tixrid ta' demm u erba' Maltin ħallew ħajjithom taħt in-nar tal-forzi tal-ordni. Din l-insurrezzjoni kif juru l-fatti li ġew qabilha u dawk li għamlu parti mill-istess ġrajja, kienet diretta l-ewwel nett kontra l-klassi diriġenti magħmula minn klikka favorita ta' legali u benestanti, li f'mitt sena ta' dominazzjoni Ingliża, gawdew mingħajr interruzzjoni l-fiduċja tal-Gvern Imperjali.[41]**

Fil-fatt dawn kienu l-ewwel passi li wasslu għall-organizzazzjoni tal-Partit tal-Ħaddiema u Każin tal-Ħaddiema, b'Filippo Sceberras bħala President Onorarju, f'Ottubru-Novembru 1920. Dan sar ukoll bl-għajnuna ta' deputat tal-Partit Laburista Ingliż li l-Gvern Kolonjali stess għen biex jinġab Malta. Tassew li Arturo Mercieca, li laħaq Avukat tal-Kuruna fl-1919, fl-awtobijografija tiegħu tal-1947 jgħid li l-Gvern Imperjali dan għamlu bħala strateġija ta' 'Ifred u rrenja'.[42] Kienet x'kienet l-istrateġija Imperjali, l-għajnuna tal-Partit Laburista Ingliż biex jitwaqqaf il-Partit Laburista f'Malta kompla saħħaħ l-iskossjatura mgħaġġla tas-*Sette Giugno* biex il-ħaddiema jibdew jitkellmu għalihom infushom u jfittxu d-drittijiet tagħhom kemm fl-għanijiet tax-xogħol kif ukoll fil-politika tal-pajjiż.[43]

Fl-istess ħin, wieħed jista' jħares lejn dawn l-iżviluppi minn lenti nazzjonali. Kif osserva wkoll l-istess Ċensu Bugeja, meta ġew flimkien il-qawmien tal-ħaddiema u l-protesti tal-klassijiet privileġġjati li s-soltu kienu jkunu aġevolati mill-Gvern,[44] dawn għamlu t-tqanqila tas-*Sette Giugno* "rivoluzzjoni ... Maltija u nazzjonali":

> **Ir-rivoluzzjoni tas-7 ta' Ġunju kienet fuq kollox Maltija u nazzjonali. Kienet ukoll il-kawża illi ġiegħlet lill-Gvern Imperjali li jagħti lil Malta awtonomija sħiħa f'affarijiet lokali.[45]**

1 Ara P. A. Bartolo, *X'kien ġara sew fis-Sette Giugno 1919 (it-2 ed.)*, Malta, Klabb Kotba Maltin, 2019.
2 P. A. Bartolo, The Sette Giugno: How the Imperial Government pushed the Maltese into rebellion. F'H. Frendo, *The Sette Giugno in Maltese history*, Malta, 2019.
3 C. A. Price, *Malta and the Maltese: A study in 19th century migration*, Melbourne, 1954.
4 Ara M. Montebello, *Manwel Dimech: Ivan u Praskovja u kitbiet oħra*. Malta, SKS, 2011.
5 Plumer lil Milner, 29 ta' Lulju 1920, CO158/419/39560.
6 A. Marwick, *War and social change in the twentieth century: A compartive study of Britain, France, Germany, Russia and the United States*, London, 1974.
7 J. Howard lil LG, 14 ta' Lulju 1919, CSG02/1884/19.
8 A. Caruana Gatto, Xhieda mogħtija fl-Inkjesta dwar il-ġrajjiet tas-7 u 8 ta' Ġunju 1919, GMR.746.
9 K. Ellul Galea, L-Istorja tat-Tarzna, Malta, Stamperija l-Ħajja, 1973.
10 J. Howard lil LG, 14 ta' Lulju 1919, CSG02/1884/19.
11 M. Montebello, op cit.
12 Ibid, p. 10.
13 Plumer lil Milner, 29 ta' Lulju 1920, CO/158/419/39560.
14 Il *Ħabib*, 29 Mejju 1917.
15 Memo tat-Tenent Gvernatur Robertson, 5 ta' Ġunju 1917, CSG02/2538/17.
16 A. Bartolo, Xhieda mogħtija fl-Inkjesta dwar il-ġrajjiet tas-7 u 7 ta' Ġunju, pubblikata f'P. Bartolo, *X'kien ġara sew ...*
17 Il-M.G.W.U. saret tissejjaħ l-Imperial Government Workers Union minn Jannar 1919 fuq talba tas-Senior Naval Officer tat-Tarnza biex l-Unjin titqies li qed tirrappreżenta l-impjegati tal-Ammiraljat.
18 Ara P. Bartolo, *X'kien ġara sew ...*
19 Malta Civil Service Association lis-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji, 12 t'Awwissu 1919, CO158/411/50581.
20 A. Marwick, *War and social change ...*
21 Il Ħaddiem, Settembru 1919.
22 C. Bugeja, Xhieda mogħtija fl-Inkjesta dwar il-ġrajjiet tas-7 u 8 ta' Ġunju, pubblikata f'P. Bartolo, *X'kien ġara sew ...*

[23] *Il Ħaddiem*, Frar 1919.
[24] Methuen lil Milner, 14 ta' Marzu 1919, Gov/01.
[25] *La Voce del Popolo*, 12 ta' Marzu 1919. Il Forte kien Carmelo Mifsud Bonnici, il-Gross.
[26] L'Ora, *Voce del Popolo*, 26 ta' Maru 1919.
[27] C. Bugeja, Xhieda mogħtija fl-Inkjesta dwar il-ġrajjiet tas-7 u 8 ta' Ġunju, pubblikata f'P. Bartolo, *X'kien ġara sew ...*
[28] Methuen lil Milner, 28 ta' Marzu 1919, CO158/409/21584.
[29] *La Voce del Popolo*, 7 ta' Mejju 1919.
[30] Ibid., 14 ta' Mejju 1919.
[31] Ibid., 21 ta' Mejju 1919.
[32] *L'Assemblea Nazionale di Malta 25 Febbraio 1919 – 27 Maggio 1921: Processi Verbali e Altri Documenti dell'Assemblea Nazionale e felle Relative Commissioni, Raccolti e Stampati nel Presente Volume per Ordine del Parlamento Maltese, Malta, 1923.* Ara wkoll is-saħħa li biha esprimew irwieħhom Joseph Hamilton, President, u Carmelo Amato, delegat tal-I.G.W.U. quddiem il-Kummissjoni ta' Inkjesta dwar il-Ġrajjiet tas-7 u 8 ta' Ġunju 1919, ippubblikati f'P. Bartolo, X'kien ġara sew ...
[33] Il *Ħaddiem*, Awwissu 1919.
[34] Spettur C. Theobald, Xhieda mogħtija fl-Inkjesta dwar il-ġrajjiet tas-7 u 8 ta' Ġunju, pubblikata f'P. Bartolo, *X'kien ġara sew ...*
[35] A/Kummissarju tal-Pulizija lit-Tenent Gvernatur, 9 ta' Ġunju 1919, Gov02, 16 ta' Ġunju 1919.
[36] SS Col lill-Ammiraljat, 16 ta' Ottubru 1919, CO355/18/56653.
[37] J. Howard lil LG, 14 ta' Lulju 1919, CSG02/1884/19.
[38] Ittra anonima, 13 t'Awwissu 1919, CSG02/2218/18.
[39] Plumer lil Milner, 14 t'Awwissu 1919, CSG02/1884/19.
[40] Il *Ħmar*, 5 ta' Ġunju 1925.
[41] Il-*Ħmara*, 27 ta' Lulju 1929.
[42] A. Mercieca, *Le mie vicende*, Malta, 1947.
[43] G. Orlando, Is-*VII Giugno, Malta*, 1927.
[44] Ara P. Bartolo, The Sette Giugno: How the Imperial Government ...
[45] C. Bugeja, *Il-Ħmara*, 27 ta' Lulju 1929. Għal spjega ta' dan l-argument ara P. Bartolo, *X'kien ġara sew fis-Sette Giugno ...*

# NOTA DWAR L-AWTUR

**Prof Paul A. Bartolo** huwa l-Koordinatur tal-kors tal-MPsy għall-preparazzjoni professjonali tal-psikologi fid-Dipartiment tal-Psikoloġija fl-Università ta' Malta. Qabel ma speċjalizza fil-psikoloġija tal-edukazzjoni, huwa kien kiseb Master fl-Istorja permezz ta' teżi dwar *War and social change: Malta 1914-19.* L-ewwel studju tiegħu *dwar X'kien ġara sew fis-VII Giugno* ppubblikah fl-1979 u qed jippubblika t-tieni edizzjoni din is-sena b'tagħrif ġdid. Il-kitbiet tiegħu huma bbażati fuq dokumenti oriġinali fl-Arkivji Nazzjonali ta' Malta u dawk ta' Londra. Hu għandu interess fil-psikoloġija tal-politika, speċjalment dwar l-inklużjoni soċjali, kif deher ukoll fl-istudju riċenti tiegħu dwar: *Winning people's hearts: How inclusion and exclusion informed the Malta general election campaign of 2013.*

# INQISU S-SETTE GIUGNO

## PETER CASSAR TORREGGIANI

Il-verità, jekk tinstab, kultant ma tinstabx fid-deskrizzjonijiet politiċi proklamati lil udjenza suxxettibbli u miżmuma għal ġenerazzjonijiet futuri. Ħarsa ġdida oħra lejn l-istorja traġika tas-*Sette Giugno* teħtieġ aktar kjarifika. Imbilli ntellgħu monumenti kommemorattivi, kultant tkun meħtieġa spjegazzjoni biex turi l-istampa kollha.

F'dak il-jum misħut ġew sparati tiri fuq in-nies u djar inqalbu ta' taħt fuq u sfaw misruqa. L-innoċenti li mietu sparawlhom suldati bl-uniformi li kienu xogħol, u huwa ċar li dik ix-xorta ta' azzjoni ma kinitx neċessarja. Dawk l-imsejkna li mietu kienu martri li taw

ħajjithom għal kawża? Huwa importanti li niffokaw sew u neżaminaw is-sitwazzjoni vera.

Ejja nħarsu lejn l-isfond tal-avvenimenti. Iva, huwa minnu li min kien fqir f'Malta kien qed ibati miż-żieda fil-prezzijiet tal-ħobż. Dan kien ġara mhux minħabba l-inflazzjoni, iżda speċifikament għax kienu żdiedu l-prezzijiet tal-assigurazzjoni tal-merkanzija tal-vapuri minħabba l-periklu fuq l-ibħra internazzjonali. Kien għad fadal bombi jifflowtjaw fl-ilma mill-Ewwel Gwerra Dinjija u l-provvisti lejn Malta kellhom jaqsmu l-ibħra. It-tweġiba kellha tkun li jkun hemm sussidji mill-Istat, iżda l-idea ma tpoġġietx fis-seħħ u forsi lanqas biss ġiet ikkunsidrata. L-awtoritajiet forsi ħasbu li s-suq seta' jkampa u li l-affarijiet kienu se jitjiebu minnufih wara t-tmiem tal-gwerra fl-1918.

Jeħtieġ li niċċaraw fatt wieħed: dak li ġara veru kien il-benniena ta' Malta indipendenti? Kien l-ispinta minn nies kuraġġużi li rawmet il-kawża għas-sovranità? X'kienet fil-verità s-sitwazzjoni? Ejja nagħtu titwila; kien hemm ħafna xogħol f'Malta: Malta kienet saret sptar importanti għal numru bla għadd ta' vittmi tal-gwerra; kien hemm ukoll tarzna attiva ħafna li kienet qed timpjega lin-nies, u l-bdiewa u s-sajjieda nżammu beżlin mhux ħażin f'suq sod u b'saħħtu.

Malta kienet taqa' taħt l-Imperu Ingliż. Forsi l-akbar imperu li qatt rat id-dinja li pproduċa għaxar vapuri kbar għal kull wieħed mill-Istati Uniti! Malta kienet protetta totalment, u Malta kienet sigura milli tiġi misruqa u titpoġġa f'faqar kbir minn xi nazzjon ieħor. Is-*Sette Giugno* għamel lil klassijiet għoljin ta' Malta u lill-intelliġenzja sofistikata konxji li huma setgħu jifilħu għal aktar responsabbiltà u saħansitra aktar demokrazija.

F'Malta kien hemm movimenti u simpatiji li jvarjaw iżda ma kinux żviluppati sal-punt ta' tip ta' terroriżmu. Kien hemm dawk favur l-Ingliżi u dawk favur it-Taljani li ħafna drabi kienu jiżżewġu lil xulxin, u dawn id-differenzi ma kinux jidhru daqshekk fost il-komunitajiet tal-biedja u tas-snajja'. Li Malta titlaq mill-Imperu lanqas biss kienet qed tiġi kkunsidrata.

Irridu niftakru li f'dan il-perjodu kien hemm numru ta' pajjiżi li riedu jingħaqdu mal-Imperu Ingliż. Is-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji kien magħruf li kien jistaqsi lill-applikanti, li riedu s-sigurtà ta' imperu mmexxi tajjeb biex jippreservaw il-paċi tagħhom, jerġgħu japplikaw għall-isħubija fi żmien sena jew tnejn!

Issa, fi snin aktar riċenti, l-akbar partit politiku xellugi applika għall-Integrazzjoni mal-Gran Brittanja u, aktar tard, meta l-Indipendenza

kienet tidher li hija t-triq naturali, il-partiti aktar fuq il-lemin ma kellhomx għaġla biex ixejru l-bandiera tal-Indipendenza. L-okkażjoni ġrat mingħajr ebda rivoluzzjoni u kienet ta' pjaċir u ferħ u minnha eventwalment ħarġet ir-Repubblika li setgħet tħossha sigura fi ħdan l-UE. Ma kien se jkun hemm bżonn ta' ebda armata, forza navali jew forza tal-ajru li huma ta' piż fuq l-ekonomija f'Malta.

Illum hemm ħsibijiet aktar fondi dwar is-*Sette Giugno*: l-ideali tas-self-government rigward it-titjib tad-dinjità tal-Maltin ġew sostitwiti mill-ideal tal-prosperità ekonomika akkost tal-ambjent morali u naturali tagħna? Qegħdin fil-baħar infittxu l-identità tagħna? Min hu tassew Malti llum?

L-immigrazzjoni u kif nittrattaw persuni li qed jipprovaw jiksbu lura d-dinjità tagħhom huma importanti iżda wieħed iħoss li l-mistoqsija aktar pertinenti hija, Malta kif irnexxielha tonora l-ġlieda għall-indipendenza u x'dinjità ksibna għall-individwu Malti? Aħna Ewropej iżda d-dinja hija darna. Nirrealizzaw li bħal kull nazzjon aħna għandna sovranità spiritwali fundamentali li nesprimu fil-lingwa u il-kultura tagħna? Nemmnu li din tista' tintuża biex naqsmu b'mod liberu ma' kull persuna fuq wiċċ id-dinja ċ-ċivilizzazzjoni globali tal-imħabba f'millennju ta' solidarjetà?

Mingħajr l-istat tad-dritt, l-istat - u mhux l-individwu - isir il-fokus. L-istat isir xi ħaġa separata, bħal anġlu. Din hija falsità li ġġib magħha periklu imminenti li l-ideali li aħna l-Maltin aspirajna għalihom ġew mgħawġa fil-mentalità perikoluża li hija wisq komuni fiċ-ċivilizzazzjoni tal-Punent, li tagħha suppost li aħna l-ewwel ilqugħ. Filwaqt li l-affarijiet jistgħu jidhru aħjar minn barra, in-natura tipikament Maltija tagħna li nieħdu l-ħajja kif tiġi u s-serħan il-moħħ riżultat ta' kuxjenza tajba ħadulhom posthom l-ansjetà u d-disprament xprunati mir-regħba u l-imħabba għall-flus. Din il-Malta paxxuta li l-barranin kienu jsibuha li tilqagħhom hija xi ħaġa li dawn iċ-ċelebrazzjonijiet taċ-ċentinarju jistgħu jgħinuna nerġgħu niksbu fir-relazzjonijiet ġewwiena bejnietna fuq din il-blata tant maħbuba fil-firxa blu tal-baħar nofsani f'din id-Dinja blu sabiħa li lkoll naqsmu ma' xulxin illum. Il-Mediterran maħbub tagħna jeħtieġ li jieqaf ikun ċimiterju f'unur dawk li mietu fis-*Sette Giugno*. Għaliex ilkoll kemm aħna nistgħu tassew naraw li l-avvenimenti tas-*Sette Giugno* wrew li huma punt kritiku fit-trawwim nazzjonali ta' Malta, mhux l-inqas għax il-memorja tal-personalitajiet involuti għandha kommemorazzjoni ta' ħsieb seklu wara.

Iż-żmien preżenti huwa żmien għal rikonċiljazzjoni, għax l-imħabba tal-għedewwa hija x'għandu bżonn pajjiżna llum, aktar minn kull ħaġa oħra.

Fir-relazzjonijiet personali l-verità ħafna drabi tkun f'salib it-toroq, u huwa l-futur li jsejjaħ għall-akbar rispett għall-ieħor u biex jitwarrbu t-tentazzjonijiet kollha li nibqgħu nżommi fina xi tip ta' riżentiment.

Illum aħna Ewropej, kif ilkoll nafu, imma kif qed nirrealizzaw li d-dinja kollha hija darna? Id-dinjità tal-migranti hija importanti għall-futur, il-futur tagħhom kif ukoll dak tagħna u tat-tfal u t-tfal tat-tfal tagħna? X'tip ta' dinja aħna lesti, bħala Ewropej, li nibnu?

Każ prattiku pertinenti jirreferi direttament għall-memorja tas-*Sette Giugno*. Il-Parlament tagħna lest li jikkommetti għall-għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti li jinqered il-ġuħ fid-dinja sal-2030? Li naċċettaw dan l-għan għal Malta kollha huwa mod tajjeb kif niċċelebraw il-mitt anniversarju tas-*Sette Giugno*?

Fil-fatt l-għeruq tas-*Sette Giugno* huma fl-era ta' qabel il-kolonjaliżmu. 100 sena qabel is-*Sette Giugno* l-ewwel dispjaċir kolonjali kien meta falliet il-Massa Frumentaria, għax il-qamħ kollu kien ġie kkunsmat mill-Franċiżi ġewwa l-Belt Valletta, u meta ċedew il-Ġeneral Graham naqas milli jżomm ostaġġi kif ippermettew ir-regoli tal-gwerra sakemm l-ikel ġie mħallas mill-Franċiżi.

Ir-riżultati netti kienu tnejn: il-gżira ma setgħetx tibqa' tiffinanzja x-xiri tal-qamħ tagħha u l-Massa Frumentaria ma setgħetx tibqa' tintuża biex ittaffi l-ġuħ kif kienet tagħmel fis-sekli ta' qabel fi żmien ta' skarsezza u ġuħ kbir. Pereżempju, taħt il-Kavallieri Gian Anton Vassalli f'povertà kbira ngħata mill-Kavallieri ta' Malta intitolament personali għal ħobż issussidjat. Din kienet waħda mir-responsabbiltajiet tal-Universita dei Grani, li ġġustifikat l-istatus privileġġat tagħha bħala forma embrijun ta' self government, fejn fost id-dmirijiet tagħha kellha anki d-dawl tat-toroq, u l-iċċekkjar tal-kejl tal-grokkijiet f'postijiet tax-xorb.

Il-falliment tal-Massa Frumentaria kien kwistjoni serja u huwa interessanti li nirrealizzaw li l-gvern kolonjali solva l-problema billi pprivatizza l-ibbankjar u l-kummerċ tal-qamħ. F'dan insibu l-għeruq tal-ibbankjar u l-kummerċ Malti.

Madanakollu l-Gvernaturi Ingliżi naqsu milli jisimgħu t-talbiet tad-detenturi taċ-ċertifikati ta' investiment tal-Massa Frumentaria biex iżommu riserva ta' qamħ f'każ ta' emerġenzi. Is-*Sette Giugno* kien emerġenza bħal din u l-Gvern Kolonjali naqas milli jneħħi t-taxxa fuq il-ħobż, wisq anqas li jissussidja l-ħobż kif kienu qed jissuġġerixxu t-taħħana Maltin. Għalhekk għal darba oħra t-tweġiba għal din il-

kriżi mill-Ingliżi kienet li jibdew jitilqu l-kontroll ta' Malta bl-ewwel parlament tagħna fl-1921. Dan minħabba li kienu naqsu milli jaċċettaw l-avvanz tad-dinjità umana f'sitwazzjoni ekonomika diffiċli. Illum l-Ewropa tinsab wiċċ imb wiċċ mal-istess problema quddiem il-mewt ta' nies fil-flussi migratorji fil-Mediterran. Dan l-anniversarju taċ-ċentinarju se jonora verament l-imwiet traġiċi tal-passat jekk jaċċetta r-responsabbiltà llum li jgħin lil din il-ġenerazzjoni u dawk ta' warajha jeqirdu l-ġuħ mill-kundizzjoni umana.

Aħna l-Maltin tal-lum irridu nqumu għall-okkażjoni u nħeġġu lin-nies isibu soluzzjonijiet prattiċi. X'jista' jsir? Skont EKS Prim Ministru, Dom Mintoff, kien bena l-Kordin Grain Terminal għal dan l-iskop: Hemm bżonn biss strument finanzjarju mfassal permezz taċ-ċentru finanzjarju tagħna stess bħala strument tal-futuri ta' triljun ewro biex il-ġenerazzjoni ta' talent tal-lum tgħin lill-Ewropa u lid-dinja jiksbu l-għan tan-NU li jinqered il-ġuħ sal-2030. Dan ġie propost informalment quddiem Kumitat parlamentari għall-ippjanar tat-traspożizzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-Salvagwardjar tal-Banek tal-UE fil-liġi lokali li se tattiva relazzjoni tajba bejn il-bank ċentrali u banek oħra. Fil-fatt riżoluzzjoni barra mill-qorti tal-misteru tal-Bank Nazzjonali ta' Malta sanzjonata mill-Parlament kieku toħloq sitwazzjoni fejn kulħadd ikun rebbieħ u tgħin treġġa' lura r-reputazzjoni internazzjonali ta' Malta għal waħda ta' kondotta nadifa b'ħarsa 'l quddiem madwar l-ekonomija finanzjarja globali, bid-dellijiet tagħha tal-ħasil tal-flus u l-korruzzjoni li qed iħammġu kemm in-nazzjonaliżmu u kemm il-globalizzazzjoni.

Kif ġara fl-Assemblea Nazzjonali 100 sena ilu, issa reġa' huwa ż-żmien li ninsistu għad-dinjità tad-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd u kullimkien. Dan mhuwiex diffiċli għax diġà għandna l-protezzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasburgu. Dan huwa ż-żmien għar-realizzazzjoni tal-impenn tal-Moviment Ewropew fl-1975 li l-Ewropa taħdem fis-seklu 21 għal rispett sħiħ tad-Dikjarazzjoni tan-NU tad-Drittijiet tal-Bniedem madwar id-dinja bl-esperjenza ta' meta għamlet dan fl-Ewropa fis-seklu 20. Ejja nibdew illum sabiex ħadd ma jmut fil-baħar ta' madwarna għada. Wasal iż-żmien li petizzjoni individwali dwar l-abbuż tad-drittijiet tal-bniedem tkun l-għan personali individwali Malti tagħna saħansitra san-NU kif speċifikat f'artikolu 3 tad-dikjarazzjoni li ġejja tad-Dikjarazzjoni tal-10 Anniversarju tal-Moviment Ewropew fl-1975.

**3. Because of our membership of a strongly united European Community we can also re-affirm Malta's additional commitment to work for freedom, peace, and justice by**

**" using the experiences of the EEC to further the evolution of the United Nations towards a growing world-wide unity and a better balanced development of the world's diverse regions" (ikkwotat mir-Riżoluzzjoni tal-Kungress tal-Moviment Ewropew – Londra 1973)**

Wara l-Indipendenza, fin-NU Malta kienet involuta mill-qrib fil-Liġi tal-Baħar, fit-Tibdil tal-Klima, u issa huwa ż-żmien li d-diplomazija tagħna tikseb petizzjoni individwali fin-NU bħala t-tweġiba għall-problemi tal-fruntieri, il-migrazzjoni, il-gwerra, il-persekuzzjoni, il-korruzzjoni u l-ġuħ.

Biex nagħti parafrażi tal-kantanti popolari tas-seklu 20, "whatever will be, will be" (Doris Day) u "We can do it, let's do it" (Bob Geldoff).

Din hija t-talba tiegħi għat-Trinità Qaddisa f'dan il-100 Anniversarju tas-Sette Giugno b'tifkira ndaqs tan-nannu tiegħi, it-Taħħan u Sid tal-Bastimenti Antonio Cassar Torreggiani, u tal-vittmi li isimhom huwa fuq il-monument sabiħ għalihom fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata. Kien għaliex mietu huma li seta' jagħti l-parir tiegħu f'termini tad-diskors li ħejja għall-Assemblea Nazzjonali fil-Giovine Malta direttament għas-Segretarju Brittaniku għall-Kolonji nnifsu meta dan kien intbagħat għalih f'Londra. Huwa ċar li l-messaġġ ta' dan ir-Raġel minn Malta kien persważiv - u li kien ħaġa tajba u l-mument it-tajjeb biex jingħata s-self government lil Malta, kif fil-fatt ġara bl-ewwel parlament elett tagħna ftit taż-żmien wara.

F'unur tagħhom ejja llum inħarsu lejn it-tmiem tal-ġuħ fid-dinja bħala ħidma ordinarja fil-progress li aħna l-Maltin tal-lum nistgħu ngħinu nlestu fid-djalogu dinji taċ-ċivilizzazzjonijiet madwar il-baħar tagħna mingħajr ħafna problemi, sempliċiment billi nisfruttaw il-libertà u s-sovranità tagħna billi navvanzaw b'mod għaqli l-infrastrutturi materjali tagħna bħall-Kordin Grain Terminal, is-setturi bankarji u tat-tħin tagħna, il-kapaċitajiet professjonali tagħna għas-servizzi finanzjarji, u naturalment, l-aħħar iżda mhux l-inqas, id-diplomazija tagħna ma' u fost nazzjonijiet u istituzzjonijiet bħall-UE, in-NU, il-WTO, u l-FMI. Lanqas m'għandna nibżgħu mill-problemi diplomatiċi li jidhru qed joqorbu, bħall-istandoff tar-riarmament nukleari bejn l-Istati Uniti u r-Russja, il-problema diffiċli fil-Lvant Nofsani bejn l-Iżrael u l-Palestina, jew l-importanza futura tal-preżenza dejjem tikber taċ-Ċina fl-Afrika.

# NOTA DWAR L-AWTUR

**Peter Cassar Torreggiani** attenda Stonyhurst College fl-Ingilterra għall-edukazzjoni sekondarja, u fil-livell terzjarju attenda u telaq minn Yale fl-Istati Uniti, l'Institut Catholique f'Pariġi, u l-Università ta' Malta.

Ħadem ħajtu kollha ma' Cassar Co Ltd, li kienet tmexxi s-St George's Flour Mills fil-Marsa, u fetaħ il-bieb għal esportazzjonijiet fuq skala kbira iżda mhux frekwenti tad-dqiq lejn il-Libja u l-Aġenzija tan-NU għall-Ħidma u r-Refuġjati (UNWRA).

Fl-1974 waqqaf l-Assoċjazzjoni tal-Partijiet Ikkonċernati tal-Bank Nazzjonali ta' Malta meta l-Parlament għamel arranġamenti biex jieħu kontroll tiegħu mingħajr ebda dispożizzjoni għall-valutazzjoni ta' kwalunkwe valur ta' kumpens, li issa ġie ddikjarat li ma kinux kostituzzjonali.

Għandu ħamest itfal u erba' neputijiet, kollha mill-ewwel mara tiegħu, Marjorie Smith mill-Iskozja, li mietet 21 sena ilu, u issa huwa miżżewweġ lit-tieni mara tiegħu, Sharon Geers mill-Istati Uniti.

Għal ħafna snin kien fid-Diocesan Pastoral Council u l-Federation of Industries u l-Malta Millers Association kif ukoll kien iċ-Chairman tal-Kunsill Malti tal-Moviment Ewropew u tal-Konslu għall-Peru.

Il-Kunsill Malti tal-Moviment Ewropew rnexxielu jikseb id-dritt ta' Petizzjoni Individwali lill-kummissjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Maltin kollha, kif ukoll l-isħubija mal-Unjoni Ewropea.

Bħalissa qed jagħmel Masters fl-Intraprenditorja fl-Università ta' Malta u qed jikkampanja favur Petizzjoni Individwali lill-kumissjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU mhux biss għalina l-Ewropej, iżda għal kull persuna oħra fuq din id-dinja minn kull pajjiż, reġjun, u kontinent.

[1] Id-dritt li jeżisti naturalment jimplika wkoll li kull nazzjon igawdi wkoll id-dritt għal-lingwa u l-kultura tiegħu, li permezz tagħhom poplu jesprimi u jippromwovi dik li jien insejħilha s-'sovranità' spiritwali fundamentali tiegħu. Il-ħamsin Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti. Indirizz tal-qdusija tiegħu Ġwanni Pawlu II fil-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (New York) nhar il-Ħamis, 5 ta' Ottubru 1995.

# FEDERICO BROCKDORFF – *VITTMA OĦRA TAS-SETTE GIUGNO*

***RAYMOND MANGION***

Is-*Sette Giugno* jew l-irvellijiet tas-7 u t-8 ta' Ġunju 1919 huma meqjusin avvenimenti ta' portata storika konsiderevoli għaliex seħħew fi żmien meta l-Maltin issaħħew u ssudaw fil-mixja kostituzzjonali tagħhom għall-kisba ta' iktar demokrazija parlamentari. Il-qawmien kontra l-forzi Ingliżi seta' jitqies li seħħ fuq żewġ fronti: (A) Maltin li ħaduha kontra l-ħakkiema, u (B) Maltin li daru kontra Maltin oħrajn, u hawnhekk anki fuq livell personali, li kienu jissimpatizzaw jew imantnuha tajjeb mal-Gran Brittanja li kienet tinqeda minn Malta bħala kolonja-fortizza, jew inkella kif anki tpoġġiet minn xi wħud Maltin kontra dominazzjoni ta' klassi ta' Maltin, inkluż negozjanti, appoġġjata mill-Ingliżi, jiġifieri Maltin kontra Maltin filo-Britanniċi mhux b'impożizzjoni jew biża' min-naħa tal-mexxejja barranin iżda b'volontà u skop ulterjuri min-naħa lokali stess.

Il-ġrajja ħalliet impatt billi ħalliet warajha mhux biss tifrik u distruzzjoni iżda kienet imdemmija minbarra li matulha bosta Maltin sfaw midruba. Hija ħalliet warajha ħerba f'bosta binjiet fil-belt Valletta u barra l-kapitali iżda kienet ukoll xhieda ta' mwiet fl-inkontru jew inkella konsegwenza tagħha. Is-*Sette Giugno* b'riħet t'hekk għamlet ħoss aqwa minn dak ta' tqanqiliet oħrajn tal-abitanti taħt is-saltna Ingliża fl-1835, fl-1846 u fl-1891. Naturalment, il-punt tat-tluq kien iktar effettiv meta l-aċċenn tqiegħed fuq martri fl-avveniment u mhux fuq il-ġrajja fiha nfisha.

Tliet Maltin tilfu ħajjithom fil-jiem tas-*Sette Giugno* filwaqt li ieħor indarab serjament u miet ġimgħa wara. Ħamsa u għoxrin oħrajn jissemmew bħala feruti fil-lista tal-kumpensati u fosthom tnejn mietu fit-3 ta' Lulju u ieħor fis-27 ta' Novembru 1919. Bla tlaqliq, kien hemm numru ta' feruti oħrajn li isimhom waqa' fil-muta. L-ewwel tlieta sarilhom il-funeral nhar it-Tnejn, 9 ta' Ġunju filwaqt li r-raba' wieħed miet fil-15 ta' Ġunju fl-Isptar Ċentrali fil-Furjana. Karmnu Abela, Manwel Attard, Ġużeppi Bajada, kif ukoll Wenzu Dyer tqiesu dejjem bħala martri-eroj mill-partiti politiċi u l-Maltin li ħarsu lejn is-*Sette Giugno* bħala pass important fil-ġrajjiet tal-kisba ta' iktar demokrazija parlamentari. Għalhekk isimhom tnaqqax saħanasitra fuq il-maqbar-mafkar tal-okkażjoni fiċ-ċimiterju tal-Addolorata, Raħal Ġdid.

F'dawn l-aħħar snin l-istituzzjonijiet bdew jgħoddu wkoll bħala vittmi tas-*Sette Giugno* liż-żewġ mejtin l-oħrajn Francesco Darmanin u Antonio Cassano – u mhux Caruana - li ma kinux meqjusin li tilfu ħajjithom direttament bl-isparar jew b'xi daqqa ta' bajjunetta u għalhekk ma kinux martri. Huma qatt ma ngħaddu mal-erbgħa l-oħra iżda mewthom seħħet xorta waħda b'konsegwenza tal-irvellijiet ikkonċernati jew inkella kienet marbuta magħhom, u minħabba f'hekk kienu vittmi tal-aġitazzjoni. Darmanin miet "per mania acuta sviluppatasi in lui seguito ad un forte paterma d'animo sofferto durante i moti popolari del Giugno'. Cassano miet fuq ħames xhur wara meta kien anzjan u nqtal li miet fl-Isptar Santu Spirtu r-Rabat "vittma tas-7 ta' Ġunju" għalkemm qatt ma ħarġet cara u qatt ma kien hemm ċertezza jekk huwa kienx miet minħabba ferita.

Il-Presidenti tal-Kamra tar-Rappreżentanti sa mis-sena 2011 qegħdin jirrikonoxxu li l-mejtin tas-*Sette Giugno* kienu sitta, mhux erbgħa. L-enfasi donnha saret waħda li fiha mietu vittmi u mhux vittmi - eroj inkella martri billi l-avveniment kien sar parti integrali mill-istorja politika-kostituzzjonali u nazzjonali tal-ġens Malti. Il-gvern żied l-ismijiet tagħhom mal-monument ta' Anton Agius meta dan reġa' tqiegħed lura fil-Pjazza tal-Palazz tal-President tar-Repubblika

fil-Belt Valletta. Huma bdew jiddaħħlu wkoll f'diskorsi li saru għall-okkażjoni f'dawn l-aħħar snin u isimhom jissemma' f'riferenzi minn akkademiċi f'kitbiet u f'laqgħat ta' diskussjoni.

Fis-7 ta' Ġunju 1919, fil-5 ta' filgħaxija, ġgajta Maltin ħabtet għall-istamperija tad-'Daily Malta Chronicle' u mhux biss kissret u ħarqet kulma ġie għal idejha iżda ħabtet għall-ħaddiema li fosthom kien hemm għadd ta' membri tal-familja Bartolo, għal bosta snin marbuta mal-Imsida, fosthom il-missier is-'Sur Nin' u wliedu l-Professur Augustu Bartolo u Ġużeppi Bartolo. Il-folla li bdiet tixher u tirrabja ma tathomx nifs isalvaw dak li setgħu. Sfortunatament, l-episodju kien wieħed ta' ċorma Maltin kontra Maltin mifrudin minn kif kienu jħarsu lejn il-mexxejja barranin tagħhom minħabba l-qagħda politika-kostituzzjonali u soċjoekonomika tal-pajjiż.

'Is-Sur Nin' Bartolo, il-missier, li bena l-istabbiliment tat-titbigħ u l-ħruġ tal-ġurnal li kien lagħaqi u portavuċi sfrenat tal-imperjaliżmu f'Malta, kien l-iktar persuna fil-familja li ħass u ġarrab l-assalt u l-qerda tal-istamperija u baqa' sejjer lura għand Alla f'inqas minn sena. Ibnu Ġużeppi u l-bqija tal-membri tal-familja, l-impjegati tagħhom ittantaw iżommu l-irjus sħan u mitlufin f'dagħdigħa u kellhom jaħarbu minn fuq il-bjut biex isalvaw mhux biss ġildhom iżda ħajjithom. Imbagħad kien hemm Federico Brockdorff, miżżewweġ lil Kunċett Santuċċi u allura kien silf is-Sur Nin.

Federico kien iben Giuseppe minn Kostantinopli (iktar tard Istanbul), it-Turkija, u Serafina Pugliesevich. L-antenati tiegħu kienu tnisslu min-naħa tal-Ġermanja iżda kienu għamlu xi snin fit-Turkija u baqgħu jitferrxu sakemm fergħa minnhom niżlet Malta. Il-primoġenituri Maltin kellhom tfal u tfal tat-tfal li għamlu isem bħala artisti l-iktar fil-qasam tal-pittura u l-litografija tas-seklu dsatax, u xerrdu isem Malta art twelidhom lil hinn minn xtuthom, tant li xogħlijiet tagħhom bdew jinbiegħu fl-irkantijiet għal prezzijiet kbar ħafna.

Federico kien ukoll min-naħa ta' ommu – Pugliesevich – marbut ma' familja li kienet imdaħħla fil-qasam tal-istampar u l-pubblikazzjonijiet għal ħafna snin inkluż gazzetta oħra bl-Ingliż li kienu tippompja qatigħ favur l-interessi tal-Gran Brittanja, jiġifieri 'The Malta News' u wkoll ibbażata fl-Imsida. Federico kien imbagħad konness ma' familja magħrufa ta' rkantaturi bis-saħħa taż-żwieġ mal-maħbuba tiegħu Kunċett. Federico kien ukoll ħaddiem tabilħaqq leali u eżemplari.

Dakinhar tal-irvellijiet, Federico kellu jaqbeż għal ġewwa bitħa minħabba l-ħruq fl-istamperija tad-'Daily Malta Chronicle' u bl-iskoss

li ħa għamel ħsara fl-istonku tiegħu u qatt ma rkupra. Il-mewt ta' Federiku toħroġ mill-ktieb tal-mejjet Reverendu Joe Calleja sewwasew mill- bijografija tiegħu dwar Sir Augustu Bartolo, u skont intervista li kien għamel lin-neputi ta' Federiku u dixxendenti ta' Brockdorff. Familjari tiegħu għadhom isemmu l-mewt tiegħu fis-"*Sette Giugno*". Huwa miet ftit inqas minn sitt xhur wara l-irvellijiet, jiġifieri fit-8 ta' Diċembru, 1919.

Federico ma nqatilx direttament b'xi sparatura jew arma fatali oħra iżda mewtu oriġinat b'mod jew ieħor fis-*Sette Giugno* skont l-istoriku Calleja u membri tal-familja tiegħu. Huwa ma tniżżilx li miet midrub skont l-atti tar-Reġistru Pubbliku, u ma ntqalx uffiċjalment jekk il-ferita li ġarrab bil-qabża fil-bitħa ħaffitx il-mewt tiegħu jew le. Huwa miet fiż-żgur fid-dar tiegħu fl-Imsida. Federico bħala vittma ieħor tas-*Sette Giugno* għandu għall-inqas jitfakkar għalkemm ma jista' qatt jitqies bħala martri tal-ġrajja.

Minbarra l-Kummissjoni ta' Inkjesta, żewġ kumitati twaqqfu separatament, wieħed tal-vittmi li kien iffurmat volontarjament mill-Maltin 'pro morti Maltesi' biex jiġbor flus għall-Maltin martri u midrubin (u li fosthom kien hemm min miet wara), u l-kumitat l-ieħor tal-kumpens li kien kompost mill-Gvern biex jagħmel tajjeb għal dawk li ġarrbu ħsarat u li ma setax jonqos kienu fuq in-naħa tiegħu. Naturalment, l-ewwel kumitat kellu talbiet min-naħa tal-familji ta' Abela, Attard u l-bqija tal-feruti filwaqt li t-tieni wieħed intalab biex jagħmel tajjeb bla dubju minn dawk li kienu attakkati għaliex iġġennbu man-naħa tal-ħakkiema fi żminijiet ta' konverġenza ta' għaks, sensji, għoli tal-ħajja, tixwix tal-gazzetti u l-bqija.

Federico ma jissemmiex fil-lista tal-feruti Maltin li l-familji tagħhom irċevew flus min-naħa tal-kumitat volontarju tal-vittmi. Lanqas ma jissemma' fil-lista tal-feruti li nġabret mill-Pulizija mill-Isptar Ċentrali tal-Furjana. Wieħed ma jippretendix li l-familja ta' Federiku setgħet għamlet hekk meta wieħed jikkunsidra li huwa kien minn familja fuq in-naħa tal-Ingliżi, anzi tal-Imperjalisti. L-istess jidher li għamel Kalċidon Grech li kien ukoll impjegat mal-istamperija Bartolo u li weġġa' fl-attakk fuq il-lant ta' xogħlu.

Wieħed irid ukoll jikkonsidra li kien hemm fin-nofs ukoll kwistjoni ta' ethos billi dakinhar il-familja Bartolo xorta ħadmet fl-istabbilment tagħha mentri l-ħwienet bi ftehim ma fetħux. Min-naħa l-oħra, il-familja ta' oħt il-mara ta' Federico, jiġifieri l-familja Bartolo u proprjetarji tal-istamperija li magħha kien jaqla' x'jiekol, kienu mill-kumitat imwaqqaf

mill-Gvern ingħataw kumpens ta' £10,129 madanakollu għall-ħsara li ġarrbu fil-bini u l-makkinarju u ħwejjeġ oħrajn marbutin mal-istampar. Wieħed jistaqsi, għaliex Federico baqa' jissemma' bħala vittma fil-familja meta qatt ma saret talba speċifika jew oħra għal xi forma ta' kumpens għall-inqas lit-tieni kumitat? Il-kumitat tal-vittmi li kien twaqqaf għall-ġbir ta' flus għall-familja tal-vittmi, sew mejtin, sew feruti, ikkumpensaw anki wieħed li ma kienx ferut iżda spiċċa ġġennen fl-Isptar Mentali għaliex ħasbuh talli għajjat biex jitwarrbu s-suldati li kienu qegħdin joqtlu lill-Maltin.

Mill-bqija, Federico u Kunċett kellhom sitt ulied li kienu Marija, li kienet skrivana ma' Tagliaferro Bank u mietet xebba, Erminja li żżewġet lil Gużeppi Dimech u hija kienet għalliema, Anthony li miet ġuvni u kien jaħdem man-NAAFI, Ġużeppi li miet ġuvni u kien impjegat fuq il-linotype mat-'Times of Malta' u allura ssokkta fl-istess linja ta' missieru, Karmelina li żżewġet lil Karm Izzo u kienet impjegata bħala skrivana mar-'Rediffusion House' u b'hekk baqgħet fil-qasam tax-xandir iżda awdjoviżiv kif ukoll u mhux l-inqas Tereża li r-raġel tagħha ma kien ħadd ħlief il-politiku magħruf Ġużè Ellul Mercer.

> ***"Federico ma nqatilx direttament b'xi sparatura jew arma fatali oħra iżda mewtu oriġinat b'mod jew ieħor fis-Sette Giugno skont l-istoriku Calleja u membri tal-familja tiegħu. Huwa ma tniżżilx li miet midrub skont l-atti tar-Reġistru Pubbliku, u ma ntqalx uffiċjalment jekk ilferita li ġarrab bil-qabża fil-bitħa ħaffitx il-mewt tiegħu jew le.***

Dan ifisser li meta Federico tilef ħajtu, huwa ħalla lill-mara tiegħu Kunċett tissielet biex trabbi sitt ulied. It-traġedja fil-familja Brockdorff kienet waħda kbira daqskemm kienet dik tal-martri. Naturalment, is-Sur Nin u l-kumplament tal-familja, inkluz Brockdorff, ma ħadux sehem fl-irvellijiet u kienu biss fil-mira bħala promoturi u difensuri tal-Imperjaliżmu f'Malta. Brockdorff kien xorta waħda Malti li spiċċa vittma taċ-ċirkostanzi.

Sfortunament, Brockdorff tilef ħajtu intortament kawża ta' skoss li ġarrab waqt li kien fl-istamperija fejn kien jaħdem, skont l-istoriku l-mibki Reverendu Calleja. Jidher li weġġgħu xi impjegati oħrajn. Jidher ċar ukoll li l-kotra li tqanqlet kellha f'moħħha li twettaq ħsara jekk mhux ħerba mill-ġid ta' dawk ta' kontrihom. Il-Maltin li rvellaw ma kinux armati u l-uniku armi li ġarrew kienu biss fil-gideb mhux ippruvat ta' xi suldat jew tnejn li vvintaw li kienu raw xi arma jew duħħan. Il-Maġġur Hunter-Blair u l-Kurunell Saville flimkien ma' suldat u żewġ persuni ċivili qablu li kienu l-Maltin li sparaw l-ewwel tir iżda x-xhieda li taw kienet inkonsistenti u kontradittorja u b'riħet t'hekk inattendibbli, kif stqarr tajjeb l-istoriku-psikologu l-Professor Paul Bartolo. Anzi s-suldati militari kienu dawk li sparaw u biex tgħaqqad għamlu hekk kontra l-ordnijiet tas-superjuri tagħhom.

Min-naħa l-waħda, dawk il-Maltin li kellhom il-proprjetà tagħhom attakkata kellhom jistkennu, jistaħbew, jaħarbu minn fuq il-post jew inkella ma resqu xejn lejn il-belt Valletta. Min-naħa l-oħra, Maltin li ħadu sehem fir-rewwixta tressqu l-qorti fuq atti ta' akkuża ta' serq u reati kontra l-proprjetà jew inkella dak ta' sedizzjoni fil-kwadru tal-offiżi għad-detriment tal-paċi pubblika. L-ebda Malti ma kien mixli li ħa sehem fl-irvellijiet bl-intenzjoni li joqtol, jiġifieri l-agħar reat kontra l-persuna fl-Inkjesta mill-Gvern li twaqqfet biex tinvestiga l-imwiet, il-midrubin u l-bqija tal-ħsarat.

Il-kumitat volontarju ħareġ ukoll l-ispejjeż biex twaqqaf mafkar 'Ai Caduti del 7 Giugno 1919' fit-8 ta' Ġunju 1925 ġewwa ċ-ċimiterju tal-Addolorata, Raħal Ġdid. Il-Partiti u l-movimenti politiċi kollha ħadu sehem ħlief għall-Professur Augustu Bartolo li kien aktarx iktar Imperjalist minn Sir (iktar tard Lord) Strickland, u li kien imexxi d-'Daily Malta Chronicle' minn wara l-kwinti jekk mhux fid-dehra, kif ukoll Sir Gerald Strickland u s-segwaċi tagħhom kollha. Anzi l-Professur Bartolo flimkien mal-istess Kap tal-Partit Kostituzzjonali ried iwarrab għalkollox it-tifkira ta' dak il-jum. Infatti, l-inawgurazzjoni tal-monument fil-maqbar ewlieni ta' Malta wera biċ-ċar li t-tifkira u ċ-ċelebrazzjoni bdiet madwar il-kommemorazzjoni tal-martri li tilfu ħajjithom matul il-ġrajja.

Min-naħa l-oħra, ukoll jekk Federico Brockdorff ma kienx martri huwa kien fiż-żgur vittma oħra tas-*Sette Giugno* u għandna wkoll niftakru fih kif għandna naħsbu fil-bqija tal-midrubin meta nqimu din il-ġrajja. Illum meta għadda seklu mis-*Sette Giugno* għandna ħarsu lejn il-ġrajja bħala waħda ta' għaqda u mhux ta' firda. Nistgħu niftakru u nfakkru mhux biss il-martri iżda l-vittmi kollha meta nqisu li qegħdin nikkommemoraw avveniment fl-istorja ta' ġensna. Wara kollox, il-poplu Malti x'qiegħed jikkommemora sewwa: l-avveniment jew il-qtil ta' martri?

## BIBLIJOGRAFIJA


**Ġeraldu Azzopardi,** *Meta l-Malti Għadab. 7 ta' Ġunju 1919* (Partit tal-Ħaddiema, 1979)

**Paul Bartolo,** *X'kien ġara sew fis-Sette Giugno* (Klabb Kotba Maltin, Malta, 1979)

**Joe Calleja,** Augustus Bartolo (1883-1938), *Ġurnalist, Politiku, Imħallef* (Veritas Press, 1999)

**Michael A. Sant,** *"Sette Giugno" 1919 Tqanqil u Tibdil* (Sensiela Kotba Soċjalisti, 1989)


# NOTA DWAR L-AWTUR


**Prof. Raymond Mangion** ilu jgħallem il-Liġi u l-Istorja tal-Leġislazzjoni fl-Università ta' Malta sa mill-1993. Il-kotba tiegħu jinkludu *Minutes of the Council of Government of Malta, 29 December 1835 to 13 August 1849* (2009), *Speakers' Rulings in the Parliament of Malta - The Legislative Assembly, 1921-1924* (Vol.I, 2013; Vol.II, 2013) kif ukoll *Legislatures and Legislation in Malta, 1914 to 1964* (2017, 2018). Huwa gradwat f'għadd ta' temi fosthom il-letteratura, il-lingwistika u l-komunikazzjoni, u jispeċjalizza fl-Istorja (M.A., Melit.), il-Liġi (LL.D., Melit.) u l-Istorja tal-Liġi (D.Phil., Oxon.).

# IS-SETTE GIUGNO - MITT SENA WARA

**TONIO BORG**

Il-ġrajjiet tas-*Sette Giugno* jibqgħu mfakkra bħala l-unika darba fejn il-poplu rvella kontra l-ħakma Ingliża u ħallas prezz għaliha. Iżda dawn x'kienu, irvellijiet, protesti patrijottiċi, orġja ta' vjolenza, ġrajjiet ta' terrur? U min ħa sehem fihom, marmalja jew nies li kellhom ilmenti politiċi jew soċjali u żvogaw dakinhar? Minkejja li għaddew mitt sena, għad hemm anki f'Malta min iħares lejn dawn l-inċidenti bħala xejn għajr vandaliżmu u jinjoraw l-element politiku. Il-Kummissjoni ta' Inkjesta[1], minkejja xi kritika 'l hawn u 'l hemm għall-militar, tpoġġi r-responsabbiltà ta' dak li ġara fuq il-Maltin. Tajjeb li wieħed jifli dawn l-inċidenti b'oġġettività li ġejja wkoll mit-trapass taż-żmien f'għeluq iċ-ċentinarju minn dawn il-ġrajjiet, sabiex wieħed ipoġġihom fil-perspettiva xierqa tagħhom.

Il-verità hi li fis-*Sette Giugno* kien hemm minn kollox: l-element politiku, peress li l-intelliġenzja Maltija kienet qed tiltaqa' fl-Assemblea Nazzjonali fil-każin tal-*Giovine Malta* ħdejn il-Qorti, li kienet ilha

tinsisti għal rappreżentanza ġenwina fl-amministrazzjoni interna tal-Gżira; l-element soċjali bil-ħaddiema tat-Tarzna, influwenzati bl-ispirtu ta' Manwel Dimech li kien għadu eżiljat f'Lixandra minkejja li l-Gwerra kienet intemmet; kien hemm ukoll il-kleru li kien irrabjat minħabba l-impożizzjoni tat-taxxa fuq il-wirt li kienet se tolqot lill-benefiċċji ekkleżjastiċi, u kien hemm il-ħaddiema inġenerali li bdew ibatu minħabba li, kif kien jiġri wara kull gwerra meta konna kolonja, l-ekonomija kienet qed tikkalma u tmajna; u biex tgħaxxaq, kienu għadhom kif għolew il-prezzijiet ta' ikel essenzjali, bħall-ħobż.[2]

Ma hemmx dubju għalhekk li fis-*Sette Giugno* ġara dak li l-Ingliżi isejħulu "a perfect storm", diversi raġunijiet u kawżi ingħaqdu flimkien u taw lok għal irvellijiet li nfirxu fuq jumejn, u lanqas ma kienu limitati għall-Belt biss. Ma hemmx dubju li waħda mir-raġunijiet ewlenin kienet it-tmexxija despotika kolonjali. Il-Maltin f'dak iż-żmien ma xtaqux tibdil ta' bandiera iżda riedu dak li kien ħaqqhom u dan l-awtoritajiet kolonjali kienu qed jiċħduhulhom. Ir-raġunijiet ekonomiċi ngħaqdu ma' dawk politiċi fosthom l-għoli tal-hajja u l-pagi miżeri. Tabilħaqq wieħed jista' jgħid li l-inċidenti taw imbuttatura 'l quddiem għall-formazzjoni tal-Partit Laburista.

Kawża oħra kien il-fatt li grupp żgħir ta' nies kien qed jagħmel profitt esaġerat minn affarijiet essenzjali tal-hajja ta' kuljum, bħall-ħobż. Din tant kienet kawża ċara li ġew attakkati d-djar ta' nies fil-kummerċ tal-qamħ. L-impożizzjoni ta' taxxi esaġerati, l-aktar it-taxxa ta' suċċessjoni li ġiet introdotta fl-1918, kompliet iżżid l-iskuntentizza fost il-klassi medja. Terġa' kien hemm provokazzjoni minn ġurnali imperjalisti. Il-gazzetta pro-Ingliża d-*Daily Malta Chronicle* ma kinitx appoġġjat lill-ħaddiema tat-Tarzna meta dawn strajkaw ftit snin qabel, u dan il-ħaddiema tat-Tarzna ma nsewhx.

Terġa' l-ħaddiema tat-Tarzna kienu ffastidjati bil-fatt li ħaddiema Ingliżi fl-istess xogħol kienu qed jitħallsu iktar u li wara l-Gwerra kienu ngħataw sensji lil 500 ħaddiem. Barra minn dan, ftit ġimgħat qabel l-istudenti kienu pprotestaw fit-toroq minħabba tibdil fis-sistema ta' kif jingħataw il-lawrji. Dil-protesta li ħadet il-forma ta' strajk[3] wasslet għal ħsara fi proprjetà tal-Università kif ukoll tfigħ ta' bajd lejn Francesco Azzopardi, li fis-*Sette Giugno* ġiet attakkata d-dar tiegħu. Azzopardi minn mexxej Nazzjonalist kien beda jitħabbeb mal-awtoritajiet Inglizi.

Ma kinitx kumbinazzjoni li l-inċidenti seħħew fis-*Sette Giugno*, għax dakinhar l-Assemblea Nazzjonali ppreseduta mill-Patrijott Malti Filippo Sciberras kienet qed tiltaqa' għat-tieni darba wara l-ewwel

laqgħa tal-25 ta' Frar 1919.[4] Li wieħed joftom il-ġrajjiet tas-*Sette Giugno* mill-kuntest politiku tagħhom ikun inġust. Ftit qabel kienu saru wkoll protesti mill-istudenti, li qishom ippreparaw it-triq għal protesta politika. Kien hemm kampanja bil-fomm biex is-Sibt "kulħadd għall-Belt" kemm fost il-ħaddiema tat-Tarzna kif ukoll fost il-poplu inġenerali, għalkemm ħadd ma ppreveda li se jmutu n-nies.

L-awtoritajiet Ingliżi, u dawk li jappoġġjawhom dakinhar u anki wara, dejjem pruvaw iċekknu dan l-element politiku patrijottiku, ħalli jisħqu biss fuq il-vjolenza, it-tkissir u l-vandalizmu. Iżda bħalma r-Rivoluzzjoni Franċiża tal-1789 ħalliet il-ġid fl-istorja tal-Ewropa bħala qawmien kontra l-assolutiżmu tar-Rejiet u favur monarkija iktar kostituzzjonali (kif kien ġara fl-Ingilterra bir-Rivoluzzjoni Glorjuża tal-1688), minkejja li matul dik ir-rivoluzzjoni ġraw inċidenti vjolenti tal-waħx, u saħansitra ġew ġustizzjati r-Re Luigi XVI u martu, hekk ukoll il-fatt li fl-irvellijiet tas-*Sette Giugno* kien hemm element vjolenti - anki jekk il-miri tal-folla kienu l-għonja li f'għajnejha kienu qed jaħqru liż-żgħir[5] - ma jtellef xejn mill-importanza ta' dawn il-ġrajjiet. Li kieku kienu biss inċidenti ta' vandaliżmu u serq minn marmalja li tħalliet tagħmel li trid, ma kien ikun hemm ebda reazzjoni finali *politika* daparti tal-awtoritajiet Ingliżi - kif fil-fatt ġara - u ċioè l-għoti tal-Kostituzzjoni tal-1921 fejn għall-ewwel darba Malta nghatat miżura ta' awtonomija, u tmexxija minn Prim Ministru u Kabinett għall-afffarijet mhux riservati.

Sir Arturo Mercieca fil-ktieb tiegħu *Le Mie Vicende* jsostni li:

> **Is-sena 1919 tibqa' mfakkra l-aktar għall-irvellijiet mdemmija li faqqgħu f'Ġunju u li sa fl-aħħar biddlu l-fehma tal-Gvern Ingliż biex mill-ġdid jagħti widen għax-xewqat politiċi tal-Maltin li huma ħaddnu għal tant snin. ...Kienu x'kienu s-sejbiet tal-Qorti li nħatret biex tifli x'ġara waqt l-irvellijiet, dawn fil-fehma tiegħi, seħħew minħabba t-tbatija ekonomika tal-poplu li baqgħet tkarkar wara l-Gwerra, kif ukoll id-dwejjaq politiku u t-talbiet miċħuda sabiex f'Malta jkun hawn isitituzzjonijiet demokratiċi... minkejja l-istmerrija ta' dawk l-irvellijiet żgur li kien bis-saħħa tagħhom li nstab rkaptu għall-problemi ta' dik il-ħabta.[6]**

Ftit xhur qabel fl-Indja kien seħħ il-massakru f'April ta' Amritsar fejn 'il fuq minn tliet mitt ruħ kienu mietu meta sparaw fuqhom truppi Ingliżi sempliċement għax kienu qed jieħdu sehem f'ġemgħa mhux awtorizzata.

Forsi l-irvellijiet tas-*Sette Giugno* kienu iktar komplikati minn hekk

peress li matulhom sfaw attakkati djar tan-nies u negozji. Iżda minn imkien ma jirriżulta li l-folla kienet armata, mentri t-truppi kienu. Ma hemmx dubju li l-forzi tal-ordni dakinhar ma kinux għall-altezza fil-qadi ta' dmirijiethom;[7] minkejja xnigħat li kienu se jidħlu n-nies fil-Belt ma kienx hemm biżżejjed Pulizija għassa, u meta intervjena l-Militar, ma tantx jidher li kien hemm tħarriġ tajjeb sabiex dawn jikkontrollaw il-folla.

Il-Kummissjoni tal-Inkjesta ppreseduta mill-Imħallef Alfredo Parnis donnha titfa' t-tort fuq il-Maltin u tagħti importanza straordinarja lil xi xhieda Ingliżi li qalu li l-ewwel sparatura saret mill-Maltin. Illum naħseb li wieħed jista' jgħid b' ċertezza li dan ma kienx minnu. Kif isostnu kemm Ġużè Orlando[8] u Ġeraldu Azzopardi,[9] kif ukoll l-istudji iktar profondi ta' Paul Bartolo[10] u Michael Sant,[11] l-ewwel tir ġie sparat fi Strada Forni mit-truppi Ingliżi li għalkemm ipprovokati ippanikkjaw; ma jidhirx li l-folla, irrabjata kemm kienet irrabjata, qatt sparat b'xi arma kemm fl-inċidenti fejn sfaw maqtula Attard u Bajada fi Strada Forni, u dak quddiem l-istamperija tad-*Daily Malta Chronicle* fil-Pjazza tal-Palazz fejn miet Lorenzo Dyer.[12] Inċidentalment Dyer miet b'maktur bl-ilwien nazzjonali mdawwar ma' għonqu li turi kemm kien hemm element qawwi politiku fil-ġrajjiet. Ma ninsewx ukoll li kien iddaħħal midrub ċertu Pawlu Zammit waqt il-laqgħa fil-*Giovine Malta* u xi ħadd wera maktur imċappas bid-demm li fformaw b'mod naturali l-bandiera Maltija, xena immortalizzata fi skizz ta' Ġanni Vella.[13]

Veru li n-numru tal-folla kien konsiderevoli: iżda kif wieħed jista' jiġġustifika sparar fuq folla mhux armata, mingħajr avviż jew sparar bi twiddiba? U kif jista' wieħed jiġġustifika li tniffed b'bajjunetta wieħed mid-dimostranti li ma kienx armat l-għada 8 ta' Ġunju?

Il-miri tal-attakki kellhom ukoll element politiku. Ġiet attakkata d-dar ta' Francesco Azzopardi. Dan kien oriġinarjament mexxej Nazzjonalista, iżda kien tilef ħafna appoġġ wara li fl-1917, b'kawża fil-Qorti ġab l-annullament tal-elezzjoni fil-Kunsill tal-Gvern minn Għawdex ta' Enrico Mizzi , talli dan kien instab ħati f'qorti marzjali mill-Ingliżi. Azzopardi kien ukoll beda jikoopera f'dak il-mument mal-qawwiet kolonjali. Ġiet attakkata wkoll l-Istamperija tal-gazzetta pro-Ingliża d-*Daily Malta Chronicle* ta' Augustus Bartolo; kien hemm it-tkasbir u l-qtugħ tal-Union Jack mill-Bibljoteka Nazzjonali u l-Uffiċċju Metereoloġiku fuq il-Liċeo,[14] u sar salt fuq id-dar ta' Cassar Torreggiani fi Triq l-Ifran, familja konnessa man-negozju tal-qamħ. L-għada 8 ta' Ġunju ġiet attakkata d-dar tal-Kurunell Francia, ukoll negozjant tal-qamħ u kummerċjant, biswit it-Teatru Rjal. Hija għalhekk naturali l-konklużjoni li għamel Henry Frendo li:

**"Il-għagħa ta' poplu mbikkem u irrabjat bis-sħuħija ta' ġensu ssiġġillata fid-demm imċarċar għal kawża li almenu dehret komuni, kienet xi ħaġa unika u mhux biss rari"[15]**

Argument li ġieli tisma' huwa li l-vittmi tas-*Sette Giugno* ma kienu vittmi xejn għaliex intlaqtu bi żball. Kienu biss fil-post żbaljat fil-mument żbaljat. Wieħed iżda għandu jgħid li Lorenzo Dyer kellu maktur abjad u aħmar u kukkarda bil-bandiera Maltija meta ntlaqat. Attard u Bajada kienu Strada Forni; jingħad li Bajada, Għawdxi, kien ġie sabiex jagħmel passaport ħalli jemigra. Il-fatt li ma ġewx speċifikatament biex jieħdu sehem fl-irvellijiet ma jfissirx li mhumiex vittmi. Il-persuni li qattgħu l-bandiera Ingliża u spiċċaw il-ħabs, oħrajn li ġew feruti, ħafna minnhom daħlu l-Belt għal skop eminentement "politiku" għall-inqas fil-ġurnata tas-Sibt; dan qed ngħidu għax hemm diversi testimonjanzi li l-folla tal-Ħadd 8 ta' Ġunju kienet differenti u magħmula minn persunaġġi kif inħobbu ngħidu "magħrufa mal-Pulizija".

Ma hemmx dubju li l-forzi kollha politiċi[16] - ħlief dawk li dejjem appoġġjaw lill-qawwiet kolonjali - ħadu sehem f'dawn l-irvellijiet; ma hemmx dubju li id-Dimechjani u l-Mizzjani, għalkemm għal raġunijiet differenti, tħalltu mal-folla u/jew nebbħu l-irvellijiet innifishom. Il-kliem *Kulħadd għall-Belt*, li lejliet l-irvellijiet dehru miżbugħin fit-Tarzna, kienu xogħol id-Dimechjani li għalkemm il-mexxej tagħhom kien eżiljat f'Lixandra, kienu għadhom attivi f'Malta l-aktar fit-Tarzna.[17] Il-Mizzjani min-naħa tagħhom, immexxija minn Enrico Mizzi, li sentejn qabel kien qatta' tliet xhur detenut waqt li għadda qorti marzjali mill-Ingliżi, kienu favur il-kultura Taljana u kontra l-Anglosazzjoni ta' Malta; kwalunkwe ċaqliq u moviment kontra l-Ingliżi għalih kien ben vist, jagħmlu min jagħmlu. Ma kienx kumbinazzjoni illi l-Assemblea Nazzjonali kienet qed tiltaqa' fil-każin tal-*Giovine Malta*[18] li tagħha hu kien President.[19] Meta ġie inawgurat il-monument għall-vittmi fl-1925, fiċ-ċimiterju tal-Addolorata, taħt Gvern tal-UPM, il-partiti kollha kienu rappreżentati ħlief il-partit ta' Strickland. Kulħadd ukoll ikkontribwixxa fil-ġbir għall-familji tal-vittmi.

Meta wieħed iqis il-prinċipji legali ta' neċessità, proporzjonalità u prekawzjoni fir-rigward tal-uzu tal-forza mill-qawwiet tal-ordni u l-infurzar tal-liġi, wieħed jista' liberament jgħid li r-reazzjoni militari li ġabet magħha l-mewt ta' erba' Maltin kienet sproporzjonata; sa fl-1920[20] fir-rigward tal-massakru ta' Armistrar fl-Indja, Winston Churchill, li kkritika il-qtil ta' 'l fuq minn tliet mitt ruħ inklużi nisa u tfal, qal li hemm ċerti konsiderazzjonjiet li wieħed għandu jeżamina, fosthom jekk il-folla kinitx armata, jekk il-forza li ntużat kinitx proporzjonata għat-theddida jew sempliċement punitiva. Wieħed ma jistax jispara

kif ġie ġie fuq persuni mhux armati; jidher li fis-*Sette Giugno* ma kienx hemm tiri ta' twissija, kemm fl-inċidenti ta' Strada Forni fejn intlaqtu u mietu Ġanni Attard u Giuseppe Bajada, kif ukoll f'Misraħ il-Palazz fejn inqatel Lorenzo Dyer. Addirittura l-Kumitat ta' Inkjesta sab li fil-każ tal-isparatura tal-militar mill-entratura tal-uffiċini tad-*Daily Malta Chronicle*, dan ma kienx ġustifikat.

Matul iż-żmien ġara li kulħadd beda jagħti interpretazzjonijiet differenti għal dak li ġara. In-Nazzjonalisti, li sentejn wara kellhom jimmilitaw f'żewġ partiti differenti, l-*Unione Politica Maltese* ta' Monsinjur Ignazio Panzavecchia u il-*Partito Democratico Nazionalista* ta' Nerik Mizzi, li mbagħad ingħaqdu fil-fuzjoni ta' Jannar 1926 fil-Partit Nazzjonalista kif nafuh illum, dejjem saħqu fuq il-fatt li din kienet protesta nazzjonali kontra l-Ingliżi. Il-Laburisti, iżda, kienu jisħqu iktar fuq l-aspett soċjali, u kien hemm min bħal Ċensu Bugeja[21] li pprova jnaqqas l-element anti-imperjali, u jisħaq li din kienet protesta ta' klassi soċjali tal-ħaddiema kontra s-sinjuri u l-borgeżija Maltija. Imbagħad kien hemm dawk, dejjem sostenituri ta' min kien jaħkimna, li kienu jqisu l-ġrajjiet bħala sempliċi rvellijiet u xejn iżjed.

Il-Kummisjoni ta' Inkjesta titfa' ħafna tort fuq dak li ġara lil Nerik Mizzi u s-segwaċi tiegħu. Tikkritika l-għażla tas-sede tal-*Giovine Malta* bħala post fejn ltaqgħet l-Assemblea Nazzjonali. Imbagħad il-Kummissjoni kkritikat il-fatt li Mizzi bħala mexxej tal-partit "estremist" tal-moviment Nazzjonalista kkappara kollox f'idejh, tant li kien inħatar segretarju tal-Assemblea fl-ewwel laqgħa tal-25 ta' Frar. Hu ġie kkrikat mill-Kummissjoni li minħabba fih u l-istampa li kienet issostnih, Gerald Strickland u Francesco Azzopardi kienu qagħdu lura milli jattendu l-Assemblea Nazzjonali.[22] Nerik Mizzi izda ċahad b'mod qawwi din l-akkuża u jiddeskrivi l-kawżi bħala kemm ekonomiċi kif ukoll politiċi.[23]

# KONKLUŻJONI

Għalkemm hemm verżjonijiet u perċezzjonijiet differenti dwar x'ġara u min kien il-kaġun tal-inċidenti ma hemmx dubju li dan kien avvveniment preeminentement politiku ta' ċerta importanza fl-istorja politika u kostituzzjonali taż pajjiżna. Kien għalhekk xieraq li mhux biss ġie mwaqqaf fl-1986 il-monument għall-vittmi f'Misraħ il-Palazz xogħol l-iskultur Malti Anton Agius, imma li wkoll fl-1989 is-7 ta' Ġunju beda jiġi mfakkar kull sena bħala festa pubblika. Għax tabilħaqq anki jekk għal raġunijiet differenti u motivi mhux l-istess, il-forzi politiċi Maltin li qatt ma riedu jpaxxu lill-awtoritaijiet kolonjali, ingħaqdu dakinhar bħalma qatt ma kienu ingħaqdu qabel, u forsi lanqas wara.

[1] Din il-Kummissjoni twaqqfet mill-Gvern Ingliż u kienet immexxija mill-Imħallef Alfred Parnis li wara li irtira mill-Gudikatura hareg mal-Partit Kostituzzjonali ta' Gerald Strickland.

[2] Ara Robert Farrugia Randon: Sir Filippo Sciberras His Life and Times (Malta)(1994):113: "Sceberras also added that in the interview he had with Governor Plumer the same day that he arrived in Malta, he had delineated the main causes of the general dissatisfaction namely the bad administration, the constitutional problem and illegal profits made by businessmen. Sceberras believed that the incidents were due to an anomalous form of government and bad administration."

[3] Dawn il-protesti saru bejn id-9 u s-26 ta' Mejju u ħadu forma ta' strajk.

[4] Anki dakinhar inqala' inċident - mhux gravi daqs tas-Sette Giugno. Ġew attakkati ħwienet u negozji li ma għalqux dakinhar fosthom A la Ville de Londres (fejn illum hemm il-Bank of Valletta, Triq ir-Repubblika kantuniera ma' Triq San Gwann).

[5] Cassar Torreggiani kien importatur ewlieni tal-qamħ u President tal-Bord ta' Kontroll tal-Prezzijiet. Il-Kurunell Francia, li d-dar tiegħu ġiet attakkata l-għada fit-8 ta' Ġunju, kien il-President tal-Kamra tal-Kummerċ u importatur ukoll tal-qamħ. Il-mitħna fil-Ħamrun ta' L. Farrugia ġiet ukoll attakkata fit-8 ta' Ġunju. Il-fatt li dawn kienu rvellijiet nazzjonali joħroġ ukoll mill-fatt li apparti l-Belt, kien hemm inċidenti fil-Ħamrun, ir-Rabat, il-Marsa, iż-Żejtun, u Ħal Qormi.

[6] Arturo Mercieca: Mixja ta' Ħajti (PIN)(2010) Le Mie Vicende (1946) maqlub għall-Malti minn Godwin Ellul: 95 u 98; ara wkoll Ġeraldu Azzopardi: Meta il-Malti Għadab (Malta) (1979): 44-47: "Kollox ma' kollox il-qawma, ir-rewwixta, l-irvell ta' Gunju 1919 fejn erba' ħaddiema Maltin sfaw vittmi tal-balal u bajunetti Ingliżi ma kenitx xi qawma maħsuba biex jinħataf il-Gvern, imma f'moħħ il-maġġoranza il-kbira kienet dimostrazzjoni biex issaħħah dak li kien qed isir fl-Assemblea Nazzjonali sabiex tintalab Kostituzzjoni aħjar għal Malta." Ara wkoll Ġwann Mifsud, Il-Bidla li Ħalliet Kollox kif Kien (SKS) (1982) 3-4: "Minkejja t-tentattiv miskin ta' xi imperjalisti li għadhom fostna llum biex is-7 ta' Ġunju titnaqqaslu l-importanza, il-fatt jibqa' li mingħajru l-Ingilterra ma kenitx se tiċċaqlaq, lanqas biex tagħmel kompromess."

[7] Ingħatat xhieda quddiem il-Kummissjoni ta' Inkjesta li l-membri tal-Korp tal-Pulizija kienu fuq strajk taċitu, preżenza jiġifieri mingħajr azzjoni, bi protesta għall-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Ara x-xhieda tal-Contino Alfredo Caruana Gatto tal-21 t'Awwissu 1919: "In the last days before the riots there was a tacit Police strike which also contributed to making people think that they could go to excesses without any fear." ċitata fil-ktieb: H. Frendo Malta's Political Development Documentary History (1993) (Interprint) 317-18).

[8] Is-VII ta' Ġunju (Partit Ħaddiema)(1927).

[9] Op.cit.

[10] Paul Bartolo: X'kien ġara sew fis-Sette Giugno (Malta) (1979).

[11] Michael Sant Ir-Rivoluzzjoni Maltija (SKS)(2009)

[12] X'aktarx li l-vittmi kienu sitta għax tnejn mill-feruti ċioè Francesco Darmanin u Antonio Caruana mietu xi ġimgħat wara.

[13] Il-Minuti tal-Assemblea Nazzjonali jgħidu hekk "In questo stadio il popolo della strada irrompe nella sala del Circolo trasportando nell'aula dove si tiene l'Assemblea la persona di un giovanotto

ferito dalle truppe inglesi. Ciò ha una dolorosa ripercussione nella sala. Malgrado che nessuno abbia perfetta contezza della situazione che si svolge fuori per le vie, pure a tutti s'impone il senso del dovere di arrivare con grande sollecitudine ad una seria decisione che coroni l'operato dell Assemblea in un giorno così memorabile". (L'Assemblea Nazionale di Malta, 1923, 36.)

[14] Il-bandiera tqaċċtet minn ċertu Ġanni Miller magħruf bħala Hembet li wara weħel il-ħabs. (ara Ġużè Ellul Mercer: Il-Martirju ta' Poplu (1982) pp 39-45) ippubblikat wara mewt l-awtur. Fl-1930 Miller spara lejn Gerald Strickland fil-Qorti iżda ma laqtux. Hu nstab ħati ta' attentat ta' omiċidju u weħel ħmistax-il sena ħabs.

[15] Henry Frendo: Is-Sinifikat Storiku tas-Sette Giugno: Kif tagħmel Rivoluzzjoni (Illum – Ġunju 1977) pp 8-9.

[16] "Is-7 ta' Ġunju 1919 kienet ġrajja Maltija nazzjonali ta' xejriet Nazzjonalisti u Laburisti li tista' u baqgħet - anke sal-lum - tingħata bosta tifsir. Il-partiti dejjem jgħawġuha, jgħattuha jew ikabbruha skont il-bżonnijiet tagħhom u ta' żmienhom. Imma żgur li kull min għandu lil Malta għal qalbu ma jistax iwarrab dil-ġrajja bħala inċident bla sugu." Paul Bartolo, X'Kien ġara fis-Sette Giugno (Malta) (1979) 226.

[17] Ara Henry Frendo: Ir-Rivoluzzjoni Maltija (Aquilina) (1970): 196-97)

[18] L-Għaqda Giovine Malta ħadet isimha minn għaqda simili mwaqqfa minn Giuseppe Mazzini (1805-72), patrijott Taljan ta' zmien ir-Risorgimento, il-Giovine Italia, għaqda sigrieta li keient tippromwovi l-unifikazzjoni tal-Italja fi stat wieħed, sovran u indipendenti. Il-każin kien f'138 Strada Santa Lucia u kien gie inawgurat fl-1917. Il-każin kien fejn illum hemm l-Overseas Club fi Strada Santa Lucia.

[19] Fix-xhieda quddiem il-Kummissjoni tal-Inkjesta, Alfredo Caruana Gatto f'Awwissu 1919, minkejja s-sentimenti Nazzjonalisti tiegħu, meta mistoqsi mill-Kummissjoni jekk l-għażla tal-Giovine Malta bħala l-post fejn iltaqgħet l-Assemblea kinitx waħda feliċi, wieġeb: "In my opinion and in the opinion of the generality, it was not." (Henry Frendo :Documentary History p. 319.

[20] Ara Hansard: House of Commons Proceedings 8 July 1920: 1719-1734).

[21] Ara Ċensu Bugeja: Il-Ħmar 5 ta' Ġunju 1925: Is-Sebgħa ta' Ġunju: "Min jgħid li s-7 ta' Ġunju kien rewwixta kontra l-Ingliżi jkun qiegħed jigdeb. Is-7 ta' Ġunju kien kontra d-dominazzjoni ta' klassi Maltija appoġġjata mill-Gvern Ingliż. Is-7 ta' Ġunju kien ir-rebħa ta' poplu miżmum fl-injoranza u l-għaks minn klassi li ħatfet il-poter f'idejha u li riedet iżżommu għal dejjem. Is-7 ta' Ġunju hija festa għalina l-ħaddiema biss: għal min jaħseb bħalna; għall-oħrajn tibqa' ġurnata ta' biża'".

[22] Ara wkoll ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-Inkjesta (Settembru 1919) (National Archives ): 17-18 fejn intqal hekk: "After having secured the holding of the National Assembly at the Giovine Malta , Dr E. Mizzi's press began attacking those who held political ideas different from his own. In these attacks the vernacular press joined. Count Strickland and Mr. F. Azzopardi were especially singled out for abuse and in consequence of this campaign although they had been appointed delegates, they refrained from attending the National Assembly.

[23] Ara Nerik Mizzi: Il-Ħajja ta' Patrijott Malti Anon pp. 18-19, li jirrapporta lil Nerik Mizzi bħala li qal: "Nirringrazzja 'l Alla li jien ma għandi l-ebda sehem fir-responsabilità tad-demm li nxtered f'dawk il-jiem traġiċi. Tabilħaqq jiena għamilt ħilti kollha dakinhar biex inġib il-kalma qalb il-folla."

# NOTA DWAR L-AWTUR

**Dr Tonio Borg** LLD PhD KOM huwa lekċerer fid-Dritt Pubbliku fl-Università ta' Malta. Huwa kien Viċi Prim Ministru (2004-12) kif ukoll fi żminijiet differenti bejn l-1995 u l-2012 Ministru tal-Intern, tal-Ġustizzja u Affarijiet Barranin u Kummissarju Ewropew (2012-14). Kien membru parlamentari bejn l-1992-2012.

# IS-SETTE GIUGNO - MITT SENA WARA

**UGO MIFSUD BONNICI**

Biex wieħed jifhem kif poplu kwiet, għaqli, aktarx mehdi bix-xogħol u l-bżonnijiet tiegħu u bil-familja, f'daqqa waħda jixgħel u jirrikorri saħansitra għall-vjolenza, wieħed jeħtieġlu jħares lejn dak li kien għadda minnu fis-snin ta' qabel.

Fl-ewwel Gwerra Kbira (1914-18), Malta u Għawdex ma sofrewx bumbardamenti, u niesna kkumbattew 'il bogħod minn xtutna (fi Franza, fid-Dardanelli u fuq il-bastimenti tal-Flotta tal-Gran Brittanja). Iżda l-popolazzjoni ċivili ntlaqtet sewwa minħabba l-għoli tal-ħajja u l-iskarsizzi. Is-sidien tad-djar bdew jgħollu l-kera. Il-pagi tal-ħaddiema, kemm dawk tal-Gvern, kif ukoll tas-servizzi militari u tal-partikular ma għolewx, u għalhekk ħafna familji ma setgħux ilaħħqu mal-ħajja. Il-ħobż, l-ikel ta' kuljum tal-klassijiet kollha, iżda l-iktar imfittex mill-fqir u l-ħaddiem tal-id, skarsa u l-prezz ta'dak li wieħed kien isib għola b'mod sproporzjonat.

Naf, mit-tradizzjoni tal-familja, li l-gwerra laqtet anki lill-familji li kellhom salarji relattivament tajba, bħal dik ta' missier ommi, tabib tad-Dwana. Ommi kienet tirrakkonta li tant kien għola l-pitrolju illi n-nanna, ommha, kellha terġa' toħroġ il-kenur u ssajjar bil-ħatab u l-laqx. Ommi kienet iżżid tgħid li anki l-ħwejjeġ tal-ilbies għolew, tant li hi u ħutha, xebbiet iżgħar minnha, ma xtraw ebda libsa fl-aħħar sentejn tal-gwerra. Min kellu paga baxxa, jew ma kellux paga, bata minn kollox.

In-nies indunaw li ħafna mit-tbatijiet sofrewhom għaliex l-Amministrazzjoni Kolonjali kienet dgħajfa u maqtugħa mill-poplu. Sar magħruf li waqt li fl-Ingilterra saru liġijiet għall-kontroll tal-għoli tal-kera, f'pajjiżna, għalkemm saru proposti li ġew ippubblikati fil-ġurnali, il-Gvern Kolonjali sema' mis-sidien proprjetarji u ma għamel xejn. Sar magħruf ukoll li l-kwota tal-qamħ li misset lill-Malta, meta l-produzzjoni tal-qmuħ fl-Imperu Ingliż ġiet razzjonata, kienet baxxa: ħadu l-qies mir-razzjon tar-Renju Unit, fejn il-poplu jistrieħ ħafna iktar fuq il-patata u fuq ċereali oħra. Il-'klikka' tal-Palazz, li kienet tagħti l-pariri lill-Gvernatur, kienet magħmula minn nies li jħarsu lejn l-interessi privati tagħhom.

Għalkemm il-gwerra spiċċat bl-Armistizju ta' Novembru 1918, is-sena 1919 ma ġabet ebda titjib fil-ħajja ta' kuljum. Anzi, kien hemm żewġ ġrajja li komplew kixfu l-maskra tal-impożizzjoni għamja li kienet tiggvernana. Fl-Università saru regolamenti ġodda, bla konsultazzjoni, u li kienu jgħakksu lill-istudenti. L-istudenti, għalhekk, bdew dimostrazzjonijiet fil-Belt Valletta, u xi wħud telgħu jniżżlu l-Ġakk Ingliż minn fuq l-arblu tal-Biblijoteka u tal-Università. Dawn id-dimostrazzjonijiet servew biex in-nies neħħew il-biża'. Iżda l-ġrajja l-kbira kienet l-aħbar tas-sensji

mit-Tarzna: ħaddiema li kienu servew il-Gvern imperjali fil-gwerra, u mħallsa bix-xeħħa, kienu issa ser jintefgħu barra, meta fil-pajjiż kien hawn il-qgħad.

Ta' min jgħid ukoll illi l-gazzetti Maltin kienu wkoll ippublikaw l-aħbarijiet mill-Irlanda u l-irvellijiet f'dak il-pajjiż fl-Għid il-Kbir tal-1916 u l-inkwiet li kompla wara, u li wassal għal gwerra ċivili. Dawn il-fatti kabbru l-kwadru: mhux biss il-klikka fil-Palazz ta' Malta kienet il-kaġun tat-tbatija u l-kriżi f'Malta: kienet il-politika Imperjali kollha kemm hi li kienet maqtugħa mix-xewqat u l-bżonnijiet tal-popli.

Il-miċċa qabbduha l-istudenti u s-sensji mit-Tarzna, iżda l-poplu Malti kien imxebba'. Wieħed jifhem għaliex in-nies infexxet fuq id-dar ta' Francia: l-impurtaturi tal-qmuħ għamlu profitti kbar fuq il-ġuħ tal-poplu u l-politika ħażina tal-gvern; l-istamperija ta' Bartlu kienet sostniet il-Gvern Imperjali fil-politika ta' impożizzjoni, Malta u barra.

Mar-rabja kontra l-Gvern Kolonjali u dak Imperjali, kienet żdiedet ukoll it-tama ta' tibdil bi Gvern tal-Maltin mill-Maltin. Il-folla li kienet qed tagħmel id-dimostrazzjoni kienet taf li r-rappreżentanti tal-għaqdiet popolari, każini tal-baned, assoċjazzjonijiet ta' kull tip, kienu qegħdin jiltaqgħu biex jitolbu kostituzzjoni ta' gvern responsabbli lejn il-Maltin. Fl-1919 l-aħbarijiet fil-gazzetti kienu jsemmgħu li, fl-Ewropa kollha, in-nazzjonijiet kienu qegħdin jimmiraw għall-indipendenza u d-demokrazija.

> *"Ma kinitx folla ddisprata: kienet folla qed titlob drittijietha u tittama fi żminijiet aħjar. Kienet folla determinata li tikseb lura d-dritt li tiggverna lilha nfisha. U nafu lil dik il-folla l-Kostituzzjoni tal-1921, li bdiet ilmixja lejn l-Indipendenza.*

Fis-sebgħa ta' Ġunju u l-jumejn ta' wara, il-poplu kellu l-qilla misrura mit-tbatija tas-snin ta' qabel, imkebbsa mit-theddida tas-sensji, mogħwija mill-eżempju tal-istudenti, mogħtija t-tama tal-ġabra tal-Maltin fl-Assemblea Nazzjonali. Meta t-truppi sparaw fuq il-folla u laqtu, ferew u qatlu, il-folla spontanjament ħadet wieħed mill-feruti fuq il-mejda tal-President tal-Assemblea, it-Tabib Filippu Sceberras.

Ma kinitx folla ddisprata: kienet folla qed titlob drittijietha u tittama fi żminijiet aħjar. Kienet folla determinata li tikseb lura d-dritt li tiggverna lilha nfisha. U nafu lil dik il-folla l-Kostituzzjoni tal-1921, li bdiet il-mixja lejn l-Indipendenza.

Għal ħafna snin, fuq il-qabar tal-martri li mietu f'Ġunju 1919, kienu jmorru fid-data tas-7 ta' Ġunju pellegrinaġġi kemm tal-Partit Nazzjonalista, kif ukoll tal-Partit Laburista. F'Ġunju 1919, il-poplu kollu kien magħqud, u l-ġenerazzjonijiet ta' wara baqgħu jiftakru b'għozza dawk il-ġrajjiet li ħejjew it-triq għall-awtodeterminazzjoni, għal-libertà, għall-Indipendenza, u r-rispett għad-dinjità ta' kull wieħed u waħda minna.

Is-sebgħa ta' Ġunju hi data li tfakkarna f'mument importanti fl-Istorja ta'pajjiżna: meta l-poplu ma beżax iktar jgħid: "Irrid li niggverna lili nnifsi, u ħadd ma għandu dritt jikkmandani, ħlief dawk li nagħżel jien."

# NOTA DWAR L-AWTUR

**Ugo Mifsud Bonnici** twieled f'Bormla nhar it-8 ta' Novembru 1932. Studja fl-Università ta' Malta u ħa l-lawrja ta' Avukat fl-1955 u pprattika din il-professjoni sal-1987. Ġie elett fil-Parlament għall-ewwel darba fl-1966 u wara fl-1971, 1976, 1981, 1987 u 1992. Fl-1987 huwa nħatar Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura, Ambjent, Żgħażagħ u Sport u fl-1992 bħala Ministru tal-Edukazzjoni u Intern. Fl-1994 huwa ġie elett President tar-Repubblika ta' Malta u serva sal-1999. Mill-2000 sal-2013 huwa kien membru tal-Kummissjoni tad-Demokrazija permezz tal-Liġi, magħrufa bħala l-Kummissjoni ta' Venezja fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa.

# IS-7 TA' ĠUNJU (1919-2019)

**CHARLES COLEIRO**

**Għaddew is-snin iżda kif Ġunju jsebbaħ**
**isemma' jerġa' l-leħen kollu ħajja**
**ifakkar b'għożża lil min ismu rebbaħ**
**u b'demmu kiteb b'għożża dik il-ġrajja.**

**Fit-toroq dwiet il-għajta tal-miġemgħa**
**il-karba għall-għajxien, tal-ġuħ u l-faqar**
**il-jedd ta' poplu b'leħen biex jinstema'**
**l-għajta maħnuqa, mċaħħda minn kull sabar.**

**Min ħakem fuq din l-Art ried juri s-saħħa**
**u b'demm il-Malti sikket mingħajr ħniena**
**qamet il-kotra ssemma' minn kull naħa**
**l-isem ta' ħutna mniżżel mal-qalbiena.**

**Dal-jum firex it-triq biex tul is-snin**
**Titmexxa Malta tagħna mill-Maltin!**

100 SENA SETTE GIUGNO

FONDAZZJONI ĊELEBRAZZJONIJIET NAZZJONALI

*Jien > Int > Aħna Maltin*

9 789995 715267

ISBN Number: 978-99957-1-526-7